MALTA | NIPPREMJAW IL-BŻULIJA

# IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT
2014

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

# **IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT** 2014

17 ta' Novembru 2014

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Berġa' ta' Kastilja
Il-Belt-Valletta VLT 1061

Tel.: (+356) 2200 0000
Website: http://www.opm.gov.mt

**Cataloguing-in-Publication Data**
Malta. Uffiċċju tal-Prim Ministru
It-Twettiq tal-Baġit, 2014
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti
Ewlieni, 2014

29.7, 21 cm

ISBN: 978-99932-94-95-5

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Castille Place,
Il-Belt, Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €5.00

| | |
|---|---|
| OPM | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| MEAIM | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u Twettiq tal-Manifest Elettorali |
| MFA | Ministeru għall-Affarijiet Barranin |
| MEDE | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol |
| MSDEC | Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima |
| MTI | Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura |
| MGOZ | Ministeru għal Għawdex |
| MSDC | Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili |
| MEIB | Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar |
| MHAS | Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali |
| MFIN | Ministeru għall-Finanzi |
| MEH | Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa |
| MFSS | Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali |
| MJCL | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali |
| MOT | Ministeru għat-Turiżmu |

DAĦLA

Gvern għaqli jirrikjedi li jkun serju fit-tmexxija tiegħu. U s-serjetà titlob li l-amministrazzjoni tkun waħda kontabbli u trasparenti. Għalhekk li għall-ewwel darba, kif wiegħed dan il-Gvern, qed jiġi ppubblikat rapport li jelenka t-twettiq tal-miżuri tal-Baġit 2014. Dan huwa l-mod ġdid kif qed jopera dan il-Gvern.

L-eżerċizzju koordinat mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni ra li jkun hemm ippjanar serju f'kull stadju, moniteraġġ ta' dak li jkun qed jiġi mwettaq u kontabbiltà ta' dak li jkun sar matul l-2014. Dan huwa eżerċizzju ta' rieda u serjetà ta' Gvern għaqli fit-tmexxija tal-pajjiż. Gvern miftuħ għall-iskrutinju tal-poplu biex jagħmel minn Malta pajjiż biezel. Fejn kulħadd huwa kontabbli għal xogħlu, fejn it-trasparenza mhijiex biss kelma fiergħa iżda azzjoni li sserraħ ras iċ-ċittadin li jgħix f'pajjiż li jixraqlu. Pajjiż ħabrieki, pajjiż serju, pajjiż bieżel.

Ir-rapport tħejja mil-id amministrattiva tal-Gvern; is-Servizz Pubbliku. Servizz Pubbliku li jeħtieġ li jiġġedded maż-żminijiet, kif fil-fatt qiegħed jagħmel. Mhux aċċettabbli li s-Servizz Pubbliku jibqa' jħares biss 'il ġewwa u jehda jissalvagwardja s-sistemi tiegħu u jiġġustifika n-nuqqasijiet. Jekk għandu jħares 'l ġewwa, għandu jagħmel dan biex isaħħaħ lilu nnifsu u jagħmel eżami tal-kuxjenza. Il-mument li s-Servizz Pubbliku jibda jħares 'il barra, jibda jara kif se jwassal is-servizz tiegħu bl-aktar mod ċar.

Dan hu dak li wassalna għal dan ir-rapport. Rapport li nbena b'metodoloġija ċara ta' moniteraġġ kontinwu mill-Kabinett, tal-pjani għat-twettiq tal-miżuri mħabbra fil-Baġit għal din is-sena. Fejn kien hemm bżonn ta' reviżjoni tal-pjani f'nofs it-twettiq tagħhom, dan sar. Fejn il-pjani ma kinux qed jagħtu l-frott mixtieq iddrittajniehom u fejn il-pjani riedu jinbidlu, ma ddejjaqniex inbiddluhom. Dan kollu biex il-viżjoni tal-Gvern tissarraf fl-aqwa u l-aħjar għall-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Kull Baġit jelenka l-politika li l-Gvern se jkun qed jimxi biha matul is-sena li jmiss. Kull Baġit jelenka wkoll sensiela ta' miżuri biex jitwettqu, kemm il-wegħdi elettorali tal-Gvern kif ukoll il-politika li jrid jimxi biha. Kull Baġit jiġbor it-turġien li rridu nitilgħu biex pajjiżna jilħaq livelli ogħla; mhux biex sempliċiment iddur ir-rota ekonomika imma biex pajjiżna jkun l-aħjar fl-Ewropa.

Għalhekk, filwaqt li l-Gvern jimxi b'għaqal u trasparenza, ma jiddejjaqx ikun ambizzjuż fil-miri tiegħu. Ambizzjoni li tkompli tistimula lill-pajjiż innifsu biex Nippremjaw il-Bżulija.

# MIŻURI TAL-BAĠIT 2014

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **Kumpens Għall-Għoli tal-Ħajja** | |
| 1 | Se jinbeda l-Household Budgetary Survey sabiex jiġi aġġornat l-indiċi tal-prezzijiet. | MFIN |
| 2 | Tibdil fir-rata ta' sisa fuq is-sigaretti u t-tabakk, il-fuel, ix-xorb alkoħoliku u l-birra kif ukoll ir-rata ta' taxxa fuq il-fuel bunkers. | MFIN |
| 3 | Mill-1 ta' Jannar li ġej, il-liċenzji tal-karozzi se jinbidlu kif murija fl-Anness 3, iżda l-liċenzji tal-karozzi żgħar li ġew irreġistrati wara l-2009 u b'$CO_2$ ta' bejn 0 u 100 gramma se jibqgħu l-istess. | MTI |
| | **PROĠETTI INFRASTRUTTURALI** | |
| 4 | €15-il miljun għat-tisħiħ tal-bażi kapitali tal-Air Malta | MOT |
| 5 | €2.5 miljun fil-kumpless sportiv tal-Marsa u għall-faċilitajiet tal-futbol u l-waterpolo f'Birżebbuġa. | MEDE |
| 6 | €20.7 miljun għal diversi proġetti fl-oqsma tal-enerġija u tal-ilma | MEH |
| | **TNAQQIS FL-OGĦLA RATA TAT-TAXXA TAD-DĦUL** | |
| 7 | Ir-rata ta' taxxa personali ta' 32% applikabbli għal dawk li jaqilgħu anqas minn sittin elf ewro se terġa' titnaqqas għal 29%. Dan japplika għal kull komputazzjoni: singola, miżżewġin u ġenituri. | MFIN |
| 8 | Id-dħul minn dividendi li jirċievu individwi se jibqa' taxxabbli bir-rati ta' taxxa li kienu jeżistu qabel l-introduzzjoni tar-rata tat-taxxa marġinali ta' 32%. | MFIN |
| 9 | Ir-rati tat-taxxa għall-komputazzjoni ġenitur se titwessa' minn €9,300 għal €9,800. B'hekk il-ġenituri bit-tfal se jiffrankaw €75 f'taxxa tad-dħul fis-sena. | MFIN |
| 10 | L-età tat-tfal f'edukazzjoni terzjarja li huma mantnuti mill-ġenituri qiegħda tiżdied minn 21 għal 23 sena. Qed inwessgħu wkoll l-edukazzjoni terzjarja għall-kulleġġi u stabbilimenti edukattivi oħra (eż MCAST u l-ITS), biex il-ġenituri ta' tfal f'dawn l-istituzzjonijiet edukattivi wkoll jikkwalifikaw. | MFIN |
| | **ESTENSJONI TAR-RATA PREFERENZJALI TAT-TAXXA TAD-DĦUL FUQ IL-PART-TIME** | |
| 11 | Se nnaqqsu t-taxxa fuq min jaħdem part-time. | MFIN |
| 12 | Il-limitu (fuq l-ammont suġġett għar-rata preferenzjali ta' 15%) se jiżdied minn €7,000 għal €10,000 fil-każ ta' impjieg part-time u €12,000 fil-każ ta' part-timers li jaħdmu għal rashom | MFIN |
| | **INĊENTIVI GĦALL-PART-TIME SELF-EMPLOYMENT** | MFIN |
| 13 | Sabiex tinkoraġġixxi l-bidla minn impjieg full-time għal self-employed full-time, sidien tan-negozji part-time se jitħallew jimpjegaw sa żewġ impjegati part-time mingħajr ma jitilfu l-intitolament għar-rata tat-taxxa ta' 15%. | MFIN |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| 14 | Il-limitu tal-paga minima mit-taxxa tad-dħul (attwalment €8,950) se jiżdied biex nieħdu kont tal-COLA. Dan sabiex kull min ma jaqlax aktar mill-paga minima ma jħallasx taxxa tad-dħul. | MFIN |
| | **ĦELSIEN MIT-TAXXA TAD-DĦUL LILL-PENSJONANTI** | |
| 15 | Mis-sena d-dieħla din il-miżura se tiġi estiża wkoll għall-pensjonanti li d-dħul tagħhom ikun jikkonsisti biss minn pensjoni li ma taqbiżx l-ammont tal-paga minima. | MFIN/MFSS |
| | **ESTENSJONI TAR-RATA TA' TAXXA TA 15% FUQ ID-DĦUL GĦALL-PENSJONANTI SELF-EMPLOYED** | |
| 16 | Pensjonanti li huma wkoll self-employed fuq bażi part-time se jibdew igawdu minn rata ta' taxxa ta' 15% fuq id-dħul tagħhom mix-xogħol jekk dan id-dħul ma jkunx ogħla mill-anqas minimu ta' dħul li fuqu jħallsu l-anqas rata ta' kontribuzzjoni għas-sigurtà soċjali. | MFIN |
| | **RATA MNAQQSA TA' TAXXA (7.5%) TAD-DĦUL FUQ XOGĦOL PART-TIME/FULL-TIME TAL-FUTBOLERS** | |
| 17 | Se nnaqqsu r-rata tal-income tax għall-futbolers għad-dħul mill-futbol għal 7.5%. Din is-sena se nibdew mill-futbol wara diskussjonijiet mal-MFA u fid-dawl ta' regoli ġodda internazzjonali. | MFIN |
| | **TAXXA FUQ TRASFERIMENTI WARA BEJGĦ BL-IRKANT** | |
| 18 | It-Taxxa fuq it-trasferimenti f'bejgħ bl-irkant se titneħħa kompletament. | MFIN |
| | **LIMITU TA' INTERESSI FUQ DUTY CAUSA MORTIS** | |
| 19 | Bħalissa mgħax imħallas fuq duty dovut mit-transferee causa mortis mhuwiex limitat u jista' jaqbeż id-duty pagabbli. L-interessi mhux se jeċċedu l-ammont ta' duty dovut. B'hekk il-werrieta se jiffrankaw il-flus. | MFIN |
| | **15% WITHHOLDING TAX FUQ IL-KERA** | |
| 20 | Persuni li għandhom dħul mill-kiri ta' proprjetà residenzjali se jkollhom l-għażla li japplikaw taxxa finali ta' 15% ikkalkulata fuq id-dħul gross tal-kirja. Din il-miżura hija maħsuba biex tinkoraġġixxi l-konformità fis-suq tal-kera. Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni se jagħmel titjib fl-infurzar f'dan il-qasam. | MFIN |
| 21 | Kirjiet mhux iddikjarati għandhom ikunu soġġetti għal taxxa finali ta' 35% ikkalkolata fuq id-dħul gross tal-kiri minbarra penalitajiet u mgħax li se jkunu imposti. | MFIN |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **EŻENZJONI FIRST-TIME BUYERS** | |
| 22 | Se tingħata konċessjoni ta' darba lil dawk il-persuni li qatt ma kellhom proprjetà immobbli qabel l-1 Jannar 2014, sew direttament jew indirettament, u li se jagħmlu l-kuntratt finali fis-sena 2014 sabiex ma jħallsux duty fuq l-ewwel 150,000 ewro. | MFIN |
| | **TNEĦĦIJA TAS-SISTEMA TAL-PERIT TAL-GVERN** | |
| 23 | Se jkun hemm bidla fis-sistema ta' valutazzjoni tal-proprjetà minn periti mqabbda mill-Gvern. Għal skop ta' taxxa l-Gvern se jibda jaċċetta l-valutazzjoni li jagħmel kull perit privat iżda se jiddaħħlu salvagwardji sabiex ma jkunx hemm abbużi. | MFIN |
| | **PROĠETT PILOTA TAL-PROPRJETÀ TAL-GVERN FIL-BELT VALLETTA** | |
| 24 | Se jinbeda proġett pilota fil-Belt Valletta biex il-Gvern ikun jaf b'ċertezza x'inhuma l-proprjetajiet tiegħu Kapitali. | OPM (Lands) |
| | **SIMPLIFIKAZZJONI TA' DISPOŻIZZJONIJIET FIL-VAT U T-TAXXA TAD-DĦUL** | |
| 25 | Fassalna emendi biex nissimplifikaw diversi dispożizzjonijiet fl-Atti tal-VAT u dik tat-Taxxa fuq l-Income | MFIN |
| 26 | Minn Jannar li ġej, meta d-denunzji tal-VAT jiġu sottomessi fil-ħin, flimkien mal-ħlas, l-ammont imħallas ma jkunx approprijat għall-bilanċi qodma. Dan jinkoraġġixxi l-konformità u se jgħin lit-taxpayers li ma setgħux jikkonformaw minħabba problemi ta' likwidità. | MFIN |
| | **TAX IN DISPUTE** | |
| 27 | Fl-Att tal-VAT se jiġu introdotti dispożizzjonijiet fuq it-tax in dispute. Bħalissa meta jinħareġ assessment, il-pagamenti qed jiġu allokati għall-VAT dovuta anki jekk il-perjodu tal-VAT in kwistjoni jista' jkun taħt appell (mhux finali u konklużiv). Dispożizzjonijiet tat-tax in dispute għandhom jiġu introdotti fl-Att tal-VAT sabiex ikun żgurat li l-pagamenti mhumiex qed jiġu set-off kontra t-taxxa li dwarha jista' jkun hemm kwistjoni. | MFIN |
| | **TITNEĦĦA L-PENALI GĦAL NON-FILING ANKE JEKK ID-DENUNZJA TAL-VAT TKUN ĠIET IPPREŻENTATA.** | |
| 28 | Ir-rata tal-imgħax preskritta, kemm taħt l-Att dwar it-Taxxa ful il-Valur Miżjud u l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, fuq it-taxxa pagabbli/rifondibbli se titnaqqas u tibda' tkun flessibbli. | MFIN |
| | **REATI TAĦT IL-LIĠI TAL-TAXXA TAD-DĦUL** | |
| 29 | Il-liġi se tiġi emendata sabiex il-Qorti, fil-każ tat-tieni reat, ikollha d-diskrezzjoni jekk tibgħatx persuna l-ħabs jew inkella timponi multa ta' €2,000. | MFIN |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **MIŻURI KONTRA L-EVAŻJONI TAT-TAXXA** | |
| 30 | Se nagħmlu kampanja kontra l-evażjoni fiskali sabiex infiehmu lil kulħadd għaliex din m'hemmx lokha f'soċjetà demokratika u żviluppata. | MFIN |
| 31 | Se ndaħħlu sistema fejn min jixtri servizz fil-qasam tal-propjetà, pereżempju, xogħol ta' kostruzzjoni, u ma jkollux biex jissostanzja l-istima tax-xogħol li jkun sar, ikollu jħallas il-VAT dovuta skont l-istima li tkun saritlu mid-Dipartiment. | MFIN |
| | **INVESTMENT REGISTRATION SCHEME** | |
| 32 | Se niftħu l-Investment Registration Scheme sabiex dawk il-persuni li jixtiequ jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom, għaliex għandhom flus u investimenti mhux iddikjarati f'Malta jew barra, ikunu jistgħu jagħmlu dan filwaqt li jħallsu multa ġusta. | MFIN |
| | **LEVEL PLAYING FIELD FIN-NEGOZJU** | |
| 33 | Se nibdew nieħdu passi kontra individwi barranin li jiġu jaħdmu Malta mingħajr ma jirrispettaw ir-regoli. Għaldaqstant se nwaqqfu sistema ta' rappurtaġġ online fejn wieħed jista' jirrapporta dawn il-każijiet. | MEDE |
| | **KONTRA L-BUROKRAZIJA** | |
| 34 | Il-ħatra ta' Kummissarju kontra l-Burokrazija qed turi kemm kien hemm bżonn dan l-uffiċċju li kuljum jiffaċċja każijiet u jaqbeż għaċ-ċittadini fejn il-proċeduri jkunu żejda u bla ebda raġuni ċara. | OPM |
| 35 | Se nkomplu għaddejjin b'din l-attitudni li nnaqqsu l-burokrazija u li nkunu fuq in-naħa taċ-ċittadini li nħeġġuhom jagħmlu użu minn dan l-uffiċċju. | OPM |
| | **STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦAT-TISĦIĦ EKONOMIKU** | |
| 36 | Il-Gvern qed jipproponi li l-MCESD għandu jibda diskussjoni dwar Strateġija Nazzjonali għat-Tisħiħ Ekonomiku. Din id-diskussjoni għandha titmexxa mill-imsieħba soċjali bil-għan li jiġu stabbiliti inċentivi aktar attraenti u konformi mar-regoli Ewropej, biex nattiraw aktar investiment lejn Malta u Għawdex, u b'hekk jinħoloq aktar xogħol. | MFIN |
| | **INIZJATTIVI GĦALL-ATTRAZZJONI TA' INVESTIMENT U TALENT** | |
| 37 | Il-Gvern huwa determinat li jniedi l-Individual Investor Programme. | MHAS |
| 38 | Se jinħoloq Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp fejn pajjiżna jista' jerġa' jibda jfaddal il-flus. Dan il-fond irriduh jintuża għall-proġetti soċjali bħal dawk ta' housing, edukazzjoni u programmi biex iż-żgħażagħ tagħna jilħqu l-aqwa aspirazzjonijiet tagħhom. | OPM |

| NO. | MIŻURA TAL-BUDGET | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| 39 | Ninsabu għaddejjin b'diskussjonijiet u konsultazzjonijiet biex tinħoloq struttura bejn il-Gvern u l-privat sabiex nippromwovu lil Malta u Għawdex fis-suq globali. | MEIB |
| | **ŻVILUPP INDUSTRIJALI** | |
| 40 | Il-Malta Enterprise qiegħda tippjana li sa nofs is-sena d-dieħla tkun bdiet timplimenta programmi ta' promozzjoni tal-investiment dirett barrani f'Għawdex. | MEIB |
| 41 | Strateġija Nazzjonali għar-Riċerka u Innovazzjoni. | MEDE |
| 42 | Se jiżdied l-infiq għar-riċerka u l-innovazzjoni għal 2% sal-2020 minn dik preżenti ta' 0.72%. | MEDE |
| 43 | Hybrid Venture Capital Fund. | MEDE |
| 44 | Qed jitnieda l-Innovation Voucher Programme. | MEDE |
| 45 | Se jiġu offruti boroż ta' studju ta' livell post-dottorali kif ukoll programm ta' placements għar-riċerkaturi Maltin u Għawdxin f'istituti internazzjonali tar-riċerka. | MEDE |
| 46 | Se ninvestu f'Ċentru Interattiv tax-Xjenza li se jkun landmark għal pajjiżna. Dan il-proġett li se jkun kofinanzjat minn fondi Ewropej, se jinbeda b'nefqa ta' €8 miljun ewro. | MEDE |
| | **JEREMIE U MICROINVEST** | |
| 47 | Ġiet imġedda l-iskema tal-Jeremie għall-intrapriżi żgħar u medji, b'investiment addizzjonali ta' 2 miljun ewro | MEIB |
| 48 | Se terġa' tiddaħħal l-iskema MicroInvest. Permezz ta' din l-iskema, intrapriżi żgħar u s-self-employed se jingħataw għajnuna għall-investiment eliġibbli permezz ta' kreditu fit-taxxa ta' 45% tal-ispiża. Intrapriżi u persuni li jaħdmu għal rashom f'Għawdex se jingħataw kreditu ta' 65%. | MEIB |
| | **ĦINIJIET TAL-FTUĦ TAL-ĦWIENET** | |
| 49 | Il-Gvern se jniedi proċess ta' konsultazzjoni permezz ta' White Paper fejn l-istakeholders kollha se jkunu jistgħu jagħtu l-fehmiet tagħhom sabiex il-Gvern ikun jista' jiddeċiedi bl-aħjar mod. | MEIB |
| | **INTERESSI U CHARGES BANKARJI FUQ IL-KUMPANIJI** | |
| 50 | Il-Gvern għalhekk qiegħed, permezz tad-diskors tal-baġit jitlob lill-MFSA u lill-Awtorità tal-Kompetizzjoni jeżaminaw din is-sitwazzjoni u jaraw hemmx lok ta' azzjoni korrettiva. It-triq preferita tibqa' dik ta' qbil mal-operaturi. | MFIN |
| 51 | Qiegħda ssir ħidma sabiex jitwettqu proposti tal-Gvern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji lill-konsumaturi Maltin u Għawdxin, partikolarment bil-ħolqien ta' Arbiter għas-Servizzi Finanzjarji, it-tfassil ta' Charter dwar id-Drittijiet tal-Investituri Żgħar; u ċ-Charter dwar id-Drittijiet tal-Klijenti tal-Banek. | MFIN |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **LIĠI DWAR IN-NEGOZJI TAL-FAMILJA** | |
| 52 | Se jitwettaq l-Att dwar in-Negozju tal-Familja billi jsaħħaħ is-sostenibbiltà ta' dawn in-negozji u sabiex jiffaċilita u jinċentiva t-trasferiment tagħhom meta jintirtu minn ġenerazzjoni għall-oħra, ħalli dan in-negozju jiġi kkonsolidat u mhux ifframmentat. | MEIB |
| | **ĊAQLIQ TAL-MONTI** | |
| 53 | Il-Monti se jkun rilokat għal Triq l-Ordinanza. | MEIB |
| | **JOBS+** | |
| 54 | Se tiġi allokata s-somma ta' 8.3 miljun ewro lill-ETC. | MEDE |
| | **CHILDCARE CENTRES B'XEJN** | |
| 55 | Se ninvestu €3.8 miljun sabiex mis-sena d-dieħla nibdew nagħtu dan is-servizz b'xejn lil dawk il-familji fejn iż-żewġ ġenituri jaħdmu jew, f'każ ta' ġenitur wieħed, dik il-persuna taħdem. Investiment li se jkompli jikber fis-snin ta' wara. Dalwaqt se noħorgu White Paper biex nikkonsultaw dwar it-twettiq ta' din is-sistema. | MEDE |
| | **SERVIZZ ĠDID QABEL IL-ĦIN TAL-ISKOLA** | |
| 56 | Mis-sena d-dieħla se ndaħħlu servizz ġdid fejn il-ġenituri jistgħu jwasslu lil uliedhom siegħa qabel il-ftuħ tal-iskola u t-tfal jingħataw kolazzjon nutrittiv fl-iskola. Dawk l-għalliema li jagħżlu li jieħdu sehem se jitħallsu extra. | MEDE |
| | **TNAQQIS TAT-TAXXA FUQ L-UŻU TA' CHILD CARE CENTRES** | |
| 57 | Se nkomplu nnaqqsu t-taxxa għal dawk li jibagħtu lil uliedhom f'child care centres bi ħlas. It-tnaqqis se jiżdied minn €1,300 għal €2,000. Dan il-benfiċċju se jibbenefikaw minnu dawk il-ġenituri li jagħżlu li jħallsu għaċ-child care u li ma jibbenefikawx minn child care b'xejn. | MFIN/MEDE |
| | **NIFFRANKAW IT-TAXXA LIL NISA LI JOĦORĠU JAĦDMU** | |
| 58 | Mis-sena d-dieħla, nisa miżżewġa li ilhom iktar minn ħames snin barra mis-suq tax-xogħol u li għandhom 'il fuq minn 40 sena u se jidħlu jaħdmu, u li d-dħul tagħhom ma jaqbiżx il-paga minima, se jkun possibbli għal żwieġhom li jkomplu jħallsu t-taxxa bil-komputazzjoni tal-miżżewġin filwaqt li d-dħul tal-mara ma jiġix ikkunsidrat. | MFIN/MEDE |
| 59 | Dan il-benefiċċju jdum sa massimu ta' ħames snin. Raġel b'paga medja se jkun qiegħed jiffranka madwar €800 f'taxxa kull sena minħabba li jżomm l-istess komputazzjoni. | MFIN/MEDE |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **GARANZIJA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ** | |
| 60 | Huwa maħsub li fl-ewwel garanzija, 350 żagħżugħ u żagħżugħa li huma inattivi jew qed ifittxu x-xogħol, se jibbenifikaw minn attenzjoni individwali biex jew jintegraw fid-dinja tax-xogħol jew jibdew xi kors f'xi istituzzjoni edukattiva. Għal dan il-għan, dawn iż-żgħażagħ se jibbenefikaw minn ħlas ta' €1,440 bl-investiment ta' din il-garanzija tlaħħaq €2 miljun. | MEDE |
| | **EMPLOYABILITY INDEX** | |
| 61 | Se jiddaħħal l-employability index bil-għan li noffru linja gwida dwar il-qasam ekonomiku u l-opportunitajiet ta' xogħol li ż-żgħazagħ jistgħu jistennew fi tmiem l-edukazzjoni tagħhom. | MEDE |
| 62 | Il-Gvern se jinvesti wkoll biex itejjeb l-Employment Advisory Services fi ħdan l-ETC. | MEDE |
| | **INĊENTIVI GĦAL MIN IDAĦĦAL APPRENTISTI** | |
| 63 | Il-Gvern se jinvesti €350,000 biex jinċentiva lil min iħaddem joffri work placements kif ukoll skemi ta' apprentistat. Se nniedu sistema ta' deduzzjoni tat-taxxa fejn min iħaddem igawdi €600 għal kull work placement u €1,200 għal kull apprentistat, b'investiment globali ta' miljun ewro. | MEDE/MFIN |
| | **APPRENTISTATI GĦALL-ISTUDENTI TAL-ITS** | |
| 64 | Il-programm hu mmirat biex l-istudenti jakkwistaw il-ħiliet biex jiftħu negozju għal rashom, isibu xogħol jew ikomplu jistudjaw fl-oqsma turistiċi. Kull student mit-tieni sena se jkollu work placement fl-industrija biex jakkwista l-esperjenza ta' xogħol u taħriġ. | MOT |
| | **XOGĦOL F'GĦAWDEX GĦALL-GĦAWDXIN** | |
| 65 | Għawdex se jingħata prijorità fil-qasam tax-xogħol permezz tat-tiġdid tal-Employment Aid Programme b'investiment ta' żewġ miljun ewro oħra li ġejjin mill-Fondi Ewropej u 1.1 miljun ewro minn fondi nazzjonali għall-Work and Training Exposure Scheme. | MEDE |
| | **YOUTH ENTREPRENEURSHIP SCHEME** | |
| 66 | Il-Gvern issa se jalloka €300,000 għal dan il-għan. | MEDE |
| | **INĊENTIVI GĦAL IMPJIEGI TA' PERSUNI AKBAR FL-ETÀ** | |
| 67 | Permezz tal-iskema Maturity Pays, se ninċentivaw it-taħriġ u l-impjieg ta' persuni qiegħda fl-età ta' bejn il-45 u l-65 sena. Se tingħata deduzzjoni fit-taxxa tad-dħul ta' €5,800 għall-ewwel sentejn li tissarraf f'iffrankar ta' €2,030 fis-sena għal kull persuna li tittieħed mir-reġistru tal-qgħad. Barra minn hekk, kumpaniji li jimpjegaw dawn il-ħaddiema se jibbenifikaw minn deduzzjoni fit-taxxa tad-dħul ta' 50% tal-ispiża fuq it-taħriġ ta' dawn il-ħaddiema, sa massimu ta' 400 ewro. | MFIN/MEDE |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **INĊENTIVI GĦAL MIN IRID JAĦDEM** | |
| 68 | Se noħolqu inċentiv għal dawk li ilhom jirreġistraw għax-xogħol aktar minn sentejn u li jridu jaħdmu. Se ndaħħlu sistema ta' tapering fejn, minflok ma naqtgħulhom il-benefiċċji kollha mill-ewwel fil-mument li jibdew jaħdmu, nibdew innaqqsu l-benefiċċji fuq medda ta' żmien sabiex b'hekk noħolqu tranżizzjoni mingħajr skossi mir-reġistru tal-qgħad għad-dinja tax-xogħol. | MFSS/MEDE |
| 69 | Fl-ewwel sena l-benefiċjarju jgawdi minn 65% tal-benefiċċju, fit-tieni sena minn 45% u fit-tielet minn 25%. L-employer se jingħata 25% tal-benefiċċju kull sena għal tliet snin. Id-differenza se tmur ġo fond għat-taħriġ. | MFSS/MEDE |
| | **NINKURAĠĠIXXU LIS-SINGLE PARENTS JIEĦDU TAĦRIĠ** | |
| 70 | Il-Gvern se jinkoraġġixxi lis-single parents sabiex itejbu l-prospetti għall-impjieg tagħhom. Dawk is-single parents li qegħdin fuq l-assistenza soċjali se jingħataw kreditu ta' bejn 200 u 1000 ewro meta jidħlu għal taħriġ vokazzjonali intensiv jew inkella jekk jidħlu fis-sistema edukattiva full-time sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom. | MEDE |
| | **TURIŻMU** | |
| 71 | Se tiżdied l-aċċessibbiltà ta' swieq turistiċi ġodda lejn Malta u speċjalment fix-xhur anqas frekwentati. | MOT |
| 72 | Se jiżdiedu l-isforzi mmirati sabiex jissaħħu s-swieq eżistenti u swieq ġodda bħal dawk tal-Istati Uniti u ċ-Ċina, filwaqt li jkompli t-tkabbir tas-suq Russu. Se jkun hemm aktar xogħol immirat biex jikber is-suq Ġermaniż. | MOT |
| 73 | Se tingħata wkoll spinta lil numru ta' niċeċ bħat-turiżmu sportiv, tal-konferenzi u inċentivi, kulturali, mediku, edukattiv u t-turiżmu għall-għaddasa. Matul is-sena li ġejja se naħdmu mal-cruise liners sabiex ikun irkuprat it-telf li kien hemm. | MOT |
| 74 | Se tingħata prijorità lit-tisbiħ kontinwu u r-riġenerazzjoni u l-immaniġġar tar-resorts kostali tagħna. Għandha tingħata attenzjoni lir-rijabilitazzjoni tal-kosta li tinkludi bajjiet ġodda u immanniġġar aħjar ta' aktar bajjiet. | MOT |
| 75 | Se jitkompla r-rijabilitazzjoni tal-wirt kulturali tagħna billi jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' bidla ta' Palazzini u bini ieħor, speċjalment fil-qalba tal-ibliet tagħna, għall-akkomodazzjoni turistika. Dan minbarra l-investiment fl-iżvilupp tal-prodott rurali tagħna. | MOT |
| 76 | Għaldaqstant se nżidu l-allokazzjoni lill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu b'aktar minn 4% fuq is-sena li għaddiet għal 38.5 miljun ewro | MOT |
| | **AIR MALTA** | |
| 77 | Wara li din is-sena għaddejna 40 miljun ewro lill-Air Malta għat-tisħiħ tal-kapital tagħha, se ngħaddu 15 il-miljun ieħor fl-2014 għall-istess għan. | MOT |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **AVJAZZJONI** | |
| 78 | Is-sena li ġejja se tinħoloq Awtorità tal-Avjazzjoni. Se titfassal ukoll Politika tal-Avjazzjoni Ċivili. Qegħdin nallokaw is-somma ta' 150,000 ewro għat-twaqqif ta' Ċentru ta' Riċerka fl-Avjazzjoni. | MOT |
| 79 | Il-Gvern se jikkummissjona studju soċjoekonomiku u ieħor tekniku flimkien ma' studju dwar l-impatt ambjentali dwar l-effett ta' airstrip itwal f'Għawdex. Wara proċess ta' konsultazzjoni bbażat fuq il-vantaġġi u żvantaġġi ta' dan l-iżvilupp, il-Gvern jieħu deċiżjoni strateġika għall-futur. | MOT |
| | **AMBJENT SOSTENIBBLI** | |
| 80 | Qegħdin nallokaw aktar minn 103.6 miljun ewro sabiex ninvestu u nsostnu l-oqsma ambjentali u dawk agrikoli, fejn se titfassal Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent u nwettqu l-istrateġija dwar il-Green Jobs. | MSDEC |
| | **SEPARAZZJONI TAL-MEPA** | |
| 81 | Għaddejjin l-arranġamenti meħtieġa sabiex jinfirdu d-direttorati tal-ippjanar u dak tal-ambjent fil-MEPA. Bit-twaqqif ta' Aġenzija dwar l-Ambjent u r-Riżorsi se niggarantixxu li l-Ambjent ikollu focus speċifiku bl-importanza meħtieġa. L-ambjent se jkun fiċ-ċentru ta' kull inizjattiva u deċiżjoni li tittieħed. | MSDEC/OPM |
| | **SAĦĦA AMBJENTALI** | |
| 82 | Is-sena d-dieħla mistennija tiġi approvata l-leġiżlazzjoni dwar it-tniġġiż ikkawżat mill-ħsejjes. L-Att dwar l-Iżvilupp Sostenibbli pprovda għat-twaqqif tal-Gwardjani għall-Ġenerazzjonijiet Futuri u għan-Network dwar l-Iżvilupp Sostenibbli. | MSDEC |
| | **IMMANIĠĠAR TAL-ISKART** | |
| 83 | Se titwettaq kampanja ta' informazzjoni dwar l-iskart u l-immaniġġar tiegħu. Minbarra dan, inbeda l-proċess ta' ristrutturar tal-WasteServ wara n-nuqqasijiet gravi misjuba mill-Awditur Ġenerali. | MSDEC |
| | **PARK TAL-FAMILJA** | |
| 84 | Wara li, għall-ewwel darba, twaqqaf Unit għall-Immaniġġar tal-Park tal-Familja, tfassal ukoll Pjan għall-Manutenzjoni u l-Immaniġġar tal-Park. Għal dan il-għan, qegħdin nallokaw is-somma ta' €200,000. | MSDEC |
| | **TIBDIL FIL-KLIMA** | |
| 85 | Fis-settur tal-klima se jkun hemm it-tisħiħ u l-implimentazzjoni tal-politika għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament. Hawnhekk, qegħdin infasslu liġi komprensiva dwar it-tibdil fil-klima. | MSDEC |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **TISBIĦ TA' NĦAWI URBANI** | |
| 86 | Se nibdew programm pilota ta' investiment fi qsari li jsebbħu ż-żoni urbani tagħna. Qegħdin nallokaw €200,000 għal dan il-għan. | MSDEC |
| 87 | B'konsultazzjoni ma' dawk kollha interessati fil-qasam ta' tindif u manutenzjoni ta' żoni pubbliċi mill-Kunsill Lokali, il-Gvern se jieħu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn sabiex dan il-qasam jiġi organizzat aħjar. | MTI |
| | **EKO-KONTRIBUZZJONI** | |
| 88 | Il-Gvern għaddej b'evalwazzjoni ta' din it-taxxa sabiex ikun f'pożizzjoni li jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa dwarha wara li jikkonsulta ma' min għandu interess f'din il-materja sabiex din it-taxxa ssir aktar ġusta u ma titfax negozji tal-affari tagħhom fi żvantaġġ. | MFIN |
| | **TNAQQIS FIT-TAXXA TAR-REĠISTRAZZJONI TAL-VETTURI** | |
| 89 | Se nnaqqsu wkoll it-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq il-karrozzi u l-muturi. | MTI |
| 90 | Issa li t-taxxa tar-reġistrazzjoni għall-karrozzi (kategorija M1) qiegħda tinħadem fuq kriterji li jinkludu l-euro standard, se titnaqqas it-taxxa ta' reġistrazzjoni li titħallas fuq il-karozzi użati li jiġu impurtati minn barra l-Unjoni Ewropea. Din tgħodd għall-karozzi li ma jniġġżux iżjed minn 150g/km u għandhom sa 8 snin. | MTI |
| 91 | It-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-muturi b'ċilindraġġ ta' 250ċċ jew iżjed, se titnaqqas b'25%. Infakkar li muturi b'ċilindraġġ iżgħar ma jħallsux taxxa. | MTI |
| | **SKEMA TAL-ISKREPPJAR TAL-VETTURI** | |
| 92 | Se nerġgħu ndaħħlu skema għall-iskrappjar tal-vetturi qodma u li jħammġu. Permezz ta' din l-iskema se nagħtu għajnuna ta' bejn 500 u 900 ewro għal kull vettura. Anqas mal-vettura l-ġdida tkun tħammeġ, aktar tingħata għajnuna. | MTI |
| 93 | Għal dan il-għan, qegħdin nallokaw is-somma ta' 600,000 ewro fuq sentejn. | MTI |
| | **KONVERŻJONI GĦAL AUTOGAS** | |
| 94 | Se nkomplu ninvestu fl-iskema għall-konverżjoni tal-vetturi għall-autogas u sabiex ngħinu fl-infrastruttura li hemm bżonn issir fis-service stations tagħna għal dan il-għan. | MTI |
| | **PITKALIJA** | |
| 95 | Matul is-sena li ġejja, il-Gvern se jniedi r-riforma tal-Pitkalija kemm fuq livell strutturali kif ukoll dak operattiv. Qed neżaminaw ukoll proposti għal żviluppi privati f'dan il-qasam. | MSDEC |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **BIĊĊERIJA** | |
| 96 | Se jinbeda xogħol estensiv ta'  titjib fil-biċċerija. | MSDEC |
| | **TINED GĦAR-RAĦĦALA** | |
| 97 | Qegħdin nivvotaw, ukoll, is-somma ta' 2.6 miljun ewro fuq tliet snin sabiex nibdew nonoraw impenn, li kien daħal għalih il-Gvern preċedenti mingħajr ma ħaseb għall-flus, li jgħin lir-raħħala li investew fit-tined tal-baqar. | MSDEC |
| | **SAJD U AKWAKULTURA** | |
| 98 | Se titħejja Strateġija Nazzjonali dwar is-Sajd u l-Akwakultura sabiex niżguraw il-futur ta' din l-industrija. Il-Bord Konsultattiv preżenti se  jinbidel għal kunsill bil-parteċipazzjoni tal-koperattivi u operaturi f'dawn l-oqsma. | MSDEC |
| 99 | Hemm ippjanati breakwater ħdejn il-hardstanding facility,  u r-restawr ta' dak eżistenti ħdejn il-power station ta' Delimara u tal-Veċċja f'San Pawl il-Baħar | MSDEC |
| 100 | Landing site oħra se tiġi żviluppata fil-Marsa fil-viċinanzi tal-pixkerija l-ġdida. | MSDEC |
| 101 | Se jsir proġett ta' marine hatchery bejn il-Gvern u l-privat li ġibed interess kbir anki internazzjonali | MSDEC |
| 102 | Se ndaħħlu skema għas-sajjieda milquta mill-istaġun magħluq għas-sajd tal-pixxispad. | MSDEC |
| | **TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI** | |
| 103 | Wara konsultazzjoni pubblika, se tiġi mfassla politika ġdida dwar l-operat taċ-ċirkli f'Malta. Il-Gvern qiegħed iħejji White Paper li timmira li sal-2014 iċ-ċirkli li jisfruttaw l-annimali jinqatgħu minn pajjiżna. | MSDEC |
| | **INVESTIMENT FL-INFRASTRUTTURA U TOROQ / PJAN GĦAT-TRAFFIKU U TRASPORT** | |
| 104 | Short-term: wara konsultazzjoni se nipprojbixxu ċ-ċirkulazzjoni ta' trakkijiet industrijali kbar u żwiemel f'toroq arterjali waqt ċertu ħinijiet tal-ġurnata. | MTI |
| 105 | Medium-term: Se nagħtu prijorità lill-proġetti li jħaffu t-traffiku f'żoni fejn dan jinġema' sistematikament. Il-fly-over tal-Kappara se tgħin għal dan il-għan u x-xogħol fuqha mistenni jibda din is-sena. | MTI |
| 106 | Long-term: hemm bżonn pjan li jesplora kif it-trasport ta' Malta u Għawdex se jkun għall-ġejjieni. Diġà qed isir studju dwar pont bejn Malta u Għawdex u se nerġgħu napplikaw għall-fondi Ewropej għal studju dwar tunnel u għażliet oħra wara li l-applikazzjoni magħmula mill-Gvern preċedenti ma ġietx aċċettata. | MTI |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| 107 | Se niddedikaw fondi Ewropej għal studju usa' li għandu jieħu in kunsiderazzjoni options differenti għall-pajjiż. Se nesploraw il-fattibbiltà ta' modi ġodda ta' trasport fosthom l-underground, monorail u trasport bil-baħar. | MTI |
| | **PARKING U CVA** | |
| 108 | F'dan l-istadju l-Gvern qed iħabbar li hekk kif propost se jkun qed ibiddel il-ħinijiet u l-kundizzjonijiet tas-CVA. | MTI |
| 109 | Minn Diċembru d-dħul fil-Belt Valletta se jsir b'xejn wara s-2.00 p.m. matul il-ġimgħa u kif ukoll is-Sibt il-ġurnata kollha. Dan għandu jagħti spinta lin-negozju. | MTI |
| | **TRASPORT PUBBLIKU** | |
| 110 | Il-Gvern għaddej b'taħditiet delikati ħafna mal-operaturi tat-trasport pubbliku sabiex jindirizza l-problemi kbar li writna f'dan il-qasam. Il-futur u l-forma tat-trasport pubbliku f'Malta jiddependu mill-eżitu ta' dawn it-taħditiet. | MTI |
| | **INĦALLSU LURA TAXXI FUQ IR-REĠISTRAZZJONI TAL-KAROZZI** | |
| 111 | Qegħdin nivvotaw is-somma ta' 3.5 miljun ewro sabiex mis-sena d-dieħla kull min ħallas taxxa żejda jirċievi ċekk bi ħlas lura. Il-proċess se jsir fuq medda ta' 7 snin u se nagħtu pagament ex gratia lil dawk li rreġistraw vettura għal skop ta' użu personali bejn l-ewwel ta' Mejju 2004 sal-aħħar ta' Diċembru 2008. | MTI |
| | **INRAĦĦSU L-KONTIJIET TAD-DAWL U TAL-ILMA** | |
| 112 | F'Marzu 2014, se nwettqu l-wegħda elettorali tagħna li nnaqqsu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma b'medja ta' 25% u 5% rispettivament għall-familji. It-tnaqqis fil-kontijiet se jħalli aktar flus fil-but tan-nies. Se jorħsu wkoll il-kontijiet għan-negozji fl-2015. | MEH |
| | **ENEMALTA FUQ SISIEN SODI** | |
| 113 | Il-Gvern se jimplimenta pjan sabiex nassiguraw provvista tal-elettriku adegwata, sostenibbli u sigura. | MEH |
| 114 | Dan il-pjan diġà beda jissaħħaħ permezz tal-ftehim mal-Libja dwar ix-xiri taż-żjut u gass bi prezzijiet vantaġġjużi, kif ukoll, permezz tal-investiment dirett fl-Enemalta miċ-China Power Investments u Shanghai Power | MEH |
| 115 | L-ARMS trid ittejjeb ħafna s-servizz tagħha. | MEH |
| | **STABBILTÀ FIL-PREZZIJIET** | |
| 116 | Il-prezzijiet tal-petrol, id-diesel u gass se jibqgħu stabbli sal-aħħar tas-sena. Fil-każ tad-diesel, il-prezz se jibqa' stabbli sa Marzu li ġej. | MEH |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **MALTA OIL AND GAS CORPORATION** | |
| 117 | Se titwaqqaf il-Malta Oil and Gas Corporation. Din se tkun l-aġenzija ewlenija tal-Gvern biex tara l-ħtiġijiet u l-pjani tal-Gvern dwar esplorazzjoni taż-żejt u l-gass jiġu implimentati. | MTI |
| | **ENERĠIJA ALTERNATTIVA** | |
| 118 | Il-Gvern se jkompli jinċentiva l-investiment fl-enerġija nadifa. Sal-2014 se nilħqu l-mira ta' 3% ta' enerġija nadifa minn sorsi alternattivi. Qiegħda ssir reviżjoni tan-National Renewable Energy Action Plan. | MEH |
| | **DWAL TAT-TOROQ** | |
| 119 | Se naħdmu fuq proġett li permezz tiegħu se jiddaħħlu sistemi innovattivi ta' dwal fit-toroq. | MEH |
| | **PROĠETT PILOTA TA' INTELLIGENT LIGHTING F'GĦAWDEX** | |
| 120 | Se nwettqu proġett pilota ta' intelligent lighting f'Għawdex. Dan il-proġett, kofinanzjat minn fondi Ewropej, mistenni jiswa €2.8 miljun. Hemm il-ħsieb li, eventwalment, dan il-proġett jinfirex u nibdlu d-dwal tat-toroq mal-pajjiż kollu. Dan il-proġett kofinanzjat minn fondi Ewropej mistenni jiswa 5.4 miljun ewro. | MEH |
| 121 | Is-sistema tad-dawl fil-blokka Rużar Briffa fir-residenza San Vinċenz de Paul, ukoll, se tinbidel ma' oħra aktar effiċjenti sabiex titnaqqas l-ispiża għall-enerġija fil-futur. Dan il-proġett, kofinanzjat minn fondi Ewropej, mistenni jiswa 6 miljun ewro. | MEH |
| | **RETRO-FITTING FUQ BINJIET** | |
| 122 | Se nippromwovu Programm għal Retro Fitting fuq il-binjiet jiġifieri biex binjiet eżistenti jiġu rranġati biex isiru aktar energy efficient. Il-binjiet jikkonsmaw mal-40% tal-enerġija ġġenerata u, għal dan il-għan, se jitwettqu diversi inizzjattivi, fosthom sabiex diversi binjiet pubbliċi jsiru energy self-sufficient. | MEH |
| | **ENERGY AUDIT VOLONTARJU DWAR L-ENERĠIJA GĦALL-FAMILJA** | |
| 123 | Se ngħinu lill-familji jidentifikaw x'miżuri u bidliet jistgħu jagħmlu sabiex jiffrankaw l-użu tad-dawl u l-ilma. Dan se jsir permezz ta' esperti li jagħmlu energy audit lil dawk il-familji li jkunu jridu li jingħataw pariri dwar kif jagħmlu użu aktar effiċjenti tal-enerġija. | MEH |
| | **UŻU EFFIĊJENTI TAL-ENERĠIJA** | |
| 124 | Għajnuna għall-Installazzjoni ta' Water Heaters u Insulazzjoni | MEH |
| 125 | Se nagħtu sussidju lill-familji tagħna sabiex jinstallaw solar water heaters, kif ukoll sabiex jinsulaw is-soqfa ta' djarhom. Għal dan il-għan, qegħdin nivvotaw is-somma ta' €500,000. | MEH |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **PROĠETT PILOTA FL-ISKOLA TAS-SIĠĠIEWI** | |
| 126 | Qegħdin nivvotaw miljun ewro sabiex inwettqu proġett pilota fl-iskola primarja tas-Siġġiewi bil-għan li nagħmlu din l-iskola effiċjenti fl-użu tal-enerġija. | MEH/MEDE |
| | **PJAN NAZZJONALI DWAR L-ILMA** | |
| 127 | Se jitfassal pjan nazzjonali dwar l-ilma. Il-Gvern se jara li jkun hemm infrastruttura xierqa għall-ħażna tal-ilma tax-xita filwaqt li jirrestawra u jimmaniġġja, b'mod effettiv, il-faċilitajiet eżistenti għal dan il-għan. Fuq kollox, il-Gvern se jwettaq kampanja dwar il-konservazzjoni tal-ilma. | MEH |
| | **EDUKAZZJONI** | |
| 128 | Fis-snin li ġejjin, il-Gvern se jinvesti f'ħames skejjel ġodda. | MEDE |
| 129 | Il-Gvern se jagħti importanza wkoll lill-edukazzjoni għal matul il-ħajja. | MEDE |
| 130 | Ħmistax-il miljun għal restawr u manutenzjoni tal-iskejjel f'pajjiżna | MEDE |
| | **TABLETS GĦALL-ISTUDENTI** | |
| 131 | F'dan il-baġit se nibdew l-għoti u l-użu tat-tablets fis-sistema edukattiva. Qed immorru l-ewwel għal proġett pilota fuq parir tal-għalliema u esperti biex it-tranżizzjoni tkun bl-inqas problemi possibbli għal uliedna. Nemmnu li b'dan il-proġett se nagħtu spinta kbira lil modernizzazzjoni tas-sistema edukattiva u l-metodi ta' tagħlim. | MEDE |
| | **SABBATICAL GĦALL-GĦALLIEMA** | |
| 132 | Fiż-żmien li ġej, il-Gvern se jibda' diskussjonijiet mal-unjin tal-għalliema dwar it-tħaddim ta' sena sabbatical fejn l-għalliema jkunu jistgħu jieħdu leave bil-ħlas waqt li jkunu qegħdin ikomplu jistudjaw għall-iżvilupp professjonali tagħhom. | MEDE |
| | **ĊERTIFIKAZZJONI TAL-EDUKAZZJONI VOKAZZJONALI** | |
| 133 | L-esperjenza vokazzjonali se tiġi ċċertifikata mill-MCAST sabiex l-istudenti jgħaddu mill-iskola sekondarja għall-MCAST bla ma jkollhom jagħmlu l-kors tal-Foundation. | MEDE |
| | Università ta' Malta | |
| 134 | Se naraw li nsaħħu lill-Università ta' Malta billi nfasslu qafas kuntrattwali sabiex, permezz ta' pjan fit-tul, din issir aktar sostenibbli. B'hekk, l-Università tkun tista' tippjana fit-tul u mhux kull sena tistenna l-kontribuzzjoni tal-Gvern mingħajr ma tkun taf x'se jiġri. | MEDE |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **L-ISTIPENDJI JIŻDIEDU BIL-COLA PRO-RATA** | |
| 135 | Dan il-Gvern se jibda jżidhom bir-rata tal-għoli tal-ħajja pro-rata mill-1 ta' Jannar 2014. L-istipendju s-sena d-dieħla se jiżdied b' 1.9% jew b'sittax-il ewro u sitt ċenteżmi fis-sena. Din il-miżura se tiswa madwar 250,000 ewro. | MEDE |
| 136 | Minn Jannar li ġej se nżidu wkoll l-istipendji għall-istudenti veterinarji. Dawn se jibdew jirċievu 300 ewro fix-xahar. | MEDE |
| | **STIPENDJU GĦAL STUDENTI LI JIRREPETU SENA** | |
| 137 | Studenti li jirrepetu sena waħda fil-kors tagħhom se jingħataw l-istipendju xorta. Din il-miżura tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014 | MEDE |
| | **LEĦEN AKBAR LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ** | |
| 138 | Se jsir tibdil leġiżlattiv sabiex żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq ikunu jistgħu jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali | MEDE |
| | **ŻVILUPP FIL-QASAM SPORTIV** | |
| 139 | L-isport se jingħata prijorità sabiex jiżviluppa l-kapaċitajiet individwali u titrawwem kultura sportiva minn età bikrija. Se tingħata, ukoll, prijorità lit-tisħiħ ta' dixxiplini sportivi inqas prattikati u nsaħħu sport tradizzjonali. | MEDE |
| | **PROĠETTI KAPITALI SPORTIVI** | |
| 140 | Il-proġetti kapitali fl-isport se jingħataw prijorità. Dawn jinkludu l-pitches tal-waterpolo u tal-futbol f'Birżebbuġa, il-canopy fl-Isports Pavillion ta' Kordin, l-upgrading tal-Pixxina Nazzjonali u faċilitajiet tal-futbol f'Għawdex. Għal dan il-għan qegħdin nallokaw is-somma ta' 2.5 miljun ewro. | MEDE |
| | **BOROŻ TA' STUDJU SPORTIVI** | |
| 141 | Programm favur il-qari | MEDE |
| 142 | Proġett li bil-ħila ta' kowċis u futbolers professjonali nressqu lit-tfal aktar lejn il-qari. Il-kowċis u l-futbolers magħżula huma r-role models għal dawn it-tfal u bl-għajnuna professjonali tagħhom se jkunu qed ikabbru l-interess fit-tfal biex jaqraw aktar. | MEDE |
| | **FAVUR INKLUŻJONI FIL-ĦABS** | |
| 143 | Proġett li se jinvolvi ż-żgħażagħ li bħalissa qegħdin jiskontaw sentenza l-ħabs. Iż-żgħażagħ se jattendu laqgħat informali u ta' soċjalizzazzjoni. Wara dan huma jkunu mħeġġa biex jipparteċipaw fi sport. | MEDE/MHAS |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **INIZJATTIVI KULTURALI** | |
| 144 | Se jitwaqqaf ensemble ta' mużika barokka fit-Teatru Manoel filwaqt li se ninvestu aktar fl-Orkestra Nazzjonali, anke billi jiġi identifikat u stabbilit sit għaliha. | MJCL |
| 145 | Qegħdin nallokaw ukoll 200,000 ewro sabiex titwaqqaf il-Malta Dance Company. Se niffinanzjaw ukoll it-twaqqif ta' Culture Hub b'finanzjament ta' 200,000 ewro. | MJCL |
| 146 | Qegħdin nallokaw, ukoll, l-ammont ta' 150,000 ewro sabiex ngħinu lill-baned u bands lokali. Is-sena li ġejja, se naħdmu wkoll fuq id-disinji sabiex ikollna spazju internazzjonali għall-arti kontemporanja. | MJCL |
| | **PATRIMONJU NAZZJONALI** | |
| 147 | Se jitlestew diversi proġetti ta' restawr kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea. | MJCL |
| 148 | Se jsiru xogħlijiet ta' restawr f'diversi mużewijiet. | MJCL |
| 149 | Se titfassal Strateġija għall-Wirt Nazzjonali. | MJCL |
| 150 | Se naħdmu sabiex insaħħu r-relazzjonijiet mal-UNESCO dwar il-Wirt Kulturali Dinji f'Malta. | MJCL |
| 151 | Il-programm ta' Guardianship Deeds favur il-volontarjat u l-Kunsilli Lokali se jissaħħaħ. | MJCL |
| | **ĊELEBRAZZJONIJIET NAZZJONALI** | |
| 152 | 1.6 miljun ewro sabiex niċċelebraw b'mod dinjituż u xieraq l-anniversarji tal-Indipendenza, tat-twaqqif tar-Repubblika, Jum il-Ħelsien u s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. | OPM |
| | **KUMPANIJA TA' KO-PRODUZZJONI TAL-FILMS** | |
| 153 | Se ninvestu miljun ewro f'kumpanija għall-ko-produzzjoni tal-films. | MHAS |
| 154 | Inkomplu ntejbu l-ħidma u inċentivi kemm biex nattiraw films barranin kif ukoll biex ninkoraġġixxu lill-industriji lokali li tista' tiżviluppa | MHAS |
| 155 | Se ngħinu liċ-ċinema lokali tadotta t-teknoloġija diġitali fil-wiri tal-films. Għal dan il-għan se ninvestu nofs miljun ewro fuq sentejn. | MJCL |
| | **RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI** | |
| 156 | Se nsaħħu s-sehem tagħna fl-Unjoni Ewropea. | MEAIM |
| 157 | Se nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna mal-Istati Uniti, ir-Russja, iċ-Ċina u l-Istati tal-Golf. | MFA |
| 158 | Se naħdmu sabiex tissaħħaħ il-paċi u s-sigurtà fil-Mediterran u sabiex tinstab soluzzjoni ġusta u dejjiema għall-paċi fil-Lvant Nofsani. | MFA |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| 159 | Se nipparteċipaw attivament f'organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali. Il-miri tal-Iżvilupp tal-Millenju se jibqgħu prijorità. | MFA |
| 160 | Attenzjoni speċjali qiegħda u se tibqa' tingħata lill-isfidi kkawżati mill-influss kontinwu ta' immigranti irregolari lejn xtutna. | MFA |
| 161 | Se nħarsu l-interessi ta' pajjiżna kullimkien u b'kull mezz. | MFA/MEAIM |
| 162 | Il-komunità Maltija li tgħix barra se tinstema' waqt it-tfassil tal-politika tagħna. Irridu ninkoraġġixxu l-involviment tagħhom fl-isforzi tagħna għall-promozzjoni ta' Malta fl-oqsma kummerċjali u kulturali. | MFA |
| | **PRESIDENZA UNJONI EWROPEA U FONDI EWROPEJ** | |
| 163 | Bdejna niddedikaw il-fondi għat-taħriġ. | MEAIM |
| 164 | Se jingħataw prijorità, ukoll, 'l-oqsma tal-edukazzjoni, riċerka, innovazzjoni, l-enerġija, il-ħolqien tax-xogħol, u l-aċċess għall-finanzi mill-Intrapriżi Żgħar u Medji. | MEAIM |
| | **SIGURTÀ NAZZJONALI** | |
| 165 | Għas-sena d-dieħla, qegħdin nipproponu n-nefqa ta' kważi 139 miljun ewro sabiex inħarsu s-sigurtà tal-poplu tagħna. | MHAS |
| 166 | Se ninvestu wkoll, fost oħrajn, f'microwave link ġdida għaċ-ċentru tal-operazzjonijiet fil-bażi marittima | MHAS |
| 167 | Għas-sena li ġejja se jinbeda programm ta' investiment f'vetturi ta' emerġenza. | MHAS |
| 168 | Se nħarsu, ukoll, lejn il-bżonn u l-firxa tal-istazzjonijiet għat-tifi tan-nar. Hu ppjanat li l-Kwartieri tad-Dipartiment jiġu trasferiti għall-Mosta. | MHAS |
| 169 | Matul is-sena li ġejja mistenni li tibda tinħareġ il-Karta tal-Identità l-ġdida. Ma' dan il-proċess se naħdmu biex ngħaqqdu dak biex in-nies jirreġistraw għal e-ID. | MHAS |
| | **GVERN LOKALI** | |
| 170 | Riforma tal-Gwardjani Lokali | MJCL |
| 171 | Il-Gvern se jgħin lill-Kunsilli Lokali sabiex ixandru l-laqgħat tagħhom fuq l-internet. | MJCL |
| 172 | Il-Gvern irid jikkonsulta qabel jiddeċiedi permezz ta' White Paper. L-għan tagħna hu li l-Gwardjani Lokali ma jkunux hemm sempliċiment biex jiġbru l-flus mill-multi iżda jkollhom rwol edukattiv. | MJCL |
| | **DJALOGU SOĊJALI** | |
| 173 | Il-Gvern se jkompli jagħmel dak kollu possibbli sabiex jiffaċilita u jgħin id-djalogu soċjali; fl-MCESD u f'fora oħra. | MSDC |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-UGWALJANZA** | |
| 174 | Hemm il-ħsieb li l-iskop tal-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza jitwessa' biex din issir Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza. | MSDC |
| | **NGOS U VOLONTARJAT** | |
| 175 | Mis-sena d-dieħla l-MEUSAC se jissaħħaħ sabiex ikun jista' jgħin lill-NGOs japplikaw għall-fondi Ewropej. | MSDC |
| 176 | Matul l-2014 se jitwaqqaf Kunsill għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. | MSDC |
| 177 | Se tissaħħaħ skema ta' għajnuna lil żgħażagħ li jagħżlu li jmorru jaħdmu barra minn Malta għal sena fuq bażi volontarja. | MSDC |
| 178 | Se tissaħħaħ l-Awtorità għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. | MSDC |
| 179 | Se jitwaqqaf Ċentru Nazzjonali għall-Affarijiet tax-Xjenza u Kwalità li għandu jiġbor flimkien laboratorji tal-Gvern kollha barra wħud li qegħdin jiġu identifikati. | MSDC |
| | **CHARTER TAD-DRITTIJIET TAL-ĦADDIEMA** | |
| 180 | Hemm il-ħsieb, li bl-għajnuna tal-Unjins u min iħaddem, jibda jitħejja ċ-Charter tad-Drittijiet tal-Ħaddiema. | MSDC |
| | **TISĦIĦ TAL-QASAM KOPERATTIV** | |
| 181 | Għandha ssir reviżjoni tar-regolamenti li jiggvernaw il-Fond Ċentrali tal-Koperattivi. Dan sabiex dan il-Fond ikun aġġornat mal-iżviluppi li qed iseħħu f'dan is-settur | MEIB |
| 182 | Il-Gvern se jkun qed jeżamina t-tibdiliet meħtieġa fil-liġi sabiex iniżżel l-ammont minimu ta' membri li jistgħu jiffurmaw koperattiva, minn ħamsa għal tlieta. Dan għandu jgħin fit-twaqqif ta' koperattivi ġodda. | MEIB |
| 183 | Il-Gvern huwa kommess li jtejjeb il-liġi tal-koperattivi. Il-liġi l-ġdida għandha tesplora l-kunċett ta' intrapriżi soċjali li jħarsu l-interessi ta' nies żvantaġġati. Għal dan il-għan se ssir konsultazzjoni. | MEIB |
| | **GVERN LI JISMA'** | |
| 184 | Se nagħtu l-opportunità biex min hu interessat, ikun jista' jsemma' leħnu fuq white papers, abbozzi ta' liġijiet u dokumenti oħra. Se nagħmlu użu minn proposti kostruttivi u siewja u li jgħinu biex il-proposti tal-Gvern jitjiebu. | MSDC |
| 185 | Dan se jsir permezz ta' sistema online li permezz tiegħu l-kunċett ta' Open Government se jinħass b'mod effettiv. | MSDC |
| | **IL-KONVENZJONI KOSTITUZZJONALI** | |
| 186 | Se ssir Konvenzjoni Kostituzzjonali illi fiha kulħadd se jkollu d-dritt isemma' leħnu dwar kif il-Kostituzzjoni ta' pajjiżna tista' tiġi aġġornata u msaħħa. | MJCL |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **Ħlas lill-Membri Parlamentari** | |
| 187 | Mis-sena d-dieħla, l-Onorarja tal-Membri Parlamentari tibda titħallas pro-rata skont l-attendenza. | OPM |
| | **IL-QASAM TAS-SAĦĦA** | |
| 188 | Għas-sena li ġejja, qegħdin nipproponu li nonfqu kważi 444 miljun ewro fuq il-qasam tas-saħħa, żieda ta' kważi 38 miljun ewro jew 9.3% fuq l-aħħar baġit. | MEH |
| 189 | Pubblikazzjoni ta' rapport dwar is-sitwazzjoni ta' Mater Dei waqt konferenza miftuħa ghall-istakeholders | MEH |
| 190 | Ħidma sabiex insolvu l-problema ta' sodod okkupati fl-isptar minn pazjenti li ħaqqhom kura residenzjali. | MEH |
| 191 | Qegħdin naħsbu sabiex sal-2015, jinbnew żewġ swali akuti ġodda li jesgħu 68 pazjent. | MEH |
| 192 | Inħaffu l-proċess tal-appuntamenti fl-isptar | MEH |
| 193 | Nissimplifikaw il-proċeduri biex nagħmlu l-Isptar Mater Dei aktar aċċessibbli u patient-friendly. | MEH |
| 194 | Hu ppjanat li d-Dipartiment tad-Dermatoloġija fl-Isptar Boffa jiġi rilokat għall-Isptar Mater Dei. | MEH |
| | **ĦLAS TAL-PASSAĠĠ GĦAŻ-ŻEWĠ ĠENITURI** | |
| 195 | L-arranġamenti bilaterali ma' diversi pajjiżi, fosthom l-Italja u l-Iżrael, se jikbru biex b'hekk inkabbru t-trattament offrut barra minn xtutna. | MEH |
| 196 | Se nibdew inħallsu l-passaġġ tal-ajru tat-tieni ġenitur li jakkumpanja l-wild. | MEH |
| | **STRATEĠIJA DWAR IS-SAĦĦA** | |
| 197 | L-istrateġiji nazzjonali dwar l-obeżità u tas-saħħa sesswali se jissaħħu | MEH |
| 198 | Se nħejju pjan Nazzjonali dwar il-marda tad-dijabete. | MEH |
| 199 | Nirrevedu l-Food and Nutrition Policy fejn fost l-oħrajn se tiġi ppubblikata White Paper dwar regolazzjoni u bejgħ ta' prodotti ta' Food Supplements. | MEH |
| | **ĊENTRI TAS-SAĦĦA U BEREĠ** | |
| 200 | Iċ-ċentri tas-saħħa kollha jkunu attrezzati tajjeb biex il-kura primarja tissaħħaħ u l-poplu jgawdi mill-valur miżjud. | MEH |
| 201 | Se jkun hemm ukoll il-kliniċi ta' prevenzjoni u ta' promozzjoni tas-saħħa u lifestyle clinics, l-outreach clinics ta' kura speċjalizzata, kif ukoll is-servizz ta' anti-coagulant clinics. | MEH |
| 202 | Qegħdin naħsbu sabiex il-bereġ ikunu devoluti lill-Kunsilli Lokali kollha ħalli nimmassimizzaw is-servizz. | MEH |
| 203 | L-immodernizzar taċ-ċentri tas-saħħa eżistenti | MEH |
| 204 | Ċentri oħra se jiżdidilhom il-ħin tal-ftuħ. Se nibdew b'dak ta' Birkirkara. | MEH |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| 205 | Iċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat Għawdex se jiġi rilokat f'post aħjar, filwaqt li dak preżenti jinfetaħ bħala berġa. | MEH |
| 206 | Nikkonsolidaw is-servizzi tal-iscreening tal-musrana l-kbira u nestendu gradwalment is-servizz tal-iscreening tas-sider u tal-għonq tal-utru. | MEH |
| | **IL-PILLOLI OUT-OF-STOCK** | |
| 207 | Irridu nagħmlu bidliet akbar biex inżommu s-sistema ta' mediċini b'xejn, sostenibbli. | MEH |
| 208 | Nikkunsidraw is-sehem tal-privat li nemmnu jista' jikkontribwixxi fis-sistema ta' mediċini | MEH |
| 209 | Se nippubblikaw White Paper dwar il-mod kif jitmexxa l-qasam tal-mediċini u dwar it-tħaddim tal-POYC. | MEH |
| | **IN-VITRO FERTILISATION (IVF)** | |
| 210 | Se ndaħħlu s-servizz tal-fertilità li jwassal għall-In-Vitro Fertilisation (IVF) fl-Isptar Mater Dei. | MEH |
| | **OBEŻITÀ U ANOREXIA** | |
| 211 | Il-ftuħ ta' Dar Kenn Għal Saħħtek li hu ċentru speċjalizzat għall-kura speċjalizzata ta' kundizzjonijiet marbuta ma' rquqija jew ħxuna żejda. | MEH |
| 212 | Preparamenti meħtieġa biex jibda jopera l-isptar tal-Onkoloġija. | MEH |
| | **SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX** | |
| 213 | Nirriformaw l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex mhux l-anqas billi nlestu l-proġetti tal-kurituri u s-soqfa tagħhom, l-upgrade tas-swali u l-outpatients, il-ftuħ ta' kċina ġdida u l-manutenzjoni tas-sistema elettrika. | MEH |
| | **SERVIZZ TAL-KIMOTERAPIJA F'GĦAWDEX** | |
| 214 | Din is-sena se nintroduċu s-servizz tal-kimoterapija f'Għawdex | MEH |
| 215 | Se niftħu Day Care Ward | MEH |
| 216 | Se nintroduċu servizzi ġodda bħal Pain Clinic, ir-Rheumatology u dak tal-Urology | MEH |
| 217 | Bil-ftuħ ta' sala ta' tmien sodod għall-operazzjonijiet tal-Ortopedija se ntaffu mil-listi tal-istennija. | MEH |
| 218 | Se nsaħħu wkoll l-kunċett ta' shared posts f'livell ta' konsulenti biex b'hekk inwessgħu u nressqu s-servizzi li jingħataw fiż-żewġ gżejjer lejn xulxin. | MEH |
| | **KURA TAS-SAĦĦA MENTALI** | |
| 219 | Tħejja pjan li se jkun għal titjib fil-kura kemm fl-Isptar Monte Carmeli, id-diversi ċentri oħra u fuq kollox il-Young People's Unit (YPU). Se nżidu s-servizzi għall-kura mentali fil-komunità. | MEH |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **MULTIPLE SCLEROSIS, ADHD U ME** | |
| 220 | Qegħdin nerġgħu nivvutaw baġit għall-mediċini ġodda għal kundizzjonijiet bħal Multiple Sċlerosis (MS), Attention Deficit Hyperactive Disorder (ADHD) fit-tfal filwaqt li se titwessa' l-għażla tal-mediċini. | MEH |
| | **IFFRIŻAR TAD-DEMM** | |
| 221 | Se ninvestu f'apparat tal-iffriżar tad-demm li jippermetti, fost l-oħrajn, li persuna sserraħ moħħha li dejjem hemm tip ta' demm tagħha maħżun. | MEH |
| | **INVESTIMENT F'BENEFIĊĊJI U SERVIZZI LI JRENDU** | |
| 222 | Qegħdin nipproponu nefqa ta' aktar minn 970.7 miljun ewro għas-sostenn tas-servizzi soċjali, il-pensjonijiet, firxa wiesgħa ta' servizzi oħra, u għad-djar soċjali. Dan l-ammont li jinkludi l-iState Grant ifisser żieda ta' 53.4 miljun ewro jew 5.8% fuq l-aħħar baġit. | MFSS |
| | **PENSJONIJIET** | |
| 223 | Se nibqgħu nagħtu l-pensjoni sħiħa lil dawk l-anzjani li jagħżlu li jkomplu jaħdmu wara l-età tal-irtirar. | MFSS |
| 224 | Irridu nibdew proċess sabiex fuq medda ta' snin u b'mod gradwali nagħmlu l-Pensjoni Minima Nazzjonali ekwivalenti għal 60% tad-dħul nazzjonali medju. | MFSS |
| | **THIRD PILLAR PENSIONS** | |
| 225 | Se jiddaħħal qafas regolatorju għall-pensjonijiet privati (third pillar) li se jkun akkumpanjat minn inċentivi fiskali effettivi | MFIN |
| 226 | Il-Gvern biħsiebu jdaħħal dawn l-inċentivi fiskali wara li nikkonsultaw ma' dawk kollha interessati f'dan il-qasam. Huwa stmat illi fl-ewwel sena mid-dħul tagħhom dawn l-inċentivi se jiswew madwar miljun u nofs ewro. | MFIN |
| | **BOLOL NIEQSA** | |
| 227 | Ninsabu fil-fażi li nistudjaw mod ta' kif dawn il-bolol nieqsa jkunu jistgħu jitħallsu flimkien ma' ħlas addizzjonali. | MFSS |
| 228 | Irrid nagħmilha ċara li qed naraw li programm simili jkun miftuħ għal każijiet ġenwini u ppruvati, u li ma ssir l-ebda inġustizzja ma' min dejjem kien regolari fil-ħlasijiet. | MFSS |
| | **PENSJONI SĦIĦA GĦAR-ROMOL LI JAĦDMU** | |
| 229 | Mis-sena d-dieħla, ir-romol se jibqgħu jibbenifikaw mill-pensjoni sħiħa tar-romol għaliex se nneħħu r-rabta li hemm bejn din il-pensjoni l-qligħ mix-xogħol u l-età tal-ulied. Qegħdin nivvotaw is-somma ta' 2.2 miljun ewro għal dan il-għan. | MFSS |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **PENSJONANTI TAS-SERVIZZ** | |
| 230 | Se nkomplu nwettqu l-miżura, li biha l-pensjonanti tas-servizz ikomplu jibbenifikaw minn titjib fil-pensjoni taż-żewġ terzi b'mod gradwali. Bħalissa, l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li ma titteħidx għall-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali huwa ta' 1,266 ewro. Mill-2014, dan se jiżdied b'200 ewro għal 1,466 ewro. Minn din il-miżura, stmata li tiswa 1.5 miljun ewro, se jibbenifikaw madwar 5,500 pensjonant. | MFSS |
| | **ANOMALIJI FIL-PENSJONIJIET** | |
| 231 | Se nibdew nistudjaw, ukoll, alternattivi kif nistgħu nikkoreġu l-anomaliji li nħolqu fil-pensjoni tas-servizz li jolqtu lil numru ta' ħaddiema tal-Gvern li kienu impjegati qabel l-1979 u dawk tal-Korpi waqt li se nindirizzaw anomaliji oħrajn fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali fosthom tal-eksħaddiema tat-Tarzna. | MFSS |
| | **POLITIKA DWAR IT-TFAL** | |
| 232 | Sabiex nagħtu l-aħjar mezzi possibbli biex it-tfal jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom u nnaqqsu l-fatturi li jxekklu l-iżvilupp tagħhom u li jpoġġuhom fir-riskju tal-faqar. | MFSS |
| | **INŻOMMU LIL-AĦWA FLIMKIEN** | |
| 233 | S'issa aħwa li ma jkunux jistgħu jibqgħu jgħixu mal-familja naturali tagħhom, qegħdin jinfirdu meta jingħataw għajnuna u kenn mill-isitutuzzjonijiet li għandna. Mis-sena d-dieħla se nibdew proġett li permezz tiegħu se nibdew nassiguraw li f'interventi bħal dawn l-aħwa ma jinfirdux minn xulxin. Qegħdin nivvotaw 125,000 ewro għal dan il-għan. | MFSS |
| | **HOUSING SOĊJALI** | |
| 234 | L-Awtorità tad-Djar se tidħol f'Public Private Partnership sabiex tibni aktar appartamenti għal persuni b'mezzi limitati. | MFSS |
| 235 | L-Awtorità se toħroġ għall-bejgħ numru ta' appartamenti, shell jew inkella semi-finished, bi prezz issussidjat. | MFSS |
| 236 | L-Awtorità qiegħda tagħmel eżerċizzju għar-reviżjoni tal-kirjiet soċjali skont kriterji ċari u indiċi dwar il-kirjiet li l-Awtorità se tistabbilixxi għall-familji u individwi. | MFSS |
| 237 | Il-Gvern qiegħed jalloka wkoll 650,000 ewro lill-Awtorità tad-Djar sabiex twettaq xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fi blokki f'estates ta' djar qodma tal-Gvern fosthom dawk ta' San Pawl il-Baħar u Raħal Ġdid. | MFSS |
| | **ANZJANITÀ ATTIVA** | |
| 238 | F'dan il-baġit, qegħdin nallokaw is-somma ta' aktar minn 67 miljun ewro għall-kura tal-anzjani u l-kura fil-komunità. Din hija żieda ta' fuq din is-sena. | MFSS |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **DAY CENTRES FIL-BIRGU U ĦAL BALZAN** | |
| 239 | Il-Gvern se jkompli jinkoraġġixxi lill-anzjani sabiex jibqgħu jgħixu u jkunu attivi fil-komunità tagħhom. Għal dan il-għan, qegħdin nallokaw il-fondi neċessarji sabiex jiġi estiż is-servizz tal-Home Help u sabiex jinfetħu żewġ day centres fil-Birgu u f'Ħal Balzan. Qegħdin naħdmu sabiex naġġornaw is-servizz tat-telecare permezz tal-użu tal-aħħar teknoloġija. | MFSS |
| | **EŻENZJONI FUQ BOLLA TA' LIVE-IN CARERS** | |
| 240 | Ġie deċiż li nagħtu eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà nazzjonali kemm lill-anzjani kif ukoll lill-persuni b'diżabbiltà li jimpjegaw live-in carer bħala għajnuna sabiex huma jibqgħu jgħixu fi djarhom. Għal dan il-għan, qegħdin nivvotaw 210,000 ewro. | MFSS |
| | **DJAR TAL-ANZJANI** | |
| 241 | Is-sena d-dieħla, se jsir xogħol ta' tisbiħ fuq wards 4 u 5, St Francis, fir-residenza San Vinċenz de Paul. Qegħdin nallokaw is-somma ta' 400,000 ewro għal dan il-għan. | MFSS |
| | **IMMODERNIZZAR TAS-SERVIZZ TAT-TELECARE** | |
| 242 | Biħsiebna ntejbu drastikament permezz ta' teknoloġija ġdida s-servizz tat-Telecare biex jiġi aġġornat għaż-żmien tal-lum. Dan se nagħmluh permezz ta' sħubija mal-privat. | MFSS |
| | **TISĦIĦ TAS-SERVIZZI MOGĦTIJA MILL-GĦAQDIET VOLONTARJI U NON-GOVERNATTIVI FIL-QASAM SOĊJALI** | |
| 243 | Fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru se tinħareġ Green Paper dwar din l-istrateġija għall-konsultazzjoni. Wara dan, fi Frar 2014, se tiġi adottata l-Istrateġija Nazzjonali kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali bħala l-politika tal-Gvern. | MFSS |
| | **PERSUNI B'DIŻABILITÀ** | |
| | **GUARDIANSHIP LIL PERSUNI B'DIŻABBILTÀ** | |
| 244 | Is-sena d-dieħla, se ninvestu sabiex nagħtu servizz ta' guardianship lill-persuni b'diżabbiltà intellettwali. Dan huwa servizz li jgħin biex jitnaqqsu l-possibbiltà ta' abbużi fuq dawn il-persuni. | MFSS |
| | **200 POST AKTAR FID-DAY CENTRES** | |
| 245 | Se nżidu n-numru ta' postijiet fid-day centres b'200 għal 600. Għal dan qegħdin nivvotaw is-somma ta' 900,000 ewro. Irridu noħolqu aktar postijiet biex persuni b'diżabbiltà jieħdu sehem f'attivitajiet u jagħtu kontribut. | MFSS |

| NU. | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU RESPONSABBLI |
|---|---|---|
| | **TITJIB FIR-RESIDENZI TAL-APPOĠĠ** | |
| 246 | Se nagħtu wkoll allokazzjoni ta' 400,000 ewro lill-Aġenzija Sapport sabiex din ittejjeb il-kundizzjonijiet fir-residenzi għall-persuni b'diżabbiltà li tmexxi fil-Fgura, Ħal Kirkop, l-Imtarfa, Marsaskala u Bormla. | MFSS |
| | **SERVIZZI RESIDENZJALI** | |
| 247 | Se niffaċilitaw l-espansjoni tas-servizzi residenzjali li tagħti l-Aġenzija Appoġġ billi nallokawlha 400,000 ewro oħra għal dan il-għan. | MFSS |
| | **ŻIEDA FL-ALLOWANCE TA' TFAL B'DIŻABBILTÀ** | |
| 248 | Bħalissa l-allowance li jingħataw it-tfal b'diżabbiltà hija ta' 16.31 ewro fil-ġimgħa. Din l-allowance li minnha jibbenifikaw 815-il persuna se nżiduha għal 20 ewro fil-ġimgħa. Dan huwa sinjal konkret lil dawn il-familji li wliedhom huma prijorità għal dan il-Gvern. | MFSS |
| | **TNEĦĦIJA TAT-TAXXA TAT-TRASFERIMENT TAL-PROPRJETÀ LIL PERSUNI B'DIŻABBILTÀ** | |
| 249 | It-taxxa tat-trasferiment causa mortis se titneħħa kompletament għal kull proprjetà li titħalla lill-persuni b'diżabbiltà f'każijiet bona fide | MFIN |
| | **GĦAWDEX: ŻVILUPP EKONOMIKU U XOGĦOL** | |
| 250 | Fil-futur qrib, se niftħu fergħa tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika f'Għawdex. | MGOZ |
| 251 | Se jitwaqqaf Kunsill Reġjonali taż-Żgħażagħ Għawdxin li għandu jagħti leħen effettiv liż-żgħażagħ Għawdxin. | MGOZ |
| | **QORTI ĠDID F'GĦAWDEX** | |
| 252 | Ix-xogħol fuq il-proġett tal-bini ta' Qorti ġdid f'Għawdex, li se jiswa madwar 12-il miljun ewro, se jibda. Dan għandu jwassal biex jittaffew il-problemi ta' spazju u aċċessibbiltà fil-Qorti preżenti. | MGOZ |
| | **DAR RESIDENZJALI GĦALL-ANZJANI** | |
| 253 | Biex tkompli titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-anzjani, dħalna f'kuntratt mal-Kurja ta' Għawdex biex tinbena Dar Residenzjali għall-Anzjani flok Dar San Ġużepp li għandha takkomoda 140 persuna. Dan il-proġett se jiswa 1.1 miljun ewro. | MGOZ |

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 24 | Se jinbeda proġett pilota fil-Belt Valletta biex il-Gvern ikun jaf b'ċertezza x'inhuma l-proprjetajiet tiegħu Kapitali. | Qabel il-ġbir tal-informazzjoni beda proċess għat-tibdil tas-sistema tal-IT. | Jinbeda l-proċess tal-ġbir tal-informazzjoni. Jinbeda wkoll proġett pilota prattiku dwar Strada Stretta u ħruġ ta' espressjoni ta' interess għall-użu u d-disinn. | | Jingħalaq Proġett Strada Stretta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 34 | Il-ħatra ta' Kummissarju kontra l-Burokrazija qed turi kemm kien hemm bżonn dan l-uffiċċju li kuljum jiffaċċja każijiet u jaqbeż għaċ-ċittadini fejn il-proċeduri jkunu żejda u bla ebda raġuni ċara. | Ara miżura 35 | Ara miżura 35 | Ara miżura 35 | Ara miżura 35 | |
| 35 | Se nkomplu għaddejjin b'din l-attitudni li nnaqqsu l-burokrazija u li nkunu fuq in-naħa taċ-ċittadini li nħeġġuhom jagħmlu użu minn dan l-uffiċċju | Inbeda proċess ta' identifikazzjoni ta' liġijiet li setgħu jiġu repealed kif ukoll ħafna tnaqqis ta' burokrazija fid-diversi Ministeri ppilotati mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. | Jibda proġett pilota fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fi ħdan l-Amministrazzjoni Pubblika biex ikun hemm delega ta' awtorità lill-entitajiet fejn jidħlu impjiegi. | Inbeda proċess ta' konsultazzjoni ma' stakeholders prinċipali. Saru laqgħat ma' 'l fuq minn sittin għaqda jew aġenzija. Saru konferenzi 'Effiċjenza fil-ħidma tal-Gvern' bis-sehem ta' diversi Ministri u Segretarji Parlamentari. L-għan kien biex nispjegaw l-għodda li beda jaħdem biha dan l-Uffiċċju u diskussjoni dwar il-proposti ta' simplifikazzjoni. Sar case study fuq il-freephone 153 fejn iċ-ċittadini jkunu jistgħu jċemplu u jgħaddu l-ilmenti tagħhom. | Inġabru numru ta' proposti ta' simplifikazzjoni u bdejna niddiskutu l-implimentazzjoni tagħhom mad-Dipartimenti konċernati.<br><br>Qiegħed jitħejja pjan biex nimplimentaw il-one in, one out u sunset clause.<br><br>Sar titjib tas-sit elettroniku tal-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u Tnaqqis tal-Burokrazija. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Saret wegħda li kull ittra elettronika mibgħuta mill-pubbliku tingħata tweġiba fi żmien 24 siegħa. | Tħejjijiet biex il-proġett pilota jiġi estiż għall-Ministeri wkoll. Tħejjijiet oħra mill-Uffiċċju tal-PPS fuq miżuri ta' tnaqqis ta' burokrazija fid-Dipartimenti għall-2015. | |
| 38 | Se jinħoloq Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp fejn pajjiżna jista' jerġa' jibda jfaddal il-flus. Dan il-fond irriduh jintuża għall-proġetti soċjali bħal dawk ta' housing, edukazzjoni u programmi biex iż-żgħażagħ tagħna jilħqu l-aqwa aspirazzjonijiet tagħhom. | | | Tħejjijiet biex jinħoloq il-Fond. | Approvazzjoni tal-memorandum fil-Kabinett u jibdew it-tħejjijiet biex jitwaqqaf. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 81 | Għaddejjin l-arranġamenti meħtieġa sabiex jinfirdu d-direttorati tal-ippjanar u dak tal-ambjent fil-MEPA. Bit-twaqqif ta' Aġenzija dwar l-Ambjent u r-Riżorsi se niggarantixxu li l-Ambjent ikollu focus speċifiku bl-importanza meħtieġa. L-ambjent se jkun fiċ-ċentru ta' kull inizjattiva u deċiżjoni li tittieħed. | Diskussjonijiet dwar il-Liġi. | Tkomplew diskussjonijiet dwar il-Liġi. | Inġabret l-informazzjoni kollha b'rabta mad-demerger inkluż l-Accounts, IT, Riżorsi Umani, eċċ. | Konklużjoni tal-Liġi u preparamenti għall-implimentazzjoni. Approvata mill-Kabinett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 152 | 1.6 miljun ewro sabiex niċċelebraw b'mod dinjituż u xieraq l-anniversarji tal-Indipendenza, tat-twaqqif tar-Repubblika, Jum il-Ħelsien u s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. | FCN ġie mwaqqaf fl-aħħar tas-sena l-oħra u tnieda fil-bidu tal-2014. Tħejjijiet Festi 31 ta' Marzu. | Tħejjijiet Festi tal-10 snin mid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. | Tħejjijiet Festi tal-50 sena Malta Indipendenti. | Tħejjijiet Festi tal-40 sena Malta Repubblika. | Implimentata. |
| 187 | Mis-sena d-dieħla, l-Onorarja tal-Membri Parlamentari tibda' titħallas pro-rata skont l-attendenza. | | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. (Għaddejja diskussjoni fil-House Business Committee b'rapprezentanti miż-żewġ naħat tal-Kamra). |

# MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U TWETTIQ TAL-MANIFEST ELETTORALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 156 | Se nsaħħu s-sehem tagħna fl-Unjoni Ewropea | | | | | |
| | Insaħħu r-riżorsi umani fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta lill-UE | Inħarġu sejħiet għall-pożizzjonijiet ta' Technical Attache u Research Analyst. | Il-proċess tal- għażla ġie ffinalizzat u r-riżultati ġew ippubblikati. | | | Implimentata. |
| | Implimentazzjoni tar-akkomandazzjonijiet tal-operation review li saret lill-EU Secretariat | Operations Review fil-proċess. | Operations Review iffinalizzat. | Ġew implimentati diversi rakkomandazzjonijiet. | Qed jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet oħra. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| | Sapport lill-EU Directorates fil-Ministeri | Identifikat l-appoġġ meħtieġ mid-direttorati pertinenti biex iwettqu aħjar il-mandat tagħhom. Bid-Diretturi responsabbli għall-Affarijiet tal-UE fil-post fi kważi l-Ministeri kollha, inbdew diskussjonijiet mas-Segretarji Permanenti biex kumplessitajiet relatati mal-UE f'kull Ministeru jiġu identifikati bil-ħsieb li, fejn meħtieġ, jiġu rrakkomandati riżorsi addizzjonali. Nesploraw opportunitajiet ta' taħriġ dwar l-UE minn fondi Ewropej. | Ġew identifikati u allokati fondi għal taħriġ ta' persuni fid-Direttorati relevanti li jitrattaw ma' kwistjonijiet tal-UE. Numru ta' uffiċjali ġew approvati biex jagħmlu dan it-taħriġ. | Ċirkulari dwar opportunitajiet ta' taħriġ fil-Franċiż ġiet ippubblikata. Barra minn hekk, inbeda proċess sabiex tingħata opportunità għall-uffiċjali Maltin biex jaħdmu ma' amministrazzjonijiet u rappreżentanti ta' Stati Membri oħra. | Applikazzjonijiet għat-taħriġ dwar l-UE għadhom miftuħa filwaqt li applikazzjonijiet għal taħriġ fil-Franċiż għall-2014 ġew konklużi. | Implimentata. |
| 161 | Se nħarsu l-interessi ta' pajjiżna kullimkien u b'kull mezz | . | | | | |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Niżguraw livell għoli ta' traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE | Traspożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE jiġu sorveljati kull xahar. L-appoġġ neċessarju huwa pprovdut lil kull Ministeru kif meħtieġ. | Traspożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE jiġu sorveljati kull xahar. L-appoġġ neċessarju huwa pprovdut lil kull Ministeru kif meħtieġ. | It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku maħruġa f'Lulju 2014 tindika li t-traspożizzjoni Maltija hija waħda mill-aktar għolja fl-UE. Fuq medja, Malta tieħu 3.6 xhur żejda biex tittrasponi d-direttivi, nofs il-medja tal-UE (7.5 xhur). | Jitkompla l-monitoraġġ b'mod regolari biex tinżamm il-pożizzjoni favorevoli miksuba. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| | Numru ta' infrazzjonijiet ta' normi tal-UE m'għandux ikun ogħla mill-medja tal-aħħar tliet snin | Infrazzjonijiet pendenti huma sorveljati u l-Ministeri responsabbli huma pprovduti bl-appoġġ neċessarju biex dawn jingħalqu. Infrazzjonijiet pendenti fi tmiem Marzu 2014 jammontaw għal 27. Din il-figura hija konformi mal-mira ta' ksur medji matul l-aħħar tliet snin (27.6) | Infrazzjonijiet pendenti huma sorveljati u l-Ministeri responsabbli huma pprovduti bl-appoġġ neċessarju biex dawn jingħalqu. Infrazzjonijiet pendenti fi tmiem Ġunju 2014 jammontaw għal 27. Din il-figura hija konformi mal-mira ta' ksur medji matul l-aħħar tliet snin (27.6) | It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku maħruġa f'Lulju 2014 tindika li bi ħdax-il infrazzjoni pendenti relatati mal-leġiżlazzjoni tas-Suq Uniku, Malta hija l-Istat Membru bit-tieni l-inqas Infrazzjonijiet, il-medja tal-UE hi ta' 30 każ. | Monitoraġġ mill-qrib ta' infrazzjonijiet pendenti ser ikompli sabiex tintlaħaq il-mira ta' ksur stabbilita ta' 28. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 163 | Bdejna niddedikaw il-fondi tat-taħriġ. | | | | | |
| | Naħdmu mill-qrib mal-MEDE u MOF biex niżguraw li miżuri ta' taħriġ u ta' impjiegi li jużaw il-fondi ta' 2014-2020 jidħlu fis-seħħ. | Inbdew diskussjonijiet mal-ETC dwar id-disinn ta' skemi ġodda ta' għajnuna għall-impjiegi u skemi ta' għajnuna għat-taħriġ li għandu jiġi mniedi fit-tieni nofs tal-2014. | Komplew diskussjonijiet mal-ETC dwar id-disinn ta' skemi ġodda ta' għajnuna għall-impjiegi u skemi ta' għajnuna għat-taħriġ li għandu jiġi mniedi fit-tieni nofs tal-2014. | Ġew imfassla skemi ġodda ta' għajnuna. | L-iskemi ġew notifikati lill-UE. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nassiguraw li jinkiseb finanzjament tal-UE biex insaħħu l-kapaċità tar-riżorsi umani madwar Gvern b'antiċipazzjoni għal Presidenza tal-UE 2017. | L-Abbozz tal-Ftehim ta' Sħubija għall-Fondi tal-UE 2014-2020 fih kapitlu speċifiku għal dan l-iskop. Dan se jkun artikolat ukoll fil-Programmi Operattivi li bħalissa qed jitħejjew. | L-Abbozz tal-Ftehim ta' Sħubija għall-Fondi tal-UE 2014-2020 fih kapitlu speċifiku għal dan l-iskop. Dan se jkun artikolat wkoll fil-Programmi Operattivi li bħalissa qed jitħejjew. Il-Programmi Operattivi I u II (ERDF/ Cohesion u ESF) ġew sottomessi lill-Kummissjoni Ewropea. | Reazzjonijiet għall-abbozzi mibgħuta mistennija fi Q3. Prijorità għal interventi biex tissaħħaħ il-kapaċità umana tal-Amministrazzjoni Pubblika ser tinżamm matul in-negozjati. | Il-Ftehim ta' Sħubija għall-Fondi tal-UE 2014-2020 huwa previst li jkun finalizzat sa tmiem 2014 fejn l-allokazzjoni biex tiġi msaħħa l-kapaċità fir-riżorsi umani tal-Gvern tiġi stabbilita. | Implimentata. |
| 164 | Se jingħataw prijorità, ukoll, l-oqsma tal-edukazzjoni, riċerka, innovazzjoni, l-enerġija, il-ħolqien tax-xogħol, u l-aċċess għall-finanzi mill-Intrapriżi Żgħar u Medji | | | | | |
| | Jiġi pprovdut appoġġ lill-awtoritajiet li jagħtu State Aid biex ifasslu miżuri kompatibbli mal-acquis. | Inbdew diskussjonijiet mal-awtoritajiet li jagħtu għajnuna mill-Istat (speċjalment il-Ministeru tal-Finanzi, Kummissjoni tal-Films, Malta Enterprise u ETC) dwar id-disinn ta' skemi ġodda ta' għajnuna mill-Istat li jirriflettu l-Acquis il-ġdid f'dan il-qasam. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-awtoritajiet li jagħtu għajnuna mill-Istat dwar id-disinn ta' skemi ġodda ta' għajnuna mill-Istat li jirriflettu l-acquis il-ġdid f'dan il-qasam. Ingħata appoġġ regolari lil diversi Ministeri konċernati f'dan ir-rigward. | Ġew finalizzati numru ta' skemi ġodda ta' għajnuna mill-Istat. Uħud minn dawn l-iskemi ġew implimentati. | Għandha titkompla l-kollaborazzjoni mal-awtoritajiet konċernati dwar it-tnedija ta' skemi ġodda ta' għajnuna. | Implimentata. |

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 - 3 JANNAR-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 157 | Se nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna mal-Istati Uniti, ir-Russja, iċ-Ċina u l-Istati tal-Golf. | Bejn Jannar u Settembru 2014, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Dr George W. Vella u uffiċjali tal-Ministeru ħadu sehem f'diversi laqgħat tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin (FAC), li fih kienu diskussa materji varji.<br><br>Fost suġġetti li kienu diskussa f'dawn il-laqgħat hemm dawk konnessi mar-Russja, b'rabta mas-summit Unjoni Ewropea-Russja li sar lejn tmiem Jannar 2014.<br><br>Minkejja li l-isforzi biex jitkattru r-relazzjonijiet bilaterali u politiċi bejn Malta u r-Russja huma mtappna minħabba l-kriżi bejn ir-Russja u l-Ukrajna, hemm il-ħsieb ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi fil-qasam tas-saħħa, kuntatti kulturali u oqsma oħra.<br><br>Fl-aħħar xhur kien hemm tiġdid ta' interess politiku lejn iċ-Ċina, bħala sieħba fil-qasam ekonomiku u dak tal-investiment. Matul iż-żjara tal-Prim Ministru Dr Joseph Muscat f'Dailan, f'Settembru 2013, ingħata bidu għal MoU bejn il-Ministeru għall-Enerġija u Konservazzjoni tal-Ilma u ċ-China Power Investment Corporation, dwar koperazzjoni fis-settur tal-enerġija. Il-Memorandum of Understanding kien iffirmat uffiċjalment f'Malta fil-11 ta' Marzu 2014 u permezz tiegħu x-Shanghai Electric se tinvesti €320 miljun fil-Korporazzjoni Enemalta u b'hekk ikollha 33% tal-ishma tagħha.<br><br>Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin kien involut ukoll fl-isforzi biex jintlaħaq ftehim rivedut dwar servizzi tal-ajru maċ-Ċina u wkoll biex jintlaħaq ftehim dwar servizzi tal-ajru mal-Gvern tal-Ispecial Administrative Region ta' Hong Kong. | | L-implimentazzjoni ta' din il-mizura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 - 3<br>JANNAR-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| | F'Mejju 2014 l-Eċċellenza Tiegħu Wang Chao, Deputat Ministru għall-Affarijiet Barranin taċ-Ċina, kellu laqgħa mal-Ministru George W. Vella li ffukaw primarjament dwar ir-relazzjonijiet tradizzjonali eċċellenti bejn iż-żewġ pajjiżi u li ngħataw spinta fix-xhur li għaddew, bi żjarat reċiproki ta' livell għoli bejn iż-żewġ pajjiżi. Iż-żewġ ministri taw ħarsa lejn l-iżviluppi riċenti fir-relazzjonijiet bilaterli u affermaw li l-koperazzjoni f'materji ta' interess komuni għandhom ikomplu jissaħħu. Il-Ministru Vella rrefera għall-progress li dejjem qed jiżdied fil-koperazzjoni bilaterali f'diversi oqsma, fosthom l-edukazzjoni  u l-enerġija. Huwa rrefera wkoll għall-bżonn urġenti li tkun riattivata l-Joint Economic Commission li l-aħħar li ltaqgħet kien fl-2009.<br><br>Il-Ministru Vella enfasizza dwar l-importanza ta' din il-Kummissjoni biex ikomplu jissaħħu r-relazzjonijiet fl-oqsma tal-ekonomija u l-investiment bejn iż-żewġ pajjiżi. L-ET Whang Chao kellu kliem ta' tifħir għal din l-opportunita' tiegħu li jżur Malta u nnota l-intenzjoni tal-Gvern Ċiniż li jkompli jibni fuq ir-relazzjonijiet bilaterali eżistenti bi proġetti li jkunu ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat. Huwa wera apprezzament partikolari għar-rwol ta' Malta biex tiżgura li r-relazzjonijiet bejn Malta u ċ-Ċina jkomplu jintensifikaw b'pass sod. Iż-żewġ ministri ddiskutew ukoll is-sitwazzjonijiet fl-Afrika ta' Fuq, is-Sirja u l-Ukrajna. Iż-żewġ naħat qablu li sitwazzjoniet ta' tensjoni bħal dawn għandhom jissolvew b'mezzi politiċi u diplomatiċi.<br><br>Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin għen permezz ta' sapport fil-preparazzjonijiet loġistiċi għaż-żjara tal-Prim Ministru Dr Joseph Muscat fiċ-Ċina f'Lulju 2014, fejn iltaqa' mal-Prim Ministru tal-Kunsill tal-Istat taċ-Ċina, l-ET Li Keqiang. Iż-żewġ naħat iffirmaw Memorandum of Understanding dwar Pjan ta' Koperazzjoni medium-term. Il-Prim Ministru Keqiang innota li l-gvernijiet rispettivi kienu laħqu ftehim dwar it-twaqqif ta' Konsulat Ġenerali f'Shanghai. | | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1 - 3** JANNAR-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| | Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin kompla bix-xogħol tiegħu biex jitjiebu r-relazzjonijiet bilaterali bejn Malta u l-Istati Uniti tal-Amerika. Fost suġġetti ta' interess partikolari għal Malta li kienu diskussa hemm is-sigurtà fil-Mediterran u l-Lvant Nofsani, u suġġetti oħra ta' natura globali fosthom dawk relatati mal-ambjent.<br><br>L-Istati Uniti qed tkompli tgħin lil pajjiżna biex refuġjati jinstabilhom pajjiż alternattiv fejn jibdew ħajja ġdida. Kien hemm ukoll negozjati mal-awtoritajiet rilevanti kemm Maltin u wkoll Amerikani f'diskussjoni dwar il-loġistika biex jinfetaħ l-"International Institute for Justice and the Rule of Law", li kien inawgurat fit-18 ta' Ġunju 2014.<br><br>F' Settembru l-iSpeaker tal-Parlament Malti żar Washington fejn kellu diversi laqgħat ma' membri tal-Kungress Amerikan. Dawn id-diskussjonijiet kienu dwar is-sitwazzjoni globali partikolarment, is-sehem ta Malta fil-kriżi tal-Libja, it-theddida ta' ISIS u t-terroriżmu.<br><br>Lejn tmiem Mejju, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Dr George W. Vella, mar il-Bahrain, l-Emirati Għarab Magħquda (UAE), l-Oman u l-Qatar. F'din iż-żjara ta' ħidma kellu l-opportunità li jiddiskuti numru ta' materji bilaterali kif ukoll ir-relazzjonijiet Unjoni Ewropea-Gulf Co-operation Council (GCC), flimkien ma' suġġetti oħra li huma ta' interess bejn dawn il-pajjiżi u Malta. Kien iffirmat Memorandum of Understanding għall-konsultazzjoni politika bejn Malta u l-UAE u wkoll Memorandum of Understanding għall-konsultazzjonijiet bilaterali u ftehim mal-Oman dwar l-eżenzjoni tal-bżonn tal-Visa għal dawk li għandhom passaporti diplomatiċi, passaport ta' servizz u passaporti speċjali. | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 - 3<br>JANNAR-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| | | F'dan il-perjodu kien hemm diversi materji li komplew ikunu segwiti mal-pajjiżi tal-Golf, fosthom: Memorandum of Understanding dwar Pjan ta' Azzjoni Konġunt biex ikunu żviluppati u konsolidati relazzjonijiet bejn il-Mediterran u l-Golf Cooperation Council; iż-żjara tal-Prim Ministru Dr Joseph Muscat fil-Kuwajt; l-iffirmar ta' ftehim dwar servizzi tal-ajru mal-Għarabja Sawdita; l-istedina lill-Prim Ministru tal-Bahrain biex iżur Malta; iż-żjara tal-Ministru għall-Edukazzjoni Għolja tal-Oman; il-koordinazzjoni mal-UAE dwar ftehim dwar servizzi tal-ajru u wkoll abbozz ta' Memorandum of Agreement biex ikunu rikonoxxuti l-liċenzji tas-sewqan bejn iż-żewġ pajjiżi, u wkoll abbozz ta' Memorandum of Understanding dwar Edukazzjoni Għolja. | | |
| 158 | Se naħdmu sabiex tissaħħaħ il-paċi u s-sigurtà fil-Mediterran u sabiex tinstab soluzzjoni ġusta u dejjiema għall-paċi fil-Lvant Nofsani. | Fil-perjodu msemmi, l-Ministru għall-Affarijiet Barranin attenda diversi laqgħat tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin (FAC) li matulhom l-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Ewropa ddiskutew il-kunflitt fis-Sirja, is-Southern Neighbourhood u l-Jemen. Malta kompliet bl-isforzi tagħha biex titkattar il-paċi fil-Lvant Nofsani. Dwar is-Sirja, Malta enfasizzat kif f'dan il-pajjiż kien hemm sitwazzjoni umanitarja drammatika u kkundannat l-abbużi minn kull naħa fil-kunflitt fuq il-poplu ċivili.<br><br>Matul il-laqgħa ta' Mejju 2014, il-Ministri esprimew tħassib dwar il-pawsa fin-negozjati fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani u nsistew li dawn għandhom iwasslu għal two-state solution, bħala l-aħjar soluzzjoni.<br><br>Il-Ministru Vella enfasizza l-bżonn li l-Unjoni Ewropea tħares fit-tul meta tevalwa kif hi tista' tgħin u tikkontribwixxi għall-proċess ta' paċi.<br><br>Fil-laqgħa ta' Lulju, il-Ministru Vella esprima t-tħassib tiegħu għall-vjolenza li kienet għaddejja u li kienet qed twassal għal imwiet anki ta' persuni ċivili Palestinjani. Filwaqt li kkundanna l-attakki bil-missili minn Gaża lejn l-Iżrael, qal li r-rispons ta' Iżrael għandu jkun wieħed proporzjonat. Huwa sejjaħ liż-żewġ naħat biex b'mod immedjat, bi ftehim, iwaqqfu l-attakki. | Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Dr George Vella żar uffiċjalment il-Ġordan, l-Iżrael u l-Palestina. Fil-Ġordan il-Ministru ltaqa' mal-Prim Ministru Mr Abdullah Ensour, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Mr Nasser Judeh. Fil-Ġordan il-Ministru ffirma tliet ftehim bilaterali ta' koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi fosthom il-ġlieda kontra l-kriminalità u t-tneħħija tal-visas għall-passaporti diplomatiċi. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1 - 3**<br>JANNAR-SETTEMBRU | **KWART 4**<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| | F'Lulju l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin kien strumentali biex jassigura li tliet Maltin iħallu Gaża u jiġu Malta.<br><br>B'referenza għall-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina, il-Ministru George W. Vella ressaq diversi proposti waqt il-laqgħa Gyminch, li saret f'Milan fi tmiem Awwissu, il-Ministru qal li l-ftehim li hemm bħalissa dwar waqfien mill-ġlied, m'għandux ikun is-soluzzjoni, imma għandu jkun l-ewwel pass għal paċi dejjiema.<br><br>Waqt il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin (FAC) li saret f'Awissu, il-Ministru Vella tenna l-isforzi ta' Malta biex tippromwovi l-paċi u l-istabbiltà fil-Mediterran. Huwa esprima t-tħassib dwar is-sitwazzjoni umanitarja filwaqt li afferma x-xogħol siewi li kienet qed tagħmel l-Eġittu biex ikun hemm waqfien mill-ġlied.<br><br>Il-Ministru Vella ħa l-opportunità biex jenfasizza l-importanza li jkun hemm waqfien mill-ġlied f'Gaża, imma qal li dan m'għandux ikun l-għan finali. Qal li wieħed irid iħares għall-għan fit-tul kif kien identifikat mill-Kunsill f'Lulju 2014. Dr Vella esprima l-opinjoni li l-Unjoni Ewropea għandha tassumi rwol akbar u taħseb f'azzjonijiet li jġibu stabbiltà fil-Lvant Nofsani.<br><br>Konvinta mill-benefiċċji ta' koperazzjoni reġjonali, Malta kompliet tipparteċipa u tagħti appoġġ għal inizjattivi reġjonali fil-Mediterran, bħall-Union for the Mediterranean u l-Western Mediterranean Dialogue 5+5. Dawn jinkludu l-ħdax-il laqgħa tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-5+5 ta' Lisbona taħt il-ko-Presidenza tal-Portugal, seminar dwar il-5+5 defence, li saret fi Spanja; laqgħa għad-Diplomatic Training Directors tal-5+5 li wkoll saret f'Lisbona; u laqgħa għall-istakeholders bħala follow up tal-laqgħa għan-nisa tal-Union of the Mediterranean li saret f'Pariġi s-sena li għaddiet. | Fl-Iżrael il-Ministru Dr George Vella iltaqa' mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Iżraeljan Avigdor Libermann. Matul din il-laqgħa ġie diskuss il-proċess għall-paċi fil-Lvant Nofsani kif ukoll koperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi.<br><br>Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Dr George Vella żar Ramallah fejn iltaqa' mal-Prim Ministru Palestinjan Dr Rami Hamdallah, id-deputat Prim Ministru Dr Mohammad Mostafa u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin Palestinjan Dr Riad Malki. Fil-Palestina l-Ministru żar il-Kamp tar-Refuġjati ta' Za'atri viċin il fruntiera Sirjana. | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1 - 3** JANNAR-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|
| | F'Marzu saru preparamenti għal-laqgħa tas-seba' stati membri tal-Unjoni Ewropea magħrufa bħala l-Med7; Malta, l-Italja, Franza, l-Portugall, Spanja, Ċipru u l-Greċja, li saret f'Alicante, Spanja f'April.<br><br>F'Mejju l-Ministru George W. Vella attenda laqgħa ministerjali tal-5+5, li saret f'Lisbona, il-Portugal. Is-sigurtà fil-Punent tal-Mediterran, l-iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, l-Ambjent, l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima kienu fost is-suġġetti diskussa.<br><br>Il-Ministri kollha preżenti rrikonoxxew l-importanza ta' dan il-forum u qablu li jkomplu bid-djalogu u l-kooperazzjoni permezz tal-5+5. Wara intervent tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Libjan, Muhammed Abdelazziz, qamet diskussjoni dwar kif is-sitwazzjoni tista' tittejjeb. Kien deċiż li ssir laqgħa f'Tunis għal mibgħuta speċjali minn pajjiżi li huma interessati. Dwar l-immigrazzjoni rregolari, l-pajjiżi tal-5+5 qablu fuq azzjoni globali. Il-pajjiżi membri laqgħu l-inizjattiva ta' Malta li tospita t-tmien laqgħa dwar il-migrazzjoni li għandha ssir lejn tmiem l-2014 u wkoll it-twaqqif tal-International Institute for Justice and the Rule of Law f'Malta f'Ġunju tal-2014. Waqt din il-laqgħa l-Ministru George Vella qal li hemm il-bżonn ta' aktar koperazzjoni bejn il-pajjiżi ta' fuq u l-pajjiżi t'isfel tal-Ewropa dwar materji differenti, fosthom: iż-żgħażagħ; ix-xogħol u l-opportunitajiet kummerċjali. Il-Ministru Vella spjega kif Malta qed tgħin b'mod konkret il-pajjiż ġar tagħha, l-Libja, permezz ta' programmi edukattivi varji u bdil ta' esperjenza teknika, fost oħrajn. Dwar l-immigrazzjoni rregolari, l-Ministru Vella insista li dan is-suġġett għandu jkun eżaminat mhux biss fuq bażi umanitarja, imma wkoll mil-lat ta' sigurtà.<br><br>F'dan il-perjodu l-Ministru Vella segwa mill-qrib l-iżviluppi dwar is-sigurtà u s-sitwazzjoni politika fil-Libja. Il-Gvern ta' Malta esprima r-rieda tiegħu li jikkopera mal-awtoritajiet Libjani u wkoll ma' sieħba oħra kemm reġjonali u wkoll internazzjonali biex ikun żgurat li tinkiseb l-istabbilità fil-Libja mingħajr dewmien. | Il-Ministru żar ukoll l-iskola tas-subien f'Shejayeh li ġiet trasformata f'post ta' kenn għall-Palestinjani li tilfu darhom.<br><br>L-Ambaxxatur ta' Malta għall-Eġittu jattendi għall-laqgħa fil-Kajr dwar il-bini mill-ġdid ta' Gaża. | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 - 3<br>JANNAR-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| | Il-Crisis Centre fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ta' Malta għamel kuntatt maċ-ċittadini Maltin kollha fil-Libja li huma reġistrati mal-Ministeru, biex jassisti u wkoll jiggwida lil dawk li wrew interess li jirritornaw lejn pajjiżna. Kien hemm diversi titjiriet mill-Medavia li kienu organizzati mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin għal dan il-għan u mingħajr ħlas għal dawk li wżaw is-servizz. Matul Awwissu, permezz ta' kuntatti mal-Virtù Ferries, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin għamel arranġamenti biex iġib lejn Malta numru ta' Maltin minn Tripli bil-katamaran. Il-Gvern ta parir ukoll kontra l-ivvjaġġar lejn il-Libja u ħeġġeġ lil dawk li kienu għadhom fil-pajjiż biex joħorġu mil-Libja permezz ta' titjiriet kummerċjali. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u wkoll uffiċjali mill-Ministeru pparteċipaw f'diversi laqgħat dwar il-kriżi fil-Libja, imsejħa mill-Government Crisis Centre.<br><br>F'livell ta' Unjoni Ewropea, f'Lulju 2014, il-Ministru George W. Vella ħatar lill-Ambaxxatur Joseph Mangion bħala l-mibgħut speċjali tiegħu għal-Libja. Malta ngħaqdet ma' numru ta' pajjiżi tal-Unjoni Ewropea li ħatru rappreżentanti speċjali biex jingħaqdu mal-mibgħut personali tal-Unjoni Ewropea, f'diskussjoni dwar is-sitwazzjoni fil-Libja u biex jesploraw x'jista' jsir dwar is-sitwazzjoni f'dan il-pajjiż.<br><br>Il-mibgħuta speċjali għal-Libja tal-Lega Għarbija, tal-Unjoni Ewropea, ta' Franza, tal-Italja, ta' Malta, ta' Spanja, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti ltaqgħu man-Nazzjonijiet Magħquda fi Brussell f'Lulju biex jiddiskutu l-żviluppi riċenti fil-Libja.<br><br>Il-mibgħuta speċjali għal-Libja tal-Lega Għarbija, tal-Unjoni Ewropea, ta' Franza, tal-Italja, ta' Malta, ta' Spanja, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti ltaqgħu man-Nazzjonijiet Magħquda fi Brussell f'Lulju biex jiddiskutu l-iżviluppi riċenti fil-Libja. Inħarġet stqarrija li kienet tenfasizza t-tħassib kbir dwar il-vjolenza li kienet għaddejja, ftehim għal waqfien mill-ġlied, u wkoll li kienet issejjaħ il-partijiet kollha nvoluti biex jidħlu f'djalogu politiku bejniethom. | | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 - 3 JANNAR-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| | Il-Ministru Vella qajjem ukoll is-sitwazzjoni tal-Libja waqt il-laqgħa tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin (FAC) li ltaqa' f'Lulju. Huwa saħaq dwar l-importanza li l-Unjoni Ewropea tibqa' viġilanti dwar id-deterjorazzjoni tas-sigurta', li qed ikollha effett fuq ir-reġjun madwar dan il-pajjiż.<br><br>Dwar il-Libja, f'laqgħa straordinarja tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin (FAC) li saret fi tmiem Awissu, l-Ministru George W. Vella wera t-tħassib li għandha Malta dwar is-sitwazzjoni f'dan il-pajjiż. Huwa nsista li l-iżviluppi li qed ikun hemm f'dik li hija sigurtà fil-pajjiż, żgur li se jħallu konsegwenzi u wkoll se jkunu ta' theddida għall-istabbilità fir-reġjun, li jistgħu jwasslu għal problema serja ta' sigurtà għall-Ewropa, speċjalment dawk il-pajjiżi li jmissu mal-Mediterran.<br><br>Il-Ministru Vella enfasizza li l-Unjoni Ewropea għandha tieħu l-azzjoni meħtieġa, fis-sitwazzjoni preżenti, biex tevita li jkomplu jeskalaw l-imwiet tal-poplu ċivili.<br><br>Huwa esprima wkoll l-appoġġ għall-Kamra tar-Rappreżentanti eletta fil-Libja. Il-Ministru Vella enfasizza wkoll l-importanza li jkun hemm kemm jista' jkun għajnuna lil-Libja għaliex l-implikazzjonijiet tas-sigurtà interna tal-pajjiz jista' jkollha konsegwenzi xejn sbieħ għall-pajjiżi ġirien. Malta wriet l-importanza li tkun indirizzata s-sitwazzjoni ġenerali tal-Mediterran, fosthom is-sitwazzjoni tal-immigrazzjoni u wkoll it-theddida għas-sigurtà li ġejja mill-esportazzjoni tal-armi, it-terroriżmu u wkoll il-finanzjament għat-terroriżmu.<br><br>Il-Gvern Malti awgura lil-Libja li wara dan l-ewwel pass lejn id-demokrazija jsegwu miżuri oħra li jikkontribwixxu għall-istabilizazzjoni tal-paċi u għaqda tal-poplu Libjan. Il-Gvern Malti appella li l-isforzi lejn it-twaqqif ta' kostituzzjoni ġdida jħaffu l-pass biex din issir fl-inqas żmien possibbli. | | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1 - 3**<br>JANNAR-SETTEMBRU | **KWART 4**<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|
| | Fl-istqarrija, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin kompla jikkundanna l-vjolenza li ħanqet il-poplu Libjan u wiegħed li l-appoġġ ta' Malta biex ikunu stabbiliti dawk l-istituzzjonijiet li jsaħħu d-demokrazija parlamentari u wkoll li jħarsu d-drittijiet umani.<br><br>Meta kien qed jindirizza l-Ministri għall-Affarijiet Barranin waqt laqgħa informali li saret f'Milan f' Awwissu, il-Ministru George W. Vella wissa li l-Libja kienet bil-mod il-mod qed tersaq lejn kaos. Il-Libja għandha quddiema taqlib politiku, b'żewġ mexxejja rivali u żewġ assemblej li kienu qed joperaw minn partijiet differenti tal-pajjiż u li t-tnejn li huma kellhom l-appoġġ ta' gruppi armati rivali.<br><br>Dr. George W. Vella issuġġerixxa wkoll il-possibiltà ta' twaqqif ta' Kummissjoni Internazzjonali għar-Rikonċiljazzjoni Nazzjonali, bħal dik li kienet twaqqfet fl-Afrika t'Isfel fid-disgħinijiet. Huwa ħeġġeġ lill-politiċi Libjani biex iħaffu l-abbozz tal-kostituzzjoni Libjana u biex jikkollaboraw ma' aġenziji tan-Nazzjonijiet Magħquda fil-Libja.<br><br>Kien hemm laqgħa wkoll bejn rappreżentanti tal-Gvern Malti u Uffiċjali Parlamentari Libjani biex ikunu diskussa l-iżviluppi fil-Libja. Id-delegazzjoni Maltija kienet magħmula mid-Deputat Prim Ministru Louis Grech u mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin Dr. George W. Vella. Id-delegazzjoni Maltija nsistiet dwar l-importanza ta' soluzzjoni paċifika immedjata għall-kriżi.<br><br>Fil-konferenza "The Challenges of Stability and Development in Libya and Northern Africa" li saret f'Madrid, Spanja, il-Ministru George W. Vella sejjaħ għall-waqfien mill-ġlied immedjat fil-Libja biex iwassal għal djalogu inklussiv li jkun il-bidu ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali. | | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 - 3 JANNAR-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| | Apparti li semma d-dimensjoni umana fil-kriżi fil-Libja, l-Ministru Vella għamel appell imqanqal lill-partijiet involuti biex iwarrbu fil-ġenb l-animożità ta' bejniethom, in-nuqqas ta' qbil u wkoll il-konfronti, biex iħallu l-isforzi kollha li qed isiru ta' medjazzjoni jagħtu l-frott tagħhom.<br><br>Il-Ministru Vella qal li s-sitwazzjoni dejjem teħżien fil-Libja tista' tgħin l-estremiżmu u t-terroriżmu u tpoġġi theddida serja għas-sigurtà u l-istabbilità, mhux biss fil-Mediterran, imma wkoll lil hinn minnu. Matul din il-konferenza, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Malti kellu diversi laqgħat, fosthom mal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Eġittu, tal-Marokk u wkoll mar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda, is-Sur Bernardino Leon.<br><br>F'Settembru, il-Ministru Vella attenda konferenza li saret f'Tuneż li ltaqgħet bit-tema "Invest Tunisia – Start-up democracy", li ffukat dwar l-aħħar żviluppi fit-tranżizzjoni politika u ekonomika, il-viżjoni strateġika u wkoll ir-riformi futuri fit-Tuneżija. Fl-intervent tiegħu bil-Franċiż, il-Ministru Vella rrikonoxxa l-iżviluppi li kien hemm fil-pajjiż, filwaqt li stqarr li l-elezzjonijiet leġiżlattivi li mistennija jsiru f'Ottubru għandhom jikkonsolidaw il-proċess demokratiku fit-Tuneżija. Huwa rrefera għar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija u enfasizza l-importanza tal-Euro-Tunisian Association Council li ltaqa' f'April. Semma wkoll il-koperazzjoni bilaterali bejn iż-żewġ pajjiżi.<br><br>F'Settembru wkoll il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin ħa sehem fil-laqgħa tal-Union of the Mediterranean u l-Anna Lindh Foundation Board of Governors, li matulhom kienu diskussa diversi inizjattivi fosthom proġetti li għandhom isaħħu d-djalogu fil-Mediterran. | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1 - 3**<br>JANNAR-SETTEMBRU | **KWART 4**<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 159 | Se nipparteċipaw attivament f'organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali. Il-Miri tal-Iżvilupp tal-Millenju se jibqgħu prijorità. | Uffiċjali tal-Ministeru pparteċipaw fil-Working Groups li jsiru ta' kull xahar u li jitrattaw il-pożizzjoni dwar Miri ta' Żviluppi Sostenibbli u l-Miri post-2015 li kienu diskussa fl-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda f'Settembru.<br><br>Malta qiegħda kontinwament tagħti l-kontribut tagħha biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Millenium Development Goals (MDGs). Malta qed tieħu rwol attiv fil-qasam tal-koperazzjoni għall-iżvilupp u assistenza, fl-isforzi mill-komunita' internazzjonali biex jispiċċa darba għal dejjem il-faqar u jintlaħaq żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'hekk jintlaħqu wkoll il-Millennium Development Goals (MDGs) miftiehma sas-sena 2015. Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin qed ikompli bix-xogħol tiegħu flimkien ma' sieħba oħra fosthom Non-Governmental Development Organisations (NGDOs) u gvernijiet ta' pajjiżi oħra, biex jintlaħqu l-għanijiet kommessi tal-MDGs.<br><br>Din is-sena kien ukoll stabbilit fond li jammonta għal €101,000 b'risq għajnuna umanitarja lill-Palestina.<br><br>Il-koperazzjoni għall-Iżvilupp u assistenza hija kolonna ċentrali fil-politika barranija ta' Malta u permezz tal-Official Development Assistance Policy (ODA), Malta hija determinata li tkompli x-xogħol tagħha biex jinqered il-faqar u jkun hemm żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. | Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Dr George Vella ħa sehem flimkien mal-Prim Ministru Dr Joseph Muscat fl-għaxar laqgħa ta' ASEM li saret f'Milan bejn is-16 u 17 ta' Ottubru 2014. Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin attenda għall-Laqgħa tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin fil-Lussemburgu fl-20 ta' Ottubru 2014.<br><br>Laqgħa tal-OSCE 4-5 ta' Diċembru 2014.<br><br>Laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin fi Brussell fil-15 ta' Diċembru 2014 .<br><br>Viżta uffiċjali mill-Ministru Dr George Vella f'San Marino fis-16 ta' Diċembru 2014. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 - 3<br>JANNAR-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| | L-Overseas Development Aid (ODA) qiegħda dejjem tara kif tidentifika toroq li permezz tagħhom dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu billi jkun hemm ħidma ma' diversi entitajiet. Għas-sena 2014, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin għal darba oħra stabbilixxa fond ta' €400,000 għal għajnuna umanitarja.<br><br>Malta qed tipparteċipa wkoll f'diskussjonijiet li qed isiru fi ħdan Organizazzjonijiet Internazzjonali, fosthom l-Unjoni Ewropea, l-Kunsill tal-Ewropa, l-Commonwealth, l-Organizazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE), in-Nazzjonijiet Maqgħuda u l-istituzzjonijiet tagħha.<br><br>F'Mejju 2014, il-Ministru George W. Vella kellu laqgħa mas-Segretarju Ġenerali tal-Organizazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE), s-Sur Lamberto Zannier fl-uffiċċju tal-organizazzjoni fi Vjenna. Il-laqgħa kienet it-tieni waħda wara laqgħa li kienet saret f'Jannar, meta s-Segretarju Ġenerali Zannier u l-Ministru Vella kienu ddiskutew kif l-OSCE tista' tagħmel il-preżenza tagħha tinħass aktar fir-reġjun tal-Mediterran u taħdem aktar mal-Mediterranean Partners for Cooperation Countries of the North of Africa. Il-Ministru Vella rringrazzja lis-Sur Zannier li wera rispons tajjeb għall-appell tiegħu u li ressaq 'l quddiem suġġerimenti li għandhom ikunu diskussa u studjati mil-lati loġistiċi u tekniċi tagħhom.<br><br>Il-Ministru Vella u s-Sur Zannier qablu li jaħdmu flimkien biex jipprovdu l-faċilitajiet meħtieġa biex dan id-djalogu mal-Mediterranean Partners for Co-operation ikun aktar konkret u jagħti aktar riżultati fl-aħjar interess tal-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun tal-Mediterran. | | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1 - 3**<br>JANNAR-SETTEMBRU | **KWART 4**<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|
| | F'Mejju wkoll meta kien qed jindirizza laqgħa ministerjali tal-Kunsill tal-Ewropa fi Vjenna, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Dr George W. Vella qal li kien qed jittama li tinstab soluzzjoni raġonevoli permezz ta' djalogu, għajnuna, ħiliet diplomatiċi tal-Kunsill tal-Ewropa u l-OSCE, għall-inċertezzi fl-Ewropa tal-Lvant. Dr Vella rrimarka li pajjiżi mill-Caucaus, il-Moldova, il-Georgia, l-Ukrajna u l-Ażerbaijan kienu fil-proċess li jersqu eqreb tas-sistemi ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea.<br><br>Matul is-sena, il-Unit li tieħu ħsieb il-Commonwealth kompliet bil-preparazzjonijiet tal-laqgħa taċ-CHOGM 2015. Dal-Unit, f'Settembru kien ukoll għaddej b'mod attiv ħafna, fil-preparazzjonijiet għal avvenimenti marbuta mal-Commonwealth li saru waqt id-69 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda. Fost dawn kien hemm il-laqgħa tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-Commonwealth, li matulha l-Ministru Vella ta dettalji dwar il-pjani ta' Malta biex ikun hemm riforma taċ-CHOGM. Stqarrija oħra dwar il-viżjoni ta' Malta għall-Istati Żgħar twasslet waqt l-Open Ministerial Working Group tal-Pajjiżi Żgħar.<br><br>Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Dr George Vella flimkien mal-Prim Ministru Joseph Muscat attenda għad-69 Assemblea tal-Ġnus Maqgħuda fi New York. Il-Prim Ministru flimkien mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin kellhom diversi laqgħat bilaterali mar-rappreżentanti ta' pajjiżi oħra partikolarment fuq il-preparamenti għal-laqgħa taċ-CHOGM u r-riformi li jridu jitwettqu.<br><br>Matul il-laqgħat bilaterali mal-Ghana u l-Gambia l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin iffirma Memorandums of Understanding maż-żewġ pajjiżi rispettivi. | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 - 3<br>JANNAR-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 160 | Attenzjoni speċjali qiegħda u se tibqa' tingħata lill-isfidi kkawżati mill-influss kontinwu ta' immigranti irregolari lejn xtutna. | Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin huwa involut kontinwament f'diskussjonijiet dwar l-immigrazzjoni, f'diversi fora fosthom dawk Ewropej.<br><br>F'Marzu l-Ministru Vella ffirma Memorandum of Understanding man-Niġerja dwar l-immigrazzjoni u wkoll attenda l-ewwel laqgħa ministerjali tal-Grupp Mediterranju, f'Alecante, Spanja, fejn kienet diskussa l-immigrazzjoni irregolari.<br><br>F'Settembru 2014, waqt iż-żjara tagħha f'Malta, il-Kummissarju Ewropew responsabbli mill-Affarijiet Interni, Cecilia Malmstrom, kellha laqgħa mal-Ministru George W. Vella li matulha ddiskutew materji konnessi mal-imigrazzjoni, fosthom il-FRONTEX u Mare Nostrum, ir-riallokazzjoni ta' immigranti fl-Ewropa u d-detenzjoni tal-immigranti.<br><br>Il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Magħquda António Guterres żar Malta f'Settembru. Huwa kellu laqgħat separati mal-Prim Ministru Dr Joseph Muscat, mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Dr George W. Vella u mal-Ministru għad-Djalogu Soċjali, Libertajiet Ċivili u Affarijiet tal-Konsumatur, Dr Helena Dalli. Huwa żar iċ-Ċentru għall-immigranti f'Ħal Far. Flimkien mal-Mibgħuta Speċjali tan-Nazzjonijiet Magħquda Angelina Jolie, huwa żar ukoll il-Kwartieri Navali tas-Salvataġġ f'Malta. | Il-Ministru Dr George Vella ser jattendi għall-Konferenza ministerjali f'Ruma dwar id-djalogu Euro-Afrikan l-iżvilupp u l-immigrazzjoni. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 161 | Se nħarsu l-interessi ta' pajjiżna kullimkien u b'kull mezz. | L-għan tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin huwa li jipproteġi u jħares l-interessi ta' pajjiżna kullimkien u b'kull mezz. Dawn l-għanijiet jinkludu:<br><br>Li l-objettivi tal-politika barranija ta' Malta dwar l-Unjoni Ewropea, materji bilaterali, reġjonali u wkoll globali jkunu dejjem segwiti u mmexxija 'l quddiem. Il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin jikkoordina wkoll in-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehim bilaterali;<br><br>Li jkun hemm parteċipazzjoni attiva fil-politika Barranija Komuni u dwar Sigurtà tal-Unjoni Ewropea (CFSP); | Bejn it-2 u l-5 ta' Novembru 2014 il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Dr George Vella żar uffiċjalment l-Iżvizzera u Liechtenstein. Direttur tal-uffiċċju tal-Ġnus Magħquda. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 - 3<br>JANNAR-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| | | Li jinżammu u jitjiebu r-relazzjonijiet ma' organizazzjonijiet internazzjonali, fosthom in-Nazzjonijiet Magħquda, l-agenziji tagħha u wkoll il-Commonweath;<br><br>Li permezz tal-Overseas Development Policy, ikun indirizzat il-faqar permezz ta' żvilupp;<br><br>Li tkun żgurata l-parteċipazzjoni attiva f'fora reġjonali u inizjattivi li jkollhom relevanza diretta għar-reġjun tal-Mediterran, fosthom il-Proċess Ewro-Mediterranju, il-European Neighbourhood Policy, il-Western Mediterranean (5+5) Dialogue u l-Med Forum;<br><br>Li jkun hemm promozzjoni għat-titjib tad-djalogar bejn l-Unjoni Ewropea u l-Lega Għarbija permezz ta' inizjattivi konkreti. | Matul din il-mawra f'dawn iż-żewġ pajjiżi l-Ministru kellu laqgħat importanti ma' H.E Simonetta Sommaruga viċi-president tal-Kunsill Federali u kap tal-Ġustizzja u l-Pulizija, H.E Didier Burkhalter, President tal-Federazzjoni Żvizzera u Kap tal-Affarijiet Barranin u ma' Michael Moller, | |
| 162 | Il-Komunità Maltija li tgħix barra se tinstema' waqt it-tfassil tal-politika tagħna. Irridu ninkoraġġixxu l-involviment tagħhom fl-isforzi tagħna għall-promozzjoni ta' Malta fl-oqsma kummerċjali u kulturali. | F'Marzu li għadda, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin, Dr George W. Vella, fil-kapaċità tiegħu bħala Chairperson tal-Kunsill tal-Maltin li Jgħixu Barra, kellu laqgħa permezz ta' video-link ma' membri ta' dan il-Kunsill. Kien hemm diskussjonijiet ma' dawn il-Maltin dwar suġġetti li jista' jkollhom impatt fuq il-komunitajiet Maltin madwar id-dinja. Fost is-suġġetti diskussa kien hemm dawk dwar il-proċess tal-passaport bijometriku għall-komunitajiet Maltin li jgħixu 'l bogħod mill-belt kapitali tal-pajjiż li huma residenti fih; it-tagħlim fi skejjel Maltin tal-istorja tal-Immigranti Maltin, u l-proċess tal-applikazzjoni għaċ-ċittadinanza Maltija. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu lir-rapport għas-sena 2013 u r-rapport dwar il-progress li sar fuq id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kunsill fl-aħħar laqgħa li saret f'Malta fis-sena 2013. | Il-Kunsill tal-Maltin li jgħixu barra minn Malta ltaqa' f'Malta bejn it-2 u t-3 ta' Ottubru 2014 mal-Ministru għall-Affarjiet Barranin Dr Geroge Vella. Matul dawn il-laqgħat ġew diskussi l-aspirazzjonijiet u diversi problemi li jolqtu l-kommunitajiet tal-Maltin li jgħixu barra. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | €2.5 miljun fil-kumpless sportiv tal-Marsa u għall-faċilitajiet tal-futbol u l-waterpolo f'Birżebbuġa. | Din il-miżura ġiet integrata f'miżura 140. | | | | |
| 33 | Se nibdew nieħdu passi kontra individwi barranin li jiġu jaħdmu Malta mingħajr ma jirrispettaw ir-regoli. Għaldaqstant se nwaqqfu sistema ta' rappurtaġġ online fejn wieħed jista' jirrapporta dawn il-każijiet. | Beda jiffunzjona servizz ta' online reporting: (https://secure.etc.gov.mt/Main/LCUReport.aspx) u servizz ta' freephone (80076501) biex il-pubbliku jirrapporta każi bħal impjieg mhux dikjarat, li wieħed jaħdem meta jkun qed jirreġistra, jew qed jirċievi benefiċċji soċjali li m'għandux jedd għalihom, xogħol minn persuni taħt l-età jew persuni barranin jaħdmu mingħajr permess. | Ġie maqbul mal-Pulizija li fejn meħtieġ isiru kontrolli każwali biex jitħarsu r-regolamenti minn min iħaddem. | Se ssir promozzjoni tas-servizz tal-freephone, kif ukoll promozzjoni ta' rappurtaġġ u rappurtaġġ online. Se ssir ukoll kampanja ta' promozzjoni fejn jiġu ppreżentati r-riskji u l-iżvantaġġi ta' impjiegi irregolari, biex b'hekk tħeġġeġ lin-nies jirregolaw l-impjieg tagħhom. | Il-Pjan ta' Komunikazzjoni qed jiġi mfassal. | Implimentata |
| 41 | Strateġija Nazzjonali għar-Riċerka u Innovazzjoni. | Għaddej il-proċess tal-istampar tad-dokument tal-Istrateġija. | Tnediet l-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-11 ta' Ġunju 2014. | | Qed jitħejja Pjan ta' Azzjoni biex tkun implimentata din l-Istrateġija.<br><br>(Aktar dettalji fil-Miżura 42). | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 42 | Se jiżdied l-infiq għar-riċerka u l-innovazzjoni għal 2% sal-2020 minn dik preżenti ta' 0.72%. | Bdiet tinġabar data fuq ir-Riċerka u l-Innovazzjoni għas-sena 2013 li toħroġ għal Mejju 2015.<br><br>L-MCST se tkun qed tiffinanzja proġetti ta' riċerka u innovazzjoni wara l-clearance neċessarju għal State Aid. | L-NSO qed tagħmel il-moniteraġġ tal-infiq globali fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni.<br><br>L-R & D Data għas-sena 2012 se toħroġ fl-14 Lulju 2014.<br><br>Ingħata clearance dwar Għajnuna mill-Istat (State Aid) biex l-MCST tiffinanzja proġetti ta' riċerka u innovazzjoni.<br><br>Fuq il-bażi tal-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni qed jitħejja Pjan ta' Azzjoni li se jitlesta sal-aħħar tal-2014. | Il-miri ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni huma tlieta:<br><br>1. Ekosistema komprensiva ta' sostenn għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.<br>2. Bażi ta' għarfien aktar b'saħħitha.<br>3. Speċjalizzazzjoni intelliġenti u flessibbli.<br><br>Ser jsir moniteraġġ regolari ta' għadd ta' parametri li huma intiżi biex jirriflettu l-progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija f'livell makro.<br><br>Dawn l-indikaturi jimmiraw li jipprovdu stima bilanċjata kemm ta' kull input kif ukoll ta' kull output tas-sistema ta' riċerka u innovazzjoni. | | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Jiġu stabbiliti miri ambizzjużi iżda li dejjem jistgħu jintlaħqu għal kull indikatur imsemmi hawn taħt:<br><br>1. Nefqa grossa għar-Riċerka u Żvilupp mogħtija bħala perċentwali tal-PGD.<br>2. Għadd ta' professjonisti b'dottorat bħala perċentwali tal-popolazzjoni attiva.<br>3. Għadd ta' riċerkaturi (mogħti bħala ekwivalenti full time, FTE).<br>4. Nefqa għall-innovazzjoni bħala perċentwali tal-PGD.<br>5. Impjieg f'attivitajiet intensivi fl-għarfien bħala perċentwali tal-impjiegi totali. | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 6. Intrapriżi b'attività ta' innovazzjoni (prodott, proċess, għaddej jew abbandunat, organizzattiv u innovazzjoni tas-suq) bħala perċentwali tal-intrapriżi totali.<br>7. Intrapriżi b'attività ta' innovazzjoni (prodott, proċess, għaddej jew abbandunat, organizzattiv u innovazzjoni tas-suq) fil-Kodiċijiet Core NACE bħala perċentwali tal-intrapriżi totali. | | |
| 43 | Hybrid Venture Capital Fund. | Qed isiru diskussjonijiet mal-partijiet interessati. | Qed jitħejjew l-estimi finanzjarji.<br><br>Qed tiġi fformulata l-proposta għall-iskema.<br><br>Tnedija tal-iskema f'Diċembru 2014. | Wara konsultazzjoni u evalwazzjoni ta' informazzjoni miġbura sa issa dwar din il-proposta, il-Ministeru evalwa din il-proposta f'iktar dettall. | Tkompli l-evalwazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 44 | Qed jitnieda l-Innovation Voucher Programme. | Il-Commercialisation Voucher Programme tnieda fl-aħħar tal-2013.<br><br>Numru ta' vouchers diġà ngħataw.<br><br>Saret evalwazzjoni minn bord u numru ta' eżaminaturi li identifikaw u assessjaw ir-rapporti tas-service providers fl-istadji varji tal-Programm. | FUSION: Il-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni tnieda fil-11 ta' Ġunju 2014.<br><br>Numru ta' vouchers diġà jingħataw. | Il-Commercialisation Voucher Programme għadu għaddej sabiex benefiċċjarji li kellhom proġetti ta' suċċess ikunu jistgħu japplikaw għat-Technology Development Programme. Dawn iż-żewg programmi taħt FUSION ikomplu sal-2020 bl-għotja ta' Fondi. Proġetti tat-2020 jista' jkollhom tul minn 2 sa 3 snin.<br><br>Ir-Research and Innovation Programmes Unit organizzat żewġ Information Sessions, (fis-27 ta' Ġunju u fl-14 ta' Lulju, 2014), wara t-tnedija tal-Iskema, li tagħha sar Soft Launch f'Ottubru 2013 u Branding Launch fit-12 ta' Ġunju 2014. Hemm żewġ Information Sessions oħra pjanati.<br><br>Il-miżura ġiet implimentata. | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 45 | Se jiġu offruti boroż ta' studju ta' livell post-dottorali kif ukoll programm ta' placements għar-riċerkaturi Maltin u Għawdxin f'istituti internazzjonali tar-riċerka. | Din il-miżura se ssir kif ippjanat iżda qed ikun ikkunsidrat il-metodu ta' finanzjament ta' dawn l-inizjattivi permezz ta' fondi Ewropej.<br><br>Qed isiru diskussjonijiet ukoll bejn id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Kunsill Malti għall-Isport dwar il-modalità tal-boroż ta' studju post-doc akkademiċi u dawk industrijali. | Dwar placements, l-MCST qiegħda tistabilixxi kuntatti ma' dawk l-istituzzjonijiet ta' riċerka li jkunu jistgħu joffru placements.<br><br>Diġà hemm stabbiliti kuntatti mal-European Space Agency, (ESA) kif ukoll ma' diversi isituti oħra ta' riċerka.<br><br>Se jsir review ta' ftehim ta' koperazzjoni (Edukazzjoni u Xjenza) milħuqa ma' diversi pajjiżi. | Qed issir riċerka interna dwar skemi eżistenti f'pajjiżi oħra bil-ħsieb li jkomplu l-laqgħat bejn l-Università ta' Malta u d-Direttorat Implimentazzjoni ta' Programmi. | Huwa maħsub li sal-aħħar tas-sena jitlesta x-xogħol preparatorju għall-għoti ta' Boroż ta' Studju ta' livell post-dottorali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 46 | Se jsir investiment fiċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza li se jkun landmark għal pajjiżna. Dan il-proġett, li se jkun kofinanzjat minn fondi Ewropej, se jinbeda b'nefqa ta' €8 miljun ewro. | Tlestiet il-fażi tal-ippjanar, disinn u permessi. [2013]<br><br>Il-fażi tal-procurement miexja kif ippjanat. Ix-xogħlijiet ġew assenjati u saret il-mobilizzazzjoni. [Marzu 2014]<br><br>Saret laqgħa bejn l-entitajiet konċernati bil-għan li ssir reviżjoni tal-ispiża tal-proġett. (Allokazzjoni Baġit 2014: 7292: €2,290,000). | Ix-xogħol ta' kostruzzjoni beda. [April 2014]<br><br>Il-Proġett tal-EU FEZR 311 imsejjaħ 'ESPLORA' se jiffinanzja parzjalment iċ-Ċentru Interattiv tax-Xjenza. (Allokazzjoni Baġit 2014: 7292: €2,290,000). | Djalogu kompetittiv f'seba' tender packages tal-esebizzjoni wkoll miexi. [Il-Final ġie awarded matul. Awwissu 2014] | Ix-xogħol se jkun komplut sostanzjalment lejn nofs is-sena d-dieħla. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 54 | Se tiġi allokata s-somma ta' 8.3 miljun ewro lill-ETC. | (Allokazzjoni Baġit 2014: 6163: €8,300.000)<br><br>Il-fondi ġew allokati. | | | | Implimentata. |
| 55 | (Child Care Centres) Se ninvestu €3.8 miljun sabiex mis-sena d- dieħla nibdew nagħtu dan is-servizz b'xejn lil dawk il-familji fejn iż-żewġ ġenituri jaħdmu jew, f'każ ta' ġenitur wieħed, dik il-persuna taħdem. Investiment li se jkompli jikber fis-snin ta' wara. Dalwaqt se noħorgu White Paper biex nikkonsultaw dwar it-twettiq ta' din is-sistema. | Din il-miżura se tibda fl-1 ta' April 2014. | L-iskema bdiet fl-1 ta' April.<br><br>Saru diskussjonijiet bejn MEDE u l-MFSS dwar ir-regolamentazzjoni taċ-ċentri skont in-normi tal-Unjoni Ewropea.<br><br>Il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata. |
| 56 | (Breakfast) Mis-sena d-dieħla se ndaħħlu servizz ġdid fejn il-ġenituri jistgħu jwasslu lil uliedhom siegħa qabel il-ftuħ tal-iskola u t-tfal jingħataw kolazzjon nutrittiv fl-iskola. Dawk l-għalliema li jagħżlu li jieħdu sehem se jitħallsu extra. | Din il-miżura se tibda fl-1 ta' April 2014.<br><br>L-implimentazzjoni qed issir b'mod deċentralizzat mill-kulleġġi u l-iskejjel sabiex tilħaq il-ħtiġijiet speċifiċi ta' lokalitajiet differenti. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 57 | Se nkomplu nnaqqsu t-taxxa għal dawk li jibagħtu lil uliedhom f'child care centres bi ħlas. It-tnaqqis se jiżdied minn €1,300 għal €2,000. Dan il-benefiċċju se jibbenefikaw minnu dawk il-ġenituri li jagħżlu li jħallsu għaċ-child care u li ma jibbenefikawx minn child care b'xejn. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |
| 58 | Mis-sena d-dieħla, nisa miżżewġa li ilhom iktar minn ħames snin barra mis-suq tax-xogħol u li għandhom 'il fuq minn 40 sena u se jidħlu jaħdmu, u li d-dħul tagħhom ma jaqbiżx il-paga minima, se jkun possibbli għal żwieġhom li jkomplu jħallsu t-taxxa bil-komputazzjoni tal-miżżewġin filwaqt li d-dħul tal-mara ma jiġix ikkunsidrat. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 59 | Dan il-benefiċċju jdum sa massimu ta' ħames snin. Raġel b'paga medja se jkun qiegħed jiffranka madwar €800 f'taxxa kull sena minħabba li jżomm l-istess komputazzjoni. | Il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |
| 60 | Garanzija għaż-żgħażagħ: Huwa maħsub li fl-ewwel garanzija, 350 żagħżugħ u żagħżugħa li huma inattivi jew qed ifittxu x-xogħol, se jibbenefikaw minn attenzjoni individwali biex jew jintegraw fid-dinja tax-xogħol jew jibdew kors f'xi istituzzjoni edukattiva. Għal dan il-għan, dawn iż-żgħażagħ se jibbenefikaw minn ħlas ta' €1,440 bl-investiment ta' din il-garanzija tlaħħaq €2 miljun. | L-ESF Grant Agreement ġie ffinalizzat.<br><br>Is-Sejħa għall-Offerti ġiet analizzata u se tibda l-aġġudikazzjoni. | Konferenza organizzata fit-23 April 2014. | Is-Sejħa għall-Offerti u l-istadju ta' aġġudikazzjoni ġew kompluti.<br><br>L-Iskema ġiet imnedija fid-9 ta' Lulju 2014, u qiegħda fis-seħħ. | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Se jiddaħħal l-employability index bil-għan li noffru linja gwida dwar il-qasam ekonomiku u l-opportunitajiet ta' xogħol li ż-żgħazagħ jistgħu jistennew fi tmiem l-edukazzjoni tagħhom. | | | Twaqqaf working party biex jaħdem fuqha fi ħdan l-Uffiċċju tal-Informazzjoni u l-Kummissarju tal-Protezzjoni tad- Data. | L-ETC tkompli taħdem fuq dan l-indiċi hekk kif tittieħed id-deċiżjoni finali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 62 | Il-Gvern se jinvesti wkoll biex itejjeb l-Employment Advisory Services fi ħdan l-ETC. | Is-sejħa għall-applikazzjoni ġiet iffinalizzata u sottomessa għall-approvazzjoni. | Evalwazzjoni tas-sistemi preżenti biex ikun stabbilit fejn jinħtieġ titjib.<br><br>Deċiżjonijiet dwar tisħiħ tas-sistema jsiru fuq il-bażi ta' din l-analiżi. | Qed isiru taħdidiet biex jinxtara software biex jintuża għal skop ta' servizz ta' employment advisory.<br><br>Pjan ta' Azzjoni: Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet interni sabiex insaħħu l-kapaċitajiet tal-ICT fl-ETC. Dan biex inkunu konformi ma' politika ta' Open Data li tiżgura li kemm dawk li qed ifittxu xogħol kif ukoll min qed jimpjega jkollhom aċċess online dirett għall-informazzjoni tal-ETC relatata ma' kompetenzi, ħiliet u l-bżonnijiet dinamiċi tas-suq tax-xogħol. | Instab mod tajjeb biex tiġi indirizzata din il-miżura permezz ta' servizz diġitali. Il-proċess sabiex jinxtara dan is-software qiegħed fi stadju avvanzat. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | F'dan ir-rigward, l-ETC għaddiet screen shots tal-profiling kurrenti u tal-proċeduri tal-matching lill-ICT Unit biex jipproċedu. F'konformità ma' żviluppi fil-qasam teknoloġiku l-ETC qiegħda tirrevedi l-operat tagħha sabiex tiżgura li min qed ifittex xogħol jingħata rispons immedjat permezz ta' soluzzjonijiet immedjati ta' gwida u direzzjoni (advisory) fuq bażi 24/7. Dan jista' biss jiġi fis-seħħ jekk l-ETC tkompli tinvesti u ssaħħaħ il-bażi teknoloġika tagħha. | | |
| 63 | Il-Gvern se jinvesti €350,000 biex jinċentiva lil min iħaddem joffri work placements kif ukoll skemi ta' apprentistat. Se nniedu sistema ta' deduzzjoni tat-taxxa fejn min iħaddem igawdi €600 għal kull work placement u €1,200 għal kull apprentistat, b'investiment globali ta' miljun ewro. | L-iskema tnediet fit-13 ta' Marzu 2014. | Avviż Legali 179 tal-2014 imsemmi 'Regoli tal-2014 dwar Tnaqqis tal-Apprentistat u Pjazzament ta' Xogħol', maħruġ fis-27 ta' Mejju 2014. | L-MCAST u l-ETC għaddejjin b'diskussjonijiet sabiex l-MCAST tieħu f'idejha l-programm tal-apprentistat. | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 65 | Għawdex se jingħata prijorità fil-qasam tax-xogħol permezz tat-tiġdid tal-Employment Aid Programme b'investiment ta' żewġ miljun ewro oħra li ġejjin mill-Fondi Ewropej u 1.1 miljun ewro minn fondi nazzjonali għall-Work and Training Exposure Scheme. | L-iskema tnediet u s-sejħa għall-applikazzjonijiet fetħet fit-28 ta' Ottubru u għalqet fis-6 ta' Diċembru, 2013.<br><br>Il-perjodu ta' 52 ġimgħa tal-grant agreement beda fit-2 ta' Jannar u jagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 2014. | | | | Implimentata. |
| 66 | 'Youth Entrepreneurship Scheme' - Il-Gvern issa se jalloka €300,000 għal dan il-għan. | Għaddiet mill-ETC għall-MCAST.<br><br>Qed isiru diskussjonijiet dwar it-tħaddim ta' din l-iskema bejn l-MCAST u uffiċjali tal-MEDE. | Din l-inizjattiva qed titmexxa fuq żewġ binarji:<br><br>1) MOU bejn l-MCAST u l-Malta Enterprise dwar kollaborazzjoni fil-Business Incubation Centre: l-Incubation Centre fetaħ u qegħdin ikunu pproċessati l-Business Plans tal-parteċipanti prospettivi.<br><br>2) L-espansjoni ta' Kurrikulu tal-Impreditorija u Intraprendenza bħala parti minn aktar korsijiet vokazzjonali. Twaqqaf working group biex jiffurmula l-kurrikula neċessarji. | Il-fondi ġew allokati | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 67 | Permezz tal-iskema Maturity Pays, se ninċentivaw it-taħriġ u l-impjieg ta' persuni qiegħda fl-età ta' bejn l-45 u l-65 sena. Se tingħata deduzzjoni fit-taxxa tad-dħul ta' €5,800 għall-ewwel sentejn li tissarraf f'iffrankar ta' €2,030 fis-sena għal kull persuna li tittieħed mir-reġistru tal-qgħad. Barra minn hekk, kumpaniji li jimpjegaw dawn il-ħaddiema se jibbenifikaw minn deduzzjoni fit-taxxa tad-dħul ta' 50% tal-ispiża fuq it-taħriġ ta' dawn il-ħaddiema, sa massimu ta' €400. | L-iskema ġiet imnedija fit-2 ta' Jannar, 2014.<br><br>Tħejja l-abbozz tal-Avviż Legali taħt l-artiklu 14 tal-Att dwar it-Taħriġ Industrijali. | Avviż Legali 180 tal-2014 imsemmi 'Regoli tal-2014 dwar Tnaqqis għal Ħaddiema Maturi'. Maħruġ fis-27 ta' Mejju 2014.<br><br>Is-sejħa għall-applikazzjoni se tiġi mnedija fil-ġimgħat li ġejjin.<br><br>Il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 68 | Se noħolqu inċentiv għal dawk li ilhom jirreġistraw għax-xogħol aktar minn sentejn u li jridu jaħdmu. Se ndaħħlu sistema ta' tapering fejn, minflok ma naqtgħulhom il-benefiċċji kollha mill-ewwel fil-mument li jibdew jaħdmu, nibdew innaqqsu l-benefiċċji fuq medda ta' żmien sabiex b'hekk noħolqu transizzjoni mingħajr skossi mir-reġistru tal-qgħad għad-dinja tax-xogħol. | L-Iskema ġiet imnedija u qed jintlaqgħu applikazzjonijiet minn min hu interessat li jaħdem.<br><br>Tħejja l-abbozz tal-Avviż Legali taħt l-artiklu 14 tal-Att dwar it-Taħriġ Industrijali. | Avviż Legali 180 tal-2014 imsemmi 'Regoli tal-2014 dwar Tnaqqis għal Ħaddiema Maturi'. Maħruġ fis-27 ta' Mejju 2014<br><br>Il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata. |
| 69 | Fl-ewwel sena l-benefiċjarju jgawdi minn 65% tal-benefiċċju, fit-tieni sena minn 45% u fit-tielet sena minn 25%. L-impjegatur se jingħata 25% tal-benefiċċju kull sena għal tliet snin. Id-differenza se tmur ġo fond għat-taħriġ. | | | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 70 | Il-Gvern se jinkoraġġixxi lis-single parents sabiex itejbu l-prospetti għall-impjieg tagħhom. Dawk is-single parents li qegħdin fuq l-assistenza soċjali se jingħataw kreditu ta' bejn 200 u 1000 ewro meta jidħlu għal taħriġ vokazzjonali intensiv jew inkella jekk jidħlu fis-sistema edukattiva full-time sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom. | Ġew kwantifikati n-numru ta' persuni eliġibbli kif ukoll l-istima tal-ispiża li jindikaw li din l-iskema hija vijabbli. | L-ETC qed tipproponi li filwaqt li hi tipprovdi d-data neċessarja, l-iskema tinħadem mill-MFSS. | Qed jiġi fformulat abbozz legali. | Ix-xogħol legali mistenni li jiġi komplut biex tkun tista' tiġi attwata l-miżura. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 126 | Qegħdin nivvotaw miljun ewro sabiex inwettqu proġett pilota fl-iskola primarja tas-Siġġiewi bil-għan li nagħmlu din l-iskola effiċjenti fl-użu tal-enerġija. | Saru diversi laqgħat ta' tħejjija bejn l-MEDE, MECW u FTS.<br><br>It-tħejjija tat-tenders qiegħda fil-Vetting stage.<br><br>Is-sejħiet għall-offerti qed jitħejjew mill-MEH b'konsultazzjoni mal-FTS filwaqt li l-iSchool Resources Department se jimmoniterja l-progress.<br><br>Il-komunità tas-Siġġiewi u l-ġenituri qed ikunu involuti fil-proġett. | Il-biċċa l-kbira tax-xogħol infrastrutturali se ssir fis-sajf 2014 mill-ħaddiema tal-MEDE u l-IPSL. | | Koordinazzjoni bejn MEDE u MEH dwar il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 128 | Fis-snin li ġejjin, il-Gvern se jinvesti f'ħames skejjel ġodda. | Il-Pjan ta' Żvilupp għall-perjodu 2014-2018 tlesta u ġie approvat.<br><br>L-iskejjel ġew identifikati. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| | | **Skola għall-Isport**<br><br>Il-pjanti tfasslu għall-iskola tal-Isport f'Pembroke. Inbeda l-proċess tal-applikazzjoni ta' żvilupp dwar is-sala prinċipali.<br><br>Il-manutenzjoni u t-tisbiħ tal-binja ippjanat li jsir matul is-sajf 2014. | | L-ewwel fażi se tkun lesta u miftuħa għall-istudenti f'Settembru 2014. | It-tieni fażi se tkun lesta sa Diċembru 2015. | Implimentata. |
| | | **Skola Ħal Kirkop** (Middle School)<br><br>Tħejjew il-pjanti għall-middle school ta' 550 student/a.<br><br>Beda l-proċess tal-applikazzjoni tal-iżvilupp. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Skola Primarja San Pawl il-Baħar**<br><br>Beda l-proċess tal-esproprjazzjoni tal-art.<br><br>Qed issir konsultazzjoni mad-Direttorati tal-Edukazzjoni konċernati dwar il-ħtiġijiet. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| | **Skola Primarja Marsaskala**<br><br>Konsultazjoni mad-direttorati tal-edukazzjoni dwar il-ħtiġijiet. | | Beda l-proċess tal-esproprjazzjoni tal-art. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| | **Sixth Form ta' Għawdex**<br><br>Il-proċess tal-permessi tal-iżvilupp fi stadju avvanzat.<br><br>Is-sejħiet għall-offerti ġew ippubblikati permezz tad-Dipartiment tal-Kuntratti. | Il-permess tal-iżvilupp inħareġ u bdiet il-fażi tat-tendering. | Il-fażi tat-tendering kompluta.<br><br>Bdiet il-fażi tal-kostruzzjoni. [Awwissu 2014]. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | **Primarja Mosta**<br><br>Bdew il-preparazzjonijiet.<br><br>Beda l-proċess tal-esproprjazzjoni tal-art. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| | | | | **Sekondarja Rabat, Malta**<br><br>Bdew il-preparazzjonijiet.<br><br>Beda l-proċess tal-esproprjazzjoni tal-art. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 129 | Il-Gvern se jagħti importanza wkoll lill-edukazzjoni għal matul il-ħajja. | Tħejjiet Strateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni Tul il-Ħajja li se tkun imnedija fl-aħħar kwart tas-sena.<br><br>Tnieda proċess ta' taħriġ professjonali għall-edukaturi tal-adulti ( 15/03/2014). | Tħejjiet Strateġija Nazzjonali tal-Edukazzjoni Tul il-Ħajja. Din l-istrateġija se tiġi ppubblikata għall-konsultazzjoni pubblika tul Settembru 2014.<br><br>Tnieda proċess ta' taħriġ professjonali għall-Edukaturi tal-Adulti, liema kors jismu National Diploma in Teaching Adults, u li jwassal għal Diploma f'livell MQF 5. | Ġew assenjati €413,000 mill-Proġett ERASMUS+ għall-proġett ta' mobilità biex isir taħriġ għall-Edukaturi tal-Adulti fil-qasam tal-litteriżmu.<br>L-applikazzjoni ġiet awarded f'Awwissu 2014, u l-Proġett, mifrux fuq 3 snin, se jibda matul Settembru 2014. | Bħalissa qed jiġu milqugħa applikazzjonijiet għal Modules Numri 1, 8 u 9 tan-National Diploma in Teaching Adults li bdew f'Ottubru 2014.<br><br>Qed tiġi implimentata wkoll l-istrateġija tal-Early School Leavers (ESL), ippubblikata f'Ġunju 2014. | Implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Saru l-pjanijiet għal road show fit-18 ta' Awwissu 2014 biex jiġu mħajra aktar adulti għat-tagħlim.<br><br>F'Mejju ser jinġiebu 7 esperti barranin sabiex isir taħriġ dwar peer learning. | Id-Diploma hija mifruxa fuq tliet snin u tikkonsisti fi 18-il module, li minnhom applikant irid itemm b'suċċess 13-il module, inkluż il-practicum. | Ġiet sottomessa applikazzjoni għall-EPAL (European Platform for Adult Learning) matul Lulju 2014, sabiex il-kontenut u l-andament tal-affarijiet li qegħdin isiru Malta għall-Edukazzjoni tal-Adulti jkunu jistgħu jiġu uploaded fuqha. Id-Direttorat għadu qed jistenna risposta fuq l-applikazzjoni.<br><br>Matul Awwissu, ġew imnedija l-Korsijiet għall-Adulti 2014 - 2015 permezz ta' attività li saret il-Belt Valletta fit-18 ta' Awwissu 2014.<br><br>Il-prospectus ġie ppubblikat permezz ta' fondi mill-EU Agenda for Adult Learning. | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 130 | Ħmistax-il miljun għal restorazzjoni u manutenzjoni tal-iskejjel f'pajjiżna. | Qed jitħejja programm intensiv ta' manutenzjoni għal numru kbir ta' skejjel matul is-sajf li ġej, speċjalment bil-ħsieb li jsir it-tibdil neċessarju għat-twaqqif tal-middle schools. | Qed ikomplu jiġu ffinalizzati l-programm u l-pjanijiet. | Ix-xogħol imwettaq mill-FTS jikkonsisti: f'Medium Size Projects - 2014, fi Proġetti Kapitali Maġġuri u f'Manutenzjoni ġo diversi skejjel.<br><br>Il-miżura ġiet implimentata. | | Implimentata. |
| 131 | F'dan il-baġit se nibdew l-għoti u l-użu tat-tablets fis-sistema edukattiva. Qed immorru l-ewwel għal proġett pilota fuq parir tal-għalliema u esperti biex it-transizzjoni tkun bl-inqas problemi possibbli għal uliedna. Nemmnu li b'dan il-proġett se nagħtu spinta kbira lill-modernizzazzjoni tas-sistema edukattiva u l-metodi ta' tagħlim. | Proġett tnieda permezz ta' pilot project fil-25 ta' Marzu 2014 li jinkorpora skejjel tal-istat, tal-knisja u privati .<br><br>Wara ssir evalwazzjoni bħala bażi għall-implimentazzjoni fuq skala nazzjonali li l-ewwel fażi tagħha mistennija tibda' f'Jannar 2015.<br><br>Xogħol ta' infrastruttura teknika u l-wifi miexi kif ippjanat. | Xogħol ta' preparazzjoni miexi kif ippjanat. | Xogħol ta' preparazzjoni miexi kif ippjanat. | L-ewwel roll-out fuq skala nazzjonali jibda f'Settembru 2016. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 132 | Fiż-żmien li ġej, il-Gvern se jibda diskussjonijiet mal-Union tal-Għalliema dwar it-tħaddim ta' sena sabbatical fejn l-għalliema jkunu jistgħu jieħdu leave bil-ħlas waqt li jkunu qegħdin ikomplu jistudjaw għall-iżvilupp professjonali tagħhom. | 20 ta' Frar: Il-Union tal-Għalliema ressqet proposti dwar forom possibbli ta' leave sabbatiku u l-mekkaniżmi li wieħed jista' jikkunsidra fil-formulazzjoni tal-iskema. | Numra ta' laqgħat ta' diskussjonijiet mal-istakeholders.<br><br>Ġunju: Tħejja Qafas ta' Implimetazzjoni tal-iskema tas-sabbaticals li bħalissa qed issir konsultazzjoni interna dwaru. | It-tieni draft tal-iskema huwa lest u ġie diskuss. | Se jsiru preparamenti bil-ħsieb li din l-iskema tiġi mnedija sal-aħħar ta' din is-sena. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 133 | L-esperjenza vokazzjonali se tiġi ċertifikata mill-MCAST sabiex l-istudenti jgħaddu mill-iskola sekondarja għall-MCAST bla ma jkollhom jagħmlu l-kors tal-Foundation. | Permezz ta' ċertifikazzjoni tal-BTEC/Home Grown Subject l-istudenti li joħorġu mis-sekondarja jista' jkollhom aċċess għall-korsijiet tal-MCAST mingħajr ħtieġa tal-kors tal-Foundation.<br><br>Diskussjoni wiesgħa bejn l-MCAST, ITS u DQSE sabiex is-suġġetti vokazzjonali li ġew introdotti fis-sekondarja wkoll jagħti aċċess dirett fil-korsijiet tal-MCAST u L-ITS. | L-istatut tal-Bord tal-MATSEC ġie rivedut sabiex ikun rikonoxxut fl-livell tas-SEC it-tagħlim vokazzjoni li ġie introdott fl-iskejjel sekondarji.<br><br>Il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 134 | Se naraw li nsaħħu lill-Università ta' Malta billi nfasslu qafas kuntrattwali sabiex, permezz ta' pjan fit-tul, din issir aktar sostenibbli. B'hekk, l-Università tkun tista' tippjana fit-tul u mhux kull sena tistenna l-kontribuzzjoni tal-Gvern mingħajr ma tkun taf x'se jiġri. | Il-Business Plan ta' 3 snin għall-Università.<br><br>L-Abbozz tal-Att dwar l-Università ġie sottomess għall-kunsiderazzjoni.<br><br>L-inventarju tal-Università sottomess għall-konsiderazzjoni.<br><br>L-eżerċizzju tal-activity based costing.<br><br>F' Marzu 2014 tnieda l-proċess ta' laqgħat bejn l-istakeholders konċernati sabiex ikun imfassal il-Qafas Kontrattwali. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 135 | Dan il-Gvern se jibda jżidhom bir-rata tal-għoli tal-ħajja pro-rata mill-1 ta' Jannar 2014. L-istipendju s-sena d-dieħla se jiżdied b' 1.9% jew b'sittax-il ewro u sitt ċenteżmi fis-sena. Din il-miżura se tiswa madwar 250,000 ewro. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 136 | Minn Jannar li ġej se nżidu wkoll l-istipendji għall-istudenti veterinarji. Dawn se jibdew jirċievu 300 ewro fix-xahar. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |
| 137 | Studenti li jirrepetu sena waħda fil-kors tagħhom se jingħataw l-istipendju xorta. Din il-miżura tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |
| 138 | Se jsir tibdil leġislattiv sabiex żgħażagħ minn 16-il sena 'l fuq ikunu jistgħu jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali | Il-leġislazzjoni tħejjiet mill-MOT-PS.<br><br>L-Att qiegħed fil-Parlament fi stadju tat-Tieni Qari. | L-Att Nru. XVI tal-2014 ġie mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fl-għoxrin ta' Mejju 2014, u huwa imsemmi "Att biex jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali, sabiex jipprovdi għall-votazzjoni minn persuni li jkunu għalqu l-età ta' sittax-il sena", muri fuq il-Gazzetta tal-Gvern Nru. 19,257 datata s-27 ta' Mejju 2014.<br><br>Il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 139 | L-isport se jingħata prijorità sabiex jiżviluppa l-kapaċitajiet individwali u titrawwem kultura sportiva minn età bikrija. Se tingħata, ukoll, prijorità lit-tisħiħ ta' dixxiplini sportivi inqas prattikati u se jissaħħu sport tradizzjonali. | Saret konsultazzjoni mal-għaqdiet u federazzjonijiet kollha tal-isport 'minuri'.<br><br>Fil-premju 'Ġieħ l-Isport Malti', l-isport 'minuri' ngħataw aktar spazju.<br><br>Saru laqgħat bejn il-Kunsill Malti għall-Isport u Heritage Malta sabiex jikkollaboraw fi proġett li jippromwovi l-isport tradizzjonali u li hu pproġettat li jibda f'Ottubru 2014.<br><br>Ir-regatta ngħatat impetus ġdid, filwaqt li l-poloz tagħha qed jiġu trasmessi fuq it-televiżjoni biex tingħata aktar pubbliċità.<br><br>Issaħħet l-Akkademja taż-Żwiemel. | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 140 | Il-proġetti kapitali fl-isport se jingħataw prijorità. Dawn jinkludu l-pitches tal-waterpolo u tal-futbol f'Birżebbuġa, il-canopy fl-Isports Pavillion ta' Kordin, l-upgrading tal-Pixxina Nazzjonali u faċilitajiet tal-futbol f'Għawdex. Għal dan il-għan qegħdin nallokaw is-somma ta' €2.5 miljun. | Pitch tal-Waterpolo fi stat avvanzat ta' kostruzzjoni fit-time-frames stabbiliti. . | | | Tkomplija fix-xogħlijiet fuq il-waterpolo pitch. | Implimentata. |
| | | Pitch tal-Futbol: Ġie ffinalizzat il-fażi tat-tendering fit-time-frames stabbiliti. | L-aġġudikazzjoni tal-offerti kompluta.<br><br>Qed jitħejja l-Kuntratt mid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Hemm proposta biex tiġi inkluża wkoll faċilità ta' raffa, (pitch tal-boċċi).<br><br>Id-drawings u l-Bill of Quantities huma lesti. | Beda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| | | Canopy għall-Padiljun tal-Isport, Kordin.<br><br>L-Assoċjazzjoni ngħatat il-permess biex tibda l-proġett. | Il-fażi tat-tendering iffinalizzata u l-proġett beda.<br><br>Sar l-ewwel pagament lill-Assoċjazzjoni u wasal biex isir it-tieni pagament. | | Proġett lest. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Faċilitajiet tal-futbol f'Għawdex<br><br>Sal-lum sar l-upgrading ta' 3 pitches tal-futbol. | Faċilitajiet tal-futbol f'Għawdex.<br><br>11-il grawnd upgraded (Gozo Stadium; Xewkija; Youth Oratory Rabat; Nadur; Xagħra; Victoria Hotspurs; Kerċem; Munxar; San Lawrenz (Skola Primarja ) Żebbug ( Skola Primarja)).<br><br>Beda x-xogħol fuq 3 grawnds oħra: Għajnsielem; Għarb u Qala.<br><br>Il-permess tal-iżvilupp dwar SK Victoria Wanderers Club House jinsab fil-proċess.<br><br>Il-fondi li ngħataw lil Gozo Football Association sa issa huwa ta €100,000. | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 141 | Programm favur il-qari. | Tnedija ta' 'Aqra Miegħi/Read with Me project' għal tfal bejn 0 u 3 snin. | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
| --- | --- | --- | --- | --- | --- | --- |
| | | Proġett pilota li jinvolvi 7 skejjel.<br><br>Tnedija tal-proġett 'Ambaxxaturi tal-Qari'.<br><br>Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | |
| 142 | Proġett li, bil-ħila ta' kowċis u futbolers professjonali, nressqu lit- tfal aktar lejn il-qari. Il-kowċis u l- futbolers magħżula huma role models għal dawn it-tfal u bl-għajnuna professjonali tagħhom se jkunu qed ikabbru l-interess fit-tfal biex jaqraw aktar. | Ġie preparat u sottomess pre-proposal għal ESF. | Qed nistennew li jinħarġu l-applikazzjonijiet mill-PPCD biex issir l-applikazzjoni formali.<br><br>Dawn l-applikazzjonijiet se joħorġu lejn l-aħħar kwart tas-sena 2014. | Saru l-preparamenti għal meta joħorġu l-applikazzjonijiet għall-proġetti taħt il-finanzjament mill-fondi tal-ESF. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 143 | Proġett li se jinvolvi ż-żgħażagħ li bħalissa qegħdin jiskontaw sentenza l-ħabs. Iż-żgħażagħ se jattendu laqgħat informali u ta' soċjalizzazzjoni. Wara dan, huma jkunu mħeġġa biex jipparteċipaw fi sports. | L-Aġenzija Żgħażagħ flimkien mal-CoRRS (Centre of Residential Restorative Services) ifformulaw l-iskema li se tibda fl-aħħar kwart tas-sena 2014. | Il-Kunsill Malti Għall-iSport se jimplimenta din l-inizjattiva. Qed isiru tħejjijiet preparatorji sabiex tkun identifikata persuna biex tmexxi dan il-programm. | | Għaddejjin diskussjonijiet bejn il-MEDE-PS u l-MHAS. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

# MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 80 | 80. Qegħdin nallokaw aktar minn 103.6 miljun ewro sabiex ninvestu u nsostnu l-oqsma ambjentali u dawk agrikoli, fejn se titfassal Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent u nwettqu l-istrateġija dwar il-Green Jobs. | Strateġija Dwar Green Jobs - Din hija inizzjattiva konġunta bejn l-MSDEC u l-MEDE.<br>Saru laqgħat mal-NSO dwar surveys li hemm bżonn biex ikun identifikat n-numru ta' Green Jobs f'Malta. B'hekk wieħed ikun jista' jqabbel mar-rapport li sar mill-ETC fl-2007.<br>Barra minnhekk saret preżentazzjoni għat-tfal tal-iskola dwar il-benefiċċji tal-ekonomija l-ħadra u l-opportunitajiet innovattivi ta' xogħol li din toħloq. Il-preżentazzjoni tqassmet lill-iskejjel sekondarji kollha.<br><br>Sar ukoll xogħol sabiex jibdew ikunu identifikati miżuri li jwasslu għall-Green Jobs. | Strateġija Dwar Green Jobs - L-MSDEC iċċirkula lista proviżorja ta' miżuri lill-inter ministerial task force sabiex ikunu eżaminati fid-dawl tal-istrateġiji varji tal-ministeri rispettivi. Kull ministeru ntalab jevalwa l-fattibilita' ġenerali tal-miżuri fil-kwadru tal-istrateġija tagħhom. Komplew id-diskussjonijiet interni dwar il-miżuri.<br><br>Sar ukoll qbil mal-NSO dwar l-istudju tal-Green Jobs u dawn ġew ikkumissjonati għall-perjodu ta' 18-il xahar biex isiru l-istudji neċessarji. | Strateġija Dwar Green Jobs - Wara li ngħabar l-feedback inizjali mill-Ministeri rispettivi dwar il-miżuri, dan kien analizzat sabiex il-lista tkun ristretta għal numru iżjed maniġġjabbli u sinifikattiv b'mod li dawn ikunu iktar implimentabbli. Dan sar mill-MEU. Sal-aħħar ta' Settembru din il-lista kienet lesta u f'Ottubru titqassam lill-core group mill-Ministeri ewlenin fil-qasam tal-Green Jobs (Turiżmu, Trasport, Ekonomija, Finanzi, Ambjent, Edukazzjoni).<br><br>L-NSO beda bl-eżami preliminari tiegħu dwar is-sitwazzjoni tal-Green Jobs f'Malta biex ikun stabbilit l-benchmark li fuqu wara jkun jista' jitkejjel s-suċċess tal-istrateġija. | Fil-bidu ta' Ottubru ltaqa' l-core group u tqassmet il-lista bil-miżuri dwar l-abbozz tal-istrateġija u pjan ta' azzjoni sabiex kull ministeru jara li dan huwa in sintonija mal-prijoritajiet u mal-istrateġiji l-oħra tagħhom.<br><br>Qabel l-aħħar tas-sena għandu jkun tlesta l-ewwel rapport li jinkludi l-miżuri kif proposti għall-konsiderazzjoni mill-core group. Wara dan ser isir l-economic evaluation tagħhom li l-proċess tiegħu nbeda. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Dan l-istudju ser iservi wkoll biex wieħed ikun jista' jidentifika jekk l-impjiegi fis-settur tal-'Environmental Goods and Services' żdidux jew naqsux meta mqabbel ma' meta sar l-ETC 2007 Report.<br><br>Inħarġet ukoll EOI sabiex ikun identifikat speċjalist/i fl-assessments ekonomiċi sabiex, il-miżuri proposti ikunu jistgħu jkunu eżaminati għall-impatt previst tagħhom u l-ispiża meħtieġa biex jitwettqu.<br><br>Tfassal l-ewwel qafas tal-pjan ta' azzjoni li jrid ikun diskuss u elaborat bil-kontribuzzjoni tal-ministeri rispettivi fil-ġimgħat li ġejjin. | | |

| **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|
| | Politika Nazzjonali dwar l-ambjent (PNA)- Din hija politika orizzontali li allura trid titwettaq minn kull Ministeru fl-ambitu tar-responsabbilitajiet rispettivi tagħhom, bl-MSDEC jikkoordina u jagħmel moniteraġġ. Twaqqfu focal points f'kull Ministeru biex jikkoordinaw flimkien mal-MSDEC l-implimentazzjoni tal-miżuri rispettivi.<br><br>Saru diversi laqgħat li fihom ġie diskuss il-progress li kien qed isir. | Bħala proċedura saru numru ta' laqgħat mal-focal points biex ikun assigurat li l-progress jibqa' għaddej u fejn ikun hemm diffikultajiet, wieħed jipprova jsolvihom. Sar ukoll rapport intern dwar l-andament tal-miżuri u nstab li filwaqt li parti sostanzjali minnhom qegħdin jitwettqu, hemm oħrajn li għandhom bżonn ta' iżjed diskussjoni bejn il-Ministeri rispettivi. Hemm ukoll numru sinifikanti ta' miżuri li kellhom jibqgħu pendenti sakemm iseħħ id-demerger tal-MEPA kif ukoll jissaħħaħ l-capacity building fi ħdan il-Ministeri rispettivi. | L-ewwel abbozz tal-Monitoring Report li jkopri s-sena 2012, dwar il-Politika Nazzjonali dwar l-Ambjent (PNA) kważi tlesta. Saru meetings mal-MSDC u inħatar focal point fil-MJCL li magħhom saru wkoll laqgħat. F'Awwissu ġie f'pajjiżna konsulent mill-EU li għamel laqgħa mal-uffiċjali responsabbli mill-PNA f'Malta. Dan il-konsulent qed jagħmel studju dwar il-politika ambjentali u qed jieħu dik Maltija bħala eżempju ta' 'prattika tajba' dwar kif tgħaqqad miżuri bbażati fuq id-dimensjoni ġeografika (spatial dimension) fit-twettiq ta' politika settorali bħall-ambjent. Dan l-istudju qed isir bħala parti mill-moniteraġġ tal-Aġenda Territorjali EU 2020. | Il-PNA hija politika dinamika u ħajja u allura l-miżuri rispettivi jibqgħu jitwettqu b'mod kontinwu. Matul l-aħħar tliet xhur tal-2014 ser jsiru follow-ups fuq il-miżuri individwali li l-Ministeri nfushom raw li huma fattibbli sabiex naraw li dawn jiġu implimentati. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Għaddejjin l-arranġamenti meħtieġa sabiex jinfirdu id-direttorati tal-ippjanar u dak tal-ambjent fil-MEPA. Bit-twaqqif ta' Aġenzija dwar l-Ambjent u r-Riżorsi se niggarantixxu li l-Ambjent ikollu focus speċifiku bl-importanza meħtieġa. L-ambjent se jkun fiċ-ċentru ta' kull inizjattiva u deċiżjoni li tittieħed. | Matul l-ewwel tliet xhur tal-2014 baqgħu għaddejjin d-diskussjonijiet bejn l-OPM, il-MEPA u l-MSDEC biex dejjem ikunu ċċarati l-miżuri li jridu jittieħdu dwar il-qasma li trid isseħħ u li permezz tagħha l-ambjent jingħata dimensjoni iktar qawwija. Fl-istess waqt beda x-xogħol fuq l-abbozz tal-liġijiet rispettivi bl-għajnuna ta' esperti fil-qasam. Saru wkoll numru ta' laqgħat f'livell għoli dwar il-kwistjoni tal-aċċess għall-ġustizzja. Saret ukoll laqgħa konġunta ta' konsultazzjoni pubblika bejn l-OPM, MSDEC u MEPA, li fiha kienu ppreżentati d-direzzjoni ppjanata kemm għall-qasam tal-ambjent kif ukoll għall-qasam tal-ippjanar tal-iżvilupp. | Kien ippubblikat id-dokument ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-qasma tal-MEPA u d-dokument tpoġġa wkoll online. Il-kummenti li kien hemm ġew diskussi bejn l-MSDEC u l-MEPA.<br>Sadanittant l-MSDEC ingaġġa Change Agent biex jassisti lill-Ministeru fit-twaqqif tal-Awtorità l-ġdida li ser tkun responsabbli mill-ambjent.<br><br>Bħala parti mill-preparazzjoni kien meħtieġ li ssir analiżi tas-sistemi u proċessi li jintużaw bħalissa fil-MEPA fuq dak li jirrigwardja l-ambjent kif ukoll dwar spejjeż u baġits rispettivi. | F'Lulju tpoġġa fil-Parlament l-ewwel qari tal-abbozz ta' liġi dwar l-awtorità l-ġdida tal-ambjent.<br><br>Matul dawn it-tliet xhur tkomplew ukoll il-laqgħat mal-ħaddiema tal-ambjent kif ukoll l-istudju u analiżi ta' proċessi. Tlesta r-rapport tas-sitwazzjoni preżenti kif ukoll l-ewwel abbozz ta' reviżjoni tal-proċessi, qafas ta' struttura organizzattiva ġdida, deskrizzjoni tax-xogħlijiet, l-impjegati li hemm bżonn, il-baġit għall-Awtorità l-ġdida, u pjan ta' żvilupp. Tħejja wkoll l-ewwel qafas għall-pjan ta' implimentazzjoni. Dan kollu ser ikun diskuss mal-MSDEC f'Ottubru sabiex wara li jkun hemm qbil, jibda x-xogħol ta' implimentazzjoni. | Huwa maħsub li fl-aħħar tliet xhur tal-2014 jibdew jitwettqu l-ewwel fażijiet tal-implimetazzjoni fosthom billi jibda jitwaqqaf l-uffiċċju tal-corporate services tal-Awtorità tal-ambjent sabiex jibda jieħu l-affarijet mingħand il-MEPA. Jibdew ukoll ikunu ingaġġati managers li jridu jieħdu ħsieb it-tranżizzjoni. Sadanittant għandha titlesta l-liġi l-ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Fiha ġie spjegat li min-naħa tal-ambjent it-tibdil legali mhux ser ikun wisq u dan minħabba li l-ambjent huwa regolat b'mod qawwi mill-EU. | Għal dan l-għan saru numru ta' laqgħat mal-ħaddiema li fihom bdew jiġu elenkati l-proċessi tal-awtorità, biex wara diskussjonijiet oħra jkunu jistgħu jitfasslu proċeduri ġodda li jmorru id f'id mal-iskop tal-politika ambjentali biex tkun tista' tiżdied l-effiċjenza.<br><br>Saru wkoll laqgħat mal-MEH sabiex wieħed jara liema partijiet tal-MRA ikunu jridu jgħaddu għand l-Awtorità l-ġdida tal-ambjent jekk ikun il-każ. | Ħarġet ukoll espressjoni ta' interess biex jiġi identifikat post ġdid għall-Awtorità l-ġdida. Ħarget ukoll espressjoni ta' interess għall-corporate rebranding. L-offerti jkunu analizzati f'Ottubru. Sadanittant tkomplew id-diskussjoniet fuq l-abbozzi tal-liġijiet. | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 82 | Is-sena d-dieħla, mistennija tiġi approvata il-leġiżlazzjoni dwar it-tniġġiż ikkawżat mill-ħsejjes. L-Att dwar l-Iżvilupp sostenibbli pprovda għat-twaqqif tal-Gwardjani għall-Ġenerazzjonijiet Futuri u għan-Network dwar l-Iżvilupp Sostenibbli. | L-MSDEC waqqaf working group sabiex ifassal qafas ta' liġi dwar il-ħsejjes kompost minn avukati u esperti fil-qasam. L-esperti legali bdew janalizzaw x'kien sar s'issa kif ukoll jistudjaw x'mudelli kienu attwati f'pajjiżi oħra sabiex wieħed jitgħallem minnhom. Saru diversi laqgħat. | Tkomplew il-laqgħat tal-working group li matulhom l-avukati spjegaw dak li sabu u bdew jagħmlu proposti dwar il-liġi l-ġdida. Fost affarijiet oħra kienu diskussi l-materji tal-kontroll fuq il-ħsejjes u dak li jista' jsir sabiex jitnaqqas jew jittaffa l-impatt tagħhom. Minbarra li saret review ta' dak li kien sar qabel fuq il-materja tkompliet ukoll ir-riċerka fir-rigward sabiex dejjem ikun assigurat li wieħed jieħu l-aħjar għal pajjiżna. | Matul dan il-perjodu tkomplew id-diskussjonijet u sar l-ewwel abbozz ta' liġi. F'Lulju l-liġi għaddiet mill-ewwel qari fil-Parlament. Id-diskussjonijiet żvolġew madwar il-ħtieġa li jkun hemm miżuri effettivi biex jitnaqqsu l-ħsejjes u biex jitnaqqas l-inkonvenjent. Ħareġ ċar li huwa importanti li jkun hemm mezz ta' deterrent iktar b'saħħtu milli hemm illum u dan billi l-liġi tkun iktar b'saħħitha kontra min jabbuża u billi jingħata iktar saħħa lill-awtorità eżekuttiva li llum tieħu ħsieb dawn l-affarijiet, jiġifieri l-Pulizija. | F'Ottubru saret laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Pulizija f'dan ir-rigward. Aktar laqgħat huma mistennija jsiru mal-Pulizija u mal-Awtorità tal-ambjent u l-Kunsilli Lokali sabiex ikun ippreparat memorandum intern dwar it-triq 'l quddiem. Il-ħsieb huwa li tersaq quddiem il-Kabinett u jinbeda l-proċess ta' konsultazzjoni dwarha. | Implimentata. |
| | | Il-Gwardjan għall-Ġenerazzjonijiet Futuri u n-Network dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li twaqqfu fl-2013 baqgħu jiltaqgħu regolarment kif stipulat fil-liġi. | Il-Gwardjan għall-Ġenerazzjonijiet Futuri u n-Network dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li twaqqfu fl-2013 baqgħu jiltaqgħu regolarment kif stipulat fil-liġi. | Il-Gwardjan għall-Ġenerazzjonijiet Futuri u n-Network dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li twaqqfu fl-2013 baqgħu jiltaqgħu regolarment kif stipulat fil-liġi. | Il-Gwardjan għall-Ġenerazzjonijiet Futuri u n-Network dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li twaqqfu fl-2013 ser jibqgħu jiltaqgħu regolarment kif stipulat fil-liġi. | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Il-Ministeru ppreżenta r-rapport Anwali dwar il-ħidma tal-Awtorità Kompetenti tal-Iżvilupp Sostenibbli hekk kif stipulat fl-Att, filwaqt li qed jaħdem fuq ir-Reviżjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli. | Il-Ministeru ser ikompli jaħdem fuq ir-Reviżjoni tal-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u l-ewwel abbozz għad-diskussjoni mistenni jkun lest lejn l-aħħar tas-sena. | |
| 83 | Se titwettaq kampanja ta' informazzjoni dwar l-iskart u l-immaniġġjar tiegħu. Minbarra dan, inbeda l-proċess ta' ristrutturar tal-WasteServ wara n-nuqqasijiet gravi misjuba mill-Awditur Ġenerali. | F'Jannar 2014 kien ippubblikat il-pjan għall-immaniġġjar tal-iskart f'Malta ("Waste Management Plan for the Maltese Islands – A Resource Management Approach, 2014 – 2020"). Dan il-pjan jidentifika l-bżonn ta' kampanja ta' għarfien u edukazzjoni dwar l-iskart. Sabiex wieħed ikejjel l-interess tas-suq f'dan ir-rigward, kif ukoll biex wieħed jieħu idea ta' fejn is-suq jaħseb li għandha issir enfasi u dwar | Tkomplew d-diskussjonijet dwar il-baġit. F'Mejju kien approvat li jiżdied l-ammont ivvutat għas-sena 2014 u beda x-xogħol preliminari biex tkun ippreparata sejħa għall-offerti. Matul Awwissu nbeda wkoll xogħol ta' riċerka tas-suq mifruxa fuq tliet ġimgħat sabiex ikun determinat liema aspetti huma l-iktar importanti għall-kampanja fit-tul. Din ir-riċerka imbagħad tkun toffri bażi tajba għall-kundizzjonijet fis-sejħa għall-offerti. | Ix-xogħol dwar is-sejħa tkompla u kien ingaġġat konsulent sabiex jgħin fit-tfassil. Kien deċiż ukoll li jkun għaqli li sakemm jitlesta l-proċess ta' tendering titħejja kampanja ta' riklamar u komunikazzjoni għal matul l-aħħar xhur tal-2014 sabiex imbagħad il-kampanja fit-tul tkun tista' ssir fl-2015 'l quddiem. Matul dan il-perjodu ġabru sottomissjonijiet għall-kampanja ta' riklamar u komunikazzjoni għall-aħħar tliet xhur tas-sena - waħda għal riklamar fuq barra permezz ta' billboard elettroniċi, oħra għal riklamar online u fuq is-social media, u oħra għal fuq it-televiżjoni. | | Implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | l-ispiża involuta, fil-bidu tas-sena nħarġet espressjoni ta' interess għall-iżvilupp ta' kampanja ta' edukazzjoni u komunikazzjoni dwar l-immaniġġjar tal-iskart. | | | | |
| | Ġie appuntat is-senior management team tal-kumpanija u tkompla proċess ta' analiżi tal-proċessi u l-ħiliet meħtieġa inkluż titjib fl-organogramma. Tkomplew ukoll fuq bażi regolari diskussjonijiet mal-union. | Tkompla x-xogħol fuq ristrutturar u tisħiħ tal-kumpanija. Tlesta wkoll eżerċizzju biex tfassal qafas ta' capacity building fil-livelli għolja li wara diskussjonijiet interni ġie approvat mill-Bord tad-Diretturi. Inħarġu sejħiet għal HR Manager, IT Manager u Health & Safety Manager. Sadanittant l-iskeda tax-xogħol fl-impjant ta' Wied il-Għajn inbidlet għal waħda fuq bażi ta' Day In Day Out li żiedet l-effiċjenza. | Tkompla ir-ristutturar tal-kumpanija. Sadanittant inbeda proċess ta' identifikazzjoni ta' capacity building fil-livelli iktar baxxi u bdew ikunu ngaġġati numru ta' ħaddiema.<br><br>Inħarġet ukoll sejħa għall-offerti ġdida sabiex il-kuntrattur magħżul jipprovdi ħaddiema skont il-ħtieġa tal-kumpanija biex b'hekk tkun assigurata iżjed flessibiltà. | Il-proċess jitkompla matul l-aħħar tliet xhur tal-2014. Il-ħsieb huwa li jitkompla l-isforz fir-ristrutturar billi jissaħħaħ ukoll il-middle management u anke staff f'livell iktar 'l isfel u dan fid-dawl tax-xogħlijiet infrastrutturali kbar li qed tagħmel il-kumpanija biex ittejjeb l-immaniġġjar tal-iskart f'Malta. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 84 | Wara li, għall-ewwel darba, twaqqaf Unit għall-Immaniġġjar tal-Park tal-Familja, tfassal ukoll Pjan għall-Manutenzjoni u l-Immaniġġjar tal-Park. Għal dan il-għan, qegħdin nallokaw is-somma ta' 200,000 ewro. . | Matul l-ewwel tliet xhur tal-2014 il-Family Park Management Unit (FPMU) beda jaħdem sabiex il-Park jilħaq il-livell neċessarju ta' saħħa u sigurtà, kif ukoll skont il-ħtiġijiet tal-Kummissjoni Nazzjonali, Persuni b'Diżabilità. Wara numru ta' spezzjonijiet u laqgħat saru diversi xogħlijiet. | L-FPMU kompla bix-xogħol tiegħu u twaħħlu numru akbar ta' bankijiet fil-picnic areas, tkabbret is-sistema ta' irrigazzjoni, saret manutenzjoni fuq l-apparat u nbeda xogħol biex tinħareġ ukoll tender għall-installazjoni ta' faċilltajiet sanitarji fil-park. | Is-sejħa għall-faċilitajiet sanitarji inħarget. Sadanittant, tkomplew ix-xogħlijiet fosthom żriegħ ta' iktar siġar, twaħħlu iktar bankijiet għall-picnics, saret rilokazzjoni tal-public convenience eżistenti għall-post iżjed aċċessibbli, sar ir-restawr ta' partijiet li kienu sfrondaw u saru preparazzjonijiet għal sistema ta' irrigazzjoni f'dan il-post, kif ukoll xogħlijiet ta' water-proofing. Tkompla wkoll x-xogħol ta' tiswija fil-Park. | Huwa maħsub li sal-aħħar tas-sena jitlesta -xogħol fuq il-faċilitajiet sanitarji ġodda, manutenzjoni tat-tined tal-injam u tal-bankijiet, jitwaħħlu erba' gazebos ġodda, u jsir turf artifiċjali fl-area tal-gym. Ser jitwaħħlu tmien xatbiet ġodda biex jirregolaw l-aċċess għall-park. Sal-aħħar tas-sena il-park għandu jkun konformi mal-permess tal-MEPA. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| | 85. Fis-settur tal-Klima se jkun hemm it-tisħiħ u l-implimentazzjoni tal-politika għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament. Hawnhekk, qegħdin infasslu liġi komprensiva dwar it-tibdil fil-klima | Twaqqaf working group li beda jaħdem fuq it-tfassil ta' din il-liġi. Saru diskussjonijiet li żvolġew madwar il-ħtieġa li jkunu identifikati l-iktar elementi importanti li għandhom jidħlu fil-liġi. Saru wkoll laqgħat ma' esperti fil-qasam. | Il-grupp kompla jiltaqa' u saru numru ta' diskussjonijet ma' nies tekniċi fil-qasam. Inbeda l-ewwel abbozz. Fl-istess waqt il-grupp ħadem ukoll fuq abbozz ta' avviż legali dwar is-sistema nazzjonali tal-inventarju. | F'Lulju sar l-ewwel qari fil-Parlament ta' din il-liġi u mbagħad tkomplew d-diskussjonijiet dwar l-abbozz fil-working group, fosthom il-ħtieġa li t-tibdil fil-klima jingħata għarfien partikolari fit-tfassil tal-policies tal-Gvern. Saru wkoll konsultazzjonijiet ma' Ministeri oħra. L-abbozz avvanzat tlesta lejn l-aħħar ta' Settembru. | Huwa maħsub li l-liġi dwar it-tibdil fil-klima tkun approvata mill-Kabinett qabel l-aħħar tas-sena u jkun beda sew il-proċess ta' konsultazzjoni. L-avviż legali dwar l-inventarju jkun lest matul dan il-perjodu wkoll. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Tlesta wkoll l-abbozz tal-avviz legali dwar sistema nazzjonali dwar l-inventarju ta' "Anthropogenic Greenhouse Gas Emissions by Source and Removals by Sinks" | | |
| 86 | Se nibdew programm pilota ta' investiment fi qsari li jsebbħu ż-żoni urbani tagħna. Qegħdin nallokaw 200,000 ewro għal dan il-għan. | Twaqqaf kumitat mill-Ministru sabiex jara kif l-aħjar tkun implimentata din il-proposta. Wara rakkomandazzjoni tal-kumitat kien deċiż li, bħala proġett pilota, jintgħażlu erba' Kunsilli Lokali li jbatu sostanzjalment minn tniġġiż fl-arja u jintalbu jagħmlu proposti. Il-Kunsilli Lokali magħżula kienu Fgura, Msida, San Pawl il-Baħar u r-Rabat Għawdex. Dawn ingħataw żmien sabiex iressqu l-proposti tagħhom. | Matul dan il-perjodu il-Kunsilli Lokali magħżula ressqu l-proposti tagħhom. Dawn il-proposti kienu evalwati mill-kumitat li wara li ddiskuta mal-Kunsilli Lokali rispettivi wasal fi ftehim dwar x' l-aħjar li jsir bħala xogħlijiet. Wara nbdew diskussjonijiet dwar kif għandhom ikunu rregolati l-ispejjez u l-infiq u sar xogħol biex jitfassal MoU għal dan il-għan. | Ġie finalizżat u ffirmat il-Memorandum of Understanding bejn l-MSDEC u l-erba' Kunsilli Lokali. Dan l-MoU jidentifika eżatt x'għandu jsir. Permezz tal-MoU il-Kunsilli Lokali ser jingħataw 50,000 ewro kull wieħed maqsum f'diversi pagamenti. Il-Kunsilli ser ikunu responsabbli mit-twettiq tax-xogħlijiet fuq qsari u tħawwil ta' siġar u pjanti inkluż kwalunkwe tender li tkun meħtieġa filwaqt li l-kumitat tal-MSDEC ser joħroġ iċ-ċertifikazzjoni li x-xogħol sar. Sadanittant il-kunsilli bdew jippreparaw it-tenders meħtieġa. | Huwa mistenni li t-tħawwil neċessarju ta' pjanti kif ukoll x-xogħlijiet oħra ta' tisbiħ isiru matul dan il-perjodu għalkemm jista' jkun hemm xi xogħlijiet li jsiru fil-bidu tal-2015. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 95 | Matul is-sena li ġejja, il-Gvern se jniedi r-riforma tal-Pitkalija kemm fuq livell strutturali kif ukoll dak operattiv. Qed neżaminaw ukoll proposti għal żviluppi privati f'dan il-qasam. | Id-Dipartiment għall-Iżvilupp Rurali beda jagħmel xogħol ta' riċerka sabiex ikunu stabbiliti liema huma l-kundizzjonijet kuntrattwali li hemm fuq l-operat tal-pitkalija u anke sabiex jiġbor informazzjoni oħra dwar is-sit. | Tkompla x-xogħol ta' riċerka u nstab li l-Gvern kien ilu numru twil ta' snin jagħmel rapporti dwar ir-riforma fil-pitkalija li għal xi raġuni jew oħra qatt ma twasslu għall-konklużjoni.<br><br>F'Mejju kienet identifikata persuna minn entità tal-Gvern sabiex tibda tgħin fit-tfassil ta' viżjoni iktar ċara dwar il-futur tal-pitkalija. Il-Gvern kien għamel ukoll xi diskussjonijet mal-privat li wera interess fi proġett ikbar. Beda jsir assessment tekniku u legali biex ikun determinat l-possibiltà li jkun hemm il-parteċipazzjoni tal-privat. Sistema tal-IT - Sadanittant permezz tal-MITA bdiet issir analiżi tal-proċess tekniku u operattiv tal-pitkalija sabiex tkun żviluppata sistema tal-IT moderna. | Filwaqt li tkomplew id-diskussjonijiet interni sar ukoll valutazzjoni preliminari tar-rapporti li kienu saru qabel. Inbeda wkoll xogħol sabiex ikun determinat jekk il-proposta tal-privat li kien hemm kinitx fattibbli kemm mil-lat loġistiku kif ukoll mil-lat legali u tekniku u jekk ikunx jaqbel lill-Gvern li jmur f'dik id-direzzjoni. Ġew ippreżentati żewġ memos lill-Kabinett fir-rigward ta' tħaddim ta' sistema ġdida tal-kaxxi kif ukoll rigward is-sistema ta' ħlas lill-bdiewa tal-prodotti li jinbiegħu fil-pitkalija. Proġett Pilota - Sadanittant tkompla wkoll x-xogħol fuq il-proġett pilota. | Matul l-aħħar tliet xhur tal-2014 huwa mistenni li l-Gvern jieħu deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-privat jew fil-forma ppreżentat s'issa, jew b'forma fejn il-privat ma jipparteċipax jew f'xi forma oħra possibli.<br><br>Inbeda il-proċess fuq is-sistema l-ġdida tal-kaxxi kif ukoll bdew taħdidiet ma' diversi entitajiet ikkonċernati biex tidħol fis-seħħ is-sistema l-ġdida tal-ħlasijiet lill-bdiewa. Ukoll tkompla ix-xogħol fuq is-sistema tal-IT li se titħaddem fil-Pitkalija. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Maniġment tal-Kaxxi tal-pitkalija - saret evalwazzjoni ta' sistema alternattiva ta' kaxxi li jkun fihom ċippa elettronika li permezz tagħha wieħed ikun jaf għand min qiegħda u kemm damet biex b'hekk wieħed jibda jħallas tal-kaxxa skont l-użu. Dan għandu jgħin biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu u jiżdied ukoll id-dħul sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż.<br><br>Maniġment tad-dejn fuq il-bejgħ - beda xogħol ta' analiżi u assessment sabiex ikunu identifikati meżżi iktar effettivi sabiex ikun assigurat li l-ħlas fuq xiri ta' prodotti agrikoli mill-pitkalija isir iktar trasparenti. | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Is-Segretarjat Parlamentari kompla bid-diskussjonijet mal-privat dwar l-użu tal-art madwar il-pitkalija fi proġett privat li jkun jinkludi modernizzar tal-pitkalija.<br><br>Saru wkoll laqgħat tekniċi dwar public procurement u state aid minħabba d-diffikultajiet legali li nqalgħu. | | | |
| 96 | Se jinbeda xogħol estensiv ta' titjib fil-biċċerija. | Għal ħafna snin il-Biċċerija kienet prattikament abbandunata bi ftit li xejn xogħlijiet ta' titjib. Ix-xogħlijiet li hemm ippjanati huma diversi u matul l-ewwel tliet xhur tal-2014 inbeda x-xogħol fuq:<br><br>- inbdiet l-installazzjoni ta' sistema ġdida ta' LPG; | Xogħlijiet baqgħu għaddejjin:<br>- ix-xogħol fuq is-sistema tal-LPG qabad ritmu tajjeb iżda kien hemm diffikultajiet mal-kuntrattur li minkejja kull sforz waqa' lura;<br><br>- tlestiet l-ewwel fażi tal-kmamar għall-ħaddiema (il-kostruzzjoni) u bdiet it-tieni fażi (finishes); | Ix-xogħlijiet fil-Biċċerija tkomplew skont il-każ:<br>Il-kuntrattur li kellu jinstalla s-sistema tal-LPG baqa' inadempjenti minkejja kull sforz li sar mid-Dipartiment. Ġie deċiż li jittieħdu passi legali;<br><br>Kmamar għall-ħaddiema - tkompla x-xogħol ta' finishes u twaħħil ta' apparat. Inħarġu żewġ tenders għal xiri ta' apparat; | Jitkomplew x-xogħlijiet ħlief fejn inqalgħu problemi bil-kuntrattur:<br>- ser jittieħdu passi legali kontra l-kuntrattur tal-LPG;<br>Kmamar għall-ħaddiema - jitkompla x-xogħol u jkunu konklużi t-tenders għal xiri ta' apparat li huwa mistenni li jitwaħħal fil-bidu tal-2015; | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | - inbdew il-kmamar ġodda b'faċilitajiet sanitarji għall-ħaddiema sabiex ikunu konformi mar-regoli ta' iġjene u health and safety;<br>- twaħħlu culverts tad-drainage ġodda fil-parti fejn jinqatlu l-baqar;<br>- titjib fuq il-linja tal-baqar. | - tlestiet is-sistema ġdida tad-drenaġġ fil-linja tal-baqar;<br>- tlesta reverse osmosis għar-refrigeration plant;<br>- beda xogħol fil-bleeding area u tiswijiet fuq is-soqfa;<br>- minħabba limitazzjonijiet fil-baġit kellu jkun pospost ix-xogħol fuq il-makkinarju u tagħmir ieħor, kif ukoll dak fuq l-elettriku u plumbing. | - ix-xogħol ta' titjib fil-bleeding areas tal-baqar tlesta;<br>- tlesta nofs ix-xogħol tat-tiswija tas-soqfa li iżda kellu jieqaf minħabba problemi f'tender oħra ta' studs li jridu jintradmu fil-kontrabejt u li allura ma jistax jitlesta qabel tkun iddeterminata t-tender tal-istuds;<br>- għaddej xogħol ta' manutenzjoni u titjib fil-lairage tal-baqar u tal-majjali;<br>- tlestiet it-tender dwar il-bini ta' kamra għall-ħassiela<br>- l-evalwazzjoni lesta, kuntratt isir f'Ottubru;<br>- tlestiet it-tender għall-kamra tal-laundry ġdida - tkun ippubblikata f'Ottubru; Kamra tal-piżaturi u pump room għad-demm - l-evalwazzjoni tat-tender tlestiet. Kuntratt f'Ottubru. | - jitlesta x-xogħol ta' tijib fuq il-lairage tal-majjal u tal-baqar;<br>- jinbeda x-xogħol fuq il-kmamar tal-piżaturi u l-pump room tad-demm jitlesta;<br>- jinbeda x-xogħol fuq il-laundry room li jitlesta fl-2015;<br>- jitlestew it-tender specifications għar- refurbishment tal-makkinarju u tagħmir, xogħlijiet ta' elettriku, plumbing, ventilazzjoni u airconditioning. Xogħlijiet isiru fl-2015. | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 97 | Qegħdin nivvutaw, ukoll, is-somma ta' 2.6 miljun ewro fuq tliet snin sabiex nibdew nonoraw impenn, li kien daħal għalih il-Gvern preċedenti mingħajr ma ħaseb għall-flus, li jgħin lir-raħħala li investew fit-tined tal-baqar. | Minħabba numru sostanzjali ta' lmenti dwar l-iskemi li kienu nħarġu fil-leġislatura l-oħra u l-metodu kif kienu kkalkulati l-ispejjeż rilevanti, fl-2013 twaqqaf bord ta' reviżjoni biex jeżamina dawn l-ilmenti. Il-Bord kompla b'eżerċizzju kkumplikat biex jistabilixxi x'ġara sabiex ikun f'pożizzjoni li jagħmel rakkomandazzjonijiet. Saru wkoll numru ta' spezzjonijiet b'konnessjoni mal-investigazzjoni. | Il-Bord kompla bl-investigazzjoni teknika u spezzjonijiet u beda jiddiskuti każijiet individwali nkluż eżami dettaljat tal-applikazzjoni. Wara l-eżerċizzju tkun trid issir konsultazzjoni mal-iState Aid Monitoring Board biex ikun determinat x'kien tħallas mill-ammonti li l-Kummissjoni Ewropea kienet approvat bħala għajnuna. | Il-Bord sab li kien hemm każijiet fejn kien hemm nuqqas ta' kjarezza dwar x'somom kien irċieva l-applikant taħt skemi preċedenti u li setgħu jimpattaw d-dritt tiegħu għal aktar għajnuna fuq it-tined. L-investigazzjoni baqgħet għaddejja u kienet ftit ikkumplikata għax riedu jinqalgħu arkivji li jmorru lura xi snin. | Ser jitkomplew il-verifiki neċessarji biex ir-raħħala jkunu jistgħu jieħdu dak li huwa permissibli skont ir-regoli Ewropej. Jidher li l-każ jista' jitwal għall-2015. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| | 98. Se titħejja Strateġija Nazzjonali dwar is-Sajd u l-Akkwakultura sabiex niżguraw il-futur ta' din l-industrija. Il-Bord Konsultattiv preżenti se jinbidel għall- kunsill bil-parteċipazzjoni tal-koperattivi u operaturi f'dawn l-oqsma. | Saru numru ta' laqgħat kemm interni u kemm mal-koperattivi u mal-partijiet interessati. Dawn il-laqgħat servew biex jinġabar feedback dwar l-iStrateġija Nazzjonali Dwar l-Akkwakultura. Din ingħatat prijorità fuq l-istrateġija tas-sajd peress li din tal-aħħar hija regolata ħafna mill-Unjoni Ewropeja. Tlesta l-ewwel qafas tal-istrateġija dwar l-akkwakultura. | Matul it-tieni tliet xhur tal-2014 tkompla l-abbozzar tal-istrateġija u ġie iffinalizzat. L-abbozz tressaq quddiem il-Kabinett bl-għan li jkun approvat u ppublikat f'Lulju 2014. | L-istrateġija dwar l-akwakultura kienet approvata u ppublikata f'Lulju 2014.<br><br>Sadanittant inbeda xogħol preliminari dwar strateġija għas-sajd inkluż billi bdew isiru xi studji biex tiġi ffurmata l-istrateġija. | Jitkompla x-xogħol fuq l-istrateġija tas-sajd bl-għan li din tkun lesta sal-aħħar tas-sena. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Inbeda x-xogħol preliminari sabiex il-bord konsultattiv jinbidel f'kunsill. | Tkompla x-xogħol fuq abbozz ta' leġiżlazzjoni sabiex titwettaq din il-miżura. Mistenni li titressaq fil-Parlament lejn l-aħħar ta' Ottubru jew bidu ta' Novembru. | Il-leġiżlazzjoni sabiex titwettaq din il-miżura titressaq fil-Parlament f' Novembru. | Implimentata. |
| 99 | Hemm ippjanati breakwater ħdejn il-hardstanding facility, u r-restawr ta' dak eżistenti ħdejn il-power station ta' Delimara u tal-Veċċja f'San Pawl il-Baħar | Breakwater ta' Marsaxlokk/ Delimara: Saru laqgħat mal-MEPA sabiex tkun riattivata l-applikazzjoni għal dan il-proġett. | Breakwater Marsaxlokk/ Delimara - Ġiet formalment riattivata l-applikazzjoni għal dan l-iżvilupp. Il-MEPA qajmet il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tal-impatt ambjentali (EIA) u Appropriate Assessment (AA) qabel mal-proġett ikun jista' jitkompla jingħata konsiderazzjoni. Il-MEPA tgħid li dan l-EIA għandu jsir wara li jkun hemm l-iżvilupp tal-power station l-ġdida. Tkomplew id-diskussjonijiet sabiex titwaqqa' din ir-rabta sabiex l-EIA dwar il-breakwater jibda malajr. Sadanittant inbeda x-xogħol preliminarju biex titfassal tender biex isiru l-EIA (inkluż l-AA). | Tkompla x-xogħol fuq it-tenders biex ikun ikkuntrattat ix-xogħol biex isir l-EIA. It-tenders ħarġu fis-26 ta' Awwissu u għalqu fis-16 ta' Settembru u wara beda l-proċess ta' evalwazzjoni. | Il-kuntratt tal-EIA ikun iffirmat f'Novembru u xogħol fuqhom mistenni jibda lejn l-aħħar tas-sena u jitkompla fl-2015. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Breakwater f'San Pawl il-Baħar - Saru numru ta' laqgħat mal-periti tal-proġett sabiex ikunu aġġornati l-istimi. Barra minn hekk, bħala parti mill-proċess tal-permess ta' żvilupp, beda x-xogħol fuq Project Development Statement li ntalab mill-MEPA. | Kien finalizzat il-Project Development Statement li ntbagħat lill-MEPA għall-kunsiderazzjoni. | Wara numru ta' diskussjonijiet, il-MEPA eżentat lid-dipartiment mill-ħtieġa li jagħmel EIA u l-applikazzjoni għall-iżvilupp ġiet validata. Il-MEPA talbet li jsir rapport fuq il-"Construction Method Statement" u dan kien sottomess ukoll. Tkompla x-xogħol sabiex jitlestew il-BOQs. L-applikazzjoni għall-iżvilupp għandha tkun deċiża sa Frar 2015. | Fl-aħħar tliet xhur tas-sena ser titlesta u tkun ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet; li tkun suġġetta għall-permess tal-MEPA. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 100 | Landing site oħra se tiġi żviluppata fil-Marsa fil-viċinanzi tal-pixkerija l-ġdida. | Saru diversi laqgħat sabiex ikun finalizzat il-ftehim fuq fondi Ewropej għall-proġett. Fl-istess waqt inqalgħu diffikultajiet dwar is-sit li kien identifikat għall-landing site minħabba proġett ieħor tal-Gvern, il-Maritime Hub. Minħabba f'hekk, saru diversi laqgħat ma,' Transport Malta u l-Privatisation Unit. | Saru diskussjonijiet mal-MEIB biex is-sit il-ġdid jitneħħa mill-proġett tal-'Maritime Hub' u saru diskussjonijiet mad-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern biex issir l-allokazzjoni tal-art. | Ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-MEPA sabiex tiġi żviluppata il-landing site fil-post il-ġdid u tkomplew id-diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern. | Il-perit inkarigat mistenni jiffinalizza l-istimi meħtieġa u tinħareġ is-sejħa għall-offerti biex isir ix-xogħol meħtieġ. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 101 | Se jsir proġett ta' marine hatchery bejn il-Gvern u l-privat li ġibdet interess kbir anki internazzjonali. | Saret applikazzjoni mal-Mepa għall-iżvilupp tal-marine hatchery - dan wara li fl-2013 kienet ħarġet sejħa għall-espressjoni ta' interess li wriet li kien hemm interess kbir fir-rigward. Fl-istess waqt bdew diskussjonijiet preliminari mal-Mimcol, l-Privatisation Unit kif ukoll l-Kuntratti sabiex tkun identifikata l-aħjar triq 'il quddiem possibilment bil-kunċett ta' public private partnership. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-Privatisation Unit u l-Kuntratti u kien irrakkomandat li tkun ippreparata talba għall-proposti (RFP) fuq il-mudell ta' Design, Build and Operate tender. Il-Privatisation Unit beda jaħdem fuq it-tfassil tat-tender bl-għajnuna tad-dipartiment tas-sajd. Fl-istess ħin, inħarġet espressjoni ta' interess għas-servizzi legali sabiex jgħinu fit-tfassil tat-tender. | Wara li f'Ġunju 2014 ħarġet l-espressjoni ta' interess, u wara l-approvazzjoni tal-Finanzi, kienet ingaġġata ditta ta' avukati sabiex tgħin fit-tfassil tal-RFP għall-hatchery, u b'hekk seta' jitkompla dan il-proċess. Sadanittant saru taħdidiet mad-Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern sabiex issir stima taċ-ċens li għandu jintalab għall-art f'Marsaxlokk li kienet identifikata għal dan il-għan. | Titlesta l-RFP u wara l-approvazzjoni tal-Kabinett, tkun ippubblikata sabiex matul l-2015 ikun jista' jitlesta l-proċess kollu u jingħata kuntratt lill-iżviluppatur. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 102 | 102. Se ndaħħlu skema għas-sajjieda milquta mill-istaġun magħluq għas-sajd tal-pixxispad. | L-iskema tinħareġ darba fis-sena u tkun tapplika għall-istaġuni ta' Marzu u dak ta' Ottubru/Novembru. Fl-2013 ħarġet biss għall-istaġun Ottubru/Novembru wara li kien żgurat li ma jinkisrux ir-regoli ta' 'state aid'. Il-ħlasijiet rispettivi saru f'Jannar 2014 wara l-verifiki neċessarji. | Mhux applikabbli għax m'hemmx staġun magħluq. | Mhux applikabbli għax m'hemmx staġun magħluq. | Jitkompla l-moniteraġġ għall-istaġun Ottubru/Novembru u wara jsiru l-verifiki neċessarji sabiex matul Jannar 2015 ikun jista' jsir il-ħlas. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Fi Frar 2014 ħarġet l-iskema għall-istaġuni ta' Marzu 2014 u Ottubru/Novembru 2014 u ġew riċevuti tlettax-il applikazzjoni. Matul l-2014 għandu jsir moniteraġġ fuq l-applikazzjonijiet milqugħa biex ikun żgurat li qed jimxu mar-regoli, iżda l-ħlas rispettiv ikun jista' jsir biss f'Jannar 2015 wara li jsiru l-verifiki neċessarji matul Diċembru 2014. | | | | |
| 103 | Wara konsultazzjoni pubblika, se tiġi mfassla politika ġdida dwar l-operat taċ-ċirkli f'Malta. Il-Gvern qiegħed iħejji White Paper li timmira li sal-2014 iċ-ċirkli li jisfruttaw l-annimali jinqatgħu minn pajjiżna. | Saret konsultazzjoni pubblika dwar l-annimali fiċ-ċirkli. Riżultat ta' din il-konsultazzjoni, ġie stabbilit li hemm bżonn tibdil fl-att li jirrigwarda trattament xieraq tal-annimali. Għalhekk ġiet abbozzata white paper b'numru ta' tibdiliet fosthom biex ma jkunux permessi annimali fiċ-ċirkli. | Il-white paper u l-emendi fil-liġi kienu approvati mill-Kabinett u tressqu quddiem il-Parlament għall-ewwel qari. Sadanittant id-Dipartiment kompla bil-ħidma tiegħu favur l-annimali u saru swimming zones għall-annimali; tined għall-karozzini; estensjoni ta' dogpark u wkoll, inbeda x-xogħol fuq il-bini ta' dog park ieħor ġdid. Inxtraw ukoll żewġ ambulanzi għall-annimali ġodda. | Il-liġi għaddiet mit-tieni qari fil-Parlament fit-22 ta' Lulju u marret fi stadju ta' kumitat fid-29 ta' Lulju. Il-ħsieb huwa li l-liġi tibda' tkun diskussa fil-Parlament meta dan jerġa jiltaqa' f'Ottubru. | Il-liġi ġiet fis-seħħ fil-21 ta' Ottubru 2014. | Implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Il-white paper u emendi oħra proposti fil-liġi tlestew f'Marzu u kienu ppreżentati lill-Kabinett. L-emendi proposti kienu jinkludu fost affarijiet oħra:<br><br>- stabbiliment tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Trattament Xieraq tal-Annimali;<br>- tisħiħ tal-irwol tal-Kunsill għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi;<br>- tisħiħ u kjarifika tal-funzjonijiet tad-Direttur għat-Trattament Xieraq tal-Annimali;<br>- stabbiliment tas-setgħat ta' nfurzar tal-uffiċjali għal-ħarsien xieraq tal-annimali; | | | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | - projbizzjoni tal-introduzzjoni u l-użu ta' annimali fiċ-ċirkli;<br>- żieda tal-pieni assoċjati ma' ksur tal-leġiżlazzjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali. | | | |

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U INFRASTRUTTURA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Mill-1 ta' Jannar li ġej, il-liċenzji tal-karozzi se jinbidlu kif murija fl-Anness 3, iżda l-liċenzji tal-karozzi żgħar li ġew irreġistrati wara l-2009 u b'$CO_2$ ta' bejn 0 u 100 gramma se jibqgħu l-istess. | Dan l-inċentiv ġie fis-seħħ fil-bidu ta' din is-sena. | | | | Implimentata. |
| 87 | Proġetti Infrastrutturali - Tisbiħ ta' Inħawi Urbani - B'konsultazzjoni ma' dawk kollha interessati fil-qasam ta' tindif u manutenzjoni ta' zoni pubbliċi mill-Kunsill Lokali, il-Gvern se jieħu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn sabiex dan il-qasam jiġi organizzat aħjar. | | Proposta li ġiet attwata mid-19 ta' Ġunju 2014. Iż-żoni turistiċi żdiedet fihom il-frekwenza ta' tindif hekk kif imwiegħed. | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 87 | Proġett Nazzjonali għat-taffija tal-għargħar. | Tkompla x-xogħol ta' skavar tal- mini fuq il-komponenti ta' B'kara-Ta' Xbiex, Żebbuġ u Żabbar, Wied il-Għajn kif ukoll il-kostruzzjoni ta' kanali għall-ilma tax-xita u bini ta' żewġ pontijiet f'Ħal-Qormi. | Kompla għaddej ix-xogħol fuq il-komponenti kollha. | Tlesta x-xogħol ta' skavar tal-mini fuq il-komponent ta' B'Kara-Ta' Xbiex u dak ta' Ħaż-Żebbuġ u tlesta x-xogħol fuq il-bini tal-ħruġ tal-ilma fil-komponent ta' Wied il-Għajn, u nbeda x-xogħol ta' kisi bil-konkrit tal-art u l-ħitan tal-mini fuq il-komponenti kollha. | Tlesta x-xogħol fuq il-komponent ta' Ħal-Qormi u kompla għaddej ix-xogħol fuq il-komponenti l-oħra. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 | Bormla (Dock 1: Pjazza Gavino Gulia): Pavimentar & xogħlijiet tal-aħħar. | Konkrit tal-art tlesta minn nies ta' WSD. Xogħlijiet għaddejjin | Paviment fi Pjazza G. Gulia miexi. | Pavimentar fil-Pjazza lest. | | Implimentata. |
| 87 | Cospicua (Dock 1: Pjazza Gavino Gulia): Tindif u Xogħlijiet ta' restawr tad-Dock Head | Xogħlijiet għaddejjin. | Lest ħlief għal snags u għeluq ta' kontijiet | Proġett lest | | Implimentata. |
| 87 | Salini (Triq il-Kosta): Xogħlijiet interni fiċ-Ċentru tal-Viżitaturi | Għaddejjin xogħlijiet ta' finalizazzjoni. | Dan il-proġett ġie mgħoddi lill-MSDEC | Dan il-proġett ġie mgħoddi lill-MSDEC | Dan il-proġett ġie mgħoddi lill-MSDEC | |
| 87 | Cospicua (Dock 1: British & Knights): Pavimentar u tranġar | Xogħlijiet għaddejjin | Xogħlijiet strutturali lesti, irfinar ta' xogħlijiet | Lest ħlief għal snags u għeluq ta' kontijiet | Proġett lest | Implimentata. |
| 87 | Cospicua (Dock 1: St.Paul's link): Xogħlijiet ta' konkrit u tranġar | Xogħlijiet għaddejjin | Xogħlijiet strutturali u irfinar ta' xogħlijiet kwazi lesti | Lest ħlief għal snags u għeluq ta' kontijiet | Proġett lest | Implimentata. |
| 87 | Cospicua (Dock 1: Regatta Club): Bini ta' kolonni u belvedere. | Xogħlijiet għaddejjin | Pedamenti kważi lesti Fabrication lest. | Lest ħlief għal snags u għeluq ta' kontijiet | Proġett lest | Implimentata. |
| 87 | Cospicua (Dock 1): Bini ta' pont pedonali | Offerta aġġudikata u premjata | Lest ħlief għal snags u għeluq ta' kontijiet | Lest ħlief għal snags u għeluq ta' kontijiet | Proġett lest | Implimentata. |
| 87 | Salini (Triq il-Kosta): Restawr ta' għadira b'ilma salmastru u garigue. | Offerta aġġudikata u mogħtija | Għaddejjin taħditiet biex dan il-proġett, meta jitlesta, jgħaddi għand l-MSDEC. | Għaddejjin taħditiet biex dan il-proġett, meta jitlesta, jgħaddi għand l-MSDEC. | Għaddejjin taħditiet biex dan il-proġett, meta jitlesta, jgħaddi għand l-MSDEC. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Salini: (Triq il-Kosta): Xogħlijet ta' passaġġi. | Dokument tal-Offerta qed jiġi finalizzat . | Għaddejjin taħditiet biex dan il-proġett, meta jitlesta, jgħaddi għand l-MSDEC. | Għaddejjin taħditiet biex dan il-proġett, meta jitlesta, jgħaddi għand l-MSDEC. | Għaddejjin taħditiet biex dan il-proġett, meta jitlesta, jgħaddi għand l-MSDEC. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 | Dingli: (Triq Panoramika): Bini ta' passaġġ pedonali madwar l-irdumijiet ta' Ħad-Dingli | Xogħlijiet pjanati li jibdew fit-tieni kwart tas-sena. | Dan il-proġett ġie mgħoddi lill-Programme Implementation Directorate. | Dan il-proġett ġie mgħoddi lill-Programme Implementation Directorate. | Dan il-proġett ġie mgħoddi lill-Programme Implementation Directorate. | |
| 87 | Cospicua: (Triq San Ġwann/Cospicua Rangers): Ġnien Pubbliku u estensjoni ta' klabb sportiv | Proġett inawgurat mill-Ministru MTI u l-pagamenti qed jiġu finalizzati. | | Proġett lest. | | Implimentata. |
| 87 | Cospicua: (Dock 1: Triq Ix-Xatt ta' Bormla): Xogħlijiet fuq "Dunes" (eskluz Xogħlijiet tal-Korporazzjoni ghall-Rijabilitazzjoni tal-Port il-Kbir) | Water feature, xogħlijiet elettriċi u tindif ta' moll għaddejjin . | Water feature, xogħlijiet elettriċi u tindif ta' moll għaddejjin. | Lest ħlief għal snags u għeluq ta' kontijiet. | Proġett lest. | Implimentata. |
| 87 | Kalkara: (Parroċċa ta' San Ġużepp): Xogħol ta' tisbiħ taz-zuntier tal-knisja | Xogħlijiet tal-kostruzzjoni lest kollu , xogħlijiet ta' pavimentar għaddej. | Xogħlijiet lesti kollha , ħlief għal railings tal-gallarija. | Lest ħlief għal snags u għeluq ta' kontijiet. | Proġett lest. | Implimentata. |
| 87 | Msida: (Triq L-Irmiġġ): Xogħlijiet ta' passaġġi | Tindif tas-sit lest. Xogħlijiet pendenti sakemm jinħareġ il-permess tal-MEPA. | Tindif tas-sit lest. Xogħlijiet pendenti sakemm jinġareġ il-permess tal-MEPA. | Tindif tas-sit lest. Xogħlijiet pendenti sakemm jinġareġ il-permess tal-MEPA. | Jinħareġ il-permess tal-PC mill-MEPA; tiġi proċessata l-applikazzjoni tal-MEPA. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Tal-Qroqq: (Istituzzjoni tal-Ligi Marittima, UOM): Rijabilitazzjoni ta' residenzi għall-istudenti. | Proġett lest. | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 | Mtarfa: (Triq l-Imtarfa): Kostruzzjoni ta' ġnien pubbliku/żona ta'rikrejazzjoni | Snags pendenti u l-kontijiet qed jitħejjew. | Snags għaddejjin (inkluż is-sostituzzjoni ta' madum difettuż) u l-kontijiet qed jitħejjew. | Lest ħlief għal snags u għeluq ta' kontijiet. | Proġett lest. | Implimentata. |
| 87 | Taż-Żwejt: (Taż-Żwejt/ Tal-Balal): Kostruzzjoni ta' bini għall-użu tal-iscouts (eks-klabb tal-boċċi). | Xogħlijiet imwaqqfa (xogħlijiet kollha lesti ħlief għall-twieqi tal-injam, pajsaġġi u snags). | Kont finali - konferma li l-pagament ġie mħallas. | Proġett lest. | | Implimentata. |
| 87 | Ta' Xbiex: (Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex): Xogħlijiet ta' tisbiħ tax-xatt/żona għal parkeġġ. | Xogħlijiet fuq blokki tal-konkrit precast lest ; bollards tal-granit għandhom jiġu installati f' Marzu 2014. | Xogħlijiet fuq blokki tal-konkrit precast lest; bollards tal-granit għandhom jiġu installati f' Lulju/ Awwissu 2014. | Proġett lest. | | Implimentata. |
| 87 | San Ġwann: (Ta' Misraħ Lewża): Twaqqiegħ ta' "nursery" tal-futbol eżistenti. | Lest ħlief għal għeluq ta' kontijiet. | Proġett lest. | | | Implimentata. |
| 87 | Valletta: (Bini tal-Qorti, Triq ir-Repubblika): Bini ta' monument f'ġieħ Guido Demarco. | Lest ( offerta fuq ix-xogħlijiet ta' travertina). Xogħol ta' kostruzzjoni nbeda permezz tal-ħaddiema tal-Gvern . | Xogħlijiet civili lesti mill-ħaddiema tal-Gvern, Xogħlijiet ta' twaħħil ta' travertina (Fażi 1) lest. | Proġett lest. | | Implimentata. |
| 87 | Qajjenza: (Triq il-Qajjenza): Bini ta' boardwalk tal-injam | Mistenni il-permess tal-MEPA. | Mistenni il-permess tal-MEPA. | Mistenni il-permess tal-MEPA. | Jinħareġ il-permess tal-MEPA. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Kalkara: (Dawret id-Daħla ta' Rinella): Bini ta' latrina pubblika. | Mistenni l-permess tal-MEPA. | Mistenni l-permess tal-MEPA. | Dokumenti tat-tender qed jiġu ppreparati. | Tinħareġ u tingħata sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 | Xemxija: (Triq il-Fekruna): Xogħol ta' tisbih fuq il-promontorju tax-Xemxija (fejn kien ir-ristorant tal-Fekruna). | Xogħlijiet għandhom jitwettqu mill-ħaddiema tal-Gvern. | Xogħlijiet għandhom jitwettqu mill-ħaddiema tal-Gvern. | Il-permess tal-MEPA nħareġ. | Tinħareġ u tingħata sejħa għall-offerti, jinbeda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Valletta: (Pjazza Kastilja): Tisbiħ tal-Pjazza ta' Kastilja u bini ta' monument f'ġieħ Dom Mintoff. | Xogħlijiet ċivili ser isiru minn TM. Xogħol fuq l-offerta tal-landscaping mingħand WSD għaddej. | Xogħlijiet mibdija. | Dan il-proġett ġie mgħoddi lill-GHRC. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Bormla (Triq San Lawrenz): Irranġar ta' ġnien pubbliku. | Tpinġijiet mibdija / kumpilazzjoni ta' dokumenti rilevanti għall-applikazzjoni tal-MEPA. | Dan il-proġett mistenni li jkun inkluż fil-programm tax-xogħlijiet 2015 / 2016. | | | |
| 87 | San Ġiljan: (Triq il-Kbira/ Triq Ġorg Borg Olivier): Bini ta' monument f'ġieħ Ċensu Tabone. | Disinji ġodda mibgħuta lill-Perit. | Offerti qed jiġu preparati. | Tender inħareġ. | Proġett lest. | Implimentata. |
| 87 | Kalkara: (Triq Gianni Raimondo): Bini ta' Ċentru Ċiviku | Mistennija informazzjoni minn DES DG. | Proġett sospiz. | | | |
| 87 | G'Mangia: (Our Lady of Fatima Church): Xogħlijiet ta' tisbiħ taz-zuntier tal-knisja. | Xogħol fuq l-offerti għall-pavimentar lest. | Offerti ser jigu aġġudikati. | Tender mogħtija. | Proġett lest. | Implimentata. |
| 87 | San Ġwann: (Vjal ir-Rihan): Kostruzzjoni ta' Ċentru Ċiviku, ġnien pubbliku u klabb tal-boċċi | Mistenni feedback mill-MTI. | Disinji dettaljati mibdija. | Pjanti għall-applikazzjoni lill-MEPA qed jiġu preparati. | Tintefa' l-applikazjoni l-ġdida lill-MEPA. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 | Ħamrun: (Knisja Parrokjali ta' San Gejtano): Tisbiħ taz-zuntier tal-knisja. | Snags lesti imma il-kont finali għadu qed jiġi preparat. | Xogħlijiet kollha lesti u pagamenti mħallsa. | Proġett lest | | Implimentata. |
| 87 | Gudja: (Knisja tal-Madonna tal-Assunzjoni): Restawr u tisbiħ taz-zuntier tal-knisja. | Mistenni l-permess tal-MEPA. | Offerta għal xogħlijiet ta' pavimentar riferut għall-pubblikazzjoni. | Tender għall-bini mill-ġdid tal-ħajt taz-zuntier mogħtija. | Jinbeda x-xogħol ta' restawr tal-ħajt taz-zuntier. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Senglea: (Knisja tal-Vitorja): Tisbiħ taz-zuntier tal-knisja. | Disinji qed jiġu emendati. | MEPA talbet method statement. | Qed tiġi proċessata l-applikazzjoni lill-MEPA. | Jinħareġ il-permess tal-MEPA, Jinħareġ u tingħata tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Sliema: (Knisja Parokkjali ta' San Girgor): Tisbih taz-zuntier tal-knisja. | Żewġ laqgħat mall-Kappillan miżmuma . Preparazzjoni ta' disinji kollha neċessarji għall-permess tal-MEPA. | Applikazzjoni mressqa. | MEPA talbet informazzjoni addizzjonali. | Jinħareġ il-permess tal-MEPA, jinħareġ u jingħata t- tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Kalkara (Triq ix-Xewkija): Twaqqigħ eżistenti u bini mill-ġdid ta' latrina pubblika. | | Tpinġijiet riveduti għandhom jiġu sottomessi. | Offerta qed tigi preparata. | Jinħareġ il-permess tal-MEPA, jinħareġ u jingħata t-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Kalkara (Triq il-Missjoni Taljana): Kostruzzjoni ta' kmamar għat-tibdil u faċilitajiet anċillari. | | Emenda żgħira mitluba mill-MEPA għandha tiġi sottomessa. | Dokumenti tat-tender qed jiġu preparati. Qed tiġi proċessata l-applikazzjoni mill-MEPA. | Jinħareġ il-permess tal-MEPA, jinħareġ u jingħata t-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Kalkara (Kunvent tal-Kapuċċini/Knisja Sta. Liberata). | | Offerti għal xogħlijiet ċivili u pavimentar għandhom jiġu preparati (wara li jinħareġ il-permess tal-MEPA ). | Ħareġ il-permess tal-MEPA. Tenders ewlenin qed jiġu evalwati. | Jingħataw diversi tenders u jinbeda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 | Senglea: (Triq il-Ħabs l-Antik) Żona ta' rikrejazzjoni. | | Offerta evalwata u mibgħuta lid-DCC b'rakkomandazzjonijiet. | Tender mogħti (Xogħlijiet ser jibdew). | Proġett lest. | Implimentata. |
| 87 | Valletta (Valletta Terminus): Tgħamir mill-ġdid ta' latrini pubbliċi. | | Offerti ser jerġgħu jinħarġu (ebda offerta mitfugħa). | Proġett sospiż. | | |
| 87 | Valletta (Upper Barrakka Gardens): Latrini pubbliċi. | | Tender qed jiġi mistħarreġ qabel il-pubblikazzjoni . | Tender għalaq. | Jingħata t-tender u jinbeda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Xgħajra (Triq il-Knisja): Kostruzzjoni ta' Parkeġġ. | | Rakkomandazzjoni TEC mogħtija lill-GCC. | Dokumenti tat-tender qed jiġu preparati. Qed tiġi proċessata l-applikazzjoni lill-MEPA | Jinħareġ il-permess tal-MEPA. Jinħareġ u tingħata s-sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Marsa: Deepwater Quay, Triq ix-Xatt ta' L-Għassara: Installazzjoni ta' solar powered car charging points. | | Rakkomandazzjoni tat-TEC referuta lill-GCC. | Tender mogħti u ffirmat. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Mellieħa Ċirkewwa: Installazzjoni ta' solar powered car charging points. | | Rakkomandazzjoni tat-TEC referuta lill-GCC. | Tender mogħti u ffirmat. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | St Elmo. | Xogħlijiet ta' Restawr: Xogħlijiet fuq ħafna mill-blokki se jiġi konkluż u l-għeluq ta' blokki se jibda biex eventwalment se jwassal għall-għoti tal-blokki rispettivi. | Xogħlijiet ta' restawr kważi lesti. Tisbiħ għadu għaddej. M&E jinkludi lifts. Armar ta' esibiti tal-mużew bdew f'Marzu. | Xogħlijiet ta' restawr lesti. Xogħlijiet ta' infrastruttura lesti. Xogħlijiet ta' tisbiħ lesti. Armar ta' esibiti tal-mużew. | Proġett lest. | Implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Xogħlijiet fuq il-ħitan ta’ madwar il-foss se jitkomplew. Pavimentar biċ- ċangaturi kubetti se jitkompla u xi xogħlijieti fuq kamra tal-banju se jiġu konklużi. Infrastruttura u xogħlijiet ta’ tisbiħ: pavimentar fid-diversi oqsma tul l-enciente se jkompli bl-għan tat-tlestija f’ħafna mill-oqsma. Art tal-konkrit tal-misra sekondarja u passaġġi fl-ewwel sular se jkunu lesti wkoll. Xogħlijiet tal-M & E : il-qawwa tad-dawl ċirkwiti u kejbils relatati tagħhom fi ħdan il-forti u l-blokki rispettivi se jiġu lesti. Installazzjoni tal- ACs fil-maġġoranza tal-blokki se jiġu lesti. Cable li qiegħed fil-Culverts se jkun komplut ukoll. Is-servizz se ikompli wkoll. | | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Il-kuntrattur tal-Lifts se jkompli x-xogħlijiet ċivili għall-preparazzjoni tal-installazzjoni ta' makkinarju u tagħmir tal-lifts attwali. Museum Fitting Out Works: aġġudikazzjoni tat-Tender se tiġi konkluża u eventwalment isir l-iffirmar tal-kuntratt. | | | | |
| 87 | City gate Housing Block. | Installazzjoni ta' 36 gallarija tal-injam - Xogħolijiet lesti. | Xogħol lest. | | | Implimentata. |
| 87 | City Gate. | Bini tal-Parlament. Qed isiru xogħlijiet. | Bini tal-Parlament. Qed isiru xogħlijiet. | Bini tal-Parlament. Xogħol fuq l-għamara, 3rd fix u ttestjar. | Għall-ewwel darba l-Gvern beda jimponi penali għal dan id-dewmien. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | City Gate External Works. | Tibda l-ewwel fażi tal-preparazzjoni tal-ġibjuni tal-ilma u s-servizzi. | Tkomplija tal-ewwel fażi tal-preparazzjoni tal-ġibjuni tal-ilma u s-servizzi. | L-ewwel fażi tal-proġett lest. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Ta' Xbiex: (Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex): Installazzjoni ta' solar powered car charging points. | Permess ħareġ imma l-proposti qed jiġu riveduti. Emendi żgħar ġew mitluba. | | | Il-kuntratt se jigi iffirmat f'Ottubru 2014. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 (10.02) | Qormi: (Mrieħel Bypass): pont pedonali fl-Imrieħel Bypass. | MEPA - l-applikazzjoni ġiet mgħoddija lill-case officer biex jikkunsidra l-proposta ta' żvilupp skont il-Pjan ta' Struttura u regolamenti oħra stabbiliti. Fil-frattemp Transport Malta beda xogħlijiet fuq dan it-tender. | Dokument ta' Kwestjonarju Pre-Kwalifikatorju qed ikun rivedut mill-avukati. | PQQ riveduti mill- OTR ingaġġati mill-kumitat tal-Verifika. | Qed jiġi ppreparat it-tender biex jintbgħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-ivvetjar. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 (10.018) | Diċembru 13 Underpass. | L-underpass infetaħ uffiċċjalment fis-27 ta' Marzu. | Baqgħu jsiru xi xogħlijiet żgħar u xogħlijiet oħra fil-Ġnien ta' Spencer inklużi xogħlijiet fuq il-fdalijiet li nstabu fl-inħawi tal-Ġnien. | Ix-xogħol prinċipali tlesta. Qed isiru l-aħħar xogħlijiet fuq il-madwar u fuq il-ġibjun. | L-underpass infetaħ madankollu x-xogħlijiet relatati mal-Ġnien se jkunu lesti sa tmiem din is-sena. | Implimentata. |
| 87 (10.018) | Kappara Junction. | It-Tender għandu jinħareġ f'April 2014. | Wara li r-Rapport tal-Awditjar jgħaddi mill-Kumitat tal-Awditjar ikun jista' jinħareġ it-tender. | Is-sejħa għall-offerti fuq ix-xogħol prinċipali ħarġet. Is sejħa ġiet estiża sal-bidu ta' Diċembru. Is-sejħa għal Supervisor trid tiġi riveduta minn entitajiet interni. | F'dan il-perjodu se jkunu qed isiru l-aħħar tħejjijiet marbuta ma' dan il-proġett bħal pjanti tal-immanniġjar tat-traffiku u preparamenti oħra. F'Diċembru għandu jibda jiltaqa' l-bord li se jkun maħtur biex jevalwa dan it-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 87<br>(10.018) | Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq. | Il-kuntratturi se jibdew xogħlijiet preliminari fuq il-lant tax-xogħol. Ix-xogħlijiet mistennija jibdew f'April. | Se jkunu qed isiru interventi fuq is-siġar inkluż trasportazzjoni u trasplantazzjoni ta' uħud minnhom. Bħalissa għaddejjin ukoll xogħlijiet marbuta mat-twessigħ tat-triq. | Ix-xogħlijiet għaddejjin. Qed isiru pjanijiet biex t-traffiku jinqaleb fuq il-karreġġjati l-ġodda sal-aħħar ta' din is-sena. | Il-pjan huwa li jinqaleb it-traffiku fuq il-karreġġjati l-ġodda sal-aħħar ta' din is-sena. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87<br>(10.018) | Tgħamir mill-ġdid u Titjib ta' d-Deep Water Quay. | Nofs ix-xogħlijiet marbuta mal-ewwel fażi ta' dan il-proġett ġew konklużi. | Ix-xogħlijiet f'dan l-istadju jinkludu piling, refurbishment u sostituzzjoni tal-isteel grillage u piles. | Ix-xogħlijiet ghaddejjin f'diversi sezzjonijiet. | Il-pjan huwa li jibqgħu għaddejjin ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87<br>(10.018) | Marsa Addolorata Junction. | Qed isir studju u ppjanar ieħor inkluz applikazzjoni għall-Connecting Europe Facility funding. | Immaniġġjar ta' rekwiżiti ta' ittra tal-iscreeing. Xogħlijiet għaddejjin dwar cost benefit analysis. | Immaniġġjar ta' 'rekwiżiti ta' ittra tal-iscreening. Xogħlijiet għaddejjin dwar cost benefit analysis. . | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 87 | Mosta Housing Estates: Blata l-Għolja. | Wara li jiġi finalizzat t-tender se jgħaddi għand id-Dipartiment tal-Kuntratti. | It-tender għall-ewwel fażi huwa lest u għandu jingħadda lid-Dipartiment tal-Kuntratti sal-aħħar ta' April. Qed isiru preparamenti u ko-ordinazzjoni mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex ikun jista' jinħareġ it-tender għat-tieni fażi. | Ħareġ it-tender għall-ewwel fażi. | Huwa ppjanat li t-tender għal dawn ix-xogħlijiet jiġi evalwat f'dan il-perjodu bil-possibilta' li jkunu wkoll bdew ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 87 | Mosta Housing Estates: Tad-Dawr. | Il-kuntratt għandu jiġi ffirmat mill-kuntratturi biex ix-xogħol ikun jista' jinbeda. | It-tender għal dawn ix-xogħlijiet ingħata u bdew l-ewwel preparamenti. | Proġett lest. | | Implimentata. |
| 89 | Se nnaqqsu wkoll it-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq il-karrozzi u l-muturi. | Dan l-inċentiv ġie fis-seħħ fil-bidu tas-sena 2014. | | | | Implimentata. |
| 90 | Issa li t-taxxa tar-reġistrazzjoni għall-karrozzi (kategorija M1) qiegħda tinħadem fuq kriterji li jinkludu l-euro standard, se titnaqqas it-taxxa ta' reġistrazzjoni li titħallas fuq il-karrozzi użati li jiġu impurtati minn barra l-Unjoni Ewropea. Din tgħodd għall-karrozzi li ma jniġġżux iżjed minn 150g/km u għandhom sa 8 snin. | Dan l-inċentiv ġie fis-seħħ fil-bidu tas-sena 2014. | | | | Implimentata. |
| 91 | It-taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-muturi b'ċilindraġġ ta' 250ċċ jew iżjed, se titnaqqas b'25%. Infakkar li muturi b'ċilindraġġ iżgħar ma jħallsux taxxa. | | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 92 | Se nerġgħu ndaħħlu skema għall-iskrappjar tal-vetturi qodma u li jħammġu. Permezz ta' din l-iskema se nagħtu għajnuna ta' bejn 500 u 900 ewro għal kull vettura. Anqas mal-vettura l-ġdida tkun tħammeġ, aktar tingħata għajnuna. Ammont ta' €300,000. | | | | | Implimentata. |
| 93 | Għall-miżura fir-rigward tal-iskreppjar tal-karozzi, qegħdin nallokaw is-somma ta' 600,000 ewro fuq sentejn. | Dan l-incentiv ġie fis-seħħ fil-bidu tas-sena 2014. Dan l-inċentiv huwa parti minn 92.05, xiri ta' vetturi elettriċi. | | | | Implimentata. |
| 94 [9.027] | Incentives for Autogas - Insostnu l-incentiv ta' €200 ghal min jaqleb il-karozza biex tahdem bl-autogas. | Dan l-inċentiv ġie fis-seħħ fil-bidu tas-sena u l-Awtorita' qed tilqa' l-applikazzjonijiet. | | L-iskema għadha miftuħa u l-Awtorità qed tilqa' l-applikazzjonijiet. | Il-proċess għadu għaddej. | Implimentata. |
| 94 | Se nkomplu ninvestu fl-iskema għall-konverżjoni tal-vetturi għall-autogas u sabiex ngħinu fl-infrastruttura li hemm bżonn issir fis-service stations tagħna għal dan il-għan. | Dan l-inċentiv ġie fis-seħħ fil-bidu tas-sena. | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 104 | Short-term: wara konsultazzjoni se nipprojbixxu ċ-ċirkulazzjoni ta' trakkijiet industrijali kbar u żwiemel f'toroq arterjali waqt ċertu ħinijet tal-ġurnata. | Bdew il-konsultazzjonijiet. | Għadhom għaddejjin il-konsultazzjonijiet. | | Qed jitħejjew abbozzi t'Avviżi Legali fl-istess waqt li jitkomplew il-konsultazzjonijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 105 | Medium-term: Se nagħtu prijorità lill-proġetti li jħaffu t-traffiku f'żoni fejn dan jinġema' sistematikament. Il-fly-over tal-Kappara se tgħin għal dan il-għan u xogħol fuqha mistenni jibda din is-sena. | | | | Is-sejħa għall-offerti ħarġet u għalqet f'Novembru. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 106 | Long-term: hemm bżonn pjan li jesplora kif it-trasport ta' Malta u Għawdex se jkun għall-ġejjini. Diġà qed isir studju dwar pont bejn Malta u Għawdex u se nerġgħu napplikaw għall-fondi Ewropej għal studju dwar tunnel u għażliet oħra wara li l-applikazzjoni magħmula mill-Gvern preċedenti ma ġietx aċċettata. | Diskussjonijiet ma' kumpanija privata dwar il-feasibility studies. | Laqgħat mal-kumpanija privata li wriet interess. Dan se jiġi studjat fil-kuntest ta' konsultazzjoni dwar il-Mudell Nazzjonali tat-Trasport kif ukoll l-istrateġija Nazzjonali dwar it-trasport. Qed isir studju dwar pont bejn Malta u Għawdex. | | TM għada qed tistenna sejħiet għall-proposti ta' proġetti Ewropej biex tkun tista' tiffinanzja studju ta' din ix-xorta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 107 (9.025) | Electro mobility - Inħarsu b'mod ħolistiku lejn strateġija favur aktar electromobility (mezzi tat-trasport li jaħdmu bl-elettriku flok fjuwil) bħala parti minn strateġija usa' sabiex innaqqsu t-tniġġis fl-arja kkawżat mit-trasport. Għalhekk, ser inkunu qed intejbu l-inċentivi eżistenti billi ninċentivaw aktar ix-xiri ta' vetturi elettriċi billi neżentaw mit-Taxxa tar-Reġistrazzjoni u għal 5 snin mit-taxxa taċ-ċirkolazzjoni, il-karozzi u muturi elettriċi kollha. B'mod parallel, inwessgħu u nħaffu l-installazzjoni taċ-charging docks madwar il-pajjiż sabiex nassiguraw li l-infrastruttura neċessarja qiegħda f'postha. | 8 full electric vechicles ġew mixtrija. 5 Quadricycles ġew mixtrija. Dawn ġew mixtrija minn Transport Malta. | Fi Frar daħlu fis-seħħ inċentivi biex jinċentivaw ix-xiri ta' vetturi elettriċi (VE). L-iskema tagħmel parti mill-iskema ta' skrappjar għall-vetturi qodma. | L-iskema ser tiġi estiża għall-kumpaniji privati u l-NGO's. | F'Ottubru ġie ffirmat il-kuntratt għall-bini ta' tlett solar charging carports. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 108 (10.018) | Reform CVA - Bil-għan li nagħtu stimolu ġdid lin-negozji ser nirriformaw is-sistema tas-CVA biex nagħmluha aktar faċli u inqas projbittiva li persuni jidħlu l-Belt Valletta. Permezz ta' din ir-riforma nikkunsidraw li d-dħul fil-Belt isir b'xejn wara s-sagħtejn ta' wara nofsinhar u nhar ta' Sibt. | Il-miżura ta' aċċess liberu fiż-żona tas-CVA wara s-02:00pm u nhar ta' Sibt kienet introdotta fit-2 ta' Diċembru 2013. | Ir-riżultati għall-ewwel tlett xhur mill-implimentazzjoni diġà juru li l-għanijiet ta 'din il-miżura qegħdin jintlaħqu, meta jitqies li n-numru ta' vetturi li jidħlu fiż-żona tas-CVA żdied , filwaqt li l-ħin medju ta' parkeġġ fiż-żona naqas meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena li għaddiet. | L-istatistika għall-ewwel sitt xhur mill-implimentazzjoni ta' din il-miżura tindika li l-istess tendenzi murija fl-ewwel tlett xhur baqgħu prevalenti. Dan jafferma s-suċċess tal-iskema. | | Implimentata. |
| 110 | Il-Gvern għaddej b'taħditiet delikati ħafna mal-operaturi tat-trasport pubbliku sabiex jindirizza l-problemi kbar li writna f'dan il-qasam. Il-futur u l-forma tat-trasport pubbliku f'Malta jiddependi mill-eżitu ta' dawn it-taħditiet. | Mit-2 ta' Jannar, 2014 bi qbil ma' Arriva Malta Ltd, il-Gvern ħa f'idejh ix-shareholding tal-kumpanija Arriva Malta Ltd u permezz ta' kumpanija mwaqqfa minnu (Malta Public Transport Service Operations Ltd), il-Gvern beda jopera is-servizz tat-trasport pubbliku. Sadanittant, f'Jannar ħarġet espressjoni ta' interess biex jinstab operatur ġdid. | Din is-sejħa għalqet fis-7 ta' April u għaliha ġew sottomessi 3 applikazzjonijiet. Preżentament qed issir l-evalwazzjoni ta' din is-sejħa. | | Għaddejin taħditiet u negozjati mal-kumpanija Spanjola li rebħet dan it-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 111 | Qegħdin nivvotaw is-somma ta' 3.5 miljun ewro sabiex mis-sena d-dieħla kull min ħallas taxxa żejda jirċievi cheque bi ħlas lura. Il-proċess se jsir fuq medda ta' 7 snin u se nagħtu pagament ex gratia lil dawk li rreġistraw vettura għal skop ta' użu personali bejn l-ewwel ta' Mejju 2004 sal-aħħar ta' Diċembru 2008. | L-applikazzjonijiet ħarġu u għalqu f'Marzu. | Il-proċess għadu għaddej. | TM bgħatet iċ-ċekkijiet lil min kien eliġibbli u ittri lil min mhux. Il-Bord tal-Appell irċieva 693 applikazzjoni u bħalissa qed jara dawn l-ittri. | Din l-iskema ġiet implimentata iżda l-Bord tal-Appell għadu qed jivverifika l-ittri li rċieva. | Implimentata. |
| 117 | Twaqqif ta' Korporazzjoni Nazzjonali għaż-żejt u l-gass. | L-abbozz tal-Att tlesta u ġie rivedut mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Qed isiru diskussjonijiet mal-Ministru biex jiġi stabbilit jekk l-entità tkunx mwaqqfa skond l-Att jew inkella jekk tkunx imwaqqfa Aġenzija taħt l-Att tal-Amministrazzjoni Pubblika. | Wara deċiżjoni tal-Kabinett ġew studjati t-tip ta' organizzazzjoniet li jistgħu jintużaw biex tiġi mwaqqfa din l-entità. Dan l-istudju ddetermina li l-aħjar tip ta' entità tkun Awtorità. Għalhekk ġie preparat abbozz tal-Att għat-twaqqif ta' Awtorità. Dan l-abbozz intbagħat lill-Ministru responsabbli għal kunsiderazzjoni tiegħu. | L-abbozz tal-Att ġie rivedut mill-Justice Unit u ġie preparat abbozz ta' memo għal-Kabinett għall-kunsiderazzjoni tal-Ministru. | L-Abbozz tal-Att għat-twaqqif tal-Awtorita' ser jitressaq lill-Kabinett ghal deċiżjoni. Jekk id-deċiżjoni tal-Kabinett tkun li tiġi mwaqqfa Awtorità, l-abbozz jitressaq il-Parlament. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 117 | Jiġi żviluppat database li jiġbor fih l-informazzjoni kollha b'mod diġitali rigward it-tiftix għaż-żejt. | Qed tiġi mfassla espressjoni ta' interess jew sejħa għall-offerti għal diġitazzjoni jew scanning ta' rapporti jew informazzjoni oħra relatata mat-tiftix għaż-żejt. | L-ispeċifikazzjoniet għall-espressjoni ta' interess jew sejħa ta' offerti qed jiġu mfassla. | Is-sistema għal informazzjoni fuq il-konfini tlestiet inkluż diversi studji ta' sensittivita'. Twaqqfet sistema ta' informazzjoni ġeografika u nxtara s-software neċessarju. | L-intenzjoni hi li ġaladarba tiġi appuntata l-uffiċċjal fuq il-GIS, din tara liema xogħol jista' isir mid-Dipartiment u imbagħad tgħin biex toħroġ is-sejħa ta' offerti. Qed isir ir-reklutaġġ meħtieġ ta' nies professjonali f'dan il-qasam. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 117 | Promozzjoni ta' blokki mhux liċenjati permezz ta' preżentazzjonijiet fuq livell internazzjonali minn speċjalisti fil-qasam. | Matul dan il-perjodu ġie preparat materjal promozzjonali fuq informazzjoni ġeoloġika u ġeofiżika. Id-Dipartiment ġie mistieden jipparteċipa f'konferenza Internazzjonali tal-EAGE f'Ġunju 2014. | Saret parteċipazzjoni fil-konferenza tal-EAGE u l-wirja. Kien hemm interess minn diversi kumpaniji taż-żejt. Saru komunikazzjonijiet mal-kumpaniji li wrew interess u ġew iffissati laqgħat għal-żjarat. | Qed jiġi negozjat ftehim ta' studju għat-tiftix u dan jinsab fi stat avvanzat. Dan issa ġie riferut lill-Ministru għall-kunsiderazzjoni tiegħu. | Għadu jrid jiġi konkluż ftehim ta' studju għat-tiftix. Permezz ta' dan il-ftehim tinbeda esplorazzjoni fuq parti mill-blata kontinentali li bħalissa mhux liċenzjata. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 117 [04.039] | Reviżjoni ta' Legislazzjoni relatati mal-blata kontinentali, mat-tiftix għaż-żejt u mas-saħħa, sigurta' u ambjent minn attivita għat-tiftix għaż-żejt. | L-abbozz tal-Att fuq il-Blata Kontinentali u l-emendi tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa ġew approvati mill-Kabinett. | L-abbozz tal-Att fuq il-Blata Kontinentali u l-emendi tal-Att dwar l-Ibħra Territorjali u ż-Żona Kontigwa waslu fit-tieni qari fil-Parlament. | It-traspożizzjoni tad-Direttiva tas-Sigurta' Offshore kważi tlestiet u l-emendi neċessarji għall-leġiżlazzjoni preżenti qegħdin ukoll jiġu mfassla. | It-traspożizzjoni tad-Direttiva fuq Sigurta Offshore titlesta sal-aħħar tas-sena flimkien mal-emendi neċessarji ta' leġiżlazzjoni eżistenti: | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ħarġet sejħa għall-offerti għas-servizzi legali għat-traspożizzjoni tad-Direttiva fuq is-Sigurta Offshore. | Is-servizzi legali għat-traspozizzjoni tad-Direttiva fuq Sigurta Offshore ġew mqabbda u x-xogħol beda inkluż l-emendi neċessarji tal-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum biex din id-direttiva tiġi trasposta bħala regolament taħt dan l-Att. | | Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum, ir-Regolamenti dwar il-Prevenzjoni u r-Rimedju għal Danni Ambjentali u l-Att dwar it-Trasport f'Malta. Ir-regolamenti l-ġodda flimkien mal-emendi ta' leġiżlazzjoni eżistenti ser jiġu riferuti lill-Kabinett. | |
| 117<br>(04.039) | Reviżjoni tal-Production Sharing Contract u tfassil ta' Ftehim Konġunt. | Inġabret stima għat-tfassil ta' dan il-ftehim. | It-tfassil ta' dan l-abbozz jiddependi fuq il-progress li ssir f'laqgħat bilaterali mal-Italja. | Saru emendi lill-Production Sharing Contract biex dan ikun jirrifletti leġiżlazzjoni lokali oħra. Qed jiġu diskussa emendi oħra mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. | It-tfassil ta' ftehim konġunt għadu ma bediex u dan jiddependi fuq ftehim bilaterali. Qed isiru emendi fuq l-abbozz Production Sharing Contract. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 117<br>[04.039] | Konsulenza fuq sovranita' u fruntieri marittimi. | | Il-laqghat bilaterali ma' stati ġara mhumiex freqwenti minħabba il-qagħda politika ta' dawn il-pajjiżi matul l-aħħar sena. | Ma sarx progress fuq il-laqghat bilaterali. Dan il-ħin qed jintuża biex leġiżlazzjoni li għandha x'taqsam ma' dan il-qasam tiġi riveduta. | Mhux antiċipat li jsir wisq progress fil-laqghat bilaterali. Għalhekk l-isforzi ser ikunu jiffukaw biex jinħarġu regolamenti taħt l-Att fuq il-Blata Kontinentali u biex tiġi depożitata man-Nazzjonijiet Uniti mappa li turi l-estent tal-blata kontinentali. Dawn l-inizjattivi ser jinvolvu konsultazzjoni legali u teknika. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 117 (04.039) | Servizz ta' informazzjoni fuq attività fuq l-Blata Kontinentali ta' Malta u pajjiżi ġara. | Is-servizz għas-sena 2014 hu kontinwu u informazzjoni tingħata fuq bażi regolari. | | | Is-servizz jerġa' jiġi mġedded f'Diċembru. L-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi diġa' nkisbet. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 250 | Fil-futur qrib, se nifthu fergħa tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika f'Għawdex. | Saru taħditiet bejn ir-rappreżentanti tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, Ministeru għall-Finanzi, Ministeru għal Għawdex u l-Awtorità Nazzjonali tal-Istatistika. Ġie identifikat u saret evalwazzjoni tal-post. Ġie determinat u saret stima tax-xogħlijiet u xiri ta' għamara u apparat tal-Uffiċċju. L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u l-Awtorità tal-Istatistika għamlu l-preparamenti ta' kif se jkun qed jopera l-Uffiċċju. | Saru x-xogħlijiet meħtieġa. Sar ir-reklutaġġ ta' manager u erba' Uffiċjali. | Fl-1 ta' Lulju sar il-ftuħ uffiċjali. | | Implimentata. |
| 251 | Se jitwaqqaf Kunsill Reġjonali taż-żgħażagħ Għawdxin li għandu jagħti leħen effettiv liż-żgħażagħ Għawdxin. | Ħarġet Sejħa għall-Espressjonijiet ta' Interess lill-għaqdiet taż-żgħażagħ Għawdxin. Ħamsa u għoxrin għaqda wrew interess li jipparteċipaw. Saret ukoll Sejħa għall-Youth Services Coordinator sabiex jikkoordina l-ħidma tal-Kunsill. | Saret l-ewwel Laqgħa Ġenerali. Ġie approvat l-istatut u saret l-elezzjoni tal-ewwel membri tal-Kumitat. | Saru l-interviews tal-Youth Services Coordinators. Ġie ppubblikat ir-riżultat. | Se ssir il-ħatra tal-Youth Services Coordinator. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 252 | Ix-xogħol fuq il-proġett tal-bini ta' Qorti ġdid f'Għawdex, li se jiswa madwar 12-il miljun ewro, se jibda. Dan għandu jwassal biex jittaffew il-problemi ta' spazju u aċċessibbiltà fil-Qorti preżenti. | Sal-aħħar tas-sena kurrenti jkunu tlestew l-istudji u l-konsultazzjonijiet kollha neċessarji qabel ma jiġi approvat l-permess tal-MEPA. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 253 | Biex tkompli titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-anzjani, dħalna f'kuntratt mal-Kurja ta' Għawdex biex tinbena Dar Residenzjali għall-Anzjani flok Dar San Ġużepp li għandha takkomoda 140 persuna. Dan il-proġett se jiswa 1.1 miljun ewro. | Matul dan il-perjodu saru l-istudji u l-konsultazzjonijiet kollha neċessarji sabiex jkun jista' jinħareġ il-Full Development Permit. | | | Il-Bord tal-MEPA approva u nħareġ il-Full Development Permit biex issa jista' jibda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GHAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET
TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 173 | Il-Gvern se jkompli jagħmel dak kollu possibbli sabiex jiffaċilita u jgħin id-djalogu soċjali; fl-MCESD u f'fora oħra. | Laqgħat tal-Core Group: 2; Djalogi Pubbliċi: 2; Laqgħat ta' konsultazzjoni: 4 | Laqgħat tal-Core Group: 2; Djalogi Pubbliċi: 1; Laqgħat ta' konsultazzjoni: 8 | Laqgħat tal-Core Group: 3; Djalogi Pubbliċi: 2; Laqgħat ta' konsultazzjoni: 2 | Laqgħat tal-Core Group: 3; Djalogi Pubbliċi: 3; Laqgħat ta' konsultazzjoni: 3 | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 174 | Hemm il-ħsieb li l-iskop tal-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza jitwessa' biex din issir Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza. | Inħarget konsultazzjoni preliminari mal-pubbliku. | Saru diversi laqgħat ta' konsultazzjoni diretta inkluż mall-Kunsill tal-Ewropa, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, aġenziji oħrajn Ewropej, istituzzjonijiet nazzjonali minn pajjiżi li diġa' għamlu dan il-pass. | Bdiet tinkiteb il-White Paper li għandha twassal għall-konsultazzjoni tad-dettalji ta' kif il-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) se ssir Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza (HREC). | Il-White Paper għandha tiġi varata u tinġabar l-informazzjoni neċessarja għall-pass li jmiss, jiġifieri l-formular tal-abbozz ta' liġi li jwassal għall-bidla msemmija. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 175 | Mis-sena d-dieħla il-MEUSAC se jissaħħaħ sabiex ikun jista' jgħin lill-NGOs japplikaw għall-fondi Ewropej. | Numru ta' clicks fuq is-sit tal-MEUSAC: 39,982 Numru ta' programmi tar-radju: 12 ċirkulazzjoni MEUSAC news: 66,000 kopja + distribuzzjoni f'verżjoni elettronika Numru ta' għaqdiet membri mal-MEUSAC li jirċievu aġġornamenti darbtejn fix-xahar: 155 Numru ta' indirizzi fuq il-mailing list tal-MEUSAC: 4,800. | Numru ta' clicks fuq is-sit tal-MEUSAC: 41,546 Numru ta' programmi tar-radju bejn April u Ġunju: 12 ċirkulazzjoni MEUSAC news: 66,000 kopja + distribuzzjoni f'verżjoni elettronika Numru ta' għaqdiet membri mal-MEUSAC li jirċievu aġġornamenti darbtejn fix-xahar: 157 Numru ta' indirizzi elettroniċi fuq il-mailing list tal-MEUSAC: 4,800. | Numru ta' clicks fuq is-sit tal-MEUSAC: 31,004 Numru ta' programmi tar-radju bejn Lulju u Settembru: 12 ċirkulazzjoni MEUSAC news: 66,000 kopja + distribuzzjoni f'verzjoni elettronika Numru ta' għaqdiet membri mal-MEUSAC li jirċievu aġġornamenti darbtejn fix-xahar: 194 Numru ta' indirizzi elettroniċi fuq il-mailing list tal-MEUSAC: 4,800. | Numru ta' clicks fuq is-sit tal-MEUSAC: 40,000 Numru ta' spots televiżivi fuq TVM bejn Ottubru u Diċembru: 9 ċirkulazzjoni MEUSAC news: 66,000 kopja + distribuzzjoni f'verżjoni elettronika Numru ta' għaqdiet membri mal-MEUSAC li jircievu aġġornamenti darbtejn fix-xahar: 200 Numru ta' indirizzi elettroniċi fuq il-mailing list tal-MEUSAC: 4,800. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Numru ta' laqgħat: 148 | Numru ta' laqgħat: 102 | Numru ta' laqgħat: 92 | Numru ta' laqgħat: 95 | |
| | | Statistika fondi miksuba minn għaqdiet volontarji: €6.5 miljun (119 proġett) | Statistika fondi miksuba minn għaqdiet volontarji: €6.5 miljun (119 proġett) | Statistika fondi miksuba minn għaqdiet volontarji: €6,614,855 miljun (124 proġett) | Statistika fondi miksuba minn għaqdiet volontarji: €6,650,855 miljun (128 proġett) | |
| | | 11-il laqgħa ta' informazzjoni: 412 persuni attendew | 0 | 3 laqgħat: 84 persuni attendew | 2 laqgħat: 80 persuni | |
| 176 | Matul l-2014 se jitwaqqaf Kunsill għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. | Il-Kunsill Malti Għas-Settur tal-Volontarjat ilu mwaqqaf mill-2010. | Bdew jitlaqqgħu Fora Settorjali f'sitt oqsma tal-volontarjat. Dawn il-Fora jiltaqgħu kull xahrejn. Il-Kunsill Malti li kien skadielu t-term tiegħu reġa' ġie kompost għas-sentejn li ġejjin. | Il-Fora Settorjali tas-sitt oqsma tal-Volontarjat tlaqqgħu għat-tieni darba f'Ġunju. Dawn il-Fora jerġgħu jitlaqqgħu f'Settembru. | F'Novembru jitlaqqgħu is-sitt setturi f'Seminar sabiex ikun diskuss il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill għas-sena 2015 flimkien magħhom. | Implimentata. |
| 177 | Se tissaħħaħ skema ta' għajnuna lil żgħażagħ li jagħżlu li jmorru jaħdmu barra minn Malta għal sena fuq bażi volontarja. | L-MCVS lesta d-dokumentazzjoni kollha u din ġiet mgħoddija lill-MSDC li għaddieha lill-MFIN. Hekk kif ikun hemm konferma min- naħa tal-MFIN ikun jista' jitkompla l-proċess mas-sħab involuti fl-iskema. | Bdew diskussjonijiet bejn l-MCVS, l-MSDC u l-MFIN sabiex naraw jekk kienx hemm fondi disponibbli li kienu vvutati sabiex jintuzaw għal dan l-għan fl-2014. | Wara diskussjonijiet mal-MFIN ġie deċiż li l-ammont dovut għal din l-iskema se jibda mis-sena finanzjarja 2015. | L-iskema fil-proċess li tiġi ppubblikata. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 178 | Ser tissaħħaħ l-Awtorità għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. | Ġew ingaġġati tliet uffiċjali fi Grad 4 | Ħarġu sejħiet għal 4 DG's u Direttur Infurzar ... l-intervisti għadhom ma ġewx konklużi. | Saru intervisti għal 7 Inġiniera, 2 Avukati, 2 Uffiċjali għas-Sorveljanza tas-suq u 3 Xjentisti. Ġew ingaġġati 2 inġiniera, xjenzat u uffiċjal għas-sorveljanza tas-suq. Qed nistennew awtorizzazzjoni biex ningaġġaw 5 inġiniera oħra. Intervisti ser jerġgħu jsiru għal żewġ xjenzati, uffiċjal għas-sorveljanza tas-suq u avukat billi ma kinux ntgħażlu fl-ewwel intervisti. | Ħarġu sejħiet għal 2 diretturi fl-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni kif ukoll 3 avukati u 3 ekonomisti biex jaħdmu fl-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni u l-Uffiċċju tal-Konsumatur. Ġew ingaġġati 3 avukati u ekonomista. Qegħdin fil-proċess li jiġi ffirmat il-kuntratt għaz-żewġ diretturi. Ser terġa' toħrog sejħa għal-ekonomista billi baqa' din il-vakanza. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 179 | Se jitwaqqaf Ċentru Nazzjonali għall-Affarijiet tax-Xjenza u Kwalità li għandu jiġbor flimkien laboratorji tal-Gvern kollha barra wħud li qegħdin jiġu identifikati. | Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kabinett fis-17 ta' Settembru 2013, beda il-proċess sabiex il-laboratorji kkonċernati jiġu identifikati u titfassal business plan u timeline biex dawn isiru parti miċ-ċentru. | Baqgħu għaddejjin diskussjonijiet dwar kif għandhom jingħaqdu l-laboratorji mferrxa mal-Gvern. Tlesta pjan ta' kif għandu jitwettaq il-programm u saru diskussjonijiet dwar il-baġit meħtieġ biex dan il-programm jitwettaq. | Ġie sottomess Business Plan ta' kif għandu jitwettaq il-programm biex jingħaqdu l-laboratorji mferrxa mal-Gvern, kif ukoll il-baġit meħtieġ biex nieħdu l-ewwel passi f'dan il-proġett fl-2014-15. | Se jigi ppublikat Invitation to Tender jew Expression of Interest and Capability biex titħejja t-triq għal Public Private Partnership. Għaddejjin ukoll diskussjonijiet fuq il-liġi biex jitwaqqaf iċ-ċentru u s-sigurta` attwali tal-laboratorji konċernati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Minkejja li d-diskussjonijiet bejn dan il-Ministeru u l-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Kunsilli Lokali, kif ukoll mac-Chief Justice kienu pożittivi għall-aħħar, Heritage Malta għamlu każ għall-bżonn ta’ laboratorji. Dan fisser li biex dan il-proġett jasal għall-ewwel għan – nikkonsolidaw il-Laboratorju tal-Forensika u nwettqu l-wegħda elettorali li nistabbilixxu Laboratorju tad-DNA – il-baġit se jkun iktar milli kien maħsub għall-2015. | Il-ħsieb hu li l-ewwel iċ-ċentru jibda jiffunzjona mill-bini fejn hemm il-Laboratorji Nazzjonali tal-MCCAA fil-Mosta. L-ewwel pass ikun t-twaqqif tal-Laboratorji tal-Forensika. Fl-istess waqt jibda l-proċess għall-Public Private Partnership biex effettivament jitwaqqaf iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Affarijiet tax-Xjenza, Riċerka u Kwalità. Fil-21 ta’ Awwissu saru diskussjonijiet pożittivi mal-Ministeru tal-Finanzi dwar il-finanzjament ta’ dan il-proġett li jinvolvi wkoll it-twaqqif tal-laboratorju tal-forensika. | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 180 | Hemm il-ħsieb, li bl-għajnuna tal-Unions u min iħaddem, jibda jitħejja ċ-Charter tad-Drittijiet tal-Ħaddiema. | Kumpilazzjoni tal-kontenut bażiku kollu taċ-Charter bl-informazzjoni attwali kif stipulata fil-preżent fil-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali. | Kumpilazzjoni tal-kontenut bażiku kollu taċ-Charter bl-informazzjoni attwali kif stipulata fil-preżent fil-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali. | Kumpilazzjoni tal-kontenut bażiku kollu taċ-Charter bl-informazzjoni attwali kif stipulata fil-preżent fil-leġiżlazzjoni dwar l-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali. | Isiru aġġornamenti fil-kontenut taċ-Charter. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 184 | Se nagħtu l-opportunità biex min hu interessat, ikun jista' jsemma' leħnu fuq white papers, abbozzi ta' liġijiet u dokumenti oħra. Se nagħmlu użu minn proposti kostruttivi u siewja u li jgħinu biex il-proposti tal-Gvern jitjiebu. | Din l-inizjattiva ġiet varata fit-12 ta' Mejju 2014 għalhekk għal dan il-perjodu m'hemmx x'jiġi rappurtat. | 1) Saru diskussjonijiet u ttieħdu deċiżjonijiet dwar l-aħjar mod kif tkun ippreżentata din l-inizjattiva online. L-FOI Unit qed jistenna direzzjoni dwar kif se tiġi komunikata lill-Ministeri l-oħra. Minħabba n-natura tas-sit u l-esperjenza miksuba mill-ewwel konsultazzjoni, nħasset il-ħtieġa li jsir xi titjib (mil-lat tekninku) fis-sit. It-tweġiba li l-FOI Unit kien qed jistenna mill-MITA dwar dan it-titjib waslet, fejn qalu li t-tibdil se jsir immedjatament. | 1). Lulju - Il-logo tal-public consultations tal-MSDC tpoġġa fuq is-sit elettroniku ta' kull Ministeru biex ikun hemm corporate identity u kull Ministeru segwa linji gwida preparati mill-MSDC ta' kif għandha ssir paġna tal-konsultazzjoni pubblika. Għall-laqgħa attendew 14 -il rappreżentant minn diversi IMU's tal-Ministeri. | Online Public Consultations - Legislative (Ottubru) – konsultazzjoni pubblika waħda. Online Public Consultations - (mhux leġiżlattivi) (Ottubru) – żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi. | Implimentata. |

| # | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 2) Fit-12 ta' Mejju saret Konferenza mill-Ministru fejn tnediet b'mod uffiċjali l-Konsultazzjoni Pubblika tal-liġijiet online. Attendew madwar 8 ġurnalisti. | 2) Online Public Consultations - Leġislattivi (Settembru) kien hemm tliet (3) konsultazzjonijiet pubbliċi. Online Public Consultations - (mhux leġiżlattivi) (Awwissu) - żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi; u (Settembru) – żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi. | | |
| | | | 3) Ġunju : Konsultazzjoni pubblika waħda mhux leġiżlattiva. | | | |
| 185 | Dan se jsir permezz ta' sistema online li permezz tiegħu l-kunċett ta' Open Government se jinħass b'mod effettiv. | Din l-inizjattiva ġiet varata fit-12 ta' Mejju 2014 għalhekk għal dan il-perjodu m'hemmx x'jiġi rappurtat. | 1) Saru diskussjonijiet u ttieħdu deċiżjonijiet dwar l-aħjar mod kif tkun ppreżentata din l-inizjattiva online. L-FOI Unit qed jistenna direzzjoni dwar kif se tiġi kkomunikata lill-Ministeri l-oħra. | 1) Ġew appuntati l-contact persons minn kull Ministeru fejn saru laqgħat magħhom. Bħalissa hemm konsultazzjoni pubblika waħda li hija white paper dwar id-drogi tal-abbuż. | Online Public Consultations - Leġiżlattivi (Ottubru) – konsultazzjoni pubblika waħda. Online Public Consultations - (mhux leġizlattivi) (Ottubru) – żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi. | Implimentata. |

| **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Minħabba n-natura tas-sit u l-esperjenza miksuba mill-ewwel konsultazzjoni, nħasset il-ħtieġa li jsir xi titjib (mil-lat tekninku) fis-sit. It-tweġiba li l-FOI Unit kien qed jistenna mill-MITA dwar dan it-titjib waslet, fejn qalu li t-tibdil se jsir immedjatament. | Hemm 5 public consultations li jaqgħu taħt in-non-legislative proposals li jinkludu (policies, projects, initiatives, strategies etc). | | |
| | | 2) Fit-12 ta' Mejju ttella' l-logo fuq is-sit uffiċjali tal-MSDC. Dak inhar stess ħarġet ċirkulari mill-MSDC indirizzata lill-Ministeri kollha. 3) Ġunju : Ġunju: Konsultazzjoni pubblika waħda mhux leġiżlattiva. | 2) Online Public Consultations - Leġiżlattiva (Settembru) kien hemm tliet (3) konsultazzjonijiet pubbliċi. Online Public Consultations - (mhux leġiżlattiva) (Awwissu) - żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi; u (Settembru) – żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi. | | |
| | | 3) Ġunju: Konsultazzjoni pubblika waħda mhux leġiżlattiva. | | | |

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, INVESTIMENT
U INTRAPRIŻI ŻGĦAR

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 | Inizjattiva biex nattiraw l-investiment u t-talent (Promozzjoni ta' Malta u Għawdex fis-Suq Globali). | Kontinwu. | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 40 | Żvilupp Industrijali (investiment dirett barrani għal Għawdex). | Ġew ikkonfermati numru ta' proġetti ta' investiment dirett barrani. | Ġew ikkonfermati iktar proġetti ta' investiment dirett barrani. | Ġew ikkonfermati iktar proġetti ta' investiment dirett barrani. | Aktar diskussjonijiet biex jiġu kkonfermati iktar proġetti ta' investiment dirett barrani | Implimentata. |
| 47 | Estensjoni tal-Iskema tal-'Jeremie'. | SME's ibbenefikaw minn din l-iskema. | Aktar SME's komplew jibbenefikaw minn din l-iskema. | Aktar SME's komplew jibbenefikaw minn din l-iskema | Baqa' 9% tal-fondi allokati x'jitqassmu | Implimentata. |
| 48 | Microinvest. | Intbagħtu u ġew ipproċessati numru ta' claims mill-Malta Enterprise. | Ġew sottomessi u pproċessati aktar claims mill-Malta Enterprise. | Ġew sottomessi u pproċessati aktar claims mill-Malta Enterprise. | S'issa kull talba biex jigu rifonduti spejjeż, ġew pproċessati. | Implimentata. |
| 49 | Riforma fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet. | Tqassam dokument ta' konsultazzjoni fost entitajiet tal-Gvern dwar l-istruttura leġiżlattiva li tirregola il-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet. | Is-suġġerimenti miġbura ġew riveduti u evalwati. Id-dokument ta' konsultazzjoni ġie emendat u saru l-preparazzjonijiet neċessarji għat-tnedija tat-tieni stadju ta' konsultazzjoni. | Tnieda t-tieni stadju ta' konsultazzjoni dedikat għall-korpi kostitwiti, is-settur privat u l-pubbliku ġenerali. | Id-dokument ta' konsultazzjoni pubblika, inkluż il-bidliet proposti għar-regolamenti Trading Licence mill-Ministeru, ġie imniedi. Il-Ministeru qiegħed jirċievi suġġerimenti mill-korpi kostitwiti, is-settur privat u l-pubbliku ġenerali. Il-proċess ta' konsultazzjoni baqa' miftuħ sal-24 ta' Ottubru 2014. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Is-suġġerimenti miġbura se jkunu reveduti u evalwati biex jkunu jistgħu jingħataw l-importanza meħtieġa u jkunu inklużi fl-emendi proposti għall-abbozz tal-liġi. | |
| 52 | Riforma tal-liġi li tirregola n-negozju tal-familja. | Twaqqaf kumitat bil-għan li jaħdem fuq din il-liġi. Inżammu numru ta' laqgħat ma' bosta entitajiet u korpi kostitwiti. | Saret riċerka flimkien mal-NSO fejn ir-riżultati ġew analizzati u evalwati. Ġie żviluppat l-ewwel abbozz ta' liġi. | Ġiet konkluża l-ħidma preparatorja kollha. | Wara li jsiru diskussjonijiet mal-MFIN se jkun imressaq abbozz tal-liġi għall-approvazzjoni tal-Kabinett u eventwalment ippreżentata lill-parlament. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 53 | Rilokazzjoni tas-suq tal-belt Valletta. | Twaqqaf kumitat bil-għan li jaħdem fuq dan il-proġett. | Kompliet il-ħidma tal-Kumitat fejn ġie deċiż li 74 stall kienu se jinħadmu mil-MTI. | Qed isir sforz mal-MFIN biex jiġu pprovduti l-fondi neċessarji biex jinxtara il-materjal u jibda x-xogħol mill-MSD. | Bdew diskussjonijiet biex jinxtara l-materjal tal-istalls u minnufih jinbeda x-xogħol li se jsir kollu mill-MSD. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 181<br>182<br>183 | Reviżjoni tar-Regolamenti tal-Fond Koperattivi Ċentrali.<br><br>L-Istudju ta' riforma legali meħtieġa biex jitnaqqas in-numru minimu ta' membri li jiffurmaw koperattiva.<br><br>Jissaħħaħ l-Att dwar il-Koperattivi, kif ukoll jiġu esplorati kunċetti ġodda ta' intrapriża soċjali. | Tnedija ta' konsultazzjoni dwar ir-reviżjoni tar-regolamenti tal-fond koperattiv ċentrali kif ukoll dwar il-moviment koperattiv ġenerali. | Twaqqaf kumitat bil-għan li jaħdem fuq ir-riforma neċessarja f'dan is-settur kif ukoll biex jippreżenta numru ta' rakkomandazzjonijiet lill-Ministeru. | Ġiet żviluppata memo dwar ir-riformi proposti u ntbagħtet lill-Kabinett. | Il-Kabinett approva r-riformi proposti, u għaldaqstant llum qegħdin f'pożizzjoni li nibdew ix-xogħol preparatorju ta' implimentazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Il-Gvern huwa determinat li jniedi l-Individual Investment Programme. | | L-IIP għadu fl-istadju inizjali u għalhekk huwa pjuttost diffiċli li jiġi determinat kif se jevolvi. Il-proċess kollu kien ittardjat minħabba r-rekwiżiti tar-residenza. | Bdew deħlin applikazzjonijiet preliminari. | Daħlu l-ewwel applikazzjonijiet kompluti. Qed jiġu proċessati skont il-Liġi. | Implimentata. |
| 143 | Proġett li se jinvolvi ż-żgħażagħ li bħalissa qegħdin jiskontaw sentenza l-ħabs. Iż-żgħażagħ se jattendu laqgħat informali u ta' soċjalizzazzjoni. Wara dan huma jkunu mħeġġa biex jipparteċipaw fi sport. | Matul il-perjodu li jkopri minn Jannar sa Marzu tkompliet il-kollaborazzjoni bejn l-ETC, CCF u MCAST kif ukoll ġiet mistħarrġa l-possibbiltà ta' żvilupp fl-attivitajiet sportivi. B'kollaborazzjoni bejn CCF, MCAST u l-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid inbdew korsijiet għall-priġunieri, skont proġett finanzjat mill-Unjoni Ewropea. | Tkomplew il-korsijiet skont il-proġett finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew, f'kollaborazzjoni bejn ETC, CCF u Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid. Bdew attivitajiet sportivi għar-residenti nisa. Bħala donazzjoni ġew ukoll preżentati għadd ta' imwejjed tat-table tennis kif ukoll gym equipment. | Ġie konkluż il-proġett finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew, fejn ibbenefikaw numru konsiderevoli ta' priġunieri. L-Aġenziji AWAS u mid-Dlam għad-Dawl iżuru l-priġunieri fil-YOURS fuq bażi regolari, kif ukoll qed isiru laqgħat sabiex tinbeda attività tal-arti mill-Ordni ta' San Ġwann. Ir-residenti fil-YOURS għandhom ukoll il-faċilità li jużaw il-gym, jilgħabu l-billiard kif ukoll futbol. | Se jitkomplew attivitajiet ta' soċjalizzazzjoni, edukazzjoni kif ukoll sport għar-residenti żgħażagħ. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 153 | Se ninvestu miljun ewro f'kumpanija għall-koproduzzjoni tal-films. | Saru diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi sabiex jiġu trasferiti l-flus lill-MIMCOL u tinfetaħ uffiċjalment kumpanija li tieħu ħsieb il-management tal-fond. | Il-MIMCOL bdiet il-proċess biex titwaqqaf kumpanija tal-Gvern li tmexxi dan il-fond. | Il-Kumpanija bl-isem ta' Film Finance Malta ġiet mwaqqfa u issa jibdew jiġu proċessati l-applikazzjonijiet. | Kien hemm interess minn diversi kumpaniji f'dan il-fond għal koproduzzjoni. Tul dawn ix-xhur se jkunu evalwati numru ta' proġetti li ntbagħtu lill-Gvern biex jingħataw fondi. | Implimentata. |
| 154 | Inkomplu ntejbu l-ħidma u inċentivi kemm biex nattiraw films barranin  kif ukoll biex ninkoraġġixxu lill-industriji lokali li tista' tiżviluppa. | Il-Film Commission għamlet rapport lill-Economics Unit fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi, sabiex ikun magħruf l-impatt ekonomiku li tħalli l-industrija tal-films fuq l-ekonomija.<br>Dan wera biċ-ċar li l-industrija tal-films għandha impatt ekonomiku kbir li tħalli effett fuq ħafna aktar setturi tal-ekonomija. Għaldaqstant il-Ministeru għall-Finanzi ta l-approvazzjoni tiegħu biex jiżdiedu l-inċentivi finanzjarji għal produzzjoni tal-films. | Saret reviżjoni sħiħa tal-inċentivi finanzjarji għall-Films li tħabbret uffiċjalment. | Bdiet kampanja estensiva ta' marketing fuq livell internazzjonali li se tibqa' għaddejja tul is-sena kollha. Il-Film Commission qed tattendi wkoll għal film festivals prinċipali madwar id-dinja, sabiex nattiraw aktar produzzjonijiet lejn Malta. | Titkompla l-ħidma biex Malta tingħata promozzjoni madwar id-dinja kollha. Matul Ottubru u Novembru, l-Film Commission se tkun preżenti f'film festivalsli se jsiru f'Londra u Los Angeles. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Fl-istess ħin il-Film Commission bdiet iżżur festivals ewlenin madwar id-dinja biex tippromwovi lil Malta. | | | | |
| 165 | Għas-sena d-dieħla, qegħdin nipproponu n-nefqa ta' kważi 139 miljun ewro sabiex inħarsu s-sigurtà tal-poplu tagħna. | Dan l-ammont jirrappreżenta l-ammont totali ta' fondi vvotati għas-sena 2014 għall-Korp tal-Pulizija, Armata, Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u s-Servizzi Sigrieti u huwa mistenni li jintefaq kollu matul is-sena kurrenti. | Dan l-ammont jirrappreżenta l-ammont totali ta' fondi vvotati għas-sena 2014 għall-Korp tal-Pulizija, Armata, Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u s-Servizzi Sigrieti u huwa mistenni li jintefaq kollu matul is-sena kurrenti. | Dan l-ammont jirrappreżenta l-ammont totali ta' fondi vvotati għas-sena 2014 għall-Korp tal-Pulizija, Armata, Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u s-Servizzi Sigrieti u huwa mistenni li jintefaq kollu matul is-sena kurrenti. | Dan l-ammont jirrappreżenta l-ammont totali ta' fondi vvotati għas-sena 2014 ghall-Korp tal-Pulizija, Armata, Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u s-Servizzi Sigrieti u huwa mistenni li jintefaq kollu matul is-sena kurrenti. | Implimentata. |
| 166 | Se ninvestu wkoll, fost oħrajn, f'microwave link ġdid għaċ-ċentru tal-operazzjonijiet fil-bażi marittima. | L-applikazzjoni għall-fondi tal-Unjoni Ewropea li ntbagħtet f'Novembru 2013, ġiet evalwata f'dan il-perjodu u ttieħdet deċiżjoni mill-Project Selection Committee tal-Funds and Programmes Department fil-MEAIM. | Il-Projects Selection Committee (MEAIM) approva dan il-proġett fl-aħħar ta' April 2014. Il-FAM ħa l-miżuri kollha biex l-offerta f'dan ir-rigward jitlesta mill-aktar fis possibli biex jiġi ippublikat. | Dawn it-tliet offerti tal-kuntratti ġew finalizzati u ngħataw lid-Dipartiment tal-Kuntratti sal-aħħar ta' Lulju 2014. | Id-Dipartiment tal-Kuntratti ppubblika dawn il-kuntratti ħlief wieħed li jikkonċerna new data centre. Meta jispiċċa iż-żmien ta' pubblikazzjoni jiġu evalwati minn bord tal-evalwazzjoni u aġġudikati lill-irħas kuntrattur li jkun ipprovda d-dettalji tekniċi eżatti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Bħala parti minn dawn it-tħejjijiet fil-bidu ta Mejju, żewġ uffiċjali mill-FAM, li jinkludu il-Project Leader marru fuq żjara l-Italja fejn raw installazzjonijiet simili fil-bażijiet militari f'Ruma u Padova. Minn dawn iż-żjarat ġabru dettalji tekniċi li kienu fundamentali biex ġew imfassla tliet dokumenti ta' offerti varji relattati ma' dan il proġett. | Il-vetting minn naħa tad-Dipartiment tal-Kuntratti sar fir-rigward tal-offerta tal-Microwave Link li se jitwaħħlu f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex li qegħdin jagħmlu parti miż-żoni taħt ir-responsabbiltà tal-FAM. Offerta oħra hija tal-Fibre Optic ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti f'dan il perjodu għal Vetting. It-tielet offerta li hija fuq networking intbaghat ukoll għal vetting f'dan il-perjodu. | | |
| 167 | Għas-sena li ġejja se jinbeda programm ta' investiment f'vetturi ta' emerġenza. | (a) Saru diversi laqgħat mal-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Finanzi sabiex jiġi approvat pjan mifrux fuq ħames snin ta' kif għandhom jinbiddlu l-vetturi kollha tal-emerġenza li għandu d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. | a) Xiri ta' All Terrain vehicle: L-offerta għax-xiri ta' vettura ta' emerġenza All Terrain ingħatat u din għandha tkun għand id-DPC fi żmien disa' xhur. (b) Xiri ta' Tliet (3) All Terrain vehicles: Komplejna bix-xogħol fuq l-offerti ghax-xiri ta' tliet (3) vetturi ta' emerġenza All Terrain. | (a) Xiri ta' All Terrain vehicle: Il-Fire engine mistennija li tasal Malta għall-aħħar tas-sena. (b) Xiri ta' tliet (3) All Terrain vehicles: Il-Bord tal-Għażla ltaqa' rigward l-offerta għax-xiri ta' dawn il-vetturi ta' emerġenza u dan sabiex tiġi magħżula l-aħjar offerta. | (a) Xiri ta' All Terrain vehicle: Nistennew li tasal l-ewwel fire engine all terrain għall-aħħar ta' din is-sena. (b) Xiri ta' tliet (3) All Terrain vehicles: id-dokument tal-offerta dwar ix-xiri tat-tliet vetturi oħra all terrain ikun aġġudikat u mogħti. (c) Sabiex jinbidlu l-vetturi kollha tad-DPC: | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|
| | Dawn il-vetturi ilhom jintużaw fis-servizz tal-emerġenza għal dawn l-aħħar tmintax-il sena. Uħud minn dawn il-vetturi mhumiex road worthy. Sussegwentament il-MFIN approva x-xiri ta' vettura magħrufa bħala all terrain. Inbeda xogħol għax-xiri ta' din il-vettura ta' emerġenza permezz ta' offerti. L-offerti ġew evalwat u aġġudikat. (b.) Matul l-ewwel tliet xhur tas-sena, wara diversi laqgħat oħra mal-membri tal-Ministeru tal-Finanzi, ġie approvat ix-xiri ta' tliet vetturi oħra ta' emerġenza magħrufa ukoll bħala All Terrain. Saru l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokument tal-offerta ġie mogħti lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-verifika min-naħa tagħhom. | Sussegwentement ġie mwaqqaf Bord ta' evalwazzjoni. Il-Kumitat ta' aġġudikazzjoni għadu għaddej bl-evalwazzjoni tiegħu. (c) Pjan sabiex jinbiddlu l-vetturi kollha ta' emerġenza tad-DPC: Saru diversi laqgħat oħra mal-membri tal-MFIN sabiex ikunu jistgħu jinxtraw aktar fire engines u dan invista tal-impenn li se jkollu l-pajjiż i/k/m iċ-CHOGM f'Novembru 2015, il-Presidenza tal-Unjoni Ewropea fis-sena 2017 kif ukoll fil-V18 u dan sabiex il-programm ta' xiri ta' fire engines mifrux fuq ħames (5) snin li kien ġie approvat mill-MFIN is-sena ta' qabel, jitnaqqas u jkunu jistgħu jinxtraw aktar vetturi ta' emerġenza. | Irriżulta li kien hemm xi nuqqasijiet. Saret talba sabiex niġu awtorizzati li nagħmlu xi verifiki fuq l-offerti mibgħuta. Bħalissa qegħdin fl-aħħar fażi ta' dan il-proċess ta' evalwazzjoni u aġġudikazzjoni. (c) Pjan sabiex ikunu jistgħu jinbidlu l-vetturi kollha tad-DPC: Il-laqgħat mal-membri tal-MFIN sabiex ikunu jistgħu jinxtraw aktar fire engines u dan invista tal-impenn li se jkollu l-pajjiż i/k/m iċ-CHOGM f'Novembru 2015, il-Presidenza tal-Unjoni Ewropeja fis-sena 2017 kif ukoll fil-V18 u sabiex il-programm ta' xiri ta' fire engines mifrux fuq ħames (5) snin jitnaqqas u jkunu jistgħu jinxtraw f'daqqa, għadhom għaddejjin. (d) Xiri ta' tliet (3) fire engines mill-Ingilterra | Il-laqgħat mal-membri tal-MFIN sabiex il-programm ta' xiri ta' fire engines mifrux fuq ħames (5) snin jitnaqqas u jkunu jistgħu jinxtraw f'daqqa minħabba n-nuqqas kbir ta' vetturi li għandu d-DPC, jkomplu għaddejjin u possibbilment jiġu konklużi pozittivament. (d) Xiri ta' tliet (3) fire engines mill-Ingilterra: Rigward it-tliet (3) vetturi ta' emerġenza mixtrija second hand mil-Lancashire Fire & Rescue Service tal-Ingilterra, ix-xogħol ta' tiswijiet fuq il-vettura l-oħra jkun lest u l-vettura tibda bix-xogħol ta' emerġenza (e) Xiri ta' seba' (7) fire engines: Id-dokument tal-offerta dwar x-xiri ta' seba' (7) vetturi oħra ta' emerġenza jkun konkluż u mogħti. | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Dawn id-diskussjonijiet għadhom għaddejjin. (d) Xiri ta' tliet fire engines second hand: wara diversi konsultazzjonijiet oħra mal-membri tal-MFIN ġie approvat sabiex ikunu jistgħu jinxtraw tliet vetturi ta' emerġenza oħra second hand mil-Lancashire Fire & Rescue Service tal-Ingilterra għall-prezz ta' madwar 13,000 ewro. L-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Finanzi kienet invista tal-kundizzjoniji tajba ta' dawn il-vetturi, il-prezz relattivament irħis tagħhom u n-nuqqas kbir ta' vetturi ta' emerġenza li għandu d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. | Ix-xogħol ta' tiswijiet fuq tnejn minnhom issa huwa lest u bdew bix-xogħol tagħhom ta' emerġenzi. Waqt li xogħol ta' tiswijiet fuq il-vettura l-oħra għadu għaddej. (e) Xiri ta' seba' (7) fire engines: Sussegwentement l-MFIN approva x-xiri ta' seba' (7) vetturi oħra ta' emerġenza permezz ta' offerta. Ix-xogħol fuq id-dokument tal-offerta ta' dawn il-vetturi ta' emerġenza issa kważi lest u għandu jintbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratt għal verifika min-naħa tagħhom. | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | (e) Xiri ta' seba' fire engines: Matul l-istess xhur f'laqgħa oħra li nżammet mas-Segretarju Permanenti tal-Finanzi dwar il-vetturi u apparat ġdid li hemm bżonn jinxtara mid-DPC i/k/m iċ-CHOGM li se ssir f'Malta f'Novembru 2015, ġie miftiehem li d-DPC għandu jipprepara offerta minnufih għax-xiri ta' seba' vetturi oħra ta' emerġenza. Ġiet ippreparata l-offerta u ntbagħet il-Finanzi. | | | |
| 168 | Se nħarsu, wkoll, lejn (i) il-bżonn u l-firxa tal-istazzjonijiet għat-tifi tan-nar. | Saru diversi diskussjonijiet mas-Segretarju Permanenti dwar il-possibbiltà ta' bini ta' stazzjon tat-tifi tan-nar ġdid fl-inħawi ta' Santa Venera. Sussegwentement ingħatat l-approvazzjoni sabiex tiġi identifikata art għal dan l-iskop. | Tkomplija ta' diversi spezzjonijiet fil-post identifikat biex jinbena dan l-istazzjon tat-tifi tan-nar f'Santa Venera. Ġew ippreparati pjanti proviżorji ta' dan l-istazzjon mill-Perit bil-faċilitajiet kollha neċessarji u dan wara konsultazzjoni ma' diversi membri tad-DPC għall-pariri tagħhom. | Saret it-talba uffiċjali min-naħa tal-MHAS sabiex l-art identifikata biex jinbena l-istazzjon tat-tifi tan-nar ġdid f'Santa Venera tiġi ttrasferita u rreġistrata fuq id-DPC. Il-Perit kompliet għaddejja bil-preparazzjoni tal-pjanti ta' dan l-istazzjon. | Inkomplu għaddejjin bil-preparazzjoni tal-pjanti biex tkun tista' ssir l-applikazzjoni għall-permess tal-bini ta' dan l-istazzjon tat-tifi tan-nar quddiem il-MEPA. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|
| | Minn stħarriġ li sar irriżulta li fi Triq il-Kanun Santa Venera hemm biċċa art kbira fejn tkun jista' jinbena stazzjon tat-tifi tan-nar ġdid. Saru l-verifiki mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jiġi stabbilit is-sid ta' din l-art. Irriżulta li parti minn din l-art għalkemm hija tal-Gvern kienet qed tintuża bħala residenza. Minn aktar stħarriġ li sar ġiet identifikata biċċa art oħra ħdejha li ukoll hija tal-Gvern. Din l-art tinsab fi Triq il-Kanun, Santa Venera. Għaldaqstant, wara diversi diskussjonijiet, saret it-talba uffiċjali sabiex din l-art tiġi ttrasferita u tiġi rregistrata fuq id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. | | Saru diversi emendi fuq il-pjanti li qed jiġu ppreparati. Ġie ppreparat Fire and Ventilation report mill-Inġinier stazzjonat fid-DPC kif kien mitlub mill-Perit. Ġie ppreparat ukoll is-Survey report kif rikjest mill-Perit. Barra minn hekk il-Perit kompliet bix-xogħol tagħha fuq il-pjanta partikolarment rigward ir-reservoir ta' fejn għandu jintlaqa' l-ilma minn fuq il-bjut tal-istazzjon. | | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Sussegwentement ġie avviċinat id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet għall-għajnuna tiegħu f'dan ir-rigward. Inħatret perit sabiex tassisti d-DPC fil-pjanti tal-bini ta' dan l-istazzjon tat-tifi tan-nar. | | | | |
| (ii) Hu ppjanat li l-kwartieri tad-Dipartiment jiġu trasferit għall-Mosta. | (a) Kwartieri tad-DPC: Hemm il-ħsieb min-naħa tal-Ministeru MHAS illi l-Kwartieri tad-DPC jiġu ttrasferiti fil-Fort Mosta u l-post kurrenti użat mid-DPC bħala Kwartieri isir parti mill-Akkademja tal-Pulizija. Għaldaqstant bdew il-pjanijiet biex isir dan. Sussegwentement saru pjanti għall-estensjoni tal-bini eżistenti li hemm f'Fort Mosta fejn hemm il-Kennels tal-Pulizija. | (a) Kwartieri (b) Akkademja tad-DPC: Wara li l-Ministeru approva l-pjan li l-Kwartieri tad-DPC ikun aħjar jekk jiġi ttrasferit f'Ħal Far inbdew l-indaġini mal-Malta Industrial Parks sabiex l-art identifikata tkun tista' tiġi ttrasferita għal fuq id-DPC. Hemm il-ħsieb illi l-Ministru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali jressaq din il-proposta għall-approvazzjoni tal-Prim Ministru. | (a) Kwartieri u (b) Akkademja tad-DPC: Matul dawn ix-xhur komplejna għaddejjin bid-diskussjonijiet mal-MIP sabiex nkunu nistgħu nittrasferixxu biċċa art f'Ħal Far għal fuq id-DPC biex ikun jista' jinbena il-Kwartieri l-ġodda kif ukoll l-Akkademja tat-tifi tan-nar minflok il-waħda li kellhom snin ilu f'Ħal Far. | (a) Kwartieri u (b) Akkademja tad-DPC: It-trasferiment ta' din l-art f'Ħal Far mill-MIP għal fuq il-Gvern ġie approvat mill-President tar-Repubblika. Il-pass li jmiss hu li l-art tiġi trasferita fuq id-DPC. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Wara diversi laqgħat oħra biex jiġi stabilit jekk dan il-post identifikat biex ikun il-Kwartieri l-ġodda tad-DPC huwiex l-aħjar post, ġie ssuġġerit li jkun aħjar jekk il-Kwartieri l-ġodda tad-DPC ikun ttrasferiti f'Ħal Far fejn hemm diġa' wieħed mill-istazzjonijiet tat-tifi tan-nar u fejn hemm it-taqsima tal-Volontieri tiegħu u għaldaqstant ikollu r-riżorsi tiegħu miġbura f'lokalità waħda minflok imxerrdin ma' diversi lokalitajiet.<br>(b) Akkademja: Ġie ssugerit ukoll li jekk isir dan ikun aktar faċli li d-DPC jibni l-Akkademja tiegħu f'Ħal Far u dan peress li l-Mosta kuntrarjament għal Ħal Far mhux permessibli li wieħed jagħmel taħriġ ta' nirien fih. | | F'waħda mil-laqgħat organizzata minn membri tal-MHAS u MIP ġie maqbul li art li hemm f'Ħal Far u li bħalissa hija rreġistrata f'isem il-MIP tkun ttrasferita lid-DPC għall-bini ta' Kwartieri u Akkademja tagħhom. Sussegwentement sar ftehim bil-miktub li bħalissa qed jiġi eżaminat qabel ikun iffirmat. | | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Irid jingħad li sas-sena 1998 id-DPC kellu l-Akkademja (training grounds) għat-tagħlim tal-membri tiegħu f'Ħal Far, viċin ħafna tal-Istazzjon tat-tifi tan-nar. Dawn it-training grounds kienu ttieħdu mingħand id-DPC u ngħataw lill-kumpanija għal skopijiet kummerċjali. Jirriżulta illi f'Ħal Far għad hemm xi art li tidher li tista' tintuża għal dan il-għan. Is-suġġeriment ġie approvat mill-Ministeru u minnufih inbdiet ħidma biex tiġi identifikata biċċa art fejn id-DPC ikun jista' jibni l-Kwartieri ġodda u l-akkademja tiegħu. Sussegwentement inbdew verifiki mad-Dipartiment tal-Artijiet sabiex jiġu identifikati xi postijiet għal dan il-għan. Minn dawn l-indaġini rriżulta illi viċin l-istazzjon tat-tifi tan-nar f'Ħal Far hemm biċċa art li hija tal-Gvern. Din l-art li mhux użata hija rreġistrata mal-Malta Industrial Parks. | | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 169 | Matul is-sena li ġejja mistenni li tibda tinħareġ il-Karta tal-Identità l-ġdida. Ma' dan il-proċess se naħdmu biex ngħaqqdu dak biex in-nies jirreġistraw għal e-ID. | Fit-12 ta' Frar ġiet varata b'suċċess is-soft roll-out tal-Karti tal-Identità l-ġodda kif ippjanat. Inħolqot Task Force żgħira li qed tippjana għal mass roll-out li għandha tiġi varata wara l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u titlesta sa mhux aktar tard minn Diċembru 2015. Ġew, ikkwantifikati l-finanzi meħtieġa u se ssir talba formali għalihom mal-MFIN, se jiġi akkwistat il-hardware neċessarju, sar kuntatt mal-kunsilli lokali sabiex jiġu identifikati siti adattati f'kull lokalità, ġiet ippreparata Sejħa għall-Applikazzjonijiet għal Uffiċjali Pubblici sabiex jgħinu lill-Uffiċċju għall-Immaniġġar tal-Identità waqt il-mass roll-out eċċ. | Il-Karti tal-Identità għadhom qed jinħarġu. Saru diskussjonijiet mal-MFIN rigward fondi meħtiega għall-eżerċizzju, u ġew allokati 1.5 miljun Ewro għal dan il-għan. Roll-out bi 'prova ġenerali' ġiet organizzata fil-lokalità tax-Xgħajra (bejn il-15 u 20 ta' Mejju 2014). F'dan l-eżerċizzju attendew 943 ċittadin mix-Xgħajra li jammonta għal (bejn wieħed u ieħor) 75% tal-popolazzjoni. Ġie appuntat Logistics Officer sabiex jassisti fl-għażla ta' siti (f'kull lokalità) fejn tista' ssir ir-roll-out. Sal-aħħar ta' Ġunju sar ukoll t-tiġdid tal-Karta tal-Identità fil-lokalitajiet ta' Ħal Kirkop u L-Imtarfa. Ħarġet is-sejħa sabiex jintgħażlu Registration Officers li se jkunu qed jgħinu lill-Uffiċċju għall-Immaniġġar tal-Identità waqt ir-roll-out. | L-Uffiċċju tal-Immaniġġar tal-Identità kkonsolida b'suċċess l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal ħruġ ta' Karti tal-Identità elettroniċi. Għamel dan billi ħa għaraf u indirizza diversi nuqqasijiet u diffikultajiet fi ħdan is-sistema u d-data pprovduta. Huwa anke assigura riżorsi addizzjonali li se jassistu b'suċċess fit-tlestija tal-eżerċizzju tat-tiġdid tal-Karti tal-Identità. L-Uffiċċju nieda wkoll il-proġett pilota tat-tiġdid tal-Karti tal-Identità, billi fetaħ il-lokalitajiet tax-Xgħajra, Ħal Kirkop, L-Imtarfa, Floriana, Ħal Għargħur u l-Qrendi. | Matul l-aħħar tliet xhur tas-sena l-eżerċizzju ta' tiġdid għandu jitkompla fil-lokalitajiet li ġejjin: Malta - Il-Belt Valletta, Imsida, Marsa, Ħal Qormi, Santa Venera, Ħal Luqa, Raħal Ġdid, Imqabba, Gudja, Imdina, Ħal Safi u l-Isla; Għawdex - Għajnsielem, Xagħra, Nadur, Qala, Żebbug, Rabat, Fontana u Munxar. L-eżerċizzju għadu għaddej. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|
| | Barra minn hekk qed isiru preparamenti sabiex ir-roll-out issirilha 'prova ġenerali' f'mill-inqas lokalità waħda żgħira qabel it-tiġdid tal-massa propju u dan sabiex jiġu identifikati, kwalunkwe problemi li jistgħu jinqalgħu fil-mass roll-out ħalli nkunu ppreparati għalihom fil-futur. | | Mis-7 ta' Awwissu tnieda l-proġett propja u, sal-aħħar ta' Settembru, sar it-tiġdid ukoll fil-lokalitajiet Maltin tal-Ħamrun, Ħ'Attard, Ħal Lija, Iklin, San Ġiljan, Gżira u Ta' Xbiex. Fir-rigward ta' Għawdex l-eżercizzju tnieda fl-Għasri, Kerċem, San Lawrenz, Għarb, Sannat u Xewkija. L-eżerċizzju għadu għaddej. | | |

MINISTERU GĦALL-FINANZI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Se jinbeda l-Household Budgetary Survey sabiex jiġi aġġornat l-indiċi tal-prezzijiet. | L-NSO qed tippjana biex twettaq ix-xogħol tagħha mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru | Posposta għall-Baġit tas-sena 2015. | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 2 | Tibdil fir-rata ta' sisa fuq is-sigaretti u t-tabakk, il-fuel ix-xorb alkoħoliku u l-birra kif ukoll ir-rata ta' taxxa fuq il-fuel bunkers. | Tibdil fir-rata ta' sisa fuq is-sigaretti, it-tabakk, il-birra u x-xorb alkoħoliku daħal fis-seħħ mill-ġurnata ta' wara li tħabbar il-baġit. Tibdil fir-rata ta' sisa fuq fuel u r-rata ta' taxxa fuq il-fuel bunkers ġie fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 7 | Ir-rata ta' taxxa personali ta' 32% applikabbli għal dawk li jaqilgħu anqas minn sittin elf ewro se terġa' titnaqqas għal 29%. Dan japplika għal kull komputazzjoni: singola, miżżewġin u ġenituri. | Il-miżura ġiet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Il-bidla ġiet notifikata lil min iħaddem u s-sit elettroniku tal-IRD flimkien mat-tabelli tat-taxxa ġew aġġornati biex jirriflettu din il-bidla. Is-software relatat ma' din il-bidla bħalissa jinsab fi stadju ta' żvilupp. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Id-dħul minn individwi li jirċievu dividendi se jibqa' taxxabbli bir-rati ta' taxxa li kienu jeżistu qabel l-introduzzjoni tar-rata tat-taxxa marġinali ta' 32%. | Il-qafas leġiżlattiv ta' din il-mizura se jiġi inkorporat fl-Att li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi. | Id-dispożizzjonijiet legali ġew effettwati. Subartikolu (1) tal-Artikolu 12 ta' dan l-Att qed ikun emendat kif xieraq. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | Implimentata. |
| 9 | Ir-rati tat-taxxa għall-komputazzjoni ġenitur se titwessa' minn €9,300 għal €9,800. B'hekk il-ġenituri bit-tfal se jiffrankaw €75 f'taxxa tad-dħul fis-sena. | Din il-miżura ġiet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Min iħaddem ġie notifikat. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 10 | L-età tat-tfal f'edukazzjoni terzjarja li huma mantnuti mill-ġenituri qiegħda tiżdied minn 21 għal 23 sena. Qed inwessgħu wkoll l-edukazzjoni terzjarja għall-kulleġġi u stabbilimenti edukattivi oħra (eż MCAST u l-ITS), biex il-ġenituri ta' tfal f'dawn l-istituzzjonijiet edukattivi jikkwalifikaw ukoll. | Il-miżura ġiet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Dawn iż-żewg miżuri huma direttament relatati mar-rekwiżiti biex tikkwalifika għar-rata ta' taxxa għal ġenituri imsemmija hawn fuq. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Se nnaqqsu t-taxxa fuq min jaħdem part-time. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 12 | Il-limitu (fuq l-ammont soġġett għar-rata preferenzjali ta' 15%) se jiżdied minn €7,000 għal €10,000 fil-każ ta' impjieg part-time u €12,000 fil-każ ta' part-timers li jaħdmu għal rashom. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Il-formola l-ġdida TA22 qed tiġi żviluppata biex tinkludi dawn il-bidliet. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 13 | Sabiex tinkoraġġixxi l-bidla minn impjieg full-time għal self-employed full-time, sidien tan-negozji part-time se jitħallew jimpjegaw sa żewġ impjegati part-time mingħajr ma jitilfu l-intitolament għar-rata tat-taxxa ta' 15%. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Ir-regoli tal-part-time se jiġu emendati meta l-Att li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi jgħaddi mill-Parlament. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 14 | Il-limitu tal-paga minima mit-taxxa tad-dħul (attwalment €8,950) se jiżdied biex nieħdu kont tal-COLA. Dan sabiex kull min ma jaqlax aktar mill-paga minima ma jħallasx taxxa tad-dħul. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Is-software tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni qed jiġi emendat sabiex jirrifletti ż-żieda fil-limitu preżenti minn EUR 8,950 għal EUR 9,150. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | Mis-sena d-dieħla din il-miżura se tiġi estiża wkoll għall-pensjonanti li d-dħul tagħhom ikun jikkonsisti biss minn pensjoni li ma taqbiżx l-ammont tal-paga minima. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Software relatat qed jiġi żviluppat. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 16 | Pensjonanti li huma wkoll self-employed fuq bażi part-time se jibdew igawdu minn rata ta' taxxa ta' 15% fuq id-dħul tagħhom mix-xogħol jekk dan id-dħul ma jkunx ogħla mill-anqas minimu ta' dħul li fuqu jħallsu l-anqas rata ta' kontribuzzjoni għas-sigurtà soċjali. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | | Implimentata. |
| 17 | Se nnaqqsu r-rata tal-income tax għall-futbolers għad-dħul mill-futbol għal 7.5%. Din is-sena se nibdew mill-futbol wara diskussjonijiet mal-MFA u fid-dawl ta' regoli ġodda internazzjonali | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Din il-miżura qed tiġi inkluża fis-subartikolu 56 (26) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 18 | It-taxxa fuq it-trasferimenti f'bejgħ bl-irkant se titneħħa kompletament. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 19 | Bħalissa mgħax imħallas fuq duty dovut mit-transferee causa mortis mhuwiex limitat u jista' jaqbeż id-duty pagabbli. L-interessi mhux se jeċċedu l-ammont ta' duty dovut. B'hekk il-werrieta se jiffrankaw il-flus. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 20 | Persuni li għandhom dħul mill-kiri ta' proprjetà residenzjali se jkollhom l-għażla li japplikaw taxxa finali ta' 15% ikkalkulata fuq id-dħul gross tal-kirja. Din il-miżura hija maħsuba biex tinkoraġġixxi l-konformità fis-suq tal-kera. Id-Dipartiment tat-Taxxi Interni se jagħmel titjib fl-infurzar f'dan il-qasam. | Beda l-proċess biex din il-miżura titwettaq. | Il-Memorandum ġie approvat mill-Kabinett. Qed isiru emendi fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income li għandhom jgħaddu mill-istadju ta' Kumitat f'nofs Ottubru 2014. | Il-Memorandum ġie approvat mill-Kabinett. L-emendi fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income se jitressqu quddiem il-Parlament sal-aħħar ta' Ottubru. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Kirjiet mhux iddikjarati għandhom ikunu soġġetti għal taxxa finali ta' 35% ikkalkolata fuq id-dħul gross tal-kiri minbarra penalitajiet u mgħax li se jkunu imposti. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 22 | Se tingħata konċessjoni ta' darba lil dawk il-persuni li qatt ma kellhom proprjetà immobbli qabel l-1 Jannar 2014, sew direttament jew indirettament, u li se jagħmlu l-kuntratt finali fis-sena 2014 sabiex ma jħallsux duty fuq l-ewwel 150,000 ewro. | Din il-miżura se tapplika għal dawk il-persuni li qatt ma kellhom proprjetà immobbli qabel l-1 Jannar 2014, u se ddum fis-seħħ għal sena. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ għall-konvenji rreġistrati wara l-1 ta' Lulju 2013. Effettiva għall-kuntratti kollha magħluqa sal- 31 ta' Diċembru 2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | Implimentata. |
| 23 | Se jkun hemm bidla fis-sistema ta' valutazzjoni tal-proprjetà minn periti mqabbda mill-Gvern. Għal skop ta' taxxa l-Gvern se jibda jaċċetta l-valutazzjoni li jagħmel kull perit privat iżda se jiddaħħlu salvagwardji sabiex ma jkunx hemm abbużi. | Il-miżura l-ġdida qiegħda tiġi ttestjata. Iż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni qed jiġi diskuss. | Kompla x-xogħol fuq din il-miżura. Ingħatat preżentazzjoni lill-Ministru għall-Finanzi dwar kif se taħdem is-sistema l-ġdida. Biex ir-rapport tekniku jkun komplet, hemm bżonn li tinġabar aktar datamill-arkivju notarili. | Il-Memorandum ġie approvat mill-Kabinett. | L-Avviż Legali nħareġ. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 25 | Fassalna emendi biex nissimplifikaw diversi dispożizzjonijiet fl-Atti tal-VAT u dik tat-Taxxa fuq l-Income. | Il-bidliet fl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud bdew isiru f'Novembru 2013 u jinkludu:<br><br>1. klawsola li tawtorizza lill-Onor. Ministru jibdel ir-rata tal-imgħax applikabbli fuq it-taxxa li ma tkunx tħallset permezz ta' Avviż Legali;<br>2. introduzzjoni ta' limitu għall-penali amministrattivi fir-rigward ta' reġistrazzjoni li tidħol tard;<br>3. bidliet fil-multi imposti mill-Qorti għan-nuqqas ta' sottomissjoni tal-formola tat-taxxa jew tal-ammont dovut; | Miżuri 2, 3 u 4 daħlu fis-seħħ fil-5 ta' Novembru 2013. Miżura 1 daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014 . Tlesta wkoll il-proċess sabiex il-multi imposti mill-Qorti jinħadmu mill-ġdid skont ir-regoli l-ġodda. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 4. dispożizzjonijiet transitorji li permezz tagħhom il-multi kollha imposti mill-qrati għandhom jiġu kkalkolati mill-ġdid taħt id-dispożizzjoni kif emendata.<br><br>Miżuri 2, 3 u 4 daħlu fis-seħħ fil-5 ta' Novembru 2013. | | | | |
| 26 | Minn Jannar li ġej, meta d-denunzji tal-VAT jiġu sottomessi fil-ħin, flimkien mal-ħlas, l-ammont imħallas ma jkunx approprijat għall-bilanċi qodma. Dan jinkoraġġixxi l-konformità u se jgħin lit-taxpayers li ma setgħux jikkonformaw minħabba problemi ta' likwidità. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. | Din il-miżura ġiet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014 permezz ta' emendi fl-Att XI tal-2014, ippubblikat fil-25 ta' April 2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Fl-Att tal-VAT se jiġu introdotti dispożizzjonijiet fuq it-tax in dispute. Bħalissa meta jinħareġ assessment, il-pagamenti qed jiġu allokati għall-VAT dovuta anki jekk il-perjodu tal-VAT in kwistjoni jista' jkun taħt appell (mhux finali u konklużiv). Dispożizzjonijiet tat-tax in dispute għandhom jiġu introdotti fl-Att tal-VAT sabiex ikun żgurat li l-pagamenti mhumiex qed jiġu set-off kontra t-taxxa li dwarha jista' jkun hemm kwistjoni. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| | Titneħħa l-penali għal non-filing anke jekk id-denunzja tal-VAT tkun ġiet ippreżentata. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 28 | Ir-rata tal-imgħax preskritta, kemm taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, fuq it-taxxa pagabbli/ rifondibbli se titnaqqas u tibda' tkun flessibbli. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 29 | Il-liġi se tiġi emendata sabiex il-Qorti, fil-każ tat-tieni reat, ikollha d-diskrezzjoni jekk tibgħatx persuna l-ħabs jew inkella timponi multa ta' €2,000. | Il-qafas leġiżlattiv ta' din il-miżura se jiġi inkorporat fl-Att XXII tal-2014. | Ġiet attwata permezz tal-Att XXII tal-2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | Implimentata. |
| 30 | Se nagħmlu kampanja kontra l-evażjoni fiskali sabiex infiehmu lil kulħadd għaliex din m'hemmx lokha f'soċjetà demokratika u żviluppata. | Beda l-proċess biex din il-miżura titwettaq. | Beda l-proċess biex din il-miżura titwettaq. | Beda l-proċess biex din il-miżura titwettaq. | Minħabba t-tnedija tal-iskema ta' reġistrazzjoni ta' investiment, qed jiġi propost li l-kampanja ta' għarfien dwar it-taxxa titnieda fl-2015. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 31 | Se ndaħħlu sistema fejn min jixtri servizz fil-qasam tal-propjetà, pereżempju, xogħol ta' kostruzzjoni, u ma jkollux biex jissostanzja l-istima tax-xogħol li jkun sar, ikollu jħallas il-VAT dovuta skont l-istima li tkun saritlu mid-Dipartiment. | Beda l-proċess biex din il-miżura titwettaq. | Sa Awwissu, se jiġi sottomess dokument lill-Kabinett għall-approvazzjoni. | Wara diskussjonijiet interni, il-proposta qed tkompli tiġi studjata. | Ser ikomplu għaddejjin id-diskussjonijiet interni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 32 | Se nifthu l-Investment Registration Scheme sabiex dawk il-persuni li jixtiequ jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom, għaliex għandhom flus u investimenti mhux dikjarati f'Malta jew barra, ikunu jistgħu jagħmlu dan filwaqt li jħallsu multa ġusta. | Qed jitħejja abbozz ta' liġi. | Il-leġiżlazzjoni ġiet finalizzata. Il-Ministru nieda l-iskema waqt konferenza stampa fil-11 ta' Ġunju. L-iskema nfetħet f'nofs Lulju u tagħlaq tliet xhur wara. | Il-Ministru nieda l-iskema waqt konferenza stampa fil-11 ta' Ġunju. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 36 | Il-Gvern qed jipproponi li l-MCESD għandu jibda diskussjoni dwar Strateġija Nazzjonali għat-Tisħiħ Ekonomiku. Din id-diskussjoni għandha titmexxa mill-imsieħba soċjali bil-għan li jiġu stabbiliti inċentivi aktar attraenti u konformi mar-regoli Ewropej, biex nattiraw aktar investiment lejn Malta u Għawdex, u b'hekk jinħoloq aktar xogħol. | L-MCESD bdiet il-proċess ta' konsultazzjoni u laqgħat fuq il-kompetittività nazzjonali li se jikkontribwixxu għall-istrateġija nazzjonali. | Komplew għaddejjin id-diskussjonijiet. L-MCESD qed jiddiskuti l-kwistjoni tal-kompetittività u l-politika nazzjonali tax-xogħol. Minbarra dan, saru wkoll laqgħat mal-imsieħba soċjali varji biex jiġu diskussa l-kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Wara kull laqgħa, jitħejja rapport qasir li jiddeskrivi l-problemi ewlenin u s-soluzzjonijiet possibbli. | L-MCESD iffinalizza rapport li jiġbor fil-qosor il-proposti li kienu r-riżultat tal-laqgħat li saru sa issa fi ħdan l-MCESD u ma' tnejn mill-imsieħba soċjali. Huwa mistenni li jsiru aktar laqgħat f'Settembru. | Għaddejjin diskussjonijiet interni għat-twaqqif ta' sitt gruppi ta' ħidma tekniċi biex jiddiskutu sitt prinċipji fundamentali ta' policy jiġifieri: 1. li tiġi assigurata l-prosperità ekonomika; 2. it-trawwim tal-iżvilupp uman; 3. li jingħata appoġġ lill-iżvilupp ulterjuri tan-negozju u l-intrapriża; 4. bini ta' infrastruttura innovattiva; 5. investiment fl-infrastruttura u l-ambjent; 6 sħubija tal-Gvern man-negozju u l-intrapriża. | Implimentata. |
| 50 | Il-Gvern għalhekk qiegħed permezz tad-diskors tal-baġit jitlob lill-MFSA u lill-Awtorità tal-Kompetizzjoni jeżaminaw din is-sitwazzjoni u jaraw hemmx lok ta' azzjoni korrettiva. It-triq preferita tibqa' dik ta' qbil mal-operaturi. | Saru żewġ laqgħat bejn l-MFSA u l-MCCAA fuq dan is-suġġett.<br><br>Il-Ministru għall-Finanzi bagħat ittra lill-MFSA u lill-MCCAA fis-6 ta' Diċembru 2013 fejn talab rapport interim (li għandu jinkludi analiżi tas-sitwazzjoni u konklużjonijiet sa Marzu 2014, kif ukoll rapport finali (li jinkludi l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet jew l-azzjonijiet meħtieġa) sa Ġunju 2014.<br><br>Saru laqgħat bejn il-Ministru għall-Finanzi u l-MCCAA u l- MFSA.<br>L-MFSA u l-MCCAA, għadhom ma ssottomettewx dan ir-rapport lill-Ministeru għall-Finanzi.<br>L-MFSA u l-MCCAA qed jiffinalizzaw dan ir-rapport. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 51 | Qiegħda ssir ħidma sabiex jitwettqu proposti tal-Gvern fil-qasam tas-servizzi finanzjarji lill-konsumaturi Maltin u Għawdxin, partikolarment bil-ħolqien ta' Arbiter għas-Servizzi Finanzjarji, it-tfassil ta' Charter dwar id-Drittijiet tal-Investituri Żgħar; u ċ-Charter dwar id-Drittijiet tal-Klijenti tal-Banek. | L-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta qiegħda tabbozza regoli ġodda dwar l-aġir fis-suq fis-settur tas-servizzi finanzjarji. Dawn ir-regoli jirregolaw, fost l-oħrajn, il-mod kif l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jittrattaw il-konsumaturi, il-mod li bih ċerti prodotti għandhom ikunu mibjugħa, u rimedji li l-konsumaturi għandhom ikunu intitolati għalihom meta jingħata parir ħażin jew informazzjoni qarrieqa. L-Awtorità ħarġet dokument ta' konsultazzjoni f'Jannar 2014 dwar din il-materja. L-Awtorità pproponiet ukoll rakkomandazzjonijiet dwar it-twaqqif ta' Ombudsman għas-servizzi finanzjarji. | Il-Ministru għall-Finanzi ddiskuta abbozz ta' proposta ma' uffiċjali għolja tal-MFSA. Memorandum lill-Kabinett fuq din il-proposta se jiġi ppreżentat f'Awwissu 2014. | Approvat mill-Kabinett. Leġiżlazzjoni qed titfassal. | L-ewwel qari tal-abbozz tal-leġiżlazzjoni mistenni jgħaddi mill-Parlament sal-aħħar tas-sena. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 57 | Se nkomplu nnaqqsu t-taxxa għal dawk li jibagħtu lil uliedhom f'child care centres bi ħlas. It-tnaqqis se jiżdied minn €1,300 għal €2,000. Dan il-benefiċċju se jibbenefikaw minnu dawk il-ġenituri li jagħżlu li jħallsu għaċ-child care u li ma jibbenefikawx minn child care b'xejn. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 58 | Mis-sena d-dieħla, nisa miżżewġa li ilhom iktar minn ħames snin barra mis-suq tax-xogħol u li għandhom 'il fuq minn 40 sena u se jidħlu jaħdmu, u li d-dħul tagħhom ma jaqbiżx il-paga minima, se jkun possibbli għal żwieġhom li jkomplu jħallsu t-taxxa bil-komputazzjoni tal-miżżewġin filwaqt li d-dħul tal-mara ma jiġix ikkunsidrat. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Is-software neċessarju qed jiġi żviluppat. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 59 | Dan il-benefiċċju jdum sa massimu ta' ħames snin. Raġel b'paga medja se jkun qiegħed jiffranka madwar €800 f'taxxa kull sena minħabba li jżomm l-istess komputazzjoni. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Is-software neċessarju qed jiġi żviluppat. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 63 | Il-Gvern se jinvesti €350,000 biex jinċentiva lil min iħaddem joffri work placements kif ukoll skemi ta' apprentistat. Se nniedu sistema ta' deduzzjoni tat-taxxa fejn min iħaddem igawdi €600 għal kull work placement u €1,200 għal kull apprentistat, b'investiment globali ta' miljun ewro. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Avviż legali se joħroġ dalwaqt. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 67 | Permezz tal-iskema Maturity Pays, se ninċentivaw it-taħriġ u l-impjieg ta' persuni qiegħda fl-età ta' bejn il-45 u l-65 sena. Se tingħata deduzzjoni fit-taxxa tad-dħul ta' €5,800 għall-ewwel sentejn li tissarraf f'iffrankar ta' €2,030 fis-sena għal kull persuna li tittieħed mir-reġistru tal-qgħad. Barra minn hekk, kumpaniji li jimpjegaw dawn il-ħaddiema se jibbenifikaw minn deduzzjoni fit-taxxa tad-dħul ta' 50% tal-ispiża fuq it-taħriġ ta' dawn il-ħaddiema, sa massimu ta' 400 ewro. | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. Avviż Legali se joħroġ dalwaqt. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |
| 88 | Il-Gvern għaddej b'evalwazzjoni ta' din it-taxxa sabiex ikun f'pożizzjoni li jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa dwarha wara li jikkonsulta ma' min għandu interess f'din il-materja sabiex din it-taxxa ssir aktar ġusta u ma titfax negozji tal-affari tagħhom fi żvantaġġ. | Sar ix-xogħol ta' evalwazzjoni. Għaddejjin diskussjonijiet interni dwar din il-miżura. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 225 | Se jiddaħħal qafas regolatorju għall-pensjonijiet privati (third pillar) li se jkun akkumpanjat minn inċentivi fiskali effettivi. | Fuq talba tal-Ministru għall-Finanzi, il-Grupp Konsultattiv dwar it-Tielet Pilastru tal-Pensjonijiet issottometta l-ewwel rapport lill-Ministru għall-Finanzi dwar l-għażliet għall-inċentivi għall-pensjonijiet privati fit-30 ta' Awwissu 2013. Malli rċieva r-rapport, il-Ministru għall-Finanzi nieda eżerċizzju konsultattiv dwar dawn il-proposti ta' inċentivi għal pensjonijiet privati mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-settur finanzjarju ewlenin. Wara dan l-eżerċizzju, l-options paper ġiet iffinalizzata fl-20 ta'Jannar 2014. Sussegwentement, fit-12 ta' Frar 2014, iċ-Chair tal-Grupp Konsultattiv ġie inkarigat mill-Ministru biex jipprepara Memorandum għall-Kabinett, sett propost ta' regolamenti u noti ta' gwida, kif ukoll emendi possibbli għal-leġiżlazzjoni eżistenti biex jippermettu l-introduzzjoni ta' dawn l-inċentivi. | Wara li rreveda l-imsemmi Memorandum, il-Ministru ppreżentah lill-Kabinett fit-8 ta' April 2014. Saru wkoll laqgħat ta' konsultazzjoni u l-iskema se tkun imnedija ladarba l-emendi fl- Att dwar it-Taxxa fuq l-Income jidħlu fis-seħħ. | L-ewwel qari tal-emendi fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income sar fit-18 ta' Lulju 2014. Malli jkunu approvati, jinħareġ avviż legali. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 226 | Il-Gvern biħsiebu jdaħħal dawn l-inċentivi fiskali wara li nikkonsultaw ma' dawk kollha interessati f'dan il-qasam. Huwa stmat illi fl-ewwel sena mid-dħul tagħhom dawn l-inċentivi se jiswew madwar miljun u nofs ewro. | Irreferi għall-miżura preċedenti. | | | | |
| 249 | It-Taxxa tat-trasferiment causa mortis se titneħħa kompletament għal kull proprjetà li titħalla lill-persuni b'diżabbiltà f'każijiet bona fide | Din il-miżura daħlet fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014. | Din il-miżura ġiet imwettqa. | | | Implimentata. |

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U S-SAĦĦA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 188 | Għas-sena li ġejja, qegħdin nipproponu li nonfqu kważi 444 miljun ewro fil-qasam tas-saħħa, żieda ta' kważi 38 miljun ewro jew 9.3% fuq l-aħħar baġit. | Intefaq 34% mill-baġit allokat. | Intefaq 58% mill-baġit allokat. | Intefaq 84% mill-baġit allokat. | Jintefaq 100% tal-baġit allokat. | Implimentata. |
| 189 | Pubblikazzjoni ta' rapport dwar is-sitwazzjoni ta' Mater Dei waqt konferenza miftuħa għall-istakeholders. | Ir-rapport ippreparat mis-Sur John Dalli kien ippubblikat fit-23 ta' Novembru 2013 waqt attività pubblika li saret f'Mater Dei. Matul din l-attività pubblika ġew ikkonsultati l-istakeholders kollha. | | | | Implimentata. |
| 190 | Ħidma sabiex insolvu l-problema ta' sodod okkupati fl-isptar minn pazjenti li ħaqqhom kura residenzjali. | L-ispazju fejn jistgħu jintlaqgħu l-pazjenti akuti ġie miżjud. Is-sodod għal dawn qed ikunu okkupati bil-pazjenti li jeħtieġu kura residenzjali. Twaqqaf Discharge Facilitation Team biex jassigura li minn qiegħed Mater Dei huwa hemm għal bżonn ta' kura. | Sar arranġament ma' sptar privat biex jieħu pazjenti akuti. Żidna l-kontrolli kliniċi biex ma jkunx hemm pazjenti li ġew magħżula għal kura residenzjali imma li ma ħaqqhomx. Daħħalna tim ta' Discharge Liaison Nurses biex fejn pazjent jeħel f'Mater Dei għax m'għandux servizzi fil-komunità, insibuhomlu aħna bħala sptar. | Sar kuntratt ma' sptar privat ieħor biex il-pazjenti l-oħra li ħaqqhom kura residenzjali jmorru fih. | Jitkomplew l-isforzi biex intaffu l-problema tal-pazjenti li bħalissa għandna fl-isptar li ħaqqhom kura residenzjali jew servizz ta' rijabilitazzjoni. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 191 | Qegħdin naħsbu sabiex sal-2015, jinbnew żewġ swali akuti ġodda li jesgħu 68 pazjent. | Il-Project Leader ta' dan il-proġett kien għadu MDH. F'Q1 2014, is-sejħa għal offerti CT 3152/2013 għal xogħol ta' kostruzzjoni u M&Es ġiet ippubblikata u l-evalwazzjoni bdiet. Is-sejħa għall-offerti CT 3024/2014 għall-għamara, tgħamir u IT kienet qed tiġi ffinalizzata għall-pubblikazzjoni. Il-proċess ta' reklutaġġ tal-Project Manager ERDF 319 u tal-Building Services Engineers għall-ERDF 319 kien għaddej ukoll. Il-permess tal-MEPA nħareġ. | Fi Q2 2014 saret bidla fil-Project Leader minn MDH għal FMS. It-Tender CT 3152/2013 ingħata u bdew ix-xogħlijiet ta' immobbilizzar fuq is-sit. Is-sejħa għall-offerti CT 3024/2014 ġiet ippubblikata u l-proċess tal-aġġudikazzjoni nbeda. Ġew ingaġġati n-nies li huma mħallsa mill-Proġett ERDF 319. Wara diskussjonijiet mal-PPCD, il-Proġett ERDF 319 tkabbar fil-firxa tal-intervent tiegħu biex ikopri wkoll l-ambulanzi u l-monitors ta' ġo fihom. Dan kien ifisser li l-fondi allokati għall-Proġett ERDF 319 żdiedu minn 10 miljun ewro għal 11.2 miljun ewro. | Fi Q3 2014, ġejna mgħarrfa dwar il-kwistjoni tal-kolonni tal-A&E eżistenti u li l-istruttura ma tiflaħx li jinbnew aktar sulari fuq il-binja eżistenti. Dan sar magħruf wara l-analiżi li saret u li kien stipulat fil-kuntratt CT 3152/2013. Dan l-iżvilupp irriżulta fil-fatt li l-implimentazzjoni ta' din il-miżura twaqqaf sakemm isiru l-kunsiderazzjonijiet meħtieġa. Sit alternattiv beda jiġi evalwat. | Saru d-diskussjonijiet meħtieġa sabiex l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett u ta' din il-miżura titkompla. Inħareġ il-permess tal-MEPA għall-istruttura l-ġdida. Il-proġett se jiġi implimentat sal-aħħar tal-2015 kif ippjanat oriġinarjament. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 192 | Inħaffu l-proċess tal-appuntamenti fl-isptar. | Ġie stabbilit Booking Office għall-Outpatients biex dan iservi lill-pazjent aktar malajr. Għamilna Ticket of Referral ġdid li hu aktar ċar u effettiv. Bdejna nagħmlu vetting tar-referrals biex ma jkunx hemm referrals żbaljati jew li jġiegħlu lil pazjent jerġa' jiġi l-isptar jew jiġi għal xejn. Ħadna minn idejn il-konsulenti individwali l-lista tal-operazzjonijiet u għamilnieha kompjuterizzata biex b'hekk il-pazjenti ikollhom trattament aktar ġust u trasparenti. | Qsamna x-xogħol tal-Outpatients bejn dak klerikali u dak ta' nursing ħalli n-nurses jintużaw fix-xogħol tagħhom u ma jaħlux ħin jagħmlu xogħol klerikali. Bdejna sistema ġdida ta' preparamenti ta' files biex il-pazjent jistenna anqas. Bdejna diskussjonijiet mat-tobba privati biex nagħmlu arranġamenti aktar effettivi. Irranġajna l-mod kif jintużaw il-ħinijiet ta' teatri biex b'hekk żidna n-numru ta operazzjonijiet kull xahar. | Żidna l-pressjoni fuq il-konsulenti biex iżommu aktar mal-ħin tal-appuntamenti li nagħtu lill-pazjenti. Qassamna x-xogħol tal-konsulenti b' mod aktar ekwu bejn il-konsulenti individwali u b'hekk ħafna pazjenti setgħu jingħataw appuntament aktar malajr. Bdejna sistema li nċemplu qabel ma jasal l-appuntament tal-pazjent biex naċċertaw ruħna li l-pazjent ikun se jattendi. Jekk le, nagħtu postu lil ħaddiehor u nressqu tliet pazjenti 'l quddiem għal kull persuna li tgħidlina li mhux ġejja għall-appuntament. Daħħalna KPIs biex inkunu nafu eżatt kemm kull tabib qed jara jew jopera pazjenti. | Nassiguraw li l-operazzjonijiet kollha jiġu bbukkjati mis-sistema ċentrali. Nagħmlu audit tagħha u naraw l-ammont ta' ċaqliq u bdil tad-dati li jkun qed isir biex nassiguraw li hemm servizz fil-ħin u ekwu. Ċertu xogħol ta' outpatients qed jitmexxa għaċ-ċentri tas-saħħa biex intaffu l-konġestjoni u l-ħin ta' stennija fl-isptar. It-Ticket of Referral jitpoġġa fuq sit elettroniku ħalli t-tabib privat jew taċ-ċentru tas-saħħa jkun jista' jibbukkja minn hemm. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 193 | Nissimplifikaw il-proċeduri biex nagħmlu l-Isptar Mater Dei aktar aċċessibbli u patient-friendly. | Żidna n-numru ta tobba u infermiera fl-A&E. Żidna l-GPs biex jaraw is-37% tal-pazjenti li jiġu l-emerġenza ta' Mater Dei meta setgħu jmorru għall-kura li kellhom bżonn f'ċentru tas-saħħa. Poġġejna numru ta' konsulenti li jaraw li dawk il-pazjenti li aċċettajna biex jidħlu l-isptar vera għandhom bżonn jidħlu l-isptar. | Ġie stabbilit l-Patient Pathways Guidelines u Protocols fl-A&E u bdejna nużawhom. Bdilna l-mod kif isir ix-xogħol tal-Medical Imaging (X rays) biex is-servizz ikun tajjeb u ta' malajr matul l-24 siegħa tal-ġurnata. Tlestew il-pjanijiet ta' tibdil strutturali u proċessi ta' kif nieħdu ħsieb il-pazjent. | Bdejna nkejlu l-ħin ta' kull pazjent u naraw għalfejn idum minn x'ħin jasal fl-emerġenza sa kemm jinqeda. Poġġejna konsulent tal-management u żewġ project leaders, infermier u tabib biex jagħmlu t-tibdil neċessarju fil-proċessi tal-emerġenza. Bdilna l-mod ta' kif isiru t-testijiet għall-pazjenti tal-emerġenza biex dawn jistennew anqas. Bdilna l-mod kif naraw il-pazjenti malli jaslu l-MDH mill-ewwel vista li ssir minn tabib ta' esperjenza vasta li jiddeċiedi mill-ewwel xi jrid isir lill-pazjent. B' hekk qed niffrankaw il-ħin ta' stennija kif ukoll innaqqsu xi analiżi żejda li setgħet kienet qed issir għalxejn. Kull pazjent issa se jkun abbinat ma' isem ta' tabib. It-tibdil strutturali twaqqaf minħabba problemi ta' struttura fl-A&E. | Nikkompjuterizzaw il-mod ta' kif inkejlu l-ħin ta' kull pass li jagħmel il-pazjent fl-A&E sa kemm jidħol fis-sala jew imur id-dar. Ninfurzaw li nsegwu il-patient pathways stabbiliti. Tittieħed azzjoni meħtieġa meta l-pathways ma jinżammux. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 194 | Hu ppjanat li d-Dipartiment tad-Dermatoloġija fl-Isptar Boffa jiġi rilokat għall-Isptar Mater Dei. | Bdew id-diskussjonijiet dwar il-migrazzjoni tad-Dermatology Unit minn SPBH għal MDH. | Id-direzzjoni mogħtija hija li s-sit fejn għandu jkun id-Dermatology Unit huwa l-Isptar San Luqa u mhux Mater Dei. | Ir-responsabbiltà tal-proġett tad-Dermatoloġija ngħata lill-FMS. Saret laqgħa mal-istakeholders. FMS għamlu ż-żjarat meħtieġa fuq is-sit. | Stabbiliti u ppreparati l-user requirements, site requirements u d-disinji u l-pjanti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 195 | L-arranġamenti bilaterali ma' diversi pajjiżi, fosthom l-Italja u l-Iżrael, se jikbru biex b'hekk inkabbru t-trattament offrut barra minn xtutna. | Arranġament Bilaterali mal-Italia – Delegazzjoni teknika żaret l-Italja f'Jannar. L-għan taż-żjara kien l-iffirmar ta' Joint Collaboration Agreement. Arranġament Bilaterali mal-Iżrael – Delegazzjoni teknika żaret l-Iżrael f'Jannar 2014 wara l-pjan ta' koperazzjoni ffirmat mill-Prim Ministru f'Ottubru 2013. Saru żjarat f'ċentri speċjalizzati fl-Iżrael sabiex jiġu esplorati l-possibbiltajiet ta' assistenza teknika u taħriġ kif ukoll jekk hux possibbli jintbagħtu pazjenti Maltin l-Iżrael għal trattament speċjalizzat ħafna. | Italja – Saret laqgħa mad-Direttur tal-Istituto Superiore di Sanità li esprima interess li jiġu involuti sħab Maltin f'żewġ studji li l-Istitut għaddej bihom. Iż-żewġ studji huma neuropsychiatric studies, wieħed fuq autistic spectrum disorders u ieħor fuq eating disorders. | L-Italja - Ġiet stabbilita kollaborazzjoni ta' riċerka bejn ISS u l-kliniċi li jieħdu ħsieb pazjenti bl-awtiżmu f'Malta. Id-dettalji qed jiġu diskussi bejn iż-żewġ partijiet. Iżrael – Is-servizzi tal-onkoloġija tagħna se jużaw is-servizzi minn Leeds Teaching Hospital NHS Trust minflok mill-isptarijiet tal-Iżrael. Inxtrat Transport capsule għal pazjenti b'mard infettiv minn kuntrattur Iżraeljan. Il-possibbiltà li jitħarrġu tobba lokali f'emergency preparedness minn esperti Iżraeljani qed tiġi evalwata mill-MDH. Din tiddependi mill-fondi u l-kapaċità tal-A&E minħabba ż-żieda fid-domanda anke minħabba l-kriżi fil-Libja. | Italja – Mhumiex previsti żviluppi. Iżrael – Hemm possibbiltà ta' żviluppi fl-emergency preparedness skont ir-riżorsi. Laqgħa bejn delegazzjoni Iżraeljana u dik Maltija qed tiġi organizzata bħala follow-up taż-żjara ta' Jannar. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 196 | Se nibdew inħallsu l-passaġġ tal-ajru tat-tieni ġenitur li jakkumpanja l-wild. | Implimentata b'seħħ minn Jannar 2014. | | | | Implimentata. |
| 197 | L-istrateġiji nazzjonali dwar l-obeżità u tas-saħħa sesswali se jissaħħu. | Aġġornament tal-Website dwar is-saħħa sesswali. Distribuzzjoni ta' media pack għall-ġurnalisti. Kuxjenza kontinwa dwar saħħa sesswali tajba. Żvilupp ta' taħriġ għal youth peer leaders. Strateġija kontra l-Obeżità – Il-politika u l-pjan ta' azzjoni dwar l-Ikel u n-Nutrizzjoni ġiet ippubblikata għall-konsultazzjoni. Bdiet it-tħejjija tal-politika dwar il-Breast Feeding. Ġie revedut l-Avviż Legali dwar sostituti għall-ħalib tal-omm skont l-Kodiċi tad-WHO u d-Direttiva tal-UE. Dan l-Avviż Legali ntbagħat lill-Avukat Ġenerali għall-approvazzjoni. | Aġġornament kontinwu tas-sit elettroniku dwar is-saħħa sesswali. Kuxjenza kontinwa dwar saħħa sesswali tajba. Taħriġ kontinwu għal youth peer leaders. Baqa' għaddej l-ippjanar għat-taħriġ ta' għalliema. Ingħalaq l-HBSC fieldwork. Ġie finalizzat l-assessjar tal-ħtiġiet għat-taħriġ tal-għalliema. Strateġija kontra l-Obeżità – Il-feedback li wasal mingħand l-istakeholders ġie inkorporat fl-FNAP. Programmi ta' mmanniġġar tal-piż u tal-aerobika tkomplew. Programmi ta' awareness u żvilupp ta' ħiliet tkomplew. Il-kors Cooking on a Budget ġie finalizzat. | Xogħol ta' tkattir tas-sit elettroniku tkompla. Tqassam media pack. Il-kuxjenza tkompliet. Peer youth training tkompla biex jintlaħqu aktar gruppi u sar taħriġ ukoll ta' peer leaders li ġew identifikati. L-ippjanar tat-taħriġ għall-għalliema ġie finalizzat. Il-kwestjonarji miġbura mill-HBSC fieldwork study ġew skenjati. Inbdiet il-kampanja dwar il-ħepatite. Saret kampanja matul is-Sajf dwar saħħa sesswali tajba. Beda l-ippjanar tal-attivitajiet għall-World Aids Day. Beda t-tfassil tal-istrateġija dwar l-HIV/AIDS. | Fi Q4 2014 jitkompla x-xogħol fuq it-titjib tas-sit elettroniku. Jitqassam media pack. Titkompla l-kuxjenza dwar saħħa sesswali tajba u jsir outreach. Jitkompla peer youth training għal aktar gruppi. Isir it-taħriġ għall-peer leaders identifikati. Isir it-taħriġ għall-għalliema. Tiġi sottomessa l-informazzjoni tal-HBSC study lill-ICC. Isir it-taħriġ bl-emodules u taħriġ lokali għall-ħaddiema tas-saħħa fuq HIV/STI. Tiġi ċċelebrata World AIDS Day u ssir kampanja. L-istrateġija dwar l-HIV/AIDS tiġi ppubblikata għall-konsultazzjoni. | Implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Programmi ta' weight management għall-pubbliku inġenerali u għall-impjegati tas-saħħa baqgħu għaddejjin kontinwament. Sessjonijiet tal-aerobika baqgħu għaddejjin f'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali. Kuxjenza kontinwa dwar l-ikel bnin. Sar proġett pilota b'baġit limitat dwar it-tisjir għal gruppi vulnerabbli. | | Strateġija kontra l-Obeżità – Tkompla l-aġġornament tal-FNPAP bil-feedback mill-konsultazzjoni. Sar id-disinn u l-istampar tal-politika. Tnediet il-politika dwar il-breastfeeding. Il-programmi dwar l-immaniġġar tal-piż u tal-aerobika tkomplew. Tkompliet il-kuxjenza u żvilupp tal-ħiliet. Baqa' għaddej ix-xogħol fuq id-direttiva tal-audiovisuals. Saru l-preparamenti għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Move for Health Fay. Ġie finalizzat il-proġett pilota tal-mixjiet fil-komunità'. Sar xogħol fuq il-proġett OPEN. | Strateġija kontra l-Obeżità – Pubblikazzjoni tal-FNPAP. Pubblikazzjoni tal-politika dwar il-Breastfeeding u bidu tal-kampanja. Tkomplija tal-programmi għall-immaniġġar tal-piż u l-aerobika. Tkomplija tal-kampanji u żvilupp ta' taħriġ. Tkomplija tax-xogħol fuq id-direttiva tal-audiovisuals. Xogħol fuq il-proġett OPEN. Tkomplija tal-ħidma fuq in-national food consumption survey tool. Tnedija tad-dokument HELP. | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 198 | Se nħejju Pjan Nazzjonali dwar il-marda tad-dijabete. | Inkiteb l-abbozz tal-Pjan Nazzjonali. Rakkomandazzjonijiet ġew ippreżentati lill-Grupp ta' Ħidma li hu responsabbli mill-kitba tal-Istrateġija. | Il-pjan originali ġie revedut wara bidla fil-portafolli Ministerjali. L-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma saret f'Mejju 2014. Laqgħa oħra saret f'Ġunju 2014. Saret analiżi li tikkwantifika l-prevalenza tad-dijabete skont il-lista ta' pazjenti rreġistrati mal-POYC kif ukoll skont l-informazzjoni li għandha l-MDH dwar kumplikazzjonijiet tipiċi li jbatu minnhom id-dijabetiċi. Il-Kordinatur attenda l-ewwel żewġ laqgħat tal-Kumitat Parlamentari dwar id-Dijabete. | Inġabret lista ta' msieħba soċjali mill-Grupp ta' Ħidma. Dawn ġew mistiedna għal serje ta' tmien Focus Groups li kellhom ir-rwol li jfasslu l-prijoritajiet fl-Istrateġija. Dawn il-Focus Groups saru f'Awwissu 2014. Matul Settembru nbeda t-tfassil tal-kapitli varji tal-istrateġija. | Tlesta l-abbozz tal-istrateġija għall-konsultazzjoni kif ukoll stima tal-impatt finanzjarju u l-ewwel fażi ta' konsultazzjoni. Dan il-proċess ikun segwit mit-tnedija tal-perjodu ta' konsultazzjoni. Dan sar fil-jum dedikat għad-diabete fl-14 ta' Novembru 2014. Matul Diċembru jkun hemm il-perjodu ta' konsultazzjoni miftuħ. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 199 | Nirrevedu l-Food and Nutrition Policy fejn fost l-oħrajn se tiġi ppubblikata White Paper dwar regolazzjoni u bejgħ ta' prodotti ta' Food Supplements. | L-FNPAP giet ippubblikata. | Il-feedback li rċevejna ġie inkorporat fl-FNPAP. | Tkompla x-xogħol fuq l-evalwazzjoni tal-feedback li rċevejna għall-FNPAP u dan ġie inkorporat fl-istess FNPAP. Sar id-disinn u l-istampar tal-politika. | Tlesta x-xogħol biex titnieda l-FNPAP. Din il-politika għandha titnieda sal-aħħar tas-sena 2014. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 200 | Iċ-ċentri tas-saħħa kollha jkunu attrezzati tajjeb biex il-kura primarja tissaħħaħ u l-poplu jgawdi mill-valur miżjud. | Tlesta x-xogħol ta' refurbishment taċ-ċentru tas-saħħa fir-Rabat. Dan infetaħ fi Frar 2014. Sar l-ippjanar tax-xogħlijiet li jridu jsiru fiż-żewġ kmamar tal-X-ray fiċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid u tal-Furjana. Saru l-ispeċifikazzjonijiet ta' żewġ 16-lead ECG Machines. | Inxtraw żewġ magni tal-X-ray. Sar l-aġġudikazzjoni taż-żewġ magni tal-ECG. | Inbdew ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex jiġu installati ż-żewġ magni tal-X-ray. Il-Fundus Camera ġiet installata f'Lulju 2014. Waslu il-Vascular Dopplers. | Tlestew ix-xogħlijiet biex jiġu installati l-magni tal-X-rays. Ġew installati l-Vascular dopplers. Bdew jitħaddmu l-Fundus Cameras. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 201 | Se jkun hemm ukoll il-kliniċi ta' prevenzjoni u ta' promozzjoni tas-saħħa u lifestyle clinics, l-outreach clinics ta' kura speċjalizzata, kif ukoll is-servizz ta' anti-coagulant clinics. | Il-kliniċi outreach tal-ortopedija fil-Mosta, Raħal Ġdid u Ħal Qormi tlestew. In-Naprotechnology tlestiet. Ġew identifikati l-ispazji għall-Anticoagulant Clinic u sar ir-ristrutturar meħtieġ. Ġew identifikati l-ħtiġijiet dwar riżorsi umani għall-Anticoagulant Clinic. Sar it-taħriġ tal-impjegati tal-Lifestyle Clinic. | Tlesta x-xoghol fuq it-teatru tal-operazzjonijiet għal proċeduri minuri tal-ortopedija. Dan sar fiċ-ċentru tal-Mosta. Inxtara s-software tal-ACC. Inxtraw l-Anticoagulant Machines u l-iSticks. Ġie identifikat l-istaff meħtieġ għall-Lifestyle Clinic. Tfasslu l-SOPs għall-klinika. | Sar it-taħriġ għall-istaff taċ-ċentri tar-Rabat u ta' Ħal Qormi. Inbeda t-taħriġ fiċ-ċentru ta' Birkirkara. Tnediet il-Lifestyle Clinic f'San Ġwann f'Lulju 2014. | Hu maħsub li ssir implimentazzjoni gradwali f'postijiet oħra. Hemm il-ħsieb li dan isir f'ħames ċentri oħra. Il-Lifestyle Clinic se tibda f'Ħaż-Żabbar u wara fl-Imsida. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 202 | Qegħdin naħsbu sabiex il-bereġ ikunu devoluti lill-Kunsilli Lokali kollha ħalli nimmassimizzaw is-servizz. | Il-ħtiġijiet finanzjarji ġew identifikati u stmati sabiex b'hekk tkun tista' tiġi implimentata din il-miżura. Ġie ppreparat memo għall-Kabinett. | Tlestew l-istimi finanzjarji sabiex isir ir-refurbishment meħtieġ. | Saru d-diskussjonijiet mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex tiġi mfassla t-triq 'l quddiem. | Tlestew il-pjani kollha meħtieġa. Saret id-devoluzzjoni tal-bereġ ta' Kerċem u tal-Għarb. Qegħdin isiru aktar diskussjonijiet ma' Kunsilli Lokali oħra. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 203 | L-immodernizzar taċ-ċentri tas-saħħa eżistenti. | Tlesta x-xogħol ta' refurbishment taċ-ċentru tas-saħħa fir-Rabat. Dan infetaħ fi Frar 2014. Sar l-ippjanar tax-xogħlijiet li jridu jsiru fiż-żewġ kmamar tal-X-ray fiċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid u tal-Furjana. Saru l-ispecifications ta' żewġ 16-lead ECG Machines. | Inxtraw żewġ Xray Machines. Sar l-adjudikazzjoni taż-żewġ magni tal-ECG. | Inbdew ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex jiġu installati ż-żewġ magni tal-Xray. Il-Fundus Camera ġiet installata f'Lulju 2014. Waslu l-Vascular Dopplers. | Tlestew ix-xogħlijiet biex jiġu installati l-magni tal-Xrays. Ġew installati l-Vascular dopplers. Bdew jitħaddmu l-Fundus Cameras. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 204 | Ċentri oħra se jiżdidilhom il-ħin tal-ftuħ. Se nibdew b'dak ta' Birkirkara. | Saret l-estensjoni fiċ-ċentru ta' Birkirkara. | | | | Implimentata. |
| 205 | Iċ-ċentru tas-saħħa tar-Rabat Għawdex se jiġi rilokat f'post aħjar, filwaqt li dak preżenti jinfetaħ bħala berġa. | Minħabba li kienu meħtieġa deċiżjonijiet dwar is-sit taċ-ċentru tar-Rabat Għawdex, din il-miżura baqgħet pendenti. | Saret żjara mis-Segretarju Parlamentari tas-Saħħa fil-bini eżistenti. Ir-rilokazzjoni taċ-ċentru tas-saħħa baqa' pendenti. | Baqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet meħtieġa. | Għaddejjin diskussjonijiet sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar is-sit fejn se jiġi rilokat dan iċ-ċentru. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 206 | Nikkonsolidaw is-servizzi tal-iscreening tal-musrana l-kbira u nestendu gradwalment s-servizz tal-iscreening tas-sider u tal-għonq tal-utru. | Fi Frar 2014, inbagħtet stedina lill-anniversary clients. Inbeda l-proċess tax-xiri tal-kits sabiex l-iscreening tal-musrana seta' jitkompla. | Reġgħu bdew jintbagħtu l-istediniet tal-iscreening tal-musrana f'April 2014. Il-kits twasslu f'Mejju 2014. | Screening tas-Sider: Il-grupp tas-snin 1963 - 1964 tlesta sal-aħħar ta' Settembru 2014. Dan ifisser li tlesta l-grupp ta' dawk li għandhom età bejn il-50 u s-60. Screening tal-Musrana: F'Settembru 2014, 200 kit intbagħtu kuljum sabiex jintlaħaq l-għan li jiġu mistiedna l-cohort kollu. Saru l-intervisti tal-iScreening Coordinators f'Settembru 2014. | Screening tas-Sider: Intbagħtu aktar stediniet lil dawk imsejħa "anniversary clients" u b'hekk ikun qed jiġi indirizzat il-backlog. Screening tal-Musrana: Mistiedna dawk fil-kategorija tas-60 u 64 sena. Is-servizz tal-Għonq tal-Utru beda jiġi implimentat. | Implimentata. |
| 207 | Irridu nagħmlu bidliet akbar biex inżommu s-sistema ta' mediċini b'xejn sostenibbli. | F'Marzu 2013 il-White Paper kif proposta ġiet ippreżentata lill-Kabinett b'rakkomandazzjonijiet għall-introduzzjoni tar-riforma fis-settur. Il-White Paper "Ensuring Your Right to Entitlement Medicines at the Time you Require Them" kienet ippubblikata għall-konsultazzjoni fis-16 ta' Novembru 2013. | | Bdiet tiġi implimentata sistema aħjar ta' Stock Management. L-Out of Stock ġie minimizzat drastikament. Bdew jintbagħtu alerts lill-kliniċi li permezz tagħhom dawn ikunu jafu meta jkun hemm mediċini li qegħdin bi stock baxx għall-ħmistax ta' wara. Ġew simplifikati l-proċessi u ġew adattati sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġiet tal-pazjenti u tal-industrija. | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Saru numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni u ġew organizzati numru ta' sessjonijiet ukoll. Il-perjodu ta' konsultazzjoni għalaq fis-17 ta' Jannar 2014. Ġie ippreżenta Pjan t'Azzjoni li jfassal l-implimentazzjoni meħtieġa. Dan sar wara l-konsultazzjoni. | | | | |
| 208 | Nikkunsidraw is-sehem tal-privat li nemmnu jista' jikkontribwixxi fis-sistema ta' mediċini. | F'Marzu 2013 il-White Paper kif proposta ġiet ippreżentata lill-Kabinett b'rakkomandazzjonijiet għall-introduzzjoni tar-riforma fis-settur. Il-White Paper "Ensuring Your Right to Entitlement Medicines at the Time you Require Them" kienet ippubblikata għall-konsultazzjoni fis-16 ta' Novembru 2013. Saru numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni u ġew organizzati numru ta' sessjonijiet ukoll. | | Saru diskussjonijiet u bdew jitħaddmu sistemi ta' partnership li biha tnaqqas l-ammont ta' stock li jżomm il-Gvern. | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Il-perjodu ta' konsultazzjoni għalaq fis-17 ta' Jannar 2014. Ġie ippreżentat Pjan t'Azzjoni li jfassal l-implimentazzjoni meħtieġa. Dan sar wara l-konsultazzjoni. | | | | |
| 209 | Se nippubblikaw White Paper dwar il-mod kif jitmexxa l-qasam tal-mediċini u dwar it-tħaddim tal-POYC. | F'Marzu 2013 il-White Paper kif proposta ġiet ippreżentata lill-Kabinett b'rakkomandazzjonijiet għall-introduzzjoni tar-riforma fis-settur. Il-White Paper "Ensuring Your Right to Entitlement Medicines at the Time you Require Them" kienet ippubblikata għall-konsultazzjoni fis-16 ta' Novembru 2013. Saru numru ta' laqgħat ta' konsultazzjoni u ġew organizzati numru ta' sessjonijiet ukoll. Il-perijodu ta' konsultazzjoni għalaq fis-17 ta' Jannar 2014. Ġie ippreżentat Pjan t'Azzjoni li jfassal l-implimentazzjoni meħtieġa. Dan sar wara l-konsultazzjoni. | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 210 | Se ndaħħlu s-servizz tal-fertilità li jwassal għall-In-Vitro Fertilisation (IVF) fl-Isptar Mater Dei. | Is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata. Sar kuntratt ma' embryologist barrani. | Ingħata t-tender u ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur. Sar l-assessjar tas-sit biex jiġi determinat x'upgrading hu meħtieġ. Ġew elenkati l-iktar proġetti importanti. | It-tagħmir ġie installat. Saret spezzjoni tal-Assisted Fertility Clinic sabiex tkun tista' tiġi liċenzjata. Il-pazjenti bdew l-investigazzjonijiet dwar l-infertilità u l-counselling. Dan ġie offrut bħala parti mis-servizz tal-MDH. Stimulation u oocyte pickup sar f'Settembru 2014. Żewġ Medical Lab Scientists irċevew it-taħriġ fl-Androloġija. | It-tobba qed jingħataw it-taħriġ. | Implimentata. |
| 211 | Il-ftuh ta' Dar Kenn Għal Saħħtek li hu ċentru speċjalizzat għall-kura speċjalizzata ta' kundizzjonijiet marbuta ma' rquqija jew ħxuna żejda. | Sar it-taħriġ tal-istaff kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta. Ġie inawgurat il-bini ġdid fl-Imtarfa. Saru l-preparamenti u l-għażla tal-pazjenti. | Daħlu l-ewwel grupp ta' pazjenti (morbid obese). Infetaħ iċ-ċentru għall-eating disorders. Sar it-taħriġ tal-istaff. | Daħlu t-tieni grupp ta' pazjenti (morbid obese). Il-klijenti l-ġodda ntagħżlu. Inbeda follow up tal-pazjenti fl-outpatients. Sar aktar taħriġ tal-istaff. | Inbdew il-programmi ta' matul il-jum għall-pazjenti (obese). Aktar follow ups ta' pazjenti fl-outpatients. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 212 | Preparamenti meħtieġa biex jibda jopera l-isptar tal-Onkoloġija. | Tkompliet l-implimentazzjoni tal-Proġett ERDF 196 (kostruzzjoni u M&E's). | Tkompliet l-implimentazzjoni tal-Proġett ERDF 196. Inbeda x-xogħol għall-ippjanar tal-migrazzjoni minn SPBH ghall-Onkoloġija. Twaqqfu numru ta' kumitati sabiex jieħdu ħsieb responsabbiltajiet varji (eż. sistemi ta' IT; proċessi ta' migrazzjoni; ippjanar ta' taħriġ eċċ). Inbeda taħriġ speċjalizzat għall-infermiera. Ġew ingaġġati numru ta' impjegati u dan il-proċess baqa' għaddej. Tkompla t-taħriġ barra minn Malta ta' numru ta' professjonisti. | Tkompliet l-implimentazzjoni tal-Proġett ERDF 196. Dwar il-migrazzjoni minn SPBH għall-Onkoloġija: Sar il-pjan tat-teknoloġija li jkopri kemm il-migrazzjoni kif ukoll l-integrazzjoni tas-sistemi eżistenti ma' dawk f'MDH. L-implimentazzjoni ta' dan inbeda. Twasslu l-Linear Accelerators il-ġodda. Sar il-kuntratt mal-Università ta' Leeds għas-sapport professjonali meħtieġ. Ir-radiographers ingħataw taħriġ f'Cardiff. Tkompla l-ingaġġ tal-professjonisti. | Titkompla l-implimentazzjoni tal-Proġett ERDF 196. Fir-rigward tal-migrazzjoni minn SPBH għall-Onkoloġija: Jitkompla l-proċess tal-migrazzjoni li għandu jwassal għall-ftuħ taċ-ċentru sal-aħħar tas-sena. | Implimentata. |
| 213 | Nirriformaw l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex mhux l-anqas billi nlestu l-proġetti tal-kurituri u s-soqfa tagħhom, l-upgrade tas-swali u l-outpatients, il-ftuħ ta' kċina ġdida u l-manutenzjoni tas-sistema elettrika. | Is-servizz tal-Catering fil-GGH ġie outsourced. Il-kċina ġiet upgraded għal Grade A. | Tkompla x-xogħol fuq il-kuriduri. Saru xogħlijiet fuq is-soqfa. | Tlestew ix-xogħlijiet fuq il-kuriduri. | Installata Electrical Distribution Board ġdida. Jitlestew ix-xogħlijiet fis-CSSD. | Implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 214 | Din is-sena se nintroduċu s-servizz tal-kimoterapija f'Għawdex. | Ix-xogħlijiet meħtieġa tlestew sal-aħħar tas-sena 2013. | | | | Implimentata. |
| 215 | Se nifthu Day Care Ward. | Id-Day Care Unit tlesta. Nuqqas ta' infermiera fil-GGH. | Id-Day Care Unit tlesta. Nuqqas ta' infermiera fil-GGH. | Trasferiment ta' 5 infermiera lejn il-GGH ippermetta l-użu tad-Day Care Unit għal każijiet ta' day surgery fil-GGH. | Il-proġett jiġi implimentat. | Implimentata. |
| 216 | Se nintroduċu servizzi ġodda bħal Pain Clinic, ir-Rheumatology u dak tal-Urology. | Il-Pain Clinic bdiet tiffunzjona darbtejn fix-xahar b'seħħ minn Ottubru 2013. | Inbdew id-diskussjonijiet mal-Clinical Chairs dwar ir-Rheumatology u Urology Services. | Ir-Rheumatology Outpatient Clinic tnediet f'Lulju 2014. | Jinbdew il-Urology Services lejn l-aħħar tal-2014 wara li jitwassal l-apparat. | Implimentata. |
| 217 | Bil-ftuħ ta' sala ta' tmien sodod għall-operazzjonijiet tal-Ortopedija se ntaffu mil-listi tal-istennija. | Ġew ippreparati s-sejħiet għall-offerti għall-Unit il-ġdid tal-Ortopedija fil-GGH. | Ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti. | Saru xi joint replacements għall-MDH fil-GGH minkejja li l-unit il-ġdid mhux lest. Dan seta' jsir minħabba l-ingaġġ ta' konsulent shared tal-ortopedija fil-GGH. | Soluzzjoni għall-kwistjoni tal-permess tal-MEPA li jippermetti li x-xogħlijiet fil-Unit tal-Ortopedija jinbdew. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 218 | Se nsaħħu wkoll l-kunċett ta' shared posts f'livell ta' konsulenti biex b'hekk inwessgħu u nressqu s-servizzi li jingħataw fiż-żewġ gżejjer lejn xulxin. | Il-kunċett ta' Shared consultant surgeon ġie ppilotat b'suċċess minn Q4 2013. | Inbdew id-diskussjonijiet mal-Clinical Chairs dwar Capacity Requirements fil-GGH. | Ġie ingaġġat Shared Consultant fl-ortopedija f'Lulju 2014. | Shared care fl-uroloġija f'Novembru 2014. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 219 | Tħejjija ta’ pjan li se jwassal għal titjib fil-kura kemm fl-Isptar Monte Carmeli, id-diversi ċentri oħra u fuq kollox il-Young People’s Unit (YPU). Se nżidu s-servizzi għall-kura mentali fil-komunità. | Tħejja pjan għall-iżvilupp u titjib tas-servizz fis-saħħa mentali. Saru negozjati ma’ numru ta’ NGOs bil-għan li jinfetħu hostels ġodda fil-komunità. Sar eżerċizzju ta’ capacity building sabiex jiġi identifikat l-HR meħtieġ skont id-dixxiplini varji. Ġew implimentati numru ta’ miżuri relatati mal-Att dwar is-Saħħa Mentali. Iddaħħlu numru ta’ proċeduri ġodda li jipproteġu d-drittijiet ta’ dawk li jużaw is-servizzi fis-settur tas-saħħa mentali. Inbdew xogħlijiet f’numru ta’ swali fl-MCH. Inħarġet sejħa għall-iSpecialist Psychiatrist fil-kura tat-tfal u adolexxenti. | Tkomplew in-negozjati ma’ numru ta’ NGOs bil-għan li jinfetħu hostels ġodda fil-komunità. B’hekk pazjenti tal-MCH ikunu jistgħu jibdew jintegraw aktar fil-komunità. Tkompla t-taħriġ tal-istaff dwar l-liġi l-ġdida dwar is-saħħa mentali. Tkomplew ix-xogħlijiet f’numru ta’ swali fl-MCH. Infetħet sala ġdida għal pazjenti femminili bi dual diagnosis. Saret evalwazzjoni tas-servizzi għat-tfal u l-adolexxenti. | Intlaħaq ftehim bejn il-Gvern u Richmond Foundation għal accomodation services minn żewġ hostels. Saret evalwazzjoni tal-miżuri implimentati taħt il-liġi l-ġdida dwar is-Saħħa Mentali. Infetħet Admissions Room ġdida fl-MCH. Inbdew xogħlijiet intensivi fis-sala ta’ rijabilitazzjoni għall-pazjenti mill-Half Way House. Sar brief mediku għall-espansjoni tal-Young People’s Unit. | L-ewwel hostel takkomoda l-klijenti sal-aħħar tas-sena. It-tieni hostel tkun tista’ tagħmel dan fil-bidu tas-sena d-dieħla. Jidħlu fis-seħħ aktar partijiet mil-liġi l-ġdida dwar is-Saħħa Mentali. Jibda jiġi implimentat il-pjan ta’ azzjoni relatat mal-liġi dwar is-Saħħa Mentali. Jinbdew ix-xogħlijiet fil-bini li se jara l-espansjoni tal-YPU. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 220 | Qegħdin nerġgħu nivvutaw baġit għall-mediċini ġodda għall-kundizzjonijiet bħal Multiple Sclerosis (MS), Attention Deficit Hyperactive Disorder (ADHD) fit-tfal filwaqt li se titwessa l-għażla tal-mediċini. | | Twasslu l-mediċini u beda t-tqassim bl-iskema tal-POYC. | | | Implimentata. |
| 221 | Se ninvestu f'apparat tal-iffriżar tad-demm li jippermetti, fost l-oħrajn, li persuna sserraħ moħħha li dejjem hemm tip ta' demm tagħha maħżun. | Sar it-tfassil tas-Sejħa għall-Offerti. | Ġiet ippubblikata s-Sejħa għall-Offerti. | Saret l-aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti. | Jitwassal l-apparat, isir it-taħriġ u l-validazzjoni. Is-Sejħa għall-Offerti trid terġa' tinħareġ. | Implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 | €20.7 miljun għal diversi proġetti fl-oqsma tal-enerġija u tal-ilma. | | | | | |
| 6.1 | ICT: Operational IT. | | | Inizjattivi prinċipali ffinanzjati permezz tal-Votazzjoni ICT 7001: Implimentazzjoni tas-sit elettroniku għall-Konferenza dwar l-Enerġija f' Malta flimkien mar-riorjentazzjoni tas-sit tal-Ministeru. Proġett immexxi mill-Uffiċċju tas-CIO flimkien mal-MITA; Data ġeografika għall-protezzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma. Tikkonsisti minn pjattaforma GIS biex tippermetti l-ipproċessar ta' spatial data fl-ambitu tal-iżvilupp tal-mappa nazzjonali u domanda għall-ilma. (Din is-sistema ġiet proposta bħala inizjattiva ġdida ta' Malta Diġitali li tirrifletti l-Istrateġija Diġitali Nazzjonali 2014 -2020) | | Implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | (Relatata ma' azzjoni 34 www.digitalmalta.gov.mt); simulazzjoni tal-Enerġija dinamika: bħala parti mit-tfassil ta' politika effettiva u miżuri ta' enerġija effiċjenti, din is-sistema tuża state-of-the-art software biex b'mod dinamiku tissimula l-konsum ta' enerġija konsistenti mal-klima ta' Malta. (Din is-sistema ġiet proposta bħala inizjattiva ġdida ta' Malta Diġitali li tirrifletti l-Istrateġija Diġitali Nazzjonali 2014-2020) Government Desktops Power Management Initiative - moniteraġġ ta' kampjun ta' kompjuters bl-assistenza tal-MITA biex jitkejjel il-konsum kurrenti ta' enerġija u jiġi stabbilit benchmark madwar is-Servizz Pubbliku | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | u eventwalment l-implimentazzjoni ta' miżuri xierqa biex jitnaqqas il-konsum ta' enerġija ġġenerata mill-kompjuters u allura nistabbilixxu gwadanji fl-effiċjenza enerġetika. (Din is-sistema ġiet proposta bħala inizjattiva ġdida ta' Malta Diġitali li tirrifletti l-Istrateġija Diġitali Nazzjonali 2014-2020). L-Uffiċċju tas-CIO flimkien mal-MITA implimenta wkoll sistema għall-ġestjoni tal-proġetti fi ħdan il-Ministeru. | | |
| 6.2.1 | EU Structural Funds 2007 - 2013 - EU Funds: Malta Resources Authority (€15,675,000) | L-iskema tas-sussidju tal-Panelli Fotovoltajċi (Domestiċi) għalqet nhar it-12 ta' Marzu 2014. L-applikazzjonijiet għall-ħlas bdew jiġu pproċessati regolarment. L-aħħar pagamenti huma mistennija li jsiru sal-aħħar ta' Diċembru 2014. | Tkomplew jiġu pproċessati l-pagamenti. | Wara diskussjonijiet mal-Awtorità ta' Ġestjoni (PPCD), l-eligibbiltà tal-iskema (sottomissjoni u pproċessar tal-irċevuti) ġiet estiża sa Ġunju 2015. | Tkompla l-ipproċessar tal-pagamenti. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | EU Structural Funds 2007 - 2013 - Malta Funds : Malta Resources Authority (€2,766,000). | | | | | |
| 6.2.2 | EU Structural Funds 2007 - 2013 - EU Funds : Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma. | | | | | |
| | Miżura 125 - Private groundwater source metering and reclaimed water supply for agriculture. | Ingħata l-kuntratt tal-multi-user card system | Ingħata il-kuntratt tal-Horizontal Directional Drilling.<br>Ingħata il-kuntratt tas-Septage Receiving Station. | Tħaffer 1000m pipeline mill-Imġarr sa Binġemma.<br>Wasal is-Septage Receiving Station.<br>Ħarġet Tender għal borehole meters.<br>Komplew jitwaħħlu il-borehole meters fuq il-pompi tal-bdiewa. | Tħaffir ta' 1500m pipeline mill-Imġarr sal-Manikata.<br>Komplew jitwaħħlu l-borehole meters fuq il-pompi tal-bdiewa. | Implimentata. |
| | Miżura ERDF 304 - Use of Highly Polished Reclaimed Water in the Maltese Islands. | Ingħataw il-kuntratti għal diversi strumenti elettroniċi li se jitwaħħlu fil-proġett tal-Polishing Plants.<br>Ingħataw il-kuntratti għall-apparat u strumenti għal-labora torju. | Ingħataw il-kuntratti għal diversi apparat elettroniku li se jitwaħħlu fil-proġett tal-Polishing Plants.<br>Ingħataw il-kuntratti għall-apparat mekkaniku li se jitwaħħlu fil-proġett tal-Polishing Plants. | Ingħataw il-kuntratti biex jinbnew il-Polishing Plant ta' Malta North u South kif ukoll dak ta' Għawdex.<br>Ingħata l-kuntratt biex titħaffer trinka u jitqiegħed pajp fil-Mellieħa biex jgħaqqad pajp eżistenti sa Tomna Reservoir. | Jibda x-xogħol fuq il-bini tal-Polishing Pl ants.<br>Jibda x-xogħol fuq il-proġett tal-Micro Tunnelling bejn ix-Xgħajra u Sant' Antnin (Marsaskala).<br>Joħroġ il-kuntratt tar-Reabilitazzjoni tal-ġibjun tat-Tomna (Mellieħa) | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|
| Miżura ERDF 334 - Carbon Footprint Reduction Project. | Saru diversi applikazzjonijiet mal-MEPA biex jinfetħu trinek f'Malta kif ukoll f'Għawdex biex jitqiegħdu pajpijiet tal-ilma. | Ingħataw il-kuntratti għall-pajpijiet u apparat ieħor biex jitqiegħdu fit-trinek. Ingħata l-kuntratt għax-xogħol ta' tqegħid ta' pajp bejn Ta' Qali u n-Naxxar. | Ingħataw il-kuntratti għall-pajpijiet u apparat ieħor biex jitqiegħdu fit-trinek. Ingħata il-kuntratt għax-xogħol ta' tqegħid ta' pajp bejn Ta' Qali u Ta' Bakkja (Żebbuġ). Ingħata l-kuntratt għax-xogħol ta' tqegħid ta' pajp bejn Ħondoq u Ta' Ċenċ (Għawdex). Tqiegħdu madwar 700m ta' pajp bejn Ta' Qali u n-Naxxar. | Tkomplija tar-rottot:<br>Ir-rotta minn Ħondoq – Ta' Ċenċ<br>Ir-rotta minn Ta' Qali – Ta' Bakkja<br>Ir-rotta minn Ta' Qali – Tas-Sliema<br>Ir-rotta minn Ta' Qali – In-Naxxar<br>Il-kuntratti tal-pajpijiet, kwadri tal-elettriku u pompi għal Ta' Bakkja Pumping Stations jkunu ngħataw. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| Miżura CF 355 - Water Quality and Supply Improvement Project. | | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma applikat għall-fondi għal dan il-proġett. Ingħata l-kuntratt għall-għamara tal-laboratorju. | Ingħataw il-kuntratti għal diversi strumenti elettroniċi li se jitwaħħlu fil-proġett tal-pompi tal-boreholes f'Għawdex. Saru diversi applikazzjonijiet mal-MEPA biex jinbnew binjiet fejn se jitqiegħed l-apparat ta' ultra filtrazzjoni f'Malta kif ukoll f'Għawdex. | Joħorġu tenders għall-bini ta' UF plants.<br>Joħroġ it-tender tal-Apparat ta' UF plants.<br>Joħorġu t-tenders tal-apparat tal-elettriku u elettroniku tal-UF pl ants.<br>Joħorġu t-tenders tal-pompi tal-boreholes ta' Malta. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Joħroġ it-tender tal-pompi tal-boreholes ta' Malta. Jibda x-xogħol fuq it-twaħħil tal-boreholes ta' Għawdex. | |
| | Miżura CF 356 - Sewage System Extension and Upgrading Project. | | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma applikat għall-fondi għal dan il-proġett Saru diversi applikazzjonijiet mal-MEPA biex jinfetħu trinek bejn ir-Rabat u l-Baħrija. | Ingħata l-kuntratt għall-investigazzjonijiet ġeotekniċi u saru dawn it-testijiet. | Jibdew ix-xogħlijiet fuq it-trinek tad-drenaġġ u tal-ilma bejn il-Baħrija u r-Rabat. Jingħata l-aħħar kuntratt ta' trinek u Horizontal Directional Drilling għal Bieb ir-Ruwa u Mtarfa Bypass. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 6.5 | Xogħlijiet ta' Riġenerazzjoni. | Inbdew diskussjonijiet mal-partijiet konċernati għall-proġett estensiv ta' riġenerazzjoni f'Marsaxlokk. Saru diversi laqgħat ta' konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk, ma' rappreżentanti tal-bejjiegħa tal-monti, ristoranti u ma' entitajiet Governattivi oħra. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-partijiet konċernati, inkluż Transport Malta u l-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura u saru diversi disinji alternattivi. Infetħu wkoll diskussjonijiet preliminari mal-MEPA. Saru wkoll stimi tax-xogħlijiet, | Waqt li ħafna mid-disinji u pjanti huma lesti, għadhom qed jiġu evalwati l-aħjar possibbiltajiet għar-riorganizzazzjoni tal-monti, wara li saru anke diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Ekonomija u l-Investiment u l-Kumitat tal-Monti. | Jigu finalizzati l-konsultazzjonijiet, il-pjanti u d-disinji kollha, jitqassam f'fażijiet minħabba konsiderazzjonijiet fiskali, sabiex il-proġett jitnieda fil-bidu tas-sena 2015 u jinbdew ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Tħejja wkoll l-ewwel abbozz tad-disinji u pjanti abbażi ta' dawn id-diskussjonijiet. | inkluż it-toroq tal-madwar li mistennija jlaħħqu 1.7 miljun ewro. Mhux eskluż li partijiet mill-proġett jiġu applikati għal fondi mill-Unjoni Ewropea is-sena d-dieħla. | Internament, saru preżentazzjonijiet tad-disinji. Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet qed jevalwa wkoll l-esproprjazzjoni tal-artijiet meħtieġa skont il-pjanti ppreżentati għal dan il-proġett. | Hu ppjanat li jitwaqqaf kumitat inter-ministerjali bejn il-partijiet kollha li b'xi mod imissu mal-proġett sabiex kull diffikultà li tinqala', tiġi solvuta b'mod effiċjenti. | |
| 6.6 | Estensjoni tas-Sistema tad-Drenaġġ f'Għawdex (€185,000). | B'referenza għall-estensjoni tas-sistema tad-drenaġġ fil-gżira Għawdxija saru diversi xogħlijiet minn Ħondoq ir-Rummien sa Ta' Ċenċ (medda ta' 10km ta' pajpijiet). | Proġett tlesta. | | | Implimentata. |
| 6.7 | Implimentazzjoni ta' Master Plan tad-Drenaġġ (€90,000). | Saret ħidma fuq diversi proġetti fosthom l-NSTP Effluent Main u STP Effluent Main f'lokalitajiet differenti bħal: Melqart f'Marsaxlokk, Għarukasa fil-Mellieħa, Imradd f' Ta' Xbiex u f'Misraħ Barrieri f' Sta Venera. | Proġett tlesta. | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 112 | F'Marzu 2014 se nwettqu il-wegħda elettorali tagħna li nnaqqsu l-kontijiet tad-dawl u tal-ilma b'medja ta' 25% u 5% rispettivament għall-familji. It-tnaqqis fil-kontijiet se jħalli aktar flus fil-but tan-nies. Se jorħsu wkoll il-kontijiet għan-negozji fl-2015. | Il-Ministeru flimkien mal-ARMS nedew proċess sabiex tingħata dehra ġdida lill-kontijiet bit-tariffi l-ġodda. Inbeda wkoll proċess mill-Ministeru, flimkien mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru u tnediet kampanja ta' informazzjoni u edukazzjoni, primarjament minn fuq il-mezzi tax-xandir lokali. Tnediet ukoll ħidma teknika fuq Avviżi Legali marbut mat-tariffi l-ġodda tad-dawl u l-ilma fejn ġie ppreżentat rapport dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji li din il-proposta se jkollha fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-entitajiet. Ir-rapport kien approvat mill-Awtorità Maltija tar-Riżorsi (MRA) u sussegwentament inħareġ l-Avviż Legali li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Ir-roħs fit-tariffi kellu jseħħ mit-Tnejn 31 ta' Marzu.<br>Il-kontijiet tad-dawl u l-ilma raħsu, kif imwiegħed, b'seħħ mit-Tnejn 31 ta' Marzu 2014 b'medja ta' 25% u 5% rispettivament. Minnufih bdew jintbagħtu ittri fid-djar fejn il-konsumaturi ngħataw indikazzjoni dwar kemm se jkunu qed jiffrankaw. Tkompliet ukoll kampanja ta' informazzjoni fuq il-mezzi tax-xandir dwar kif se jkun qiegħed japplika dan ir-roħs u ġie introdott ukoll calculator li permezz tiegħu l-konsumatur jista' jikkalkula kemm ser jorħoslu l-kont. F'Mejju bdiet il-ħidma sabiex f'Marzu 2015 jitnaqqsu l-kontijiet għall-industrija u negozji. Bdew it-taħdidiet interni bejn il-Ministeru u l-entitajiet ikkonċernati li huma Enemalta, WSC u ARMS.<br>Komplew id-diskussjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-roħs fit-tariffi tad-dawl u l-ilma għas-settur kummerċjali. Bdew isiru focus groups sabiex ikun stabbilit b'liema mod għandha tinbidel id-dehra tal-kont minn Marzu 2015. Dan sabiex il-kont jiġi aktar simplifikat.<br><br>Għaddejja wkoll ħidma biex jitlesta Avviż Legali li permezz tiegħu se jkunu qed jorħsu l-kontijiet għan-negozji u s-settur kummerċjali f'Marzu 2015. | | | Jitħabbru d-dettalji tat-traħħis tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma għas-settur kummerċjali fil-Baġit 2015. | Traħħis tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma għall-familji: Implimentata<br>Traħħis tal-kontijiet tas-dawl u l-ilma għas-settur kummerċjali: Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 112b | Isir feasibility study għal Gas Pipeline (ġdida). | Tkompla x-xogħol fuq il-feasibility study u l-cost benefit analysis għal dan il-proġett. Numru ta' esperti nġiebu Malta fl-ewwel ġimgħat ta' Jannar sabiex jifhmu aħjar dak li jrid isir u s-sitwazzjoni preżenti tas-settur tal-enerġija f'Malta. | Baqgħu jinżammu wkoll laqgħat tekniċi u ta' monitraġġ fuq dan il-kuntratt bejn il-kuntrattur u ufficjali inkarigati mill-Ministeru. | Tkompla x-xogħol fuq dan l-istudju.<br><br>Inżammu wkoll laqgħat bejn delegazzjoni Maltija u oħra Taljana sabiex ikun hemm impenn politiku, tekniku u amministrattiv mill-ogħla awtoritajiet Taljani, biex f'każ li dan il-proġett iseħħ, ikun iffaċilitat kemm jista' ikun u jiġu evitati problemi.<br><br>Bdew jiġu analizzati l-ewwel stimi ppreżentati mill-kuntrattur. | Jitkompla x-xogħol fuq dawn l-istudji. Sadantittant, qed jinbnew diġà l-ispeċifikazzjonijiet għat-tenders tal-istudji li jmiss sabiex possibbilment tintefa' applikazzjoni għall-fondi taħt il-Connecting Europe Facility. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 113 | Il-Gvern se jimplimenta pjan sabiex nassiguraw provvista tal-elettriku adegwata, sostenibbli u sigura. | Kompla jiġi abbozzat pjan ta' ħidma fuq perjodu ta' 5 snin biex nassiguraw provvista tal-elettriku adekwata, sostenibbli u sikura. Il-pjan beda jiġi diskuss ukoll mas-sieħeb strateġiku tal-Enemalta, Shanghai Electric Power. Dan il-pjan ġie approvat mill-Bord tal-Enemalta u seta' jibda jiġi eżegwit. | F'Marzu nħareġ il-permess biex jinbena l-impjant tal-gass, il-moll u l-power station il-ġdida f'Delimara. F'Ġunju sar it-trasferiment tal-ishma f'Malta Power and Gas mill-Enemalta għall-Konsorzju Electrogas. Bdew diskussjonijiet għall-applikazzjoni tal-IPPC biex tinqasam ir-responsibbiltà tas-sit bejn l-operaturi differenti f'Delimara. | Komplew id-diskussjonijiet tekniċi biex jintlaħaq qbil ta' kif operaturi differenti se jħaddnu l-IPPC fuq sit komuni kif ukoll diskussjonijiet ta' kif ix-xogħlijiet se jiġu eżegwiti fiż-żmien kif stipulat fil-kuntratt. Inbeda wkoll xogħol preparattiv fuq is-sit.<br><br>Ix-xogħlijiet waqt dan iż-żmien għandhom jiġu intensifikati biex jinbena l-impjant tal-gass u l-power station ġdida kif stabbilit fil-kuntratt. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 114 | Dan il-pjan diġà beda jissaħħaħ permezz tal-ftehim mal-Libja dwar ix-xiri taż-żjut u gass bi prezzijiet vantaġġużi kif ukoll permezz tal-investiment dirett fl-Enemalta miċ-China Power Investments u Shanghai Power. | Fil-11 ta' Marzu, l-SEP u l-Enemalta ffirmaw il-kuntratt tal-operat. | Qed issir ħidma dettaljata fuq il-ftehim kuntrattwali. | Qed issir ħidma dettaljata fuq il-ftehim kuntrattwali. Għaddejjin id-diskussjonijiet mal-partijiet rispettivi li huma Electrogas u Shanghai Electric Power. | Rigward Shanghai Electric Power, id-diversi ftehimiet kuntrattwali qed jiġu finalizzati u mistennija jingħalqu kollha f' Novembru. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 115 | L-ARMS trid ittejjeb ħafna s-servizz tagħha | Ara miżura 115.1 | | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 115.1 | Twaqqif ta' Kumitat ta' Tmexxija bejn 3 entitajiet. | Twaqqaf Kumitat tat-Tmexxija li beda jiltaqa' darba fil-ġimgħa u huwa magħmul mit-tliet entitajiet, konsulenti privati u rappreżentati mill-Ministeru. Dan sabiex tiġi faċilitata d-diskussjoni bejn dawn l-entitajiet u jkun hemm konsistenza fil-politika attwata. Dan qed iservi wkoll biex ħafna mill-proċessi jiħfiefu. | Il-Kumitat tat-Tmexxija baqa' jiltaqa' regolarment. | Il-Kumitat tat-Tmexxija baqa' jiltaqa' regolarment. | Huwa previst li Il-Kumitat tat-Tmexxija jibqa' jiltaqa' regolarment. | Implimentata. |
| 115.2 | Reviżjoni tar-riżorsi umani u kwalità tad-data minn konsulenti. | Il-pjan tar-Riżorsi Umani ġie rivedut mill-Bord. Ħafna mill-proċessi li għandhom x'jaqsmu ma' kontroll ta' kreditu ġew imsaħħa. Twaqqaf ukoll Kumitat sabiex jirrevedi l-policies li jappartjenu l-komunikazzjoni, customer care quality assurance, l-IT u l-operat. | L-istaff kompla jiżdied b'34 aġent ġdid li kollha ngħataw taħriġ fuq customer care u l-proċeduri tal-SOP. | L-aġenti li ngħataw taħriġ ġew assenjati f'sezzjonijiet varji u ngħataw diversi rwoli. Tkompla wkoll il-proċess analitiku tal-kwalità tad-data filwaqt li nbeda l-proċess ukoll sabiex jiġu ngaġġati aktar aġenti. | Jitkompla l-proċess ta' reklutaġġ li mistenni jiġi konkluż sal-aħħar tas-sena. Dan sabiex is-servizzi tal-ARMS jkomplu jitjiebu. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ġaladarba dawn ġew approvati mill-Bord, ingħata bidu għall-objettivi tal-iStandard of Procedures (SOP). F'Marzu l-ARMS bdiet ukoll tagħmel intervisti lill-kandidati varji u fasslet pjan ta' taħriġ għall-impjegati ġodda biex jitħarrġu sew f'customer care u SOP procedures. | | | | |
| 115.3 | Ko-ordinazzjoni tal-installazzjoni u l-kummissjonar ta' smart meters bejn it-tliet entitajiet. | Korporazzjoni Enemalta: total ta' accounts 291,171. Meters installati 256,276. Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma: total ta' accounts 259,749. Meters installati 213,620. Dawn il-figuri jkopru sa Settembru. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 115.4 | Ftuħ ta' aktar fergħat. | Il-Ħadd 2 ta' Frar ARMS Ltd ħarġet avviż fuq il-gazzetti lokali għall-proposti għall-kiri ta' binjiet sabiex iservu ta' fergħat. Il-proposti sottomessi ġew evalwati minn periti maħtura u anke saru numru ta' żjarat lis-siti. | Ix-xogħol fuq il-fergħa tal-Belt Valletta mexa b'ritmu tajjeb hekk li sas-sajf kien iffinalizzat u l-fergħa bdiet tagħti l-ewwel servizzi għall-pubbliku. Fil-frattemp, ġiet identifikata binja għall-fergħa f'Raħal Ġdid u nbeda xogħol ta' disinn u pjanti fuq din il-fergħa. | Il-fergħa tal-Belt Valletta ġiet inawgurata fl-aħħar ta' Lulju. Tkompliet il-ħidma fuq id-disinni u l-pjanti għall-fergħa ta' Raħal Ġdid. | Se jitkompla x-xogħol fuq il-binja ta' Raħal Ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 116 | Il-prezzijiet tal-petrol, id-diesel u l-gass se jibqgħu stabbli sal-aħħar tas-sena. Fil-każ tad-diesel, il- prezz se jibqa' stabbli sa Marzu li ġej. | Il-prezzijiet baqgħu stabbli sa Marzu 2014. | Il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Enerġija ħabbru traħħis fil-prezz tal-petrol u ħabbru wkoll li l-prezzijiet tal-fuel se jibqgħu stabbli sa tmiem l-2014. Il-miżura ġiet implimentata. | | | Implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 118 | Il-Gvern se jkompli jinċentiva l-investiment fl-enerġija nadifa. Sal-2014 se nilħqu l-mira ta' 3% ta' enerġija nadifa minn sorsi alternattivi. Qiegħda ssir reviżjoni tan-National Renewable Energy Action Plan. | Saret ħidma fuq strateġija lokali relatata ma' enerġija rinovabbli. | Din il-ħidma ssarfet f' leġiżlazzjoni ta' Feed In Tariff (FIT) (Avviz Legali 155) u allokazzjoni ta' capping annwali. Inbdiet ħidma wkoll fuq tfassil ta' solar farm policy li ntbagħtet lill-MEPA għar-reviżjoni finali. Tnedew diskussjonijiet mal-Enemalta u l-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport sabiex pendenzi fuq materji ta' biofuels fis-settur tat-trasport jiġu ttrattati. Kien hemm diskussjonijiet mal-MSDEC fuq materji ta' Waste to Energy sabiex tiġi solvuta l-problema tal-hydrolyser fl-impjant ta' Sant Antnin. Bdew jiġu esplorati mekkaniżmi ta' koperazzjoni ma' pajjiżi oħra. Il-politika tas-solar farm ġiet ippreżentata lill-Bord tal-MEPA u ppubblikata f'Settembru għall-konsultazzjoni pubblika ta' sitt ġimgħat. Bdew jitħejjew ukoll skemi ta' FIT sabiex jinċentivaw investiment f'solar farms. Ġew ippreżentati wkoll numru ta' alternattivi sabiex jiżdied l-użu ta' biofuels. Dawn qed jiġu diskussi ma' MFIN, TM u Enemalta. Komplew jiġu aġġornati l-proġezzjonijiet għall-konsum gross finali tal-enerġija għal perjodu 2015-2020 li se jiġu riflessi fir-reviżjoni tal-National Renewable Energy Action Plan (NREAP). Ġiet formulata wkoll il-pożizzjoni uffiċjali ta' Malta b'rabta mal-proposti tal-Kummissjoni Ewropea f'dan il-qasam wara l-2020. Saret ukoll ħidma fuq il-partnership agreement u l-Operational Programme sabiex Malta tkun tista' takkwista fondi mill-UE matul il-perjodu 2014-2020. Jitkomplew diskussjonijiet inter-ministerjali sabiex jiġi assigurat li Malta tilħaq il-miri tagħha bl-aktar metodi u proċessi effettivi. | | | Implimentata. |
| 119 | Se naħdmu fuq proġett li permezz tiegħu se jiddaħħlu sistemi innovattivi ta' dwal fit-toroq f'Malta. | L-Awtorità ta' Ġestjoni (PPCD) infurmat lill-Ministeru li l-applikazzjoni għall-fondi mill-UE għal dan il-proġett ġiet approvata u għaldaqstant seta' jinbeda. | Aġġornamenti rrapurtati fil-miżuri 120a u 120b. | Aġġornamenti rrapurtati fil-miżuri 120a u 120b. | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Minnufih bdiet ħidma fuq il-kitba tat-tenders relatati ma' dan il-proġett f'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti. | | | | |
| 120a | Se nwettqu proġett pilota ta' intelligent lighting f' Għawdex. Dan il-proġett, kofinanzjat minn fondi Ewropej, mistenni jiswa Euro4.3 miljun. Hemm il-ħsieb li, eventwalment dan il-proġett jinfirex u nibdlu d-dawl tat-toroq mal-pajjiż kollu. | L-Awtorità ta' Ġestjoni (PPCD) infurmat lill-Ministeru li l-applikazzjoni għall-fondi mill-UE għal dan il-proġett ġiet approvata (f'Jannar) u għaldaqstant seta' jinbeda. Minnufih bdiet ħidma fuq il-kitba tat-tenders relatati ma' dan il-proġett f'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti u entitajiet oħra primarjament Transport Malta.<br>Is-sejħa għall-offerti tat-tender primarju tar-Retro Fitting tad-dwal ġiet ippubblikata fis-17 ta' April 2014. Kien hemm interess qawwi minn diversi kumpaniji. F'Mejju nbeda l-proċess ta' evalwazzjoni.<br>Komplew jigu evalwati l-offerti mitfuħa. Il-proċess mistenni li jkun konkluż sal-aħħar ta' Settembru. | | | Wara l-għoti tal-kuntratt u l-perjodu ta' appell hu mistenni li sal-aħħar tas-sena jiġi ffirmat il-kuntratt sabiex minnufih jinbdew ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 120b | Se nwettqu proġett pilota ieħor ta' intelliġent lighting f'toroq arterjali f'Malta. Dan il-proġett, kofinanzjat minn fondi Ewropej, mistenni jiswa Ewro 0.6 miljun. | L-Awtorita ta' Gestjoni (PPCD) infurmat lill-Ministeru li l-applikazzjoni ghall-fondi mill-UE għal dan il-proġett ġiet approvata (f'Jannar) u għaldaqstant seta' jinbeda. Minnufih bdiet ħidma fuq il-kitba tat-tenders relatati ma' dan il-progett f'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti u entitajiet oħra primarjament Transport Malta.<br>L-abbozz tas-sejħa għall-offerti ġiet mgħoddija lid-Dipartiment tal-Kuntratti min-naħa tal-Awtorita' ta' Malta tat-Trasport qabel tiġi ppublikata nhar is-7 ta' Mejju.<br>Is-sejħa għall-offerti ġiet ippublikata nhar 18 ta' Lulju u għalqet fl-4 ta' Settembru u minnufih inbeda l-proċess tal-evalwazzjoni. | | | Wara l-għoti tal-kuntratt u l-perjodu t'appell hu mistenni li sal-aħħar tas-sena jiġi ffirmat il-kuntratt sabiex minnufih jinbdew ix-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 121a | Is-sistema tad-distribuzzjoni ta' ilma sħun fir-residenza San Vincenz de Paule se tinbidel ma' oħra aktar effiċjenti sabiex titnaqqas l-ispiża għall-enerġija fil-futur. Dan il-proġett, kofinanzjat minn fondi ewropej mistenni jiswa 1.8 miljun ewro. | L-Awtorità ta' Ġestjoni (PPCD) infurmat lill-Ministeru li l-applikazzjoni għall-fondi mill-UE għal dan il-proġett ġiet approvata (f'Jannar) u għaldaqstant seta' jinbeda. Minnufih bdiet ħidma fuq il-kitba tat-tenders relatati ma' dan il-proġett f'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti u entitajiet oħra primarjament mal-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali u s-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva. | L-abbozz għat-tenders varji taħt dan il-proġett komplew jinkitbu mal-konsulenti tal-SVDP. It-tenders jikludu Project Management u Quantity Surveying, xogħlijiet strutturali fil-kċina u l-laundry u xogħol ta' bini, installar ta' sistemi tal-misħun u sistema ġdida ta' gass. | Il-maġġoranza tat-tenders inkitbu, tpoġġew fis-suq u qed jiġu evalwati l-offerti mitfugħa. Il-proċess tal-evalwazzjoni qegħdin fi stadju avvanzat ħafna u mistennija jiġu konklużi sa tmiem is-sena. | Jiġu konklużi l-proċessi tal-evalwazzjoni sabiex ħafna mix-xogħlijiet ikunu jistgħu jinbdew fil-bidu tal-2015. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 121b | Is-sistema tad-dawl, arja kundizzjonata, lifts u twieqi "double glazed" fil-blokka Rużar Briffa fir-residenza San Vincenz de Paul ukoll, se tinbidel ma' oħra aktar effiċjenti sabiex titnaqqas l-ispiża għall-enerġija fil-futur. Dan il-proġett, kofinanzjat minn fondi Ewropej mistenni jiswa 3.5 miljun ewro. | | Wara kunsiderazzjonijiet loġistiċi, ġie deċiż li din il-fażi tal-proġett issir is-sena d-dieħla wara li tiġi fi tmiemha l-ewwel fażi. | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 122 | Se nippromwovu Programm għal Retro Fitting fuq il-binjiet jiġifieri biex il-binjiet jiġu rranġati biex isiru aktar energy efficient. Il-binjiet jikkonsmaw mal-40% tal-enerġija ġġenerata u għal dan il-għan se jitwettqu diversi inizjattivi fosthom sabiex diversi binjiet pubbliċi jsiru energy self-sufficient. | Tnedew diskussjonijiet mal-Uffiċċju tar-Regolamenti tal-Bini u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi dwar kif dan il-programm jista' jiġi implimentat. | Tnedew diskussjonijiet ma' stakeholders privati fuq kif wieħed jista' japplika għall-fondi tal-ERDF/Horizon 2020 sabiex isiru proġetti f'dan is-sens. Id-diskussjonijiet li kien hemm għaddejja mal-Uffiċċju tar-Regolamenti tal-Bini u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet intemmu u b'hekk seta' jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ Avviż Legali relatat mat-traspożizzjoni tad-direttiva tal-Effiċjenza tal-Enerġija. | Beda jsir awditjar f'binjiet pubbliċi. Tnieda ukoll l-iStudy for Deep Energy and Resource Retrofitting fl-SVDP. Fl-istess waqt inħarġu s-sejħiet għar-rinovazzjoni fl-isptar San Vincenz (ara 121a) u fl-iskola primarja tas-Siġġiewi (ara 126). | Jigu ffinalizzati l-awditjar fuq il-bqija tal-binjiet pubbliċi sal-aħħar tas-sena. Abbażi ta' dawn ir-rapporti ta' awditjar, is-sena d-dieħla d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, f'konsultazzjoni ma' dan il-Ministeru jibda x-xogħol ta' retrofitting sabiex dawn il-binjiet isiru effiċjenti fil-konsum tal-enerġija. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet taħt il-programm Horizon 2020. Tkompliet ukoll konsultazzjoni pubblika għas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet ta' proġetti għall-fondi mill-UE. Is-SEWCU kompla jagħti input siewi biex proġetti ta' din ix-xorta jiddaħħlu fl-Operational Programmes 2014-2020. | | | |
| 123 | Se ngħinu lill-familji jidentifikaw x'miżuri u bidliet jistgħu jagħmlu sabiex jiffrankaw l-użu tad-dawl u l-ilma. Dan se isir permezz ta' esperti li jagħmlu energy audit lil dawk il-familji li jkunu jridu li jingħataw pariri dwar kif jagħmlu użu aktar effiċjenti tal-enerġija. | Bdew diskussjonijiet mal-Enemalta biex jiġi stabbilit kif din il-miżura l-aħjar li tiġi implimentata. | Ġie stabbilit li l-Enemalta tieħu f'idejha l-awditjar tal-enerġija u tnediet ħidma sabiex jiġu identifikati persuni li jistgħu jibdew jagħmlu dan l-awditjar fuq bażi volontarja. Is-SEWCU, f'kollaborazzjoni mal-Enemalta, | Ġew iffinalizzati d-dettalji ta' kif din l-iskema se titħaddem. | Hu ppjanat li l-iskema tibda titħaddem fl-2015. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BUDGET | QRT 1 JANNAR-MARZU | QRT 2 APRIL-ĠUNJU | QRT 3 LULJU-SETTEMBRU | QRT 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | identifikaw persuni li huma interessati li jagħmlu dan l-awditjar volontarjament. Apparti minn hekk is-SEWCU qed toffri wkoll is-sapport tagħha għal meta jkunu organizzati l-house visits. | | | |
| 124 | Għajnuna għall-installazzjoni ta' Water Heaters u Inżulazzjoni. | L-iskema nżammet miftuħa matul is-sena. | | | | Implimentata. |
| 125 | Se nagħtu sussidju lill-familji tagħna sabiex jinstallaw solar water heaters, kif ukoll sabiex jinżulaw is-soqfa ta' djarhom. Għal dan il-għan qegħdin nivvotaw is-somma ta' €500,000. | L-iskema nżammet miftuħa matul is-sena. | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 126 | Qegħdin nivvotaw miljun ewro sabiex inwettqu proġett pilota fl-iskola primarja tas-Siġġiewi bil-għan li nagħmlu din l-iskola effiċjenti fl-użu tal-enerġija. | L-Awtorità ta' Ġestjoni (PPCD) infurmat lill-Ministeru li l-applikazzjoni għall-fondi mill-UE għal dan il-proġett ġiet approvata (f'Jannar) u għaldaqstant seta' jinbeda. Saru diversi studji sabiex jiġu identifikati l-aktar sistemi effettivi u bl-aktar teknoloġija moderna. Minnufih bdiet ħidma fuq il-kitba tat-tenders relatati ma' dan il-proġett f'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kuntratti u entitajiet oħra primarjament mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Fondazzjoni għall-iskejjel ta' Għada. | Komplew jiġu ffinalizzati l-ispeċifikazzjonijiet tat-Tenders biex jitpoġġew fuq is-suq. Saru diskussjonijiet mal-partijiet ikkonċernati sabiex ikunu evalwati l-aħjar miżuri għall-effettività tan-nefqa u sabiex il-proġett isir bl-inqas inkonvenjent possibbli. It-tenders li tpoġġew fuq is-suq għalqu u bdew jiġu evalwati. | Komplew jinħarġu t-tenders b'konsultazzjoni diretta mad-Dipartiment tal-Kuntratti u jitkomplew il-proċessi tal-evalwazzjoni. | Hu mistenni li sal-aħħar tas-sena jiġu konklużi l-evalwazzjoni tat-tenders, jiġu finalizzati l-kuntratti u jingħata bidu għax-xogħol fl-iskola. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 127 | Se jitfassal pjan nazzjonali dwar l-ilma. Il-Gvern se jara li jkun hemm infrastruttura xierqa għall-ħażna tal-ilma tax-xita filwaqt li jirrestawra u jimmaniġġja, b'mod effettiv, il-faċilitajiet eżistenti għal dan il-għan. Fuq kollox, il-Gvern se jwettaq kampanja dwar il-konservazzjoni tal-ilma. | Ara miżura 127.1 | | | | |
| 127.1 | Jitfassal pjan nazzjonali għall-ilma. | Il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika ġie mniedi mill-Ministru Mizzi waqt l-ewwel laqgħa ta' kumitat interministerjali dwar l-ilma. Nhar l-10 ta' Marzu inżammet konferenza nazzjonali fejn tnieda l-proċess ta' konsultazzjoni pubblika dwar dan il-pjan. | Bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni pubblika saru laqgħat ma' stakeholders partikolari fejn ġew diskussi l-kwistjonijiet ta' dawn is-setturi fir-rigward tal-użu tal-ilma. Ġew ukoll organizzati Thematic Workshops fejn ġew diskussi aspetti partikolari ta' dan il-pjan. | Tkomplew it-tħejjijiet loġistiċi għall-organizzazzjoni ta' workshops mal-istakeholders, filwaqt li beda jiġi ppreparat l-ewwel parti tal-pjan nazzjonali fejn se jiġi analizzat l-istat attwali tal-ilma f'pajjiżna. Ġie wkoll konkluż ftehim ta' konsulenza sabiex issir analiżi tal-impatt ekonomiku tal-miżuri li se jkunu parti minn dan il-pjan. | Jinżammu laqgħat ta' konsultazzjoni ma' dawn is-setturi : Industrija, Turiżmu, Agrikoltura. Jiġu konklużi 'background studies' li qed isiru sabiex jissapportjaw l-iżvilupp ta' dan il-pjan. Jiġi ffinalizzat l-ewwel abbozz tal-pjan sabiex jiġi sottomess lill-Ministru għall-kunsiderazzjoni tiegħu. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|
| | Wara din il-konferenza, saru numru ta' laqgħat ma' stakeholders differenti (kemm pubbliċi u privati) sabiex jiġu analizzati aspetti speċifiċi ta' dan il-pjan u l-iżvilupp ta' miżuri. | Fl-ewwel Thematic Workshop ġie diskuss mal-istakeholers preżenti r-rwol tan-Non Conventional Water Resources. Dan il-workshop kellu l-appoġġ tekniku tal-Global Water Partnership - Mediterranean, li ffinanzjaw ukoll il-parteċipazzjoni ta' esperti minn Spanja u Ċipru. It-tieni Thematic Workshop fuq l-effiċenza fl-użu tal-ilma kellu l-appoġġ mill-Proġett SWMED li huwa ffinanzjat taħt il-Programm ENPI-MED (European Neighbourhood Policy Instrument). | Din il-konsulenza hija ffinanzjata mill-Global Water Partnership. | Il-Pjan jiġi sottomess lill-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa fil-bidu tas-sena d-dieħla. | |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | L-attivitajiet relatati mal-formulazzjoni tal-Pjan Nazzjonali għall-Ilma huma: a) saru laqgħat u workshop nazzjonali fuq l-użu effiċjenti tal-ilma fis-settur domestiku. Dawn l-attivitajiet kienu organizzati taħt il-proġett SWMED u involvew esperti mill-Italja, Tuneżija u Palestina. (b) Inżammet laqgħa mal-Malta Business Bureau sabiex jinbeda l-proċess ta' konsultazzjoni mas-setturi kummerċjali, industrija u turiżmu. (ċ) Saret laqgħa mal-MSDEC sabiex jinbdew laqgħat ta' konsultazzjoni dwar l-aspetti tal-pjan nazzjonali li jirrelataw mas-settur agrikolu. | Tkompliet il-preparazzjoni tal-ewwel parti tal-pjan nazzjonali tal-ilma bit-tħejjija ta' diversi dokumenti dwar l-istat attwali tal-ilma f'pajjiżna. Dawn id-dokumenti jinkludu analiżi tad-domanda għall-ilma tas-settur agrikolu, studju dwar l-iskarsezza naturali tal-ilma f'pajjiżna u studju dwar it-telf tal-ilma tal-pjan b'mod naturali mal-kosta. Ingħata wkoll kuntratt ta' konsulenza sabiex titħejja analiżi tad-domanda għall-ilma f'pajjiżna filwaqt li għaddejjin diskussjonijiet maċ-Ċentru Nazzjonali tar-Riċerka (CNR) tal-Italja sabiex jassistu fl-iżvilupp ta' mudell tal-akwifers ta' pajjiżna sabiex jiġi ri-evalwat il-volum ta' ilma li jista' jittieħed b'mod sostenibbli minn dawn l-akwiferi. | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Saru laqgħat fuq l-użu effiċjenti tal-ilma f'pajjiżna. Dawn iż-żewġ workshops ġew finanzjati taħt il-proġett SWMED. Inbdew id-diskussjonijiet relatati mal-organizzazzjoni ta' tliet workshops ta' konsultazzjoni fuq l-użu tal-ilma mis-settur kummerċjali, l-ilma tal-pjan u l-użu tal-ilma mis-settur agrikolu. | | | |
| 127.2 | Il-Gvern jara li jkun hemm infrastruttura xierqa għall-ħażna tal-ilma tax-xita filwaqt li jirrestawra u jimmaniġġa b'mod effettiv il-faċilitajiet eżistenti għal dan il-għan. | Qed jinżammu laqgħat preliminari mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex jiġi fformulat dan il-proġett. Dan il-proġett qed jiġi wkoll indikat bħala wieħed mill-prijoritajiet tal-Ministeru għall-finanzjament mill-fondi tal-UE. | Tkomplew il-laqgħat mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex jiġi formulat dan il-proġett. Dan il-proġett qed jiġi wkoll indikat bħala wieħed mill-prijoritajiet tal-Ministeru għall-finanzjament mill-fondi tal-UE. | Tkomplew it-taħditiet fuq livell tekniku mal-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura sabiex jiġi finalizzat l-MoU u jingħadda għall-konsiderazzjoni tas-Segretarji Permanenti rispettivi. | Jigu finalizzati d-diskussjonijiet fuq livell tekniku mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex jitħejja qafas għall-implimentazzjoni ta' programm ta' restawr u mmaniġġar ta' faċilitajiet għall-ħażna tal-ilma tax-xita. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Esperti tekniċi mill-MECW u l-MTI qed ifasslu proposta għal MoU bejn iż-żewġ Ministeri sabiex tiġi ppreżentata lis-Segretarji Permanenti fiż-żewġ Ministeri. | Esperti tekniċi mill-MECW u l-MTI qed ifasslu proposta għal MoU bejn iż-żewġ Ministeri sabiex tiġi ppreżentata lis-Segretarji Permanenti fiż-żewġ ministeri. | | Jitħejja memorandum dwar ħidma kordinata f'dan is-settur u jingħadda lis-Segretarji Permanenti rispettivi. | |
| 127.3 | Il-Gvern se jwettaq kampanja dwar il-konservazzjoni tal-ilma. | Saru l-preparamenti għall-event nazzjonali dwar il-konservazzjoni tal-ilma li ġie oganizzat fl-20 u t-22 ta' Marzu b'rabta mal-World Water Day. Barra minn hekk saru applikazzjonijiet mal-Global Water Partnership u l-Programm Life + sabiex jinġiebu fondi ulterjuri għal din il-kampanja. Il-proġett mal-Global Water Partnership tnieda waqt konferenza nazzjonali tal-10 ta' Marzu u ffoka fuq l-użu aħjar tal-ilma tax-xita. | | Ix-xogħol fuq is-sit elettroniku tal-kampanja għall-konservazzjoni tal-Ilma wasal fi tmiemu. Hemm ħsieb li din tiġi online lejn l-aħħar kwart tas-sena. Ġie ordnat ukoll il-materjal pubbliċitarju dwar dan is-sit biex jgħin fit-tnedija tagħha. Taħt il-proġett Catch the Drop ġie ffinalizzat il-programm ta' attivitajiet li se jsiru matul is-sena skolastika li tmiss. Saru sessjonijiet ta' taħriġ għall-impjegati tal-HSBC li se jkunu qed iżuru l-iskejjel. | Jiġi ffinalizzat is-sit elettroniku dwar il-konservazzjoni tal-ilma u jitnieda.<br><br>Issir kampanja informattiva dwar dan is-sit. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Dan il-proġett se jkun fuq 3 snin u se jalloka Ewro 400,000. Barra minn hekk jinsab għaddej ukoll il-proġett Catch the Drop flimkien ma' bank lokali, fejn waqt l-attività ta' World Water Day numru ta' skejjel se jingħataw fondi sabiex jimplimentaw proġetti relatati mal-Konservazzjoni tal-ilma. | | | | |

MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 68 | Se noħolqu inċentiv għal dawk li ilhom jirreġistraw għax-xogħol aktar minn sentejn u li jridu jaħdmu. Se ndaħħlu sistema ta' tapering fejn, minflok ma naqtgħulhom il-benefiċċji kollha mill-ewwel fil-mument li jibdew jaħdmu, nibdew innaqqsu l-benefiċċji fuq medda ta' żmien sabiex b'hekk noħolqu tranżizzjoni mingħajr skossi mir-reġistru tal-qgħad għad-dinja tax-xogħol. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |
| 69 | Fl-ewwel sena l-benefiċjarju jgawdi minn 65% tal-benefiċċju, fit-tieni sena minn 45% u fit-tielet minn 25%. L-employer se jingħata 25% tal-benefiċċju kull sena għal tliet snin. Id-differenza se tmur ġo fond għat-taħriġ. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 222 | Qegħdin nipproponu nefqa ta' aktar minn 970.7 miljun ewro għas-sostenn tas-servizzi soċjali, il-pensjonijiet, firxa wiesgħa ta' servizzi oħra, u għad-djar soċjali. Dan l-ammont li jinkludi l-iState Grant ifisser żieda ta' 53.4 miljun ewro jew 5.8% fuq l-aħħar baġit. | Sar sostenn tas-servizzi soċjali, pensjonijiet, servizzi oħra u djar socjali. | | | | Implimentata. |
| 223 | Se nibqgħu nagħtu l-pensjoni sħiħa lil dawk l-anzjani li jagħżlu li jkomplu jaħdmu wara l-età tal-irtirar. | Din il-miżura għaddejja fuq bażi kontinwa. | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-mizura hija kontinwa. |
| 224 | Irridu nibdew proċess sabiex fuq medda ta' snin u b'mod gradwali nagħmlu l-Pensjoni Minima Nazzjonali ekwivalenti għal 60% tad-dħul nazzjonali medju. | Saru diskussjonijiet fuq is-suġġett. | Tlestiet il-kumpilazzjoni tad-data u l-istrateġija bdiet titfassal. | Tlesta t-tfassil tad-dokument fuq l-Istrateġija tal-Pensjonijiet. L-għażliet varji u dawk rakkomandati ġew diskussi ma' esperti mill-Bank Dinji. Din il-miżura partikolari hija waħda mir-rakkomandazzjonijiet li se jkunu inklużi fir-rapport finali. | Hu ppjanat li l-istrateġija tkun ippubblikata sa Diċembru. | Fil-proċess li tibda tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 227 | Ninsabu fil-fażi li nistudjaw mod ta' kif dawn il-bolol nieqsa jkunu jistgħu jitħallsu flimkien ma' ħlas addizzjonali. | Saru diskussjonijiet fuq is-suġġett. | Tlestiet il-kumpilazzjoni tad-data u l-proposta bdiet titfassal. | Il-proposta dettaljata tlestiet u ntbagħtet lill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali għal kunsiderazzjoni tiegħu. | Il-proposta tressqet ghall-kunsiderazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 228 | Irrid nagħmilha ċara li qed naraw li Programm simili jkun miftuħ għal każijiet ġenwini u ppruvati, u li ma ssir l-ebda inġustizzja ma' min dejjem kien regolari fil-ħlasijiet. | Ara miżura 227. | | | | |
| 229 | Mis-sena d-dieħla, ir-romol se jibqgħu jibbenifikaw mill-pensjoni sħiħa tar-romol għaliex se nneħħu r-rabta li hemm bejn din il-pensjoni l-qligħ mix-xogħol u l-età tal-ulied. Qegħdin nivvotaw is-somma ta' 2.2 miljun ewro għal dan il-għan. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 230 | Se nkomplu nwettqu l-miżura, li biha l-pensjonanti tas-servizz ikomplu jibbenifikaw minn titjib fil-pensjoni taż-żewġ terzi b'mod gradwali. Bħalissa, l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li ma titteħidx għall-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali huwa ta' 1266 ewro. Mill-2014, dan se jiżdied b'200 ewro għal 1466 ewro. Minn din il-miżura, stmata li tiswa 1.5 miljun ewro, se jibbenifikaw madwar 5500 pensjonant. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |
| 231 | Se nibdew nistudjaw, ukoll, alternattivi kif nistgħu nikkoreġu l-anomaliji li nħolqu fil-pensjoni tas-servizz li jolqtu lil numru ta' ħaddiema tal-Gvern li kienu impjegati qabel l-1979 u dawk tal-Korpi waqt li se nindirizzaw anomaliji oħrajn fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali fosthom tal-eksħaddiema tat-Tarzna. | Saru diskussjonijiet fuq is-suġġett. | Tħejja rapport b'rakkomandazzjonijiet dwar dawn l-anomaliji skont id-direzzjoni mogħtija mill-Kabinett. Dawn l-anomaliji jolqtu pensjonanti li jkunu irtiraw minn azjenda jew minn impjieg li llum m'għadux jeżisti. | Ir-rapport tlesta u kienet ippreżentata proposta għat-twettiq fil-Baġit 2015. | Hu ppjanat li din il-miżura tibda titwettaq mill-2015 'il quddiem. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BUDGET | QRT 1 JANNAR-MARZU | QRT 2 APRIL-ĠUNJU | QRT 3 LULJU-SETTEMBRU | QRT 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 232 | Sabiex nagħtu l-aħjar mezzi possibbli biex it-tfal jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom u nnaqqsu l-fatturi li jxekklu l-iżvilupp tagħhom u li jpoġġuhom fir-riskju tal-faqar. | Din il-miżura għaddejja fuq bażi kontinwa. | | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 233 | S'issa aħwa li ma jkunux jistgħu jibqgħu jgħixu mal-familja naturali tagħhom, qegħdin jinfirdu meta jingħataw għajnuna u kenn mill-isitutuzzjonijiet li għandna. Mis-sena d-dieħla se nibdew proġett li permezz tiegħu se nibdew nassiguraw li f'interventi bħal dawn l-aħwa ma jinfirdux minn xulxin. Qegħdin nivvotaw 125,000 ewro għal dan il-għan. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 233 b | Addizzjonalment għal Miżura Nru 233. | Kienu għaddejjin tħejjijiet għal dar oħra f'dan is-sens. | F'April kien hemm bidla fid-direzzjoni sabiex tinstab soluzzjoni aktar effettiva. F'Ġunju bdew diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Knisja biex jiġu żviluppati faċilitajiet ta' residenza għall-aħwa li jkunu taħt Ordni ta' Ħarsien. | Intlaħaq ftehim bejn l-FSWS u l-Awtorità tal-Knisja għall-iżvilupp ta' faċilità ta' residenza għal aħwa u minuri oħra. Dan il-ftehim qed jiġi rivedut mill-Ministeru. Malli l-partijiet kollha jaqblu fuq il-ftehim, se tiġi provduta akkomodazzjoni għal 30 tfal u minuri f'4 appartamenti fil-kumpless ta' Fra Diegu fil-Ħamrun. Reviżjonijiet u diskussjonijiet għadhom għaddejjin bil-ħsieb li jiġi ffirmat il-ftehim fil-bidu ta' Ottubru. | Il-ftehim ġie ffirmat u beda l-proċess tal-ingaġġ tal-impjegati. Wara dan, it-tfal ikunu jistgħu jibdew jirċievu s-servizz residenzjali. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 234 | L-Awtorità tad-Djar se tidħol f'Public Private Partnership sabiex tibni aktar appartamenti għal persuni b'mezzi limitati. | L-Awtorità tad-Djar ħarġet sejħa għal Request for Proposals. L-Awtorità rċeviet proposti għall-akkwist ta' 967 unit, liema proposti ġew evalwati. Il-Bord tal-Evalwazzjoni għamel shortlist tal-proposti. | Ir-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni ġie ppreżentat lill-Bord tal-Awtorità tad-Djar fl-1 ta' April 2014 liema rapport ġie aċċettat. | Il-periti komplew għaddejjin bil-ħidma tagħhom fuq il-valutazzjoni tal-proprjetà li ġiet offruta minn sidien privati lill-Awtorità tad-Djar. Sadanittant, l-Bord tal-Evalutazzjoni nħatar u ltaqa' darbtejn. | Huwa ppjanat li matul dawn it-tliet xhur il-propjetà offruta u analizzata f'dan l-istadju se tiġi shortlisted biex l-Awtorità tkun tista' tibda n-negozjati. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Għalhekk inħatar Bord ta' Evalwazzjoni ġdid għat-tieni fażi li kellu janalizza aktar fil-fond il-proposti li ġew shortlisted. Dan il-proċess kien jinvolvi laqgħat mal-Ministeru tal-Finanzi dwar kuntatti mal-MEPA fuq il-permessi tal-bini tal-proprjetà li ġiet offruta lill-Awtorità u ġew identifikati tliet periti biex jagħmlu eżerċizzju ta' evalwazzjoni tal-valur u l-kundizzjoni tal-proprjetà li ġiet offruta. | Dan il-Bord iltaqa' mal-periti li qed jagħmlu l-valutazzjoni tal-proprjetà sabiex ikun magħruf il-progress li sar fil-proċess tal-valutazzjoni tal-proprjetà. Fit-tieni laqgħa, ġiet identifikata d-dokumentazzjoni neċessarja sabiex jiġu sostanzjati l-proposti magħmula mis-sidien tal-proprjetà. Ġie ppreżentat rapport mil-Bord tal-Evalutazzjoni tal-Proprjetà fuq waħda mill-proposti ewlenin, fejn il-proprjetà kollha offruta f'din il-proposta, li tammontaw għal 161 unit, ġiet spezzjonata u valutata. | | |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 235 | L-Awtorità se toħroġ għall-bejgħ numru ta' appartamenti, shell jew inkella semi-finished, bi prezz issussidjat. | L-Awtorità tad-Djar ħarġet għall-bejgħ 46 unit bi prezz issussidjat. Sat-28 ta' Frar 2014 l-Awtorità tad-Djar laqgħet applikazzjonijiet għax-xiri ta' dawn il-postijiet. | Il-proċess tal-assessjar tal-applikazzjonijiet tlesta kollu u saru l-aħħar verifiki. L-Awtorità tad-Djar ippubblikat il-listi bil-punti li ġabu l-applikanti. | Kien hemm perjodu qasir li fih intlaqgħu xi oġġezzjonijiet li setgħu saru. Ir-Revisory Committee fi ħdan l-Awtorità tad-Djar iltaqa' u ddiskuta l-oġġezzjonijiet imressqa u ddeċieda fuqhom. Wara beda l-proċess tal-allokazzjoni tal-postijiet maħruġa taħt LN77 u fil-25 ta' Awwissu 2014 ġiet ippubblikata l-lista ta' dan ir-riżultat. L-applikanti li ġew allokati post ġew infurmati bil-miktub dwar dan. Wara l-Awtorità bdiet tivverifika biex tikkonferma l-assi ta' dawn l-applikanti li jaċċettaw li jipproċedu bix-xiri ta' wieħed minn dawn il-postijiet. Fl-istess ħin, beda l-proċess sabiex jibdew isiru l-konvenji għall-bejgħ tagħhom. | L-Awtorità tad-Djar se tiffirma Ftehim Preliminari mal-applikanti li ġew allokati dawn il-postijiet u se jkun konkluż il-proċess biew jiġu ffirmati l-konvenji. Se jitlesta wkoll eżeċizzju ieħor ta' riallokazzjoni fuq il-postijiet li ma ġewx aċċettati mill-ewwel applikanti biex jiġu allokati lil applikanti oħra. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 236 | L-Awtorità qiegħda tagħmel eżerċizzju għar-reviżjoni tal-kirjiet soċjali skont kriterji ċari u indiċi dwar il-kirjiet li l-Awtorità se tistabbilixxi għall-familji u individwi. | Bdiet tinġabar l-informazzjoni meħtieġa u saru laqgħat ma' dawk konċernati. Ittieħed ukoll kampjun biex ikun identifikat x'impatt jista' jħalli dan l-eżerċizzju. | Ġie deċiż li l-kampjun ikun akbar sabiex b'hekk jirrifletti aktar ir-realtà tas-sitwazzjoni tal-benefiċjarji. Saru anke numru ta' laqgħat interni u saret reviżjoni zgħira tal-mekkaniżmu propost. | Saru reviżjonijiet oħra tal-mekkaniżmu sabiex ikun assigurat li l-mekkaniżmu jkun aktar ġust ma' kulhadd. L-Awtorità tad-Djar għamlet analiżi legali tal-liġi nnifisha, waqt li fasslet l-abbozz ġdid li jirregola dan il-mekkaniżmu l-ġdid tal-kirjiet. Komplew għaddejjin id-diskussjonijiet mal-konsulenti legali ħalli jiġu ffinalizzati l-kundizzjonijiet interni mill-Awtorità tad-Djar sabiex jibda jitħaddem dan il-mekkaniżmu ġdid fuq il-kirjiet. | Hu ppjanat li dan il-mekkaniżmu ġdid, jekk ikun approvat mill-Kabinett jiġi ppubblikat u jibda jiġi implimentat mill-aħħar kwart ta' din is-sena 'l quddiem. | Implimentata. |
| 237 | Il-Gvern qiegħed jalloka wkoll 650,000 ewro lill-Awtorità tad-Djar sabiex twettaq xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fi blokki f'estates ta' djar qodma tal-Gvern fosthom dawk ta' San Pawl il-Baħar u Raħal Ġdid u t-Terrace tal-Isla. | Sar xogħol fuq il-Bills of Quantities. Saru laqgħat mal-Kunsilli konċernati biex ikunu infurmati bil-proċess. Ġew ukoll ingaġġati periti biex ikunu responsabbli minn dawn il-proġetti. | Saru diskussjonijiet mar-residenti sabiex isiru amendi fuq il-Bills of Quantities. Sar survey fuq il-Blokki involuti biex jinħareġ Bill of Quantities dettaljat u li hu bbażat fuq ir-rispons tar-residenti. | Tlesta l-proċess ta' konsultazzjoni u ġew iffinalizzati l-Bills of Quantities tat-tliet proġetti u ġew ippubblikati l-appalti għax-xogħlijiet fuq żewġ proġetti fl-Isla u Raħal Ġdid. | Matul l-aħħar kwart tas-sena se tkun qed issir l-evalwazzjoni tal-appalti tal-Isla u Raħal Ġdid. L-aħħar appalt dwar ix-xogħlijiet f'San Pawl il-Baħar huwa maħsub li jiġi ppubblikat fl-aħħar kwart tas-sena biex wara jiġi evalwat ukoll. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 238 | F'dan il-baġit, qegħdin nallokaw is-somma ta' aktar minn 67 miljun ewro għall-kura tal-anzjani u l-kura fil-komunità. Din hija żieda ta' fuq din is-sena. | Il-flus ġew allokati | | | | Implimentata. |
| 238b | Din is-sena estendejna l-allowance ta' 300 ewro lill-anzjani li għandhom 78 sena jew aktar. Mis-sena d-dieħla, din l-allowance se tibda tingħata lill-anzjani li għandhom 75 sena jew aktar. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |
| 239a | Il-Gvern se jkompli jinkoraġġixxi lill-anzjani sabiex jibqgħu jgħixu u jkunu attivi fil-komunità tagħhom. Għal dan il-għan, qegħdin nallokaw il-fondi neċessarji sabiex jiġi estiż is-servizz tal-Home Help | Saret ri-evalwazzjoni tal-mod kif għandu jingħata s-servizz. | Tħejja appalt ġdid abbażi tar-ri-evalwazzjoni li saret tas-servizz u l-bżonnijiet ġodda tal-anzjani. | L-appalt il-ġdid dwar dan is-servizz ġie skrutinizzat mid-Dipartiment tal-Kuntratti wara li kien hemm diskussjonijiet fuq xi klawsoli li dewmu xi ftit il-proċess sakemm ġew iċċarati. | Tiġi ppublikata s-sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 239b | u sabiex jinfetħu żewġ day centres (a) fil-Birgu u (b) f'Ħal Balzan. | Saru laqgħat mal-Kunsilli Lokali konċernati u saru talbiet formali biex jitwaqqfu Day Centres lill-Każin tal-Banda ta' San Gabriel f'Ħal Balzan u lill-Kappillan tal-Parroċċa tal-Birgu, ibbażati fuq l-interess preliminari muri minn dawn iż-żewġ entitajiet. | Fir-rigward tad-day centre ta' Ħal Balzan, minħabba li l-Każin ta' San Gabriel ma kinux f'pożizzjoni li jiftħu ċentru bħal dan, saru diskussjonijiet permezz tal-Kunsill Lokali mal-Kappillan tal-Parroċċa ta' Ħal Balzan bil-għan li jinstab post alternattiv. Fir-rigward tad-day centre tal-Birgu saru aktar diskussjonijiet mal-Kunsilli Lokali tal-Birgu u l-Viċi Kappillan tal-Parroċċa dwar il-possibbiltà li ċ-Ċentru taż-Żgħażagħ tal-lokalità jinqaleb f'Day Centre għall-Anzjani. | Fir-rigward tad-day centre f'Ħal Balzan, ġie identifikat post ieħor. Intalab rapport ta' perit dwar il-possibbiltà u l-potenzjal tal-post li jintuża bħala Day Centre. Fir-rigward tad-day centre tal-Birgu, minħabba l-partikularitajiet tal-post identifikat, il-perit imqabbad mill-Gvern analizza l-pożizzjoni tiegħu fil-kuntest tar-regolamenti kollha tal-MEPA. Wara dan il-proċess, ġie deċiż li l-proġett jinqasam f'żewġ fażijiet. | Fir-rigward tad-day centre f'Hal Balzan matul l-aħħar kwart tas-sena se jiġi preżentat rapport mill-perit li evalwa dan il-post alternattiv.<br><br>Fir-rigward tad-day centre fil-Birgu, matul l-aħħar kwart tas-sena se jsiru x-xogħlijiet meħtieġa għall-ewwel fażi u jkomplu l-preparamenti għax-xogħlijiet għat-tieni fażi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 240 | Ġie deċiż li nagħtu eżenzjoni mill-ħlas tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà nazzjonali kemm lill-anzjani kif ukoll lill-persuni b'diżabilità li jimpjegaw live-in carer bħala għajnuna sabiex huma jibqgħu jgħixu fi djarhom. Għal dan il-għan, qegħdin nivvotaw 210,000 ewro. | Il-flus ġew allokati. | | | | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 241 | Is-sena d-dieħla, se jsir xogħol ta' tisbiħ fuq St Francis Wards SF 3 u SF 4, fir-residenza San Vinċenz de Paul. Qegħdin nallokaw is-somma ta' 1,373,654 ewro għal dan il-għan. | Il-pjanti ġew finalizati u tfassal id-dokument tal-appalt. Saret l-applikazzjoni tax-xogħlijiet lill-MEPA. | Ħareġ il-permess tax-xogħolijiet mill-MEPA. Saru swali temporanji u r-residenti ġew trasferiti fihom biex isiru x-xogħlijiet fl-iswali msemmija. Bdew ix-xogħlijiet preparatorji. | Inħatar Bord ta' Evalwazzjoni tax-xogħlijiet tfasslu wkoll l-appalti għax-xogħlijiet tal-finitura. | Huwa pjanat li x-xogħlijiet kollha ta' tisbiħ jitlestew sas-sena d-dieħla. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 242 | Biħsiebna ntejbu drastikament permezz ta' teknoloġija ġdida s-servizz tat-Telecare biex jiġi aġġornat għaż-żmien tal-lum. Dan se nagħmluh permezz ta' sħubija mal-privat. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |
| 243 | Fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru se tinħareġ Green Paper dwar din l-istrateġija għall-konsultazzjoni. Wara dan, fi Frar 2014, se tiġi adottata l-Istrateġija Nazzjonali kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali bħala l-politika tal-Gvern. | Il-Green Paper 'A Framework for Poverty Reduction and for Social Inclusion' tnediet għal konsultazzjoni pubblika fl-aħħar ta' Jannar 2014. | Twaqqaf Grupp ta' Ħidma li minbarra li analizza r-rispons li daħal mill-għaqdiet u mill-pubbliku, ħa ħsieb iħejji dokument ġdid bħala follow-up għall-Green Paper u li jiġbor fih l-istrateġija tal-Gvern għas-snin 2014-2024. | L-abbozz tad-dokument ġie rivedut fid-dawl tar-rispons tal-Ministru u ġie ffinalizzat bi statistika aġġornata mgħoddija mill-NSO. | L-Abbozz Finali tad-dokument tressaq għall-approvazzjoni tal-Kabinett u bħalissa għaddej ivvettjar finali tiegħu u traduzzjoni għall-Malti biex imur għall-istampar u b'hekk sal-aħħar ta' din is-sena tkun adottata l-Politika Strateġika tal-Gvern f'dan il-qasam għall-għaxar snin li ġejjin. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Minkejja li qabel il-pubblikazzjoni tal-Green Paper kien hemm proċess kbir ta' konsultazzjoni, ġie deċiż li anke wara l-pubblikazzjoni tagħha jkun proċess ieħor ta' konsultazzjoni pubblika u dan għalaq fil-21 ta' Marzu 2014. | L-ewwel abbozz tad-dokument "National Strategic Policy for Poverty Reduction and Social Inclusion 2014-2024' tlesta u kien preżentat lill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali għall-kunsiderazzjoni tiegħu fl-aħħar ta' Ġunju 2014. | | | |
| 244 | Is-sena d-dieħla, se ninvestu sabiex nagħtu servizz ta' guardianship lill-persuni b'diżabbiltà intellettwali. Dan huwa servizz li jgħin biex jitnaqqsu l-possibbiltà ta' abbużi fuq dawn il-persuni. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |
| 245 | Se nżidu n-numru ta' postijiet fid-day centres b'200 għal 600. Għal dan qegħdin nivvotaw is-somma ta' 900,000 ewro. Irridu noħolqu aktar postijiet biex persuni b'diżabbiltà jieħdu sehem f'attivitajiet u jagħtu kontribut. | Saru negozjati mal-Grupp Gardjola fl-Isla biex jintuża l-post tagħhom bħala Day Centre. Ġew ukoll identifikati l-klijenti u l-istaff għaċ-Ċentru. | Iċ-Ċentru tal-Gwardjola beda jopera. Il-ħidma f'dan l-istadju ffukat fuq tliet inizjattivi li kienu l-outsourcing taċ-Ċentru tan-nies nieqsa mid-dawl, | Sar ukoll xogħol sabiex jinfetaħ Ċentru ieħor f'Għawdex. Barra minn hekk, biex ikompli jipprovdi iktar postijiet għall-Persuni b'Diżabbiltà fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum, | Ix-xogħlijiet fuq iċ-Ċentru tal-Imtarfa huwa maħsub li jibda fl-2015 u huwa ppjanat ukoll li jintużaw xi fondi tal-UE għal dan il-proġett. Ġie deċiż ukoll li jitkompla t-titjib taċ-ċentri għal persuni b'diżabbiltà ta' Ħal Far u Kordin. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ġiet sottomessa proposta għat-tkabbir u għax-xogħlijiet ta' ristrutturar taċ-Ċentru tal-Imtarfa biex ikun jista' jakkomoda aktar klijenti. | il-Premju tal-President għal Kreattività, u t-tkabbir taċ-Ċentru tas-servizzi għal Komunità biex titnaqqas il-waiting list. Fir-rigward tac-Centru tal-Imtarfa, l-ufficjali tal-MEPA zaru il-post u saru il-kjarifici mehtiega. | ġew identifikati wkoll żewġ siti ġodda, wieħed f'Raħal Ġdid u ieħor fl-Imtarfa fejn huwa propost li permezz tal-fondi tal-UE jinbnew żewġ ċentri ġodda. Il-pjanti tal-Periti għal dawn iż-żewg Ċentri huma lesti. | | |
| 246 | Se nagħtu wkoll allokazzjoni ta' 400,000 ewro lill-Aġenzija Sapport sabiex din ittejjeb il-kundizzjonijiet fir-residenzi għall-persuni b'diżabilità li tmexxi fil-Fgura, Ħal Kirkop, l-Imtarfa, Marsaskala u Bormla. | Ġie deċiż li l-fondi jintużaw biex itejbu d-Day Centres mingħajr ma jsir ristrutturar. | Saru diskussjonijiet interni biex ikun deċiż kif l-aħjar li tiġi implimentata din il-miżura. | Saru laqgħat mal-Ministeru tat-Trasport u Infrastruttura bil-għan li jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fir-residenzi permezz tal-ħaddiema tal-Gvern. Ġew identifikati x-xogħlijiet li jridu jsiru fiċ-Ċentri ta' Birżebbuġa u Wied il-Għajn u u bdew xogħlijiet strutturali fuq is-sistema tad-drenaġġ fir-residenza ta' Wied il-Għajn. Tkompla ix-xogħol strutturali f'diversi residenzi oħra u ġie deċiż li joħroġ tender biex jinbidlu bosta kmamar tas-sodda fir-residenzi kollha. | Matul l-aħħar kwart tas-sena se jkomplu x-xogħlijiet strutturali waqt li se jinħareġ ukoll tender biex jintramaw għamajjar ġodda fir-residenzi bħall-kmamar tas-sodda u kitchenettes. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 247 | Se niffaċilitaw l-espansjoni tas-servizzi residenzjali li tagħti l-Aġenzija Sapport billi nallokawlha 400,000 ewro oħra għal dan il-għan. | Ara Miżuri Nru 245 u 246. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata. |
| 248 | Bħalissa l-allowance li jingħataw it-tfal b'diżabbiltà hija ta' 16.31 ewro fil-ġimgħa. Din l-allowance li minnha jibbenifikaw 815-il persuna se nżiduha għal 20 ewro fil-ġimgħa. Dan huwa sinjal konkret lil dawn il-familji li wliedhom huma prijorità għal dan il-Gvern. | Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata. |

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA KULTURA U GVERN LOKALI

| | **MIŻURA TAL-BUDGET** | **KWART 1** JANNAR-MARZU | **KWART 2** APRIL-ĠUNJU | **KWART 3** LULJU-SETTEMBRU | **KWART 4** OTTUBRU-DIĊEMBRU | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 144 | Se jitwaqqaf ensemble ta' mużika barokka fit-Teatru Manoel filwaqt li se ninvestu aktar fl-Orkestra Nazzjonali, anke billi jiġi identifikat u stabbilit sit għaliha. | Baroque Ensemble: L-Ensemble ġiet imwaqqfa lejn l-aħħar tal-2013 u tat numru ta' kunċerti bħala parti mill-Festival Barokk ta' Jannar. L-oġġettivi tal-Ensemble (li bħalissa magħmula minn mużiċisti Barokki Maltin u barranin) huma li fil-futur qarib jiżviluppaw Akkademja Barokka imħarrġa sew. Għal dan il-għan diġá hemm Business Plan li daqt se jkun implimentat. Qed nistennew l-approvazzjoni minn naħa tal-Ministeru tal-Finanzi ta' dan il-Business Plan. Għal dan il-għan se jiltaqgħu ċ-CEO u d-Dipartiment tal-Finanzi. Sadanittant, qed tiġi kkunsidrata l-possibiltá li jiġu organizzati Master Classes tal-Mużika Barokka. | Baroque Ensemble: Saret laqgħa mas-Segretarju Permanenti tal-Finanzi fejn ġie preżentat Business Plan. Qed nistennew l-approvazzjoni għat-talba tal-fondi addizzjonali mitluba fil-Business Plan. Ġew allokati 15,000 ewro għall-organizzazzjoni tal-Master Classes dwar mużika Barokka li se jsiru matul is-sena 2014.<br><br>Orkestra Nazzjonali: Qed isiru diskussjonijiet biex jinstab post aktar adekwat biex isiru l-provi tal-Orkestra taż-Żgħażagħ. Ġie identifikat bini (li jkun jista' jintuża wkoll bħala uffiċċju għall-Orkestra Nazzjonali ta' Malta) u qed isiru diskussjonijiet bejn il-Ministeru tal-Finanzi u l-MEDE (sidien tal-propjetá). | Baroque Ensemble: Il-Ministeru tal-Finanzi għad irid japprova l-fondi addizzjonali mitluba fil-Business Plan. Master Classes se jsiru matul is-sena 2014. Fix-xahar ta' Lulju saru Master Classes u kunċerti fejn ħadu sehem 10 mużiċisti.<br><br>Orkestra Nazzjonali: Mro Sigmund Mifsud, Chairman u CEO tal-Orkestra Nazzjonali informa lill-Onor. Ministru li kellu jieqaf il-proċess fir-rigward tas-sit identifikat mill-Ministeru tal-Finanzi, biex jakkomoda l-uffiċċju tal-Orkestra Nazzjonali u li kellu jipprovdi spazju fejn isiru l-provi tal-MYO. Dan ġara peress li MEDE ma kkommettewx ruħhom li se jipproċedu. | Baroque Ensemble: Matul Ottubru saru żewġ Master Classes oħra.<br><br>Orkestra Nazzjonali: Se jibda l-proċess ta' negozjati biex jiġi mikri s-sit identifikat biex sal-aħħar tas-sena jimxi 'l quddiem. | Baroque Ensemble: Fil-proċess li tiġi implimentata.<br><br>Orkestra Nazzjonali: Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BUDGET | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | Orkestra Nazzjonali: Il-pjanijiet għall-Orkestra Nazzjonali ta' Malta jinkludu li jistabbilixxu l-Orkestra Nazzjonali taż-Żgħażagħ (MYO) bħala fondazzjoni separata mill-Orkestra Nazzjonali ta' Malta. Bħalissa l-Orkestra taż-Żgħażagħ qed tagħmel il-provi f'sala li tinsab fil-bini tal-Orkestra Nazzjonali ta' Malta, 88, Triq Zekka Malta, Valletta, filwaqt li l-provi tal-Orkestra Nazzjonali ta' Malta qed isiru fis-sala Robert Sammut fil-Furjana. Huwa importanti li l-provi taż-żewġ orkestri jibqgħu jsiru f'postijiet differenti. Qed isiru diskussjonijiet sabiex jiġi identifikat post adekwat għall-provi tal-Orkestra Nazzjonali taż-Żgħażagħ. | Fl-istess waqt il-Coordinating Committee for Cultural Projects immexxi minn Ms Phyllis Muscat, ħatar sotto-kumitat immexxi minn Mro Brian Schembri, għall-ħolqien ta' Multi Purpose Performance Hall. Dan is-sotto-kumitat kellu l-ewwel żewġ laqgħat f'April. Waqt l-aħħar laqgħa, is-sotto-kumitat qabel li għandu jiġi preżentat dokument b'rakkomandazzjonijiet biex tiffaċilita l-eżerċizzju tal-għażla tas-sit, Business plan development u architectural brief. | Preżentament, il-possibilità hija li jiġi mikri l-aħħar sular tal-Istitut Kattoliku fil-Furjana għall-perjodu ta' 5 snin. Fl-istess waqt il-Coordinating Committee for Cultural Projects immexxi minn Ms Phyllis Muscat, ħatar sotto-kumitat immexxi minn Mro Brian Schembri, għall-kreazzjoni ta' Multi Purpose Performance Hall. Dan is-sotto Kumitat mistenni jerġa' jiltaqa' f'Settembru.<br><br>Sadanittant iċ-Chairperson ta' CBCB staqsa lill-Onor. Ministru rigward l-intenzjoni tal-Gvern għall-MCC. | | |

| MIŻURA TAL-BUDGET | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | F'dan ir-rigward fond (li jista' wkoll jintuża bħala uffiċini ta' l-Orkestra Nazzjonali ta' Malta) ġie identifikat u qed isiru diskussjonijiet bejn il-Ministeru tal-Finanzi u l-MEDE (is-sidien tal-propjetá).<br><br>Fl-istess waqt il-Coordinating Committee għall-proġetti kulturali mmexxi mis-Sinjura Phyllis Muscat, waqqaf sotto-kumitat, immexxi minn Maestro Brian Schembri, biex tinħoloq Multi Purpose Performance Hall. Dan is-sotto-kumitat għandu skedat li jiltaqa' għall-ewwel darba f'April. | | Dan għaliex is-sotto-kumitat qabel li l-MCC tista' tintuża bħala dar tal-Orkestra Nazzjonali ta' Malta, b'hekk issolvi problema u eventwalment jinbena Multi Purpose Performance Hall madwarha. Aktar minn hekk, is-Sur Toni Attard u l-Profs Vicki Anne Cremona, it-tnejn parti mill-Artistic Technical Working Group, se jiffinalizzaw rapport li se jkun ippreżentat lill-Onor. Ministru. | | |

| | MIŻURA TAL-BUDGET | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 145 | Qegħdin nallokaw ukoll 200,000 ewro sabiex titwaqqaf il-Malta Dance Company. Se niffinanzjaw ukoll it-twaqqif ta' Culture Hub b'finanzjament ta' 200,000 ewro. | Malta Dance Company: Fid-9 ta' Marzu 2014 ħarġet sejħa ta' applikazzjoni għall-pożizzjoni ta' Direttur Artistiku. L-avviż kellu jiġi maħruġ mill-ġdid minħabba l-fatt li meta ġie oriġinarjament ippubblikat tħallew barra l-kwalifiki akkademiċi mill-avviż u mid-deskrizzjoni tal-impjieg.<br><br>Culture Hub: L-Espressjoni ta' Interess biex jiġi identifikat sit bħala Hub ingħalqet fil-21 ta' Frar u nbeda l-proċess tal-għażla. | MDC: Ġie magħżul id-Direttur Artistiku Mavin Khoo wara li ntemm il-proċess tal-pubblikazzjoni tal-avviż u l-għażla. Sadanittant inbdew ukoll il-proċessi ta' għażla bħala Direttur Artistiku, Assistent Amministrattiv, Development Officer u żeffiena.<br><br>Culture Hub: Tlesta l-proċess ta' evalwazzjoni biex jintgħażel sit adekwat għall-Hub. L-Avukat Ġenerali qed jipprovdi assistenza legali ta' kif se jitkompla l-proċess. | MDC: Il-proċess tal-għażla tad-Direttur Artistiku, Assistent Amministrattiv, Development Officer u żeffiena għadu għaddej.<br><br>Culture Hub: Qed jiġi rakkomandat sit wara li jiġi stabbilit kif se nipproċedu sal-aħħar tas-sena. Tlesta l-proċess ta' evalwazzjoni biex jintgħażel is-sit għall-Hub. | Sal-aħħar tas-sena għandu jkun maħruġ l-approvazzjoni tal-PACBU. | Impimentata. |
| 146 | Qegħdin nallokaw ukoll l-ammont ta' 150,000 ewro sabiex ngħinu lill-baned u bands lokali. Is-sena li ġejja, se naħdmu wkoll fuq id-disinji sabiex ikollna spazju internazzjonali għall-arti kontemporanja. | Baned Lokali: Applikazzjonijiet milqugħa taħt l-iskema ta' finanzjament jiġu regolarment evalwati u aġġudikati. Preżentament, hemm 13-il applikazzjoni biex jiġu evalwati. | Baned Lokali: Applikazzjonijiet milqugħa taħt l-iskema ta' finanzjament jiġu regolarment evalwati u aġġudikati. Il-fond ġie reċentament trasferit lid-Direttorat tal-Kultura wara r-reshuffle tal-Kabinett. | Baned Lokali: Mill-bidu tas-sena, 47 baned lokali r-reġistrati, organizzazzjonijiet soċjali u għaqdiet volontarji kulturali bi proposti li jattiraw udjenzi lejn l-arti u l-kultura jew jipprovdu benefiċċji lill-artisti Maltin, | Baned Lokali: It-taħriġ mistenni li jsir f'Novembru. MICAS: Jitkompla u jingħalqu n-negozjati. Id-deċiżjoni dwar iċ-Ċentru tal-Eżamijiet tiddependi fuq ir-riżultat tan-negozjati dwar il-Powerhouse. | Impimentata. |

| MIŻURA TAL-BUDGET | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | International Contemporary Art Space (ICAS): In-negozjati biex jiġi akkwistat sit li jospita l-ICAS għadhom għaddejjin. Fil-ġimgħat li ġejjin se ssir laqgħa bejn l-Onor. Herrera, Segretarju Permanenti (Ministeru għat-Trasport), Segretarju Permanenti (Ministeru għall-Finanzi), Architecture Project, MIMCOL u CBCP biex jiġi ppreżentat l-ewwel abbozz tal-Business Plan. | Fi ftit ta' żmien ieħor dan se jgħaddi għand il-Kunsill Malti tal-Kultura u Arti.<br><br>ICAS: Saret laqgħa fil-21 ta' Mejju bejn il- Coordinating Board for Culture Projects, AP, MIMCOL u MFIN biex jgħatu briefing lil Onor. Ministru Bonniċi dwar is-sitwazzjoni tal-ICAS u jippreżentawlu l-kunċett u d-disinn u l-business plan. L-Onor. Bonniċi ta istruzzjonijiet biex jiġi mwaqqaf tim biex jinnegozja u biex tiġi diskussa l-possibilità li l-Gvern jerġa' jakkwista l-power house l-antika. L-aħħjar mod 'l quddiem fir-rigward ta' finanzi u entità. F'din il-laqgħa ġie diskuss l-aħjar mezz kif jiġi mmaniġġjat l-ICAS kemm finanzjarjament u legalment. | ingħataw fondi mill-Local Culture Initiatives Fund (Line Vote 5697 – Support to Local Bands).<br>MICAS: Il-Kumitat Tekniku tal-MICAS, immexxi minn Alfred Camilleri (Segretarju Permanenti – Ministeru għall-Finanzi), li qed imexxu n-negozjati tal-Powerhouse mal-Valletta Waterfront Group, iltaqgħu fis-6 ta' Awwissu. Hekk kif ġie maqbul mal-Ministru Bonnici, CBCP kien qed jikkunsidra postijiet alternattivi u b'potenzjal għall-MICAS. Kien eliġibbli biss iċ-Ċentru għall-Eżamijiet ta' Sant Iermu fejn f'Awwissu saret viżita fuq dan is-sit. Il-Bord attwalment qiegħed fi proċess li jottjeni l-pjanti relevanti mid-Dipartiment tal-artijiet | | |

| | MIŻURA TAL-BUDGET | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Avukat Ġenerali se jirrevedu l-possibilitajiet kollha fir-rigward l-aspett finanzjarju u legali. Onor. Ministru Bonniċi kellu l-ewwel laqgħa mal-Valletta Cruise Port. Wara din il-laqgħa, l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ngħata d-direzzjoni biex jibda l-proċess ta' negozjati. | (mitluba mid-Direttorat għall-Kultura), filwaqt li ġie verifikat il-potenzjal tas-sit, iċ-Chairperson informa lil Ministru Bonniċi biex studju arkitettorali u awditjar strutturali għandu jsir fl-iqsar żmien biex jiġi assessjat il-kundizzjoni attwali tal-bini. Idealment tinħareġ Espressjoni ta' Interess u Tender biex isiru dawn l-istudji. Dan se jkun l-ewwel pass sabiex il-Gvern jottjeni l-informazzjoni neċessarja biex jieħu deċiżjoni dettaljata dwar is-sit. | | |
| 147 | Se jitlestew diversi proġetti ta' restawr kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea. | Forti Sant'Anġlu, Forti Sant'Iermu, It-Tempji ta' Ħal Tarxien u l-Katakombi ta' San Pawl - għadhom fil-proċess. | Heritage Malta/ Restoration Directorate: Forti Sant'Anġlu, Forti Sant'Iermu, it-Tempji ta' Ħal Tarxien u l-Katakombi ta' San Pawl - għadhom fil-proċess. | Forti Sant'Anġlu, Forti Sant'Iermu, it-Tempji ta' Ħal Tarxien u l-Katakombi ta' San Pawl - għadhom fil-proċess. | Forti Sant'Anglu - Ġunju 2015, Forti Sant'Iermu - Diċembru 2014, Tarxien Temples - Ġunju 2015, Il-Katakombi ta' San Pawl - Marzu 2015 - għadhom fil-proċess. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BUDGET | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Matul Marzu saru l-kuntratti għal xogħol ta’ restawr fil-Belt u l-Birgu. Fil-Birgu Collachio x-xogħol tas-servizzi u pavimentar għaddej tajjeb. L-aġġudikazzjoni tad-dwal tal-Birgu u landscaping tal-Foss tal-Birgu ġie riferut lill-GCC.<br><br>Proġetti oħra kapitali: Tkompla r-restawr fuq il-faċċati ta’ Kastilja, il-Palazz Presidenzjali tal-Belt, il-Parrocca l-Qadima ta’ San Bastjan f’Ħal Qormi, il-Parroċċa l-Qadima ta’ Birżebbuġa, il-Każin tal-Banda ta’ San Lawrenz fil-Birgu, il-Kappella tal-Lunzjata fin-Naxxar. Għaddej ukoll xogħol ta’ manutenzjoni fuq il-Palazzi Presidenzjali ta’ San Anton u tal-Verdala. | EU (ERDF039): Tlesta x-xoghol ta’ restawr fuq is-swar li kien għadu pendenti fil-Birgu (sit wieħed) u fil-Belt (4 siti). Mexa sew ukoll ix-xogħol ta’ pavimentar fil-Collachio fil-Birgu. Inbdew ukoll il-proġetti ta’ tisbiħ tal-foss tal-Birgu u ta’ sistema ta’ dawl fil-Birgu.<br><br>Proġetti oħra kapitali: Tlesta r-restawr fuq il-faċċati ta’ Kastilja, filwaqt li tkompla x-xogħol fuq il-Palazz Presidenzjali tal-Belt, il-Parroċċa l-Qadima ta’ San Bastjan f’Ħal Qormi, il-Parroċċa l-Qadima ta’ Birżebbuġa, il-Każin tal-Banda ta’ San Lawrenz fil-Birgu, il-Kappella tal-Lunzjata fin-Naxxar, il-Kappella ta’ Santa Marija f’Ħal Tarxien. | Id-Direttorat tar-Restawr ġie allokat aktar fondi biex iwettaq aktar xogħol bħala parti mill-proġett ERDF039, u sa Diċembru se jkun qed joħroġ sejħiet għall-offerti għal xogħol ta’ restawr fl-Imdina (swar u Casinó notabile) u l-Isla.<br><br>Proġetti oħra kapitali: Se jitkompla x-xogħol fuq il-Palazz Presidenzjali tal-Belt, u l-Kon-Kattidral ta’ San Ġwann, filwaqt li se jiġu konklużi l-proġetti tal-Parroċċa l-Qadima ta’ San Bastjan f’Ħal Qormi, il-Parroċċa l-Qadima ta’ Birżebbuġa), il-Każin tal-Banda ta’ San Lawrenz fil-Birgu), il-Kappella tal-Lunzjata fin-Naxxar, il-Kappella ta’ Santa Marija f’Ħal Tarxien, u l-istatwi fil-Qrendi. . | |

| | MIŻURA TAL-BUDGET | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Dan ix-xogħol kollu qed isir minn ħaddiema tad-Direttorat tar-Restawr. Qed isir ukoll ir-restawr tal-ħitan storiċi li jdawwru l-ġnien tal-Palazz Spinola f'San Ġiljan u qed jiġi konkluż ir-restawr tas-swar ta' S.Kristofru fil-Belt. Dawn qed jitwettqu minn kuntratturi wara ħruġ ta' sejħiet ta'tenders. | Inbeda ukoll xogħol ta' restawr fuq il-faccata prinċipali tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann fil-Belt, u fuq 5 statwi fil-Qrendi. Għaddej ukoll xogħol ta' manutenzjoni fuq il-Palazzi Presidenzjali ta' San Anton u tal-Verdala. Dan ix-xogħol kollu qed isir minn ħaddiema tad-Direttorat tar-Restawr. Intemm ukoll ir-restawr tal-ħitan storiċi li jdawwru l-ġnien tal-Palazz Spinola f'San Ġiljan, u r-restawr tas-swar ta' San Kristofru fil-Belt. Dawn twettqu minn kuntratturi wara ħruġ ta' sejħiet ta' tenders. | Minflok dawn, jinbdew proġetti oħra ta' restawr f'diversi lokalitajiet. Dan ix-xogħol kollu qed isir minn ħaddiema tad-Direttorat tar-Restawr. Se jkun intemm ukoll ix-xogħol fuq bdil ta' saqaf perikoluż fil-Knisja tal-Kunvent tal-Franġiskani f'Santa Venera, u fuq it-tisbiħ tad-daħla ta' Couvre Porte fil-Birgu, filwaqt li se jinbeda wkoll ix-xogħol ta' restawr tal-ħajt storiku li jdawwar il-Palazz ta' San Anton. Dawn qed jitwettqu minn kuntratturi wara ħruġ ta' sejħiet ta' tenders. | |
| 148 | Se jsiru xogħlijiet ta' restawr f'diversi mużewijiet. | Għadu għaddej ix-xogħol fuq il-Palazz tal-Inkwiżitur, Mużew Marittmu, Mużew Nazzjoni tal-Arkeoloġija, Mitħna ta' Kola. | Għadu għaddej ix-xogħol fuq il-Palazz tal-Inkwiżitur, Mużew Marittmu, Mużew Nazzjoni tal-Arkeoloġija, Mitħna ta' Kola, Hypogeum | Għadu għaddej ix-xogħol fuq il-Palazz tal-Inkwiżitur, Mużew Marittmu, Mitħna ta' Kola, L-Ipoġew. | Proġetti għaddejjin: Mitħna ta' Kola u l-Ipoġew. | Implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BUDGET | KWART 1<br>JANNAR-MARZU | KWART 2<br>APRIL-ĠUNJU | KWART 3<br>LULJU-SETTEMBRU | KWART 4<br>OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 149 | Se titfassal Strateġija għall-Wirt Nazzjonali. | Tfassal abbozz ta' ħidma. Dan l-abbozz ġie mogħti lill-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għall-Kultura. Is-Sovrintendenza qed tistenna risposta ta' kif se tipproċedu. Il-Ministru se jiġi nfurmat dwar is-sitwazzjoni u jiġi stabbilit kif se tipproċedi. | Ir-responsabbilità għall-preparazzjoni ta' dokumenti ta' Strateġija mxiet mill-Ministeru għat-Turiżmu għal għand il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. L-Abbozz eżistenti se jiġi evalwat minn dan il-Ministeru fil-ġimgħat li ġejjin. Laqgħa mas-Sovrintendent ġie skedat biex jinbeda l-proċess. | Saru laqgħat varji mal-istakeholders. Abbozz ta' din il-miżura ġiet ippreżentata mis-Sovrintendenza. It-Test propost qed jiġi diskuss u qed jerġa' jsir abbozz biex jiġi kompilat dokument fattibbli. | L-aħħar abbozz skedat għall-aħħar kwart tas-sena. | Implimentata. |
| 150 | Se naħdmu sabiex insaħħu r-relazzjonijiet mal-UNESCO dwar il-Wirt Kulturali Dinji f'Malta. | Id-Delegazzjoni Permanenti tal-UNESCO selfet temporanjament ħaddiem biex jaħdem bħala Tangible Heritage Desk Officer, Intangible Heritage Desk Officer, Education Desk Officer u Office Administration Co-Ordinator. | Id-Delegazzjoni Permanenti tal-UNESCO selfet temporanjament ħaddiem biex jaħdem bħala Tangible Heritage Desk Officer, Intangible Heritage Desk Officer, Education Desk Officer u Office Administration Co-Ordinator. | Fl-1 ta' Lulju, l-Uffiċċju tad-Delegazzjoni Permanenti beda jaħdem mill-Annex tal-Iskola Primarja tax-Xewkija. Bħalissa, id-Delegazzjoni Permanenti tal-UNESCO qed taħdem b'Uffiċjal wieħed li hu trasferit temporanjament mill-Ministeru ta' Għawdex. | Staff uffiċjali għandu jkun fil-post sal-aħħar tas-sena.<br><br>Programm Edukattiv: Il-programm se jkun kontinwu tul is-sena skolastika .<br><br>Ratification of UNESCO's Convention for the Safeguarding of the Intangible Heritage: Huwa mistenni li ssir fl-aħħar kwart tas-sena 2014. | Staff: Implimentata.<br><br>Programm Edukattiv: Implimentata.<br><br>Ratification of UNESCO's Convention for the Safeguarding of the Intangible Heritage: Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| MIŻURA TAL-BUDGET | KWART 1 JANNAR-MARZU | KWART 2 APRIL-ĠUNJU | KWART 3 LULJU-SETTEMBRU | KWART 4 OTTUBRU-DIĊEMBRU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|
